

*Il-Martirju ta' Sant'Andrija (Ruma) – Francesco Trevisani (1656 - 1746)*

# SUNETT
## GĦALL-OKKAŻJONI TAL FESTA TAL-
# PALK ĠDID LIL-BANDA UNIONE ĦAL-LUQA
### 6 TA SETTEMBRU 1953

Waslu fl-aħħar, jiem il-festi
Għall-maħbuba banda Unioni
Fuq palk ġdid programm intagħżel
Li fl-istorja dan jitniżel.

Jum li fieħ il-partitarji
Rġiel u nisa dawn stennew
Biex il-Palk festa jgħamlulu
Li bl-għaraq huma bnew.

Għall kull ħaġa li l-Palk ried
Nies ta' sengħa u għaqlin
Sabiex dawn lil Malta juru
U unur jgħamlu l-każin.

Sa mill kbir saż-żgħejr dawn ħadmu
Minajr qerq jew xi profett.
Għax il-Banda quddiem wiċċhom
Dejjem ħasbu f'dal-proġett.

L-antika Banda Unioni
Li magħrufa diġà ġiet
Sejra tati biċċa mużika
Li hawn Malta indaqqiet ftit.

L-ewwel darba ġewwa Ħal-Luqa
L-Banda Unioni l-Quinta d-doqq.
Biex il-Palk u l-Partit jidru
li fl-ewwel huma u f'kollox sod.

Taħt surmast kapaċu u għaqli
Li Malta tiftaħar bieħ
Ferħan sejjer mal-bandisti
Fuq il-Palk ġdid u sabieħ.

Proset natu l-Kummissjoni
Kumitat, bandisti soċi
Kull min ħadem għall dal-Palk
Ismu mniżel fuq l-azzar.

Nixtieq hawn u ra ridtx ninsa
Il-Kbir tagħna Sant Andrija
Li għalieħ il-każin Unioni
Il-Palk għamel bl-irġulija.

Kbir Imqaddes Sant Andrija
Dan il-Palk għamilna Għalik
sabiex meta l-festa tasal
Il-Partit il-festa iżżidt.

Qalbna natu lil-Sant Andrija
Ruħna natu lil Mulej
Aħna nħobbu lil Ħal-Luqa
U għal trijonf naħsbu li ġej.

Ġewwa pjazza quddiem knisja
Fuq Palk ġdid il-Banda d-doqq
Ejjew induru mal-Palk tagħna
Għax dil-Banda l-festi tħobb.

Viva mela l-Banda Unioni
Viva najtu ferħanin
Għajta Kbira fl-aħħar najtu
Li Ħal-Luqa minna ragħat ĠID.

*Partitarju*
*J.B*

**SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

**FESTA 2018**

**Bord Editorjali**

**Editur**
Neil Zammit

**Membri**
Joseph Piscopo
Clifford Micallef
Raoul Briffa

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Clifford Micallef
Malcolm Muscat
Andrew Aquilina
James Ciappara
Joe Aquilina
Lawrence Cassar
Sandro Farrugia
Gareth Galdes
Tano Spiteri

**Ritratti**
Emanuel Cauchi, Massimo Cassar, Neil Zammit, Kevin Camilleri, Andrè Farrugia, Salvu Sant, Raoul Briffa, Patrick Muxi, Joe Costa, Joseph Piscopo, Henry Spiteri, Kurt Law, DOI, Sit Uffiċjali tal-Parroċċa www.luqaparish.com Paġni fuq Facebook tal-Parroċċa u tal-Każin Arkivji tal-Każin




**Ritratt tal-Qoxra**
*L-Ewwel Standard Uffiċjali tal-Filarmonica L'Unione A.D. 1880*

Sunett Għall-Okkażjoni Tal Festa Tal-Palk Ġdid
Lil-Banda Unione, Ħal-Luqa - 6 Ta Settembru 1953 .......... 2
Kumitat 2017-2018 .......... 7
Messaġġ mill-President .......... 11
Jikteb is-Segretarju .......... 23
Messaġġ tal-Kaxxier .......... 31
L-Akbar Investiment fil-Ħajja ta' Kull Bniedem .......... 39
Regi Similia Passvs .......... 47
Sena t'Avvenimenti .......... 51
Sena oħra ta' Suċċessi .......... 53
Mill-Maħżen tal-Armar .......... 57
Mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija .......... 61
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa Ajklieri .......... 63
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri A.D. 1997 .......... 65
Radju Sant Andrija .......... 73
Leħen is-Soċjetà fuq il-mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali .......... 75
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda .......... 77
Ikomplu x-Xogħlijiet ta' Restawr .......... 80
Movies at the Palace .......... 85
Il-Filarmonika *L'Unione* fl-Ewwel Festa Esterna f'ġieħ Kristu Rxoxt .......... 113
Ċelebrazzjoni Kbira f'Jum l-Inawgurazzjoni tal-Estensjoni
tal-Kamra tan-Nar .......... 117
Bidu tal-Ħidma Pastorali tal-W.R. Kan. Michael Zammit
bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa .......... 120
*Mater Admirabilis* .......... 125
*Dolentem Cum Filio* .......... 129
Profs. Charles E. Zammit jingħata Ġieħ ir-Repubblika .......... 131
Żjara tal-*Maestro* Antonino Oddo ġewwa s-Sede
tal-Filarmonika *L'Unione* .......... *135*
Festa Liturġika ad unur Sant'Andrija Appostlu .......... 137
*The Facade in Yuletide* - Għaxar Snin Anniversarju .......... 143
Is-Soċjetà tagħna fi Żmien il-Milied .......... 147
*Masterclasses* għall-Mużiċisti tas-Soċjetà
u Seminar dwar il-Mużika Ċinematografika .......... 151
Jintemm ix-Xogħol fuq l-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar tas-Soċjetà .......... 155
Sehem fil-Wirja Nazzjonali tal-Armar tal-Festi .......... 159
Manutenzjoni u Tisbiħ ġewwa s-Sede tas-Soċjetà .......... 163
Aġġornament fil-Ftehim tal-Festa .......... 167
X'Seħħ Verament Mija u Erbgħin Sena Ilu f'Wied il-Knejjes... *bil-fatti*! .......... 171
Il-Perit Indrì Vassallo .......... 173
L-Iskultur Ċensu Apap u l-Planċier tas-Soċjetà Tagħna .......... 183
Il-Verżjoni bil-Malti tal-*Acta Andreae* .......... *185*
Il-Filarmonika *L'Unione* fl-1893 .......... 193
Il-Qniepen… .......... 195
Wara Disgħin Sena … Inżuru l-Funderija Barigozzi ta' Milan .......... 203
Niċeċ u statwi f'Ħal Luqa .......... 207
Two Trumpets for Saint Andrew .......... 210
X'jgħallimni Sant'Andrija .......... 213
Talba sabiex Tinħoloq Pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali .......... 218
Wistin Camilleri .......... 224
Sant'Andrija u r-Riġment tal-*Black Watch* .......... *229*
Mill-Oriġini tal-Mużika sal-Era tal-Barokk .......... 231
Sant'Andrija, l-Ewwel Appostlu msejjaħ minn Kristu .......... 235
Id-Dekorazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa .......... 238
Statwa ta' Sant'Andrija ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolarata .......... 243
Tagħrif dwar il-Kappillani li Mexxew il-Parroċċa ta'
Ħal Luqa fl-Ewwel Snin tat-Twaqqif Tagħha .......... 244
Il-Mużika f'Ħajti .......... 246
L-Element Marjan f'kitbet il-Poeta Nazzjonali Dun Karm .......... 250
Luqa Saint Andrew's Football Club .......... 256
Luqa Youth Centre .......... 258
Sant'Andrija .......... 264
Tislima lil
Francis Magri .......... 267
Dun Teddy Cumbo .......... 268
Maria Bernadette Baldacchino .......... 269
Obitwarju .......... 270
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni .......... 272


TESOR
JEWELLERY & GIFTS
Unique as you are...
Photo: cngfotography
We offer a large variety of Wedding Rings and Engagement Rings and Occasion Jewellery
Carmel Street, Luqa LQA 1131 (opp. LIDL). OPEN ALL DAY
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt
Web: tesor.com.mt




ARKIVJU MUŻIKALI A.D.1880

# Kumitat 2017-2018

**Presidenti Onorarji**
L-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., *Arċisqof Emeritu ta' Malta,* Dott. Manuel Mallia *L.L.D.,*
Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Frank Ciappara, Joe Mizzi,
Carmelo Penza, Charles Camilleri, Twanny Camilleri, Carmelo Camilleri,
Emmanuel Magri, Joe Faenza, Antoinette Fava (née Camilleri), Valerio Camilleri

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri, Twanny Ellul, Francis Costa,
Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona, Dr Jamie H. Cremona, Charles Cremona,
Paul Cremona, Raymond Penza, Joseph Camilleri, Mario Cardona, Andrew Vella, Andrew Cassar,
Anthony Brincat, Lorry Sammut, Andrew Camilleri, Patrick Muxi, Pawlu Abdilla

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit Ph.D.

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Joseph Piscopo
*B.Accty(Hons), CPA, FIA, M.Sc.*

**Kaxxier**
Clifford Micallef

**Asst. Segretarju**
Joe Aquilina

**Viċi President**
Lawrence Cassar

**Asst. Kaxxier**
Malcolm Muscat

**Arkivista**
Neil Zammit *B.Accty (Hons), CPA, MIA,*
*A.L.C.M, A.Mus.L.C.M,*
*L.Mus.LCM, A.L.C.M (Comp.)*

**Membri**
Dione Degabriele
Josef Sacco
Eman Cachia

**Ufficjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Raoul Briffa

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Assistent Surmast**
**u Direttur Tagħlim Mużikali**
Norbert Camilleri *A.L.C.M, L.V.C.M.*
*L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*

**Delegat tas-Soċi**
Jonathan Costa

**Delegat tal-Banda**
Joseph Bezzina *B.Ed (Hons), MA (Leeds)*

**Direttur Spiritwali**
Wisq Rev. Kan. Michael Zammit

**Surmast Direttur**
John D. Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M.,*
*(T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Għalliem tal-Allievi**
Victor Borg

Il-Bottegin tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
Carmel, Guinevere u l-familja
jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Ħalluqin kollha,
b'mod speċjali lill-Partitarji Ajklieri.

Il-bar ikun miftuħ kuljum
mit-3.00pm 'l quddiem fost il-ġimgħa
u l-ġurnata kollha Sibtijiet, Ħdud u festi.

Joffri appitiżers ġenwini u jiġu organizzati
ikliet bejn il-ħbieb bħal fenkati u riċevimenti
bi prezzijiet raġonevoli.





Emanuel Cauchi

**SF SERVICES & MAINTENANCE**

Għal kull tip ta' manutenzjoni
u service fuq liftijiet ta' kull tip

**Mob: 9982 0255 / 9987 3728**

Email: marfarpace@yahoo.com

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD





# Messaġġ mill-President

**Joseph Piscopo**
*B.Accty (Hons), CPA, FIA, M.Sc*



Ħamsin sena ilu ġie miġbud dokumentarju ffukatt fuq il-ħajja f'raħal tipiku Malti u li ngħata l-isem 'Two Trumpets for St Andrew'. Dan id-dokumentarju jagħti ħarsa b'mod speċjali lejn it-tradizzjonijiet reliġjużi tagħna l-Maltin, li n-narratur isejħilhom 'medjevali'. Fit-tmiem tad-dokumentarju b'ton ċert, in-narratur jgħid li dawn it-tradizzjonijiet żgur ser jispiċċaw iktar kemm jgħaddi ż-żmien għax fil-ħajja mgħaġġla tal-quddiem ħadd m'hu ħa jkollu moħħ dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Għaddew ħamsin sena, u nistgħu ngħidu li din il-profezija mhux talli ma seħħitx talli illum il-ġurnata diversi studji fuq il-kultura f'pajjiżna juru biċ-ċar li l-festi huma l-iktar avveniment kulturali li fih jipparteċipaw fih in-nies. Tant hu hekk li t-tema prinċipali li ġiet użata għall-avveniment ta' Valletta 2018 hi proprju dik ta' festa. Is-sabiħ tal-festi hu li matul is-snin, għalkemm dawn żammew il-qafas prinċipali l-istess, dawn inbidlu maż-żmien u aġġornaw għal dak li nafuhom illum. Però, żgur li m'huwiex kollox ward u zahar. Dan għax għalkemm il-parteċipazzjoni fil-festi hi qawwija, l-ammont ta' voluntieri ħafna drabi m'huwiex biżżejjed biex isostni l-ħidma li tant kibret tul is-snin. Is-Soċjetà tagħna wkoll qed tiffaċċja dawn l-isfidi u għalhekk qed nagħmlu minn kollox sabiex dejjem inħajru voluntieri ġodda li jinvolvu ruħhom fl-organizzazzjoni tal-festa, ħalli niżguraw li dak li għandna illum jibqa' jiġi gawdut fis-snin li ġejjin.

**Sena Speċjali**

Is-sena li qegħdin fiha żgur li hi waħda speċjali kemm għall-Parroċċa tagħna, kif wkoll għas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni. Hi sena speċjali għax fiha seħħew ġrajjiet uniċi u li żgur ser jibqaw fil-memorja tagħna l-Ħalluqin.

Bla dubju, l-avveniment ewlieni bħala Parroċċa, kien dak tal-1 ta' April 2018, meta għall-ewwel darba ħarġet il-purċissjoni ta' bl-istatwa ġdida ta' Kristu Irxoxt, xogħol mill-isbaħ fl-injam ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Kien avveniment uniku wkoll minħabba l-fatt li għall-ewwel darba f'attività tal-Parroċċa, iż-żewġ Baned Ħalluqin daqqew flimkien bħala *mass band* sabiex iferrħu lil dawk kollha li kienu preżenti dakinhar. Dan il-fatt għamel din il-festa bħala waħda ta' komunità magħquda fiċ-ċelebrazzjoni tal-ikbar festa għalina l-Insara.

Bħala Soċjetà, din is-sena kienet wkoll speċjali. Dan għaliex wara s-suċċess tal-




**Construct Furniture**
40, Industrial Estate, Luqa, LQA 3000
21220610, 21257029, 21257030

@CFLmalta
@constructfurniture

*www.constructfurniture.com.mt*
ALL OFFERS ARE SUBJECT TO
APPLICABLE TERMS & CONDITIONS


Emanuel Cauchi



V. Spiteri



# VSS



& Sons Ent. Ltd.



**TRANSPORT SERVICE:** Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...
  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

kunċert tas-sena li għaddiet bil-kunċert ta' mużika sagra li sar fil-Knisja Parrokkjali tagħna, il-Banda tagħna tellgħet kunċert uniku ieħor din id-darba fil-Palazz ta' San Anton. Dan il-kunċert li kien jiffoka fuq mużika miktuba għad-dinja taċ-ċinema, kien taħt il-Patroċinju tal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta u ttellgħa b'risq il-*Malta Community Chest Fund Foundation*. Kien ta' sodisfazzjon li dan il-kunċert, bit-titlu '*Movies at the Palace'*, attira udjenza ta' madwar 600 persuna, bil-biljetti jinbiegħu kollha xahar qabel il-kunċert. Is-Soċjetà tagħna qed tinvesti sabiex, bl-għajnuna ta' skemi tal-Kunsill Malti Għall-Arti u l-*isponsors*, dejjem tgħolli l-livell tal-kunċerti tagħha għaliex temmen li huma okkażjonijiet bħal dawn li jgħollu l-isem tal-baned tagħna u li jagħtu opportunijiet ġodda lil mużiċisti.

Avveniment ieħor speċjali li kellna f'Diċembru li għadda kien l-għoti ta' Ġieħ ir-Repubblika lil eks Surmast tal-Banda tagħna Profs. Charles E. Zammit. Dan l-unur ingħata lil Profs. Zammit fuq nominazzjoni tas-Soċjetà tagħna. Żgur li dan kien unur mistħoqq lil dan il-persuna li tant ħadem għal qasam mużikali lokali u li għamel 31 sena Direttur tal-Filarmonika L-Unjoni.

Is-sena 2018 ser tkun waħda speċjali wkoll għad-dilettanti tan-nar tagħna. Dan minħabba l-fatt li nhar l-Ħadd 3 ta' Ġunju 2018 ġiet uffiċjalment inawgurata l-estensjoni tal-Kamra tan-Nar mill-E.T. President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca. Din l-inawgurazzjoni saret wara li l-kumpless ġie liċenzjat mill-ġdid mill-awtoritajiet sabiex ikun jista' jibda jopera skond il-permessi kollha meħtieġa. Għalhekk, għalkemm ma' kellniex ħidma piroteknika, kellna ħafna ħidma sabiex il-kumpless tan-nar jitlesta minn kollox. Infatti inbnew kmamar ġodda u sar investiment għall-aktar sigurta', billi ġiet installata sistema ta' *piping* u *fire-firefighting system* madwar il-kumpless kollu tagħna. Dan kollu sar wara konsultazzjonijiet ma' l-awtoritajiet kompetenti u ma' esperti, sabiex niżguraw li dan il-bini ikun wieħed mill-aktar siguri għall-ġid kemm tal-membri tagħna, kif wkoll ta' terzi persuni. Grazzi speċjali tmur lil *Licencee* is-Sur Joe Aquilina, lill-voluntieri kollha li għenu bil-ħidma tagħhom, kif wkoll lil kuntratturi kollha li offrew l-għajnuna tagħħhom. Ringrazzjment ieħor hu għall-min għen finanzjarjament sabiex stajna nlestu dan il-proġett tal-estensjoni tal-kamra tan-nar fi żmien mill-aktar qasir. B'hekk dan il-kapitlu ta' taqtiegħ il-qalb issa ngħalaq darba ghall-dejjem u mis-sena d-dieħla l-Kamra tan-Nar tagħna terġa' tibda tieħu sehem b'mod sħiħ fil-festa tal-patrun tagħna Sant' Andrija.

**Festa 2018**

Wara li għadda l-kunċert '*Movies at the Palace'*, il-Banda tagħna bdiet mal-ewwel bil-preparazzjonijiet għall-programm mużikali tal-festa u bdiet wkoll tipprepara għas-servizzi mużikali f'diversi festi f'Malta kif ukoll f'Għawdex, fejn għall-ewwel darba ġejna mistiedna biex nieħdu sehem fil-festa ta' San Ġorg Martri fir-Rabat. Fil-qasam tat-tagħlim il-ħidma baqgħet għaddejja bla waqfien u bis-saħħa tal-Aġenzija Żgħażagħ qed naħdmu sabiex it-tagħlim ikompli jitjieb għall-ġid tal-mużiċisti futuri tagħna. Minn hawn nirringrazzja lill-għalliema tagħna s-Surmast John David Zammit, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri u lil Victor Borg, tal-ħidma tagħhom fil-qasam tat-tagħlim.

Rigward l-armar, wara li s-sena l-oħra kien inawgurat l-ewwel pavaljun għall-Triq Dun Pawl mis-Sezzjoni tal-Armar tagħna bix-xbieha tal-patrun tagħna, din is-sena ser ikun mżanżan pavaljun ieħor għall-istess triq, din id-darba bix-xbieha ta' San Pietru.


vertibus®
lifts • escalators
ADVENT LIFTS SERVICES LTD
Manufacturing Lifts Around Your Needs
MANUFACTURING LIFTS AROUND YOUR NEEDS
SUPPLY AND INSTALLATION OF:
Panoramic Lifts
Platform Lifts
Parking Systems
Dumbwaiters
Escalators
Hydraulic Lifts
Traction Lifts
Goods Lifts
Car Lifts
Commercial Lifts
Home Lifts
Industrial Lifts
Reduced Pit
Low Headroom
Steel Structures
Maintenance
Address:
MRA048D
Industrial Estate
Marsa, MRS 3000
Malta
General Enquiries:
2248 7100
Sales and Installations:
2248 7123 / 5
Repairs and Maintenance:
2248 7122
enquiries@adventliftsltd.com
www.adventliftsltd.com
BNI
MORIS
OFFICIAL AGENT


MAYPOLE
since 1900
White
Sliced Bread
100% Natural
NO Preservatives
Wholemeal
Sliced Bread
100% Natural
NO Preservatives
Source of Fibre
MAYPOLE
White
MAYPOLE
Wholemeal
NO PRESERVATIVES
100% NATURAL
NO PRESERVATIVES
100% NATURAL
Qormi | Fgura | Iklin | Buġibba | Żabbar | Ħamrun | Birkirkara | Birżebbuġa | San Ġwann | Żurrieq | Attard | Naxxar | Mosta | Mellieħa | Żejtun | Mqabba | Suq tal-Belt






St.Andrew's Street,
Luqa (Luqa Square)
PAC MAN'S
TAKE AWAY
21806055
79806055
Open Monday till Sunday
from 5pm till 11:30pm
Tuesdays closed all day
Open on public holidays
exquisite ... fresh ... affordable
FREE HOME DELIVERY SERVICE !!
FREE
1.5L Pepsi
Offer available every
day on orders over €25
pepsi
Friday, Saturday & Sunday,
a €2 charge applies on orders less than €15.
Luqa free delivery on any order. Last order by 11pm.

Ta' min jgħid li din is-sena tkompliet wkoll l-induratura fuq il-pedestal tal-martirju li jintrama fi Triq Sant' Andrija. Barra minn hekk bil-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ ser jinbeda sett pavaljuni ġodda li ser jintramaw fi Triq San Ġorġ, li għal darb'oħra huma fuq disinn ta' Silvio Pace u tkompla wkoll ix-xogħol tal-liedna għal Triq Sant' Andrija.

Barra milli ħadmet fuq dan il-proġett, is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet attiva matul is-sena bil-wirjiet tematiċi, bħal dik Marjana u dik tal-Ġimgħa Imqaddsa, li flimkien mal-wirja tal-presepju fuq stil bibbliku komplew iżommu dawn it-tradizzjonijiet ħajjin. Żgur li bl-entużjażmu ta' dawn iż-żgħażagħ ser ikollna festa kkulurita u sabiħa. L-element żgħażugħ fil-festi tagħna hu wieħed indispensabbli jekk irridu niżguraw il-ħajja tal-festi tagħna.

Finalment, ta' min isemmi li din is-sena, bis-saħħa ta' ftehim milħuq bejn il-Kappillan preċedenti Dun Gordon Refalo u ż-żewġ għaqdiet mużikali Ħalluqin, ser ikollna xi tibdil fil-ħinijiet tal-attivitajiet tal-festa, ħalli ċ-ċelebrazzjonijiet, kemm interni u dawk esterni, jkunu jistgħu jsiru b'mod organizzat għall-benefiċċju ta' kulħadd. Żgur li dan kien pass importanti sabiex il-festa tagħna tkompli taġġorna ruħha minħabba ċirkostanzi li nbidlu matul is-snin.

**Ħidma Oħra**

Barra il-ħidma msemmija hawn fuq, sar ukoll xogħol ieħor fil-bini tas-Soċjetà, prinċipalment ir-ridekorazzjoni tal-Kamra tal-Kumitat, sabiex din tingħata dehra aktar rikka. Il-ħsieb hu li nkomplu b'dan it-tisbieħ ħalli s-swali tagħna jkunu iktar addattati għaż-żmien tal-lum. Bħalissa qeda tinħadem wkoll *cabinet* għall-istandardi antiki tas-Soċjetà li bħalissa qed jiġu restawrati, li qed tkun iffinanzjata mis-Sezzjoni Nisa tagħna, sezzjoni li bil-ħidma tagħha matul is-sena kollha tgħina nagħmlu diversi proġetti kapitali fil-bini tas-Soċjetà. F'Diċembru 2017, kellna fostna l-Onor. Owen Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, li nawgura r-restawr tal-ewwel standard tal-Banda tagħna li sar mid-ditta *Recoop*. Bħalissa din l-istess ditta, qed tagħmel ukoll ir-restawr ta' bandalora oħra tas-sena 1897 li qed tiġi restawrata bis-saħħa ta' skema maħruġa bejn il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Għaqda Każini tal-Banda. B'dan ir-restawr qed nassiguraw li dak kollu li ħallewna missirijietna nħalluh fi stat aħjar milli sibnieh.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura festa mill-festa lil Ħalluqin kollha. Awgurju speċjali jmur lil W.R. Kappillan Kan. Michael Zammit, li ser tkun l-ewwel festa tiegħu fostna, kif ukoll lis-Sindku u Kunsillieri, l-għaqdiet kollha Ħalluqin u lil dawk kollha li huma attivi fis-Soċjetà tagħna, bandisti u membri, u li bil-ħidma volontarja tagħhom iżommu s-Soċjetà tagħna ħajja.


Malcolm Mifsud
Funeral Service 24 Hr
Coffin Makers & Importers
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 29705
Mob: 9987 4970


FOR YOUR SECURITY & COMFORT
DAR SERVICES LIMITED
INTRUDER ALARMS
CCTV SYSTEMS
FIRE ALARMS & FIRE DOORS
FIRE EXTINGUISHERS
AIR CONDITIONING
info@darservicesmalta.com
www.darservicesmalta.com
7900 3388
2166 8022




# Transulazzjoni Solenni 2017





# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362 Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609 9987 1859**



# Jikteb is-Segretarju

**James Ciappara**



L-isbaħ żmien tas-sena reġa' magħna, żmien li l-poplu Ħalluqi jkun ilu jistenna għal sena sħiħa, sena li fiha jkollna ħafna attività wkoll sabiex is-Soċjetà tibqa' ħajja matul is-sena, għax aħna m'aħniex każin li naħdmu għall-festa biss, però kif jaf kulħadd, is-Soċjetà tagħna tibqa' għaddejja s-sena kollha.

Din is-sena kienet impenjattiva ħafna għall-kumitat tagħna. Stajna naraw ir-restawr li sar fuq l-ewwel standard li kellha l-banda, restawr imprezzabbli li sar min-nies verament kapaċi u professjonali. Tlestiet ukoll il-kamra tal-kumitat, fejn din reġgħet tkaħħlet mill-ġdid, u issa ġiet waħda mill-isbaħ kmamara li għandna ġewwa l-Każin.

Barra minn dawn, il-Kumitat flimkien mad-delegazzjoni tal-Banda, ħaseb sabiex ikompli fejn ħalla s-sena l-oħra. Bħalma tafu sewwa s-sena l-oħra ttella' kunċert ta' mużika sagra ġewwa l-Knisja Parrokkjali, però din is-sena ridna mmorru oltre minn hekk. Din is-sena ntagħżlet it-tema tal-mużika tal-films, u biex tkompli tkun kif xtaqna dan il-kunċert inżamm ġewwa l-bitħa tal-Palazz ta' San Anton. Dan il-kunċert issemma Movies at the Palace, kunċert li grazzi għal dawk kollha nvoluti kompla għolla isem is-Soċjetà, kunċert li kull min attenda ħareġ sodisfatt. Kif qiegħed insemmi dan il-kunċert ma nistax ma nirringrazzjax lis-Surmast u lill-bandisti però għas-servizzi kollha li jkollha l-banda matul is-sena.

L-Għaqda tan-Nar għal dawn l-aħħar snin kienet impenjata bix-xogħol ġewwa l-post tan-nar, xogħol li ħafna minnu sar mill-voluntiera membri tas-Soċjetà tagħna. Però fl-aħħar nistgħu ngħidu li għandna l-kumpless lest minn kollox u kollox skont kif jitolbu r-regolamenti. Jekk Alla jrid mis-sena d-dieħla nibdew ingawdu x-xogħol pirotekniku li b'kapaċità kbira dejjem tawna dawn in-nies. Minn hawn nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi ta' dak kollu li jagħmlu għas-Soċjetà.

Inkompli wkoll sabiex ngħid xi ħaġa dwar il-Kumitat taż-Żgħażagħ, kumitat li jaħdem mingħajr ħafna daqq ta' trombi, però dak li jagħmel, jagħmlu sew u bil-kbir. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-Kumitat tan-Nisa, li dawn jagħmlu x-xogħol li jikkonċerna lilhom u dejjem lesti li jgħinu lil kull sezzjoni. Ngħid grazzi wkoll lil sħabi li jmexxu Radju Sant'Andrija. Dawn huma nies iddedikati ħafna u jqattgħu siegħat twal sabiex jippreparaw skeda sabiħa u varjata kemm għall-Festa Liturġika li tinżamm f'Novembru kif ukoll dik tas-sajf.

## Cassarini Restaurant

Triq is-Sajjieda
Wied iż-Żurrieq, Qrendi
Tel. 20997911
Mob. 79647912

cassarini.restaurant@gmail.com

Cassarini Restaurant

## DLEDS

DOMESTIC & COMMERCIAL SERVICES - ELECTRICAL & PLUMBING INSTALLATIONS

THREE PHASE & SINGLE PHASE INSTALLATION - DRAINAGE MAINTENANCE & INSTALLATION

WATER HEATERS & PUMPS INSTALLATIONS - FAULT FINDING & WATER PRESSURE TESTING

INTERCOM INSTALLATIONS - GYPSUM WORKS

DYLAN SPITERI

facebook.com/DLEDS2016
Email: dledsmalta@gmail.com
Mob: +356 7966 3535






eretric ltd
Importers & Distributors Of Auto-Marine Electrical Parts & Accessories
www.facebook.com/Eretric-Ltd-
NEW:
EXIDE BATTERIES
» Passenger car batteries
» Truck batteries
» Marine and Multifit
» Motorcycles batteries
EXIDE
Start-Stop AGM
DISCOVER NOW!

J.Cassar
ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

New Aluminium System

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta
**Tel: 2122 8896 / Mob: 9942 6356**
**E-mail: cassarjohnaluminium@gmail.com**

**30 years Experience**

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*











Matul din is-sena rajna wkoll qalba sħiħa fit-tmexxija tal-Knisja Parrokkjali tagħna. Dun Gordon Refalo ġie nnominat kappillan ġewwa Ħal Għaxaq waqt li l-viċi Dun Charles Cini ġie nnominat Arċipriet tal-Floriana. It-tmexxija tal-parroċċa tagħna ġiet fdata f'idejn il-Kan. Michael Zammit. Nawgurawlu u nwiegħduh kull għajnuna u koperazzjoni kif dejjem għamilna b'risq il-ġid tal-parroċċa u r-raħal għażiż tagħna.

Għall-ewwel darba wkoll din is-sena nżammet il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt bi statwa ġdida li żgur li hi l-għira ta' ħafna. F'din il-purċissjoni rajna lir-raħal tagħna magħqud u kulħadd b'dik id-daħka fuq wiċċu. Minn qalbi nixtieq ngħˆd grazzi lill-benefatturi kollha kif ukoll lil dawk kollha li ħadmu bla heda sabiex din l-istatwa saret u tlestiet fil-ħin, speċjalment lill-Grupp Armar tal-Knisja.

Nagħlaq din il-kitba billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat, speċjalment lill-ħabrieki President għax-xogħol kollu li għamilna matul din is-sena, kif ukoll ngħid grazzi lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà tal-ħidma tagħhom. Grazzi wkoll lill-Kappillan tal-Parroċċa u fl-aħħar u mhux l-inqas lilkom membri u partitarji ta' din is-Soċjetà hekk kbira li kull darba li nsejħulkom insibukom warajna.

Viva Sant'Andrija!

Viva l-Banda L-Unjoni!




PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICES
27223394 Day and Night 79912912
Prezzijiet Moderati
24 siegħa servizz
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta u ta' Barra, Fjuri, Reffiegħa, Permessi, Karozzi tal-Mejtin, Xandir fur ir-Radju, Santi, Deffiena u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Funerali
95, St. Joseph Street, Luqa - info@scorfnagarage.com
79 912 912 - 2722 3394


Beauty Elegance
31, Ġorġ Zahra Street, Luqa
Tel: 2721 0808
Eyeliner
Before
After
After
Oxygen Facial
Before
After
Before
After 16 weeks
Find us on: facebook
• Facials
• Radio Frequency lifting treatments
• Collagen Induced treatment (C.I.T)
• Needling anti wrinkle treatments
• Cavitation anti cellulite treatments
• Fat Freezing for stubburn fat deposits
• Slimming wraps
• Presso therapy booties
• Bandages
• Slender tone
• Laser hair removal
• Make up
• Manicures & Pedicures
• Gels & Acrylic nail extensions
• Semi Permanent Make-up by Denise Ceci
Ana's Creations Mob: 7927 1058
Ana's Creations

MAGRI AUTOCARE

Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com



WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.

- Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
- Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
- Car wash (by hand) and interior vacuum
- Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components

Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt



# Messaġġ tal-Kaxxier

Clifford Micallef



Ħbieb partitarji ajklieri,

Reġa' wasal iż-żmien wisq sabiħ għalina li niċċelebraw il-festa tal-għażiż patrun tagħna Sant'Andrija. Nistqarr magħkom li r-rwol ta' kaxxier huwa wieħed impenjattiv ferm, iżda bil-għajnuna ta' sħabi tal-kumitat, u tagħkom il-benefatturi, nagħmel il-kuraġġ biex inkompli naħdem għal din is-Soċjetà tant għażiża għalija.

Kif stajtu taraw intom stess, din is-sena mill-aspett ta' banda, nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li lħaqna livell għoli ferm fix-xena tal-baned Maltin, u mingħajr tlaqliq ngħid li tellajna isem is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* fil-quċċata. Dan ma sarx b'kumbinazzjoni imma frott il-ħidma kbira li ssir matul is-sena mill-kumitat taħt it-tmexxija tal-president, li kellu rwol kruċjali biex stajna nakkwistaw il-fondi mill-Malta Arts Council biex intaffu parti mill-ispiża ta' dan il-kunċert liema spiża kienet waħda sostanzjali ferm imma r-riżultat aħħari kien wieħed fenomenali, li għadu fuq fomm kulħadd. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Surmast u lill-Assistent Surmast li flimkien mad-delegat tal-Banda, l-arkivista u l-bandisti tal-post ħadmu u stinkaw biex stajna ntellgħu dan il-kunċert. Nirringrazzja wkoll lid-diversi partitarji li kienu ta' għajnuna kbira fl-organizzazzjoni u l-loġistika.

Din is-sena wkoll il-banda ħadet sehem fl-ewwel purċissjoni ta' Kristu Rxoxt organizzata mill-parroċċa tagħna. Kif kulħadd jaf, fuq xewqa tal-kappillan għall-ewwel darba fir-raħal tagħna, iż-żewġ baned daqqew flimkien bħala mass-band. Għalkemm għall-bidu forsi kien hawn xi ftit tax-xettiċiżmu, nista' ngħid li l-esperiment irnexxa u jekk il-bambin irid is-sena d-dieħla jkun aħjar ukoll. Il-festa tal-Irxoxt kienet suċċess kbir u fraħna lkoll bħala poplu wieħed magħqud.

Ħidmietna issa tiffoka fuq il-festa, li bħalma tafu lkoll tiswa lis-Soċjetà ammont sostanzjali ta' flus biex tkun tista' ssir festa xierqa u ta' livell għoli f'ġieħ Sant'Andrija. Ma nistax minn hawn ma nsemmix il-ħidma kbira volontarja tas-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà. Ħidma sfiqa u mill-qalb matul is-sena kollha, li bil-ko-ordinazzjoni tal-kumitat ċentrali tissarraf f'ċelebrazzjoni sabiħa u dinjituża.

Għaldaqstant nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan


centre stage
FROM PAGE TO STAGE!
SUMMER 2018
PROGRAMME
Activities include:
DRAMA
SPORTS
SINGING
ARTS & CRAFTS
PUPPETRY
MASK MAKING
SWIMMING
TEAM BUILDING ACTIVITIES
Choose the days which suit you best!
MONDAY TO FRIDAY
MONDAY, WEDNESDAY & FRIDAY
TUESDAY & THURSDAY
Time
DROP-OFF:
8.15AM
PICK-UP:
1.00PM-1.15PM
START DATE:
2ND JULY 2018
E: DIRECTOR.CENTRESTAGE@GMAIL.COM
M: +356 9989 7765


MG
WE DRESS UP YOUR HOME
ST. THOMAS STREET, LUQA
MGARR ROAD, XEWKIJA. GOZO
21420540 / 21550574 / 99883988
MG
LINEA MODA

GORI

BUTCHER

Jispeċjalizza fil bejgħ ta :

- Ċanga Friska
- Majjal
- Laħam Tal - Friża
- ZALZETT Frisk Malti

15A, triq Santa Marija,

Ħal Luqa ✆21678484











VISION 2000

SCULPTING GEL

NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR

Available only from hair salons.

If you own a hair salon and wish to stock Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on

21665882 / 99407462

FOR IMMEDIATE DELIVERY!

# Alice Craus

8 Years H.A.B.I.A. Qualified Nail Technician

*Gels / Acrylic / Gellish Last for 3-4 Weeks*
*Toe Nails Gels / Pedicure / Manicure*

Special offer: Full set 25 Euros or infills 20 Euros including nail art

BOOK YOUR FIRST APPOINTMENT AND GET TOE NAILS GELS FOR FREE



Tipytoes Nails Craus

*Other services available*

7929 6990



# STARTING POINT



**St. Thomas Street, Luqa**
**Tel/Fax: 2180 3017**

A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/ playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

is-Soċjetà, li dejjem insib għajnuna kbira mingħadhom f'kull ħaġa li nitlob mingħandhom. Nirringrazzja lil sħabi tan-nar li waslu għall-proġett tal-bini tal-post tan-nar, nies ta' qalb kbira li għamlu xogħol kbir volontarju, ħafna drabi 'l bogħod mill-familji tagħhom, biex il-ħolma tagħhom issir realtà.

L-aħħar appell nagħmlu lilkom il-partitarji ajklieri biex tkunu ġenerużi fid-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-festa, u biex tiġu u tgawdu magħna l-festi kbar li jsiru kemm dawk interni u wkoll dawk esterni, u nappella wkoll għal aktar għajnuna matul is-sena fid-diversi mpenji li tidħol għalihom is-Soċjetà għax hekk biss inkunu nistgħu ngħidu li l-Filarmonika *L'Unione* hija ewlenija fost il-baned Maltin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



THE EVENTS COMPANY

**Charles Magro**
Director

9, No 1, Tensila Street, Qormi, QRM 1840 - Malta
e cmagro@tecmalta.com / info@tecmalta.com
m 00356 9944 8870
www.tecmalta.com

AG WATERPROOFING SERVICES

We offer the Best Prices on HIGH QUALITY Waterproofing Membrane Materials & Services

Find us on

10 Years Guatantee

We specialize in:

Waterproofing for roofs, wells, terraces, basements, dampproofing (appoġġi), balconies, roof gardens & anti-mould problems (moffa)

Immediate Reliable Service with Certificate on 10 Years Guarantee

Products applied in compliance with European standards

For a FREE QUOTATION in 48Hrs call us on 9987 9221 | 2180 3043



2, Triq tal-Ħabaq, Luqa • E-mail: alexgrech.waterproofing@gmail.com

Andrew's
Car Centre

FULL ACCIDENT REPAIRS

Andrew's Car Centre Ltd.
Qormi Rd. Luqa
LQA9044
andrewsgarageltd@gmail.com
99296311/21226311

Tal-Parrina
Confectionery

Triq Sant'Andrija
Luqa
Tel: 2180 2300

Opening Hours
Mon to Fri – 6.00am - 8.30pm
Sunday – 6.00am - 12.30pm

**YOUR DAILY NEEDS, ESSENTIALS & MORE**

***Detergents are also available***

**Josef Penza**
Refrigeration & Air Conditioning

79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta

**Installation and repairs on all kinds of ACs**



Prices for Inverter ACs starting from
**€580**

Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs

Haier Airwell ELECTRA LG HITACHI DAIKIN



# PHOENICIA

**BAR & TAKE AWAY**

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.



# L-Akbar Investiment fil-Ħajja ta' Kull Bniedem

**John D. Zammit**
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*
*Surmast Direttur*



Il-mużika hija lingwa, lingwa internazzjonali, u bħal kull lingwa oħra hija mezz li permezz tagħha wieħed jista' jasal biex jagħmel sens fid-dinja. Il-mużika tgħin ħafna biex aħna nifhmu x'inhi r-realtà. Jekk wieħed iħares biss lejn lezzjoni tal-mużika, isib li waqt id-daqq li jsir f'dik il-lezzjoni, t-tfal diġà jkunu qegħdin jitgħallmu kif jesprimu s-sentimenti u l-emozzjonijiet tagħhom u qegħdin anke jakkwistaw l-opportunità biex jifhmu kulturi differenti.

Matul is-snin, l-organizzazzjoni U.N.E.S.C.O appuntat numru ta' esperti mużikali fil-qasam tal-edukazzjoni, biex dawn jagħmlu numru ta' esperimenti f'diversi skejjel Ewropej u Amerikani biex tiġi stabbilita l-importanza tal-edukazzjoni mużikali fit-tfal kollha.

Id-dokument finali, li jiġbor riċerka internazzjonali, fih xhieda ħajja li turi r-rabta definita bejn il-lezzjonijiet tal-mużika u s-suċċess fl-edukazzjoni ġenerali. Naturalment, f'kitba qasira bħal din, wieħed ma jistax ikun li jispjega x'ġara fid-dettall ta' kull każ individwali. Wieħed jista' jgħid biss li r-riċerka u l-esperimenti msemmija, saru f'pajjiżi, li għal dik li hi sistema edukattiva, inkluża l-edukazzjoni mużikali, huma minn ta' quddiem nett f'dik li hi organizzazzjoni edukattiva. Dawn huma pajjiżi li kollha jagħmlu użu mill-edukazzjoni mużikali bl-akbar abbundanza għaliex jafu li ħaġa bħal din qiegħda tagħmel ġid kbir fl-oqsma kollha tal-ħajja. Fost dawn il-pajjiżi nsibu l-Finlandja, li hi meqjusa bħala l-iżjed pajjiż li l-istudenti tagħha qegħdin jagħmlu suċċess.

F'dawn il-pajjiżi, nstab li l-proċess tal-edukazzjoni mużikali jġib titjib kbir f'kull xorta ta' studji akkademiċi u sitta mill-aqwa oqsma li jiżviluppaw bis-sħiħ huma:

- L-iżvilupp personali u soċjali;
- Abbiltà akbar fil-matematika;
- Żvilupp akbar fil-qari u l-lingwaġġu;
- Akkwist ta' aktar għerf dwar id-dinja;
- Żvilupp fiżiku;
- Żvilupp kreattiv.

Barra minn dawn, wieħed irid jiftakar ukoll li l-istudji u l-prattika tal-mużika jaslu biex jiżviluppaw ko-ordinazzjoni, kunfidenza personal, intelett akbar, abbiltà fix-xjenza u l-inġinerija, forza akbar fil-memorja, abbiltà akbar fis-soluzzjoni tal-problemi u kontroll


1934
LUQA
ST. ANDREW'S
LUQA ST.ANDREW'S FC
YOUTH NURSERY
ISSIEHEB
ISSA
ĊEMPEL 79463635 / 99557174
ABC GROUP
GĦAL TFAL MINN 3 SNIN
AGILILTY + BALANCE + CO ORDINATION
FIRST KICKS
SUBIEN
U
BNIET
WWW.LUQASTANDREWSFC.ORG
LUQA SAINT ANDREWS FOOTBALL NURSERY


BOV CARDS
everyday banking made easy
With Bank of Valletta you can conveniently manage your financial transactions and banking needs wherever you are, whenever you want.
Whether you are travelling, shopping or dining, a BOV Card gives you the convenience and flexibility you need.
Terms and conditions apply.
2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
BOV
Bank of Valletta

CitySightseeing Malta
CHARTER a DOUBLE DECKER!
Organise your special occasion on one of our double deckers!
Ideal for any celebration such as...
Football, Feasts, Bachelor / Hens Parties, Graduations ecc...
City Sightseeing Malta Ltd, 164/165, Industrial Estate, Luqa, Malta
Web: www.citysightseeing.com.mt • Email: info@citysightseeing.com.mt
• Tel: +356 2010 2090 • Mob: 99822416




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi

**Tel:** 2146 6664
**Mob:** 9947 5010
**borgbros@gmail.com**



tal-istress, kapaċità artistika u eżattezza. Minħabba li n-natura tagħha tinqasam f'numru infinit ta' livelli, l-mużika hija mezz l-aktar dinamiku li permezz tiegħu jiġu trasformati l-enerġiji nterni tal-bniedem; dan mhux biss fl-iżvilupp fiżiku, iżda anke fil-fejqan, fl-iżvilupp kollu tal-moħħ, fit-tagħlim, fil-ħsieb kreattiv, fil-funzjonament u fil-formazzjoni tal-valuri. Dan għaliex il-mużika hija arti flessibbli, dik l-arti maġika li tagħti pjaċir lil kulħadd b'kemm mod individwali kif ukoll komunali. Il-mużika tista' ssebbaħ il-ħajja kollha tal-bniedem jekk hu jfittixha u jużaha tajjeb.

Il-mużika tikkalma lit-tfal kemm f'ġisimhom kif ukoll f'moħħhom, b'mod speċjali dawk it-tfal li jsofru minn tensjoni żejda minħabba eżamijiet, studju kontinwu jew inkwiet fid-dar.

Bis-saħħa tal-qawwiet evokattivi tagħha, l-mużika tista' testendi l-orizzonti u tistimula l-immaġinazzjoni tal-istudent. Il-mużika tista' tiġi wżata wkoll sabiex tgħin fid-dixxiplina, kontroll u anke biex tikkordina l-movimenti ta' wliedna, l-aktar permezz tax-xogħol konness ma' studju ta' xi strument partikolari.

Il-mużika għandu jkollha post ċentrali fl-edukazzjoni tat-tfal kollha. Hi mhix biss parti mill-għerf li kull student u studenta għandhom id-dover li jakkwistaw, iżda hi wkoll attività li żżid kulur u eċitament f'diversi okkażjonijiet matul il-ħajja.

Ma rridux ninsew ukoll il-qawwa li l-mużika għandha biex terġa' ġġib lura enerġija u l-interess fit-tfal, meta dawn għal xi raġuni jew oħra jkunu bdew imajnaw, u anke biex tikkalmahom meta jkunu eċitatati żżejjed. Wieħed ma jridx jinsa wkoll, li bil-kapaċità mużikali, wieħed jasal biex jagħti kontribu siewi lill-komunità li jgħix fiha u lis-soċjetà inġenerali.

F'kull belt u raħal f'Malta jeżistu soċjetajiet mużikali li l-ewwel impenn tagħhom huwa li jinħolqu l-ewwel xrar ta' mħabba għall-edukazzjoni mużikali. Ħal Luqa mhix eċċezzjoni għaliex fiha teżisti wkoll is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni li dejjem lesta li tilqa' fi ħdanha lil dawk kollha li bis-serjetà jixtiequ jirċievu l-ewwel taħriġ mużikali bl-aktar mod professjonali. Kull ma jonqos hu li l-ġenituri jixtarru sew dawn il-kelmtejn, u bħala sinjal ta' rispett u ġid jixtiequ lil uliedhom għandhom jibagħtuhom għat-tagħlim neċessarju.

Nawgura festa mill-isbaħ lil kulħadd!


The GoodFellas
pizza & grill
Wilġa Street, Luqa
T: 2169 6650
M: 7977 7767
Find us on: facebook.


Welcome
BAR AND GRILL
by Sciclana
OPEN DAILY FOR BREAKFAST, SNACKS & LUNCH
FREE DELIVERY SERVICE AVAILABLE
WE ALSO ACCEPT BOOKINGS FOR GROUP FUNCTIONS,
DINNER, HENS & BACHELORS PARTIES
99 864 200 / 21 663 409
FACEBOOK.COM/WELCOMESNACKBAR
TRIQ IL-MITJAR LUQA (NEAR LUQA OLD AIRPORT)


MASSA
HANDYMAN
SERVICE
PLUMBING
ELECTRICAL WORKS
PAINTING
GYPSUM WORKS
DRAIN LAYER
GENERAL MAINTENANCE
ODD JOBS
Contact Yousef today for a free quotation
99294138
yousefmassa@yahoo.com


The Everything Wedding Organizer
THE MAN YOU NEED
By Massimo Cassar
Contact No. +356 9986 1230
To Create, Organise & Coordinate The Most Beautiful Day Of Your Life


Emmanuel Cauchi
PHOTOGRAPHER
Mob: 9923 1025
Find us on: facebook



# *Regi Similia Passvs*

**Wisq Rev. Kan. Michael Zammit**
*Kappillan*

Kull meta tħares lejn il-kwadru titulari li hu kapulavur ta' Mattia Preti fuq nett tara imnaqqax fid-deheb dan il-kliem li hu meħud mill-Ktieb tal-Għerf kapitlu 18 vers 11. Dan il-kliem ifisser: "hu u s-sultan batew l-istess."

Sant'Andrija li skont it-tradizzjoni millenerja tal-Knisja, bħal ħuh Pietru irċivew il-Martirju bit-tislib. Sant'Andrija bħal San Pietru ħass li mux denju li jmut bl-istess forma ta' salib bħal tal-Imgħallem u għalhekk sallbuh ma' salib forma ta' X kif narawh fix-xbihat kollha.

Il-Qaddis Patrun tagħna mhux biss fil-martirju tiegħu iżda f'ħajtu kollha fittex li jixbah lil Sidna Ġesù Kristu. Huwa dak li l-ewwel li mar wara Ġesù u wassal lil ħuhXmun Pietru jiltaqa' ma' Ġesù, hu dak li wassal lit-tfajjel bil-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet biex iseħħ il-miraklu tat-tkattir, hu dak li wassal lill-Griegi qabel il-Passjoni sabiex jiltaqgħu ma' Ġesù. Wara Għid il-Ħamsin xandar kemm felaħ kelmet Kristu sal-punt tal-martirju.

Aħna wkoll iridu nxandru lil Kristu, aħna wkoll iridu ngħixu bħas-sultan tagħna Ġesù Kristu. Sant'Andrija jgħallimna li aħna rridu nkunu qrib ta' Ġesù sabiex insiru nafuh anki nsiru nixbuh. Imbgħad il-pass li jkun imiss hu li bħal Sant'Andrija nwasslu lil ħaddieħor biex jiltaqa' ma' Ġesù.

L-esperjenza ta' Sant'Andrija turina kemm hu sabiħ li tkun taf min hu Ġesù. Iżda sabiex skopra min hu Ġesù, Sant'Andrija kellu jagħmel sagrifiċċji u anki jgħaddi minn tbatija. Għalhekk aħna wkoll li qed nippruvaw niskopru min hu dan Ġesù rridu nagħrfu nagħmlu għażliet radikali f'ħajjitna.

Festa tassew nisranija hija meta nieqfu u nirrifletu fuq ħajjitna. Nistaqsu lilna nfusna issa li għaddiet sena oħra; x'għamilt biex sirt nisrani aħjar? F'ħajti miexi 'l quddiem, jew inkella nħossni mtaqqal bl-għażliet tal-ħajja li għamilt? Dan kollhu irid iwassalna biex frott riflessjoni serja nieħdu deċiżjonijiet favur it-tajjeb u nimxu 'l quddiem lejn il-Mulej.

Sant'Andrija flimkien mal-Appostli l-oħra nsibuhom fir-rakkont tal-Atti tal-Appostli li kienu jaqsmu kollox bejniethom u jgħixu bħal aħwa. Għalhekk l-aħwa ma jaslux li jiġġieldu. Aħna raħal wieħed u lkoll aħwa. J'Alla ma naslu qatt li nħallu piki bla sens, u idejat ikissru l-familja ta' Ħal Luqa. Aħna lkoll devoti ta' Sant'Andrija nagħtu skandlu meta jarawna ma naqblux jew ma nitkellmux minħabba l-idejat tagħna. In-nisrani huwa msejjaħ biex jgħaqqad. Kulħadd għandu jaħseb x'ser jagħmel hu bħala individwu bħala l-ewwel pass sabiex ngħixu tassew bħala familja waħda Ħal Luqija.

Thomas Smith Insurance Brokers

## WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE




**Opening hours**
Monday to Friday – 08:00 to 17:00

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

79015959
22058580
info@tcsinsurancebrokers.com

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.

L-Appostlu Sant'Andrija jgħallimna nħobbu tassew lil Kristu u l'oħrajn. Fil-Parroċċa tagħna ħafna għandhom rieda tajba li ssir il-ġid kemm f'dak li hu materjali u anki dak li hu spiritwali. Għalhekk nixtieq nagħti kelma ta' kuraġġ u ringrazzjament lil dawk kollha ta' rieda tajba li qed jaħdmu biex iseħħ dan l-idejal.

Ir-raħal ta' Ħal Luqa għandu potenzjal qawwi u dan intwera biċ-ċar f'diversi ġrajjiet. L-aktar waħda friska u storika hija l-ferħ u l-għaqda li nħassu fil-Festa ta' Kristu Rxoxt. Ejja ma nħallux dawn il-ġrajjiet biss għall-kotba tal-istorja iżda ejjew ngħożżu dawn il-ġrajjiet f'qalbna biex imexxuna għall-futur.

Nitlob lil Alla bl-interċessjoni ta' Sant'Andrija għall-poplu kollhu ta' dan ir-raħal għażiż. Nitlob li ta' kuljum nikbru fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn xulxin. Dan kien l-għan ewlieni tal-ħajja ta' Sant'Andrija u dan għandu jkun l-għan ewlieni ta' ħajjitna u ħidmietna.

Nawgura l-Festa t-tajba lill-poplu ta' Ħal Luqa. Fl-istess ħin b'mod personali nixtieq ngħid Grazzi lill-poplu kollu tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt f'dawn ix-xhur tal-bidu tal-ħidma tiegħi f'dan ir-raħal għażiż.

Grazzi wkoll u l-Festa t-tajba lill-Kumitat Ċentrali, Sezzjonijiet varji u partitarji tal-Banda *L'Unione*. Grazzi tal-ħidma tagħkom b'risq il-kultura, arti u mużika li tant jagħtu ġieħ lir-raħal ta' Ħal Luqa u lil Sant'Andrija Patrun tagħna.

Il-Mulej iberikkom u l-Festa t-tajba.


Flower Touch



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800



ATTENTION NAIL TECHNICIANS
NAIL TIPS
NAIL GLUE
CUTICLE PUSHERS
NAIL TIP CUTTERS
NAIL NIPPERS
NAIL FILES
PRIMERS
ACRYLICS
GELS
BASE GELS
TOP COATS
UV LAMPS
UV BULBS
LED LAMPS
NAIL DRILLS
NAIL BITS
NAIL ORNAMENTS
STICKERS
3D FLOWERS
RHINESTONES
& MUCH MUCH MORE
ASK FOR DISCOUNT CARD
nail magic
acrylic powder
CLEAR
nail magic
ACRYLIC LIQUID
PROFESSIONAL
GUTZ
fashion
FASHION FOR ALL THE FAMILY
HAMRUN – LUQA – SIGGIEWI - PAOLA
BELLISSIMA
COSMETIC-HAIR-PERFUME
SHOP
EVERYTHING FOR YOU TO LOOK GOOD
OUR LADY OF SORROWS STR
HAMRUN



# Sena t'Avvenimenti

**John Schembri**
*Sindku*

Din is-sena seħħew tliet avvenimenti importanti fl-istorja tar-raħal tagħna, li huma l-Pussess tal-Kappillan il-ġdid Rev. Kan. Dun Michael Zammit u nawguralu kull suċċess fil-ħidma tal-komunità tagħna. Il-wasla tal-istatwa ta' Kristu Irxoxt wara ħafna snin ta' stennija u fl-aħħar u mhux l-anqas il-ħamsa u għoxrin sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali f'Ħal Luqa. Għal dawn l-attivitajiet ir-residenti ħarġu bi ħġarhom biex jifirħu għal dawn l-avvenimenti. Grazzi liż-żewġ Soċjetajiet Mużikali li ħadu sehem flimkien bil-banda madwar it-toroq ta' Ħal Luqa u dan jawgura għal aktar ħidma flimkien fil-futur.

Il-Jum tal-15 ta' Mejju ta' kull sena daħal fil-kalendarju tal-Kunsill Lokali tagħna biex jimmarka avveniment meta r-raħal tagħna sar Parroċċa u jfisser din il-ġurnata bħala Jum Ħal Luqa. Ġieħ Ħal Luqa huwa premju prestiġġjuż li jingħata mill-Kunsill Lokali lil dawk il-persuni li b'xi mod jew ieħor ikunu għamlu ġieħ lir-raħal tagħna. Din is-sena peress li jaħbat il-ħamsa u għoxrin sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali fir-raħal tagħna, l-għażla waqgħet fuqi bħala Sindku li ilni nservi aktar minn għoxrin sena fit-tmexxija kif ukoll il-Kunsillier veteran is-Sur Victor Caruana li serva mill-ewwel leġislatura tal-Kunsill. Irrid inrodd ħajr lil sħabi l-kunsilliera tal-fiduċja assoluta u rispett li wrew fina. Kien ta' unur kbir għalija u għall-familja tiegħi meta il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Dr. Owen Bonnici ppreżentali dan il-premju prestiġġjuż u żgur li dan se jibqa' wieħed mill-isbaħ mumenti f'ħajti.

Meta jgħaddi Jum Ħal Luqa, iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali jibdew iħejju għall-festa li ġġib magħha ħafna xogħol għal dawk kollha involuti. Wara waqfa ta' aktar minn tliet snin, id-dilettanti tan-nar tal-Ajkla jinsabu f'delirju ta' ferħ hekk kif f'dawn il-ġranet inħareġ il-permess għall-kamra tan-nar. Proset lil dawk kollha li ħadmu fuq dan il-proġett biex issa d-dilettanti jistgħu jipprattikaw id-delizzju li tant huma magħrufa għalih. Proset u grazzi lill-President, is-Sur Joseph Piscopo, is-Segretarju, is-Sur James Ciappara u il-Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà tal-ħidma li jwettqu matul is-sena kollha biex għal darb'oħra jkollna festa ta' suċċess. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

**SILJOE garage**

Gate Street Luqa
Tel: 2166 3576, 2166 6098
Mob: 9949 5993
Email: info@siljoegarage.com



**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**







# KARMNU TAL-ĦAXIX

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm



# Sena oħra ta' Suċċessi

**Norbert Camilleri**
*A.L.C.M, L.V.C.M, L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*
*Assistent Surmast*

Din is-sena għal darb'oħra kienet sena ta' kisbiet għas-Soċjetà tagħna, liema kisbiet setgħu jitwettqu biss bl-impenn u l-potenzjal ta' ħafna mill-membri tal-istess Soċjetà.

Il-prograzz mużikali li ġie mtella' f'April li għada ġewwa r-residenza tal-President ta' Malta fil-ġonna ta' San Anton kien programm li mhux biss kompla jgħolli l-livell liema bħalu iżda wkoll il-livell tal-baned Maltin inġenerali. 'Night at the Movies' kien programm li għalkemm tfaċċajna ma' diffikultajiet kbiar mill-qasam loġistiku u finanzjarju, finalment kien suċċess kbir. Ma nistax ma nirringrazzjax lis-Surmast John David Zammit li ħa ħsieb jagħmel l-arranġament ta' bosta mis-siltiet li ġew esegwiti matul dan il-programm. Nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat tas-Soċjetà b'mod speċjali lill-President Joseph Piscopo li bl-impenn kontinwu flimkien ma' dak ta' Neil Zammit u Joe Bezzina ħadmu qatigħ sabiex dan il-programm mużikali seta' jitwettaq b'suċċess.

L-istudenti tagħna wkoll kellhom is-suċċessi tagħhom mil-lat ta' tagħlim mużikali. Għall-ewwel darba fl-istorja tas-Soċjetà tagħna, uħud mill-istudenti resqu għall-eżami tat-teorija li minnu kollha ġabu riżultati eċċellenti. Tajjeb ngħidu li ċ-ċertifikat li kisbu hu ta' Kulleġġ Ingliż u rikonoxxut fl-Ewropa kollha. Issa li wittejna t-triq, inkomplu naħdmu sabiex jiena flimkien mas-surmast u l-għalliem Victor Borg inressqu l-istudenti tagħna għall-eżamijiet tal-prattika tal-istrument. Nixtieq minn hawn nawgura lill-istudent tagħna Daniel Vella li għadu kif resaq għall-eżami tal-prattika fil-kurunetta li ġie mmexxi mill-għalliem tiegħu Victor Borg.

L-aljievi tagħna flimkien mal-banda tas-Soċjetà ħadu sehem għal darb'oħra fil-programm tal-Milied li ġie esebit ġewwa l-iskola primarja tar-raħal. Kien programm xi ftit impenjattiv għall-aljievi tagħna u għaldaqstant ridna nippreparaw għalih minn xhur qabel. Nixtieq però nfaħħar lill-aljievi tagħna li minkejja l-impenji l-oħra, sabu l-ħin biex jattendu għal dawn il-kunċerti.

Nixtieq nuri apprezzament kbir lejn dawk il-ġenituri li jħeġġu lit-tfal tagħhom biex jattendu għal-lezzjonijiet tat-teorija kull nhar ta' Sibt u jieħdu interess fil-progress tagħhom, iżda nixtieq ukoll li nuri d-dispjaċir tiegħi għal xi wħud mill-ġenituri li forsi għadhom ma fehmux l-importanza tat-tagħlim tal-mużika u li jagħżlu li ma jibagħtux lit-tfal tagħhom. Huwa veru li t-tfal illum aktar minn qatt qabel huma impenjati ferm


LOOKING FOR QUALITY & SECURITY?
We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.
ALL THIS IS FREE OF CHARGE!
FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE
We Specialise In:
• PVC Coated Doors
• Roller Shutters
• Insulated Sectional Doors
• Up & Over Doors
• Round The Corner Doors
• Folding Doors
• Gates & Fences
• Sheet Metal Doors
• Motorised Doors
• Moulds
• Substation Louvres
• Metal Doors Covered In Wood
New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net
Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397
www.alfredbaldacchinoltd.net
Also Specialising In Metal Doors Covered In Wood
AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL
Look no further!


SILVERCRAFT PRODUCTS LTD
MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000
Tel: 21898046 • Fax: 21666400
Email: info@silvercraftltd.com
Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.
We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.
You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.

kemm bl-istudju kif ukoll b'attivitajiet oħra, iżda rridu nifhmu wkoll li s-Soċjetà tagħna qiegħda tinvesti bi kbir fit-tagħlim tal-mużika u għaldaqstant, il-ġenituri għandhom id-dover li jinkoraġġixxu lit-tfal tagħhom biex jattendu għal-lezzjonijiet.

B'għajnuna finanzjarja tal-Aġenzija Żgħażagħ li kull sena tniedi skemi ġodda sabiex jiggwadanjaw il-każini tal-baned, ser inkomplu nattrezzaw il-klassijiet tat-tagħlim. B'hekk inħajru aktar tfal u żgħażagħ jingħaqdu magħna għat-tagħlim tal-mużika.

Nixtieq nawgura festa mill-isbaħ lill-Ħalluqin kollha.

M.CAUCHI HARDWARE STORE
Hardware
201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997
PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT


KENDA
ROOFING & WATERPROOFING SERVICES
10 YEARS GUARANTEE
Our company was founded by Kevin Grech in 1996 and is today one of Malta's leading companies which has been entrusted in waterproofing membrane works.
Many years of practical experience in the application of waterproofing and working on large projects awarded us successfully.
Our clients rely on our company as we guarantee high quality and service at all times.
OUR AIM IS YOUR SATISFACTION!
importers of
PROFESSIONAL ROOFING PRODUCTS
7972 9967
www.kendawaterproofing.com
74, Triq Pawlu Magri, Luqa LQA 1472, Malta
T/F | 27018720 E | kwaterproofing@melita.com
PROBLEMS WITH LEAKING ROOFS?
20 Years experience ★★★★★
PROBLEMS WITH MOULD?
We Specialise in:
• Waterproofing Membrane (Different Colours)
• Maintenance & Repair On Old Waterproofing Membrane
• Special Liquid Membrane (Rubberised Paint) Different Colours
• Cool Roofing System • Damp Proofing (Appogg)
• Self-Adhesive Membranes • Anti-Rooting Membrane
• Aluminium Foil Membrane
• Thermal Roof Insulation With Waterproofing System
• Waterproofing Accessories For Drain Outlets
• Aluminium Paint • Floor Sound Proofing
• Concrete Screeds & Expansion Joints
• Resin, Epoxy & Polyurethane Paints for Flooring
• Anti-Mould Products
• Treatments Against Raising Humidity & Saltpetre
• Liquid Membrane Cement Based
• Free Inspections of Existing Membranes
• Emergency Repairs to Prevent Roof Damage
Products Are Used For Roofs, Retaining Walls, Balconies, Terraces, Basements, Planters, Pillars, Swimming Pools
• We Offer High Quality Materials And Services At All Times
• We Add Value To Customers With Competitive Prices
KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM
74, TRIQ PAWLU MAGRI, LUQA LQA 1472 Tel/ Fax: 27 018 720
kwaterproofing@melita.com
FOR A FREE QUOTATION CALL 79 729 967
POLYGLASS
10 Years Guarantee Easy Payment
Your Satisfaction is Guaranteed



# Mill-Maħżen tal-Armar

Clifford Micallef



Il-ħidma fil-maħżen tal-armar tista' tgħid li ma tieqaf qatt. Hekk kif tgħaddi l-festa u l-armar jintrefa f'postu, wara li jitnaddaf, jibda l-pjan ta' ħidma għas-sena ta' wara. L-ewwel ħaġa li ssir hija xi tiswijiet żgħar meħtieġa minħabba xi ħsarat li jinqalgħu fil-ġimgħa tal-festa kif ukoll waqt il-ġarr lejn il-maħżen, imbagħad wara li nieqfu għal ftit mistrieħ, nibdew nippreparaw għal sena oħra.

Din is-sena kompliet il-ħidma fuq l-induratura tal-pedestall tal-martirju, liema ndduratura kienet tinvolvi ħafna xogħol u spejjeż. Ta' min wieħed jirrimarka li bħala folja ntużat deheb ta' 24 karat u mhux aluminium kif jintuża normalment, għalhekk l-ispiża kienet waħda kemxejn kbira. Sar ukoll xi xogħol ta' żebgħa fuq il-parti ta' fuq il-pedestall. Dan ix-xogħol sar minn Eman Cachia u Andrew Aquilina biex issa finalment nistgħu ngħidu li verament wasalna fl-aħħar fażi tal-proġett tal-martirju u kull ma jkun fadal li jsir il-kanċell tal-ħadid mad-dawramejt tiegħu.]



Kompliet ukoll il-ħidma fuq il-liedna tal-parti t'isfel ta' Triq Sant'Andrija u jekk il-bambin irid dis-sena tkun kompluta t-triq kollha. Nieħu l-opportunità minn hawn biex nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri li taw kontribut siewi fil-ħidma tal-liedna.

Tkompla wkoll ir-restawr fuq żewġ anġli li jintramaw fi Triq Sant'Andrija, wara li sentejn ilu ġarrbu ħsarat kbar wara maltempata li kienet għamlet. Ta' min jgħid li dawn ġarrbu ħsara pjuttost kbira u kellhom jinbarxu kollha, jiġu stukkjati u


JA
James Agius Woodworks Ltd
28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
Tel: +356 2124 4445
Mob: +356 7936 9176
Email: info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com
Made to Measure:
Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units
Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc




jingħataw ukoll passata *resin* biex ikunu protetti mill-ilma. Wara ovvjament inżebgħu mill-ġdid. Dan ix-xogħol sar minn Andrew Aquilina u Clifford Micallef.

F'dak li jirrigwardja xogħol ta' drapp, għal din is-sena ser jiżżanżan pavaljun ieħor għal Triq Dun Pawl, kif ukoll ser jinbeda proġett ġdid ta' pavaljuni għal Triq San Ġorġ, li kienet l-uniku triq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni mingħajr pavaljuni. Nittamaw li għal din is-sena nżanżnu l-ewwel pavaljun. Hawnhekk nixtieq nappella lir-residenti ta' Triq San Ġorġ biex ikunu ġenerużi fid-donazzjonijiet tagħhom b'risq dan il-proġett, li daħlet għalih bi ħġarha s-Sezzjoni Żgħażagħ.

Kif wieħed jista' jara l-ħidma fil-maħżen ma taqta' xejn u għaldaqstant nagħmel appell lilkom il-partitarji biex tkomplu tgħinuna nsebbħu r-raħal għażiż tagħna b'risq il-festa tal-patrun tagħna. Kull għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll dik materjali hija ferm apprezzata. Napprezzaw ħafna l-għajnuna tagħkom biex narmaw u nżarmaw, kull qatra tgħodd. Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min jaħdem u jiġi jagħtina daqqa t'id biex narmaw u nżarmaw kif ukoll lir-residenti tal-paċenzja li jieħdu bina waqt il-jiem tal-festa.

Grazzi mill-qalb lil Henry Galea, Tano Spiteri, Lawrence u Sean Cassar, John Cachia, Raymond Penza, Gan Marì Formosa u lil dawk kollha li jgħinuna kull meta jkollna bżonn.

# EMMANUEL GATT

**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351





# Mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija

## *Jinqata' l-Frott tas-Sagrifiċċji*

**Joe Aquilina**
*Licensee*

Għeżież membri fl-aħħar wasalna, wasalna għax ħdimna bil-għaqal tul is-snin u ma ħallejna l-ebda ewforija tiġri bina. Wasalna għax kulħadd ġibed ħabel wieħed. Nibda mill-kumitat ċentrali, sotto kumitati u partitarji. Wasalna għax il-membri ta' din il-Filarmonika l-Unjoni raw li ma jkunx denju għar-raħal tagħna Ħal Luqa li s-*Saint Andrew Fireworks Factory* tmut. Le. Din ma setgħetx isseħħ allura raw kif daħħlu idejhom fil-but u kulħadd milli seta' kkontribwixxa mill-aħjar. Wasalna għax nies ħabrieka fi ħdan l-għaqda tan-nar raf kif setgħu jagħtu ħinhom għal xogħol kbir ta' kostruzzjoni ġewwa l-kamra tan-nar u b'hekk ġew iffrankati eluf kbar ta' ewros. Wasalna għax minn wara l-kwinti kellna l-membri tal-istess għaqda u tal-kumitat ċentrali li ħdimna flimkien fis-skiet sabiex mexxejna pjan li wassal għal dan is-suċċess. Wasalna wkoll għax kellna għajnuna minn diversi kuntratturi u kif ukoll minn rappreżentanti miż-żewġ naħat tal-kamra tal-parlament tul is-snin. Wasalna għalix xahar wara l-ieħor il-kumitat ċentrali ħalla l-ispazju għal ikliet ġewwa l-każin riservat għal dan l-iskop biss u kull darba li għajjatnilkom dejjem weġibtu bil-kbir u mlejtu każin u fl-istess waqt kontu u qed tikkontribwixxu finanzjarjament. Grazzi kbira lil dawk illi organizzaw u sajra f'dawn l-ikliet. Fuq kollox wasalna għax Alla u l-kbir appostlu Sant'Andrija dejjem kienu hemm magħna u kollox mexa kif ippjanat mingħajr inċidenti.

Fil-ħin li qiegħed nikteb dawn l-erba' kelmiet, aħna ppreżentajna x-xogħol kollu lill-awtorità tal-ippjanar, xogħol illi diġà ġie ċertifikat li din il-kamra tan-nar hija mudell għall-kmamar tan-nar f'Malta.

Minn din is-sena se nibdew ingawdu dan il-frott li qtajna minn tant sagrifiċċji, kif forsi ndunajtu ż-żmien huwa relattivament viċin ħafna tal-festa u għalhekk rigward xogħol tan-nar ser ikun ridott għall-aħħar, kif sħaqna matul dawn l-aħħar snin. Is-saħħa tal-membri tagħna tiġi qabel kollox.

Minn hawn nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha illi b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna sabiex dan il-proġett seta' jseħħ u jekk Alla jrid mis-sena d-dieħla nerġgħu nibdew ingawdu xogħol pirotekniku sabiħ bħalma konna naraw qabel mis-*Saint Andrew Firework Factory*.

Viva s-*Saint Andrew Firework Factory*

Viva Sant'Andrija

# TWO 9 SIX

***LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR***

***San Injazju & San Benedittu School Uniforms also available***

**NEW STREET, LUQA**

***Opening Hours*** **8.45am - 1.00pm & 4.15pm - 7.15pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha lagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672 Mob: 7904 5951**

Find us on: facebook.




# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa Ajklieri

Għeżież Ħalluqin,

Reġgħet waslet il-Festa tal-Padrun tagħna Sant'Andrija li ta' kull sena lkoll nistennew b'ħerqa kbira wara sena ħidma.

Bħala Sezzjoni Nisa reġa' kellna sena mpenjattiva ferm. Organizzajna numru ta' *coffee mornings* kull xahar, kif ukoll lotteriji ta' kull ġimgħa. Nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min jattendi dawn l-attivitajiet għax bl-għajnuna tagħhom niġbru fondi għas-Soċjetà.

Din is-sena l-fondi li niġbru ser imorru biex jinħadem armarju fis-Sala 'Joseph Abela Scolaro' biex fih jitpoġġew bandalori u standardi antiki. Nifirħu lil Kumitat Ċentrali tal-ħidma kontinwa li jwettaq b'risq is-Soċjetà tagħna.



*Ritratt tal-okkażjoni flimkien mal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta*

Bla dubju l-ikbar avveniment ta' din is-sena kien il-kunċert li tellgħet is-Soċjetà tagħna ġewwa l-Palazz tal-President, "Movies at the Palace". Kien kunċert ta' livell ferm għolli u ġie mfaħħar min ħafna nies. Nixtiequ ngħidu prosit kbira lill-bravu Surmast tagħna Mro. John David Zammit li flimkien mal-President Joseph Piscopo, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri, l-Arkivista Neil Zammit u d-Delegat Banda Joe Bezzina ħadmu biex telgħu dan il-kunċert. Tajjeb ngħidu li dan il-kunċert kien taħt il-Patronċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca.

Finalment nixtiequ nirringrazzjaw lil kull sezzjoni fil-każin tagħna li lkoll naħdmu id f'id b'risq din l-Ewwel Banda Ħalluqija. Nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Viva l-Filarmonika *L'Unione*

Viva Sant'Andrija Appostlu

Zneiber

**CONFECTIONERY & PASTIZZERIA**

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 7927 0794

J.B. Glass Work



For crystal & ordinary glass
• Mirrors
• Polish Edge
• Bevelled
• Stained Glass
• Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279



# Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri A.D. 1997

**Andrè Farrugia**
*Chairperson*

Iż-żmien jgħaddi qisu l-bieraħ li hekk kif għaddiet il-festa ta' sena ilu u l-kumitat preċedenti xolja, l-kumitat ċentrali ħareg nonimi ġodda għal dawk imħajra li jidħlu fis-Sezzjoni Żgħażagħ għas-sena 2017/2018. Grupp ta' 18-il persuna tefgħu n-nomina tagħhom b'etajiet differenti fejn imbgħad il-kumitat ċentrali sejjaħ laqgħa fejn ġie ffurmat mill-ġdid kumitat ieħor li għal darb'oħra għandu demm ġdid fih. Ġejt maħtur mill-Kumitat Ċentrali bħala President ta' din is-sezzjoni għall-ewwel darba. Nhar il-Ħamis 17 t'Awwissu nżammet l-ewwel laqgħa ta'dan il-kumitat ġdid fejn diġà kien lest biex jaħdem biex b'hekk nkomplu fuq dawk li ħallew ta' qabilna għal istess skop li din is-sezzjoni kienet twaqfet lura għas-sena 1997.

Mill-ewwel ġiet varata paġna ġdida fuq Facebook ta' din l-istess sezzjoni li ġġib l-isem Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri A.D 1997, biex b'hekk din is-sezzjoni tkun tista' twassal l-informazzjoni u l-attivitajiet li se jiġu organizzati iktar aħjar. Minn hawnhekk din is-sezzjoni bdiet torganizza attivitajiet bl-ewwel żewġ attivitajiet kienu Tombla fi Triq Sant' Andrija u *Fifa 17 Playstation Tournament* li bla tlaqliq kienu ta' suċċess. Il-ħidma ma waqfitx hawn, bdejna nippreperaw għal wirja daqxejn differenti milli ssoltu naraw ġewwa Ħal Luqa. Għal ewwel darba f'raħalna itgħellat wirja oħra ta' livell għoli - Wirja b'tema Marjana li għalqet iċ-ċelebrazzjonijiet tal-20 anniversarju mit-twaqqif ta' din is-sezzjoni bl-isem *Mater Admirabilis* propju għall-festi tal-Madonna taċ-Ċintura u dik tar-Rużarju. Kull min ġie jżur din il-wirja seta' japprezza x-xogħlijiet artistiċi b'tema marjana, fosthom pitturi u statwi ta' artisti magħrufa kif ukoll għadd ta' statwi żgħar li nsibu ġewwa djar Maltin. Apparti hekk ġew mistiedna soċjetajiet muzikali u għaqdiet li jiċċelebraw festi Marjani biex jieħdu sehem f'din l-esebizzjoni permezz ta' standard jew bandalora tas-Soċjetà tagħhom.

Il-ħidma minn wara l-kwinti kompliet fejn għal ewwel darba wkoll itellgħet l-attività 'Spooky Fiesta' għall-jum tal-*Halloween*. Intrama l-każin għall-okkażjoni bl-għajnuna ta' Jacqueline u Louis Schembri li minn hawn nirringrazzjahom. Mijiet ta' tfal attendew għal din il-wirja daqxejn makabra iżda fl-aħħar ħarġu kuntenti għax kull min żar din il-wirja ingħata borża ħelu. Kienet attività oħra ta' suċċess li żgur se tibqa tikber fis-snin li ġejjin.

Għadda Ottubru, wasal Novembru x-xahar li fih niċċelebraw il-festa Liturġika ta' Sant'Andrija Appostlu. Kien xahar mimli attivitajiet kemm min-naħa ta' din is-sezzjoni


BINGO
€150
Il-Ġimgħa 24 ta' Novembru,2017
Fil-Każin tal-Banda Unjoni
7:00pm








RIP
RIP
RIP

# Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri















**Frankie**
**Green Grocer**



**Triq il-Karmnu**
**Luqa**

**Tel: 2180 6809**
**Mob: 9987 8638**

# Carly's

GIFTS, STATIONERY,
TOYS AND MUCH MORE

**NEW MANAGEMENT**

Printing from Pen-drive/USB, Photocopying, Photos, Colour, Binding, ID Photos & Film Developing Service.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and Christening souvenirs also available.

Triq Censu De Candia, Luqa    Tel: 2180 3774    Mob: 9986 4307
**NEAR LELA PET SHOP**

kif ukoll minn sezzjonijiet oħra. Saret maratona tal-liedna, biex b'hekk titkompla Triq Sant'Andrija, u li ftit minnha ġiet użata meta r-raħal ta'Ħal Luqa liebes il-libsa ta' festa f'Ħadd il-Għid meta għal ewwel darba saret l-ewwel purċissjoni bl-istatwa mill-isbah ta' Kristu Rxoxt. Il-każin ġie armat kif jixraq għal festa liturġika kemm bil-liedna kif ukoll bil-bnadar li jintużaw waqt il-marċi fil-jiem tal-Festa, saru hoodies ħomor bil-kliem 30 ta'Novembru biex setgħu jintlibsu għal waqt il-marc brijuż li ġie organizzat mill-Banda l-Unjoni imbgħad wara l-istess marċ sar Red Gathering għal partitarji preżenti.

Kif għaddiet il-festa liturġika ta' Sant' Andrija bdiet tintrama l-faċċata għal żmien il-Milied. Biss il-preparamenti bdew għal Settembru fejn kienu xhur impenjattivi għal membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ u kif ukoll membri oħra fi ħdan din is-Soċjetà biex l-10 sena Anniversarju minn meta ġie varat il-proġett tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni, 'The Facade in Yuletide' jibqa' jitfakkar u jkun wieħed ta' suċċess kif kien.

Wara l-festi tal-Milied, il-kumitat reġgħa ltaqgħa fejn ħarstu marret lejn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u kif ukoll lejn il-festa Titulari ad unur l-Appostlu Sant'Andrija. Għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira itellgħet wirja oħra ta' livell għoli bl-isem 'Dolentem Cum Filio' li l-attendenza tagħha għal din il-wirja kienet wisq tajba b'tifħir għall-organizzazjoni ta' din l-istess wirja.

Fil-21 t'April, id-data li tniżżlet b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' din is-Soċjetà sar il-kunċert 'Movies at the Palace' mill-Banda L-Unjoni li mingħajr ebda tlaqliq kien wieħed ta' suċċess. Il-membri ta' din is-sezzjoni ħadu ħsieb l-organizzazzjoni dakinhar tal-kunċert kif ukoll fl-armar kemm tal-palk u affarijiet oħra li flimkien ma' membri oħra ta' din is-Soċjetà għenu lil kumitat ċentrali biex dan il-kunċert ikun wieħed ta' suċċess



COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999 Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com




kif kien. Mill-ġdid prosit lill-kumitat ċentrali, lis-Surmast tal-Banda tagħna Mro John. David Żammit kif ukoll lil bandisti kollha, grazzi u prosit tagħmluna kburin li aħna niffurmaw parti minn din is-Soċjetà hekk glorjuża.

Issa ninsabu fix-xahar ta' Ġunju li fih niċċelebraw il-festa titulari, ix-xahar li din is-sezzjoni tippreżenta l-ħidma tagħha. Wara nuqqas ta' 13-il sena din is-sezzjoni reġgħet ħarġet *gear* tal-festa li ntlaqa' tajjeb mill-partitarji u soċji ta' dan il-każin kif ukoll flokk iehor għal dawk kollha li ma lahqux jibbukjaw l-istess *gear*. Inħarġet diska ġdida bl-isem 'Inti Patrun tal-Ħalluqin' b'mużika ta' Neil Żammit u kliem ta' Andrè Penza jkantaw Tiziana Calleja u Eleaonor Cassar li minn hawn ngħidilhom grazzi li sibna koperazzjoni sħiħa minnhom.

Apparti sorpriżi varji biex nkabbru iktar il-marċi, din is-sezzjoni ħasbet biex Triq San Ġorġ, triq li minnha tgħaddi l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu għat-tielet darba fl-istorja tal-istess triq se tibda tiġi armata bil-pavaljuni b'disinn ta' Silvio Pace, ħjata ta' Henry Attard u sfurmar f'idejn Redrian Micallef. Din it-triq li se tibda tiġi armata b'sitt pavaljuni ġodda li tnejn minnhom se jiżżanżnu nhar il-Hamis 28 ta' Ġunju wara l-programm mużikali li l-Banda tesebixxi ta' kull sena fuq il-planċier artistiku tagħha.

Qabel ma ngħalaq dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil Kumitat Ċentrali ta' din is-Soċjetà li dejjem sibnihom warajna f'kull attività li għamilna, lis-sezzjoni Nisa u li flimkien ma' Anthea Spiteri l-għajnuna tagħhom kienet wisq apprezzabli fl-organizzar tat-Tombli kif ukoll lil bqija tas-sezzjonijiet fi ħdan din is-Soċjetà hekk kbira. Personalment nixtieq nirringrazzja lil ex-membri ta' din is-sezzjoni li meta tlabt l-għajnuna tagħhom kienu hemm waraja kif ukoll lil membri ta' din is-sezzjoni li ħdimna id f'id għal għan wieħed li nkabbru l-festa Ħalluqija.

F'ismi u f'isem il-membri ta' din is-sezzjoni nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Sant' Andrija

Viva l-Banda L-Unjoni

SEZZJONI
ŻGĦAŻAGĦ
AJKLIERI
LUQA | A.D.1997




# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake &
Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved
Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com






# Radju Sant Andrija

*Leħen il-Komunità Ħalluqija*

**Patrick Camilleri**

Il-frekwenza ta' 88.4fm saret sinonima mal-festa ta' Sant'Andrija u ta' kull sena bqajna ninvestu sabiex ikollna trażmissjonijiet aktar ta' kwalità kif ukoll sabiex inwasslu programmi ta' interess, kemm lil-Luqin kif ukoll lil dawk li jgħixu barra minn xtutna.

*Social media* matul dawn l-aħħar snin kellha impatt kbir fejn tidħol il-komunikazzjoni u issa qegħdin inħarsu lejn il-possibiltà li Radju Sant'Andrija jkun jista' joffri l-alternattiva li minbarra li nittrażmettu l-festa b'mob dirett fuq il-frekwenza 88.4fm, inkunu nistgħu nwessgħu l-prodott tagħna permezz ta' xandiriet live fuq *Facebook live* jew *youtube live*. Dan l-investiment ser ikun qiegħed żgur jinżel tajjeb ħafna ma' ħutna l-Luqin li jgħixu barra minn xtutna li forsi ma jkunux jistgħu jkunu magħna matul il-ġimgħa tal-festa.

Ta' kull sena l-appell tagħna jkun sabiex matul dawn iż-żminijiet ta' festi kulħadd isegwi l-frekwenza 88.4fm. Dan sabiex intom tkunu infurmati b'dak kollu li jkun qed jiġri kemm fi ħdan is-Soċjetà tagħna kif ukoll dak li jkun qed jiġri fil-festi interni matul il-ġimgħa kollha. Minn hawn xtaqt inwassal l-awguri tiegħi lis-Sur Raymond Saliba li minn dan is-Sajf ser ikun qiegħed imexxi programm fuq stazzjon ewlieni f'Malta. Dan huwa eżempju ta' kif għaqdiet bħal tagħna jistgħu jwasslu sabiex dak id-delizzju li wieħed ikollu jista' jesprimih u jitgħallem iħaddem it-talenti tiegħu.

Minn hawn nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Ħal Luqin kollha.

# *Sefora's Nail Tech*

Full set €28.00 incl. nail art
Infills €20.00 incl. nail art
Nail art from €5.00

**Mob: 7981 3588**

Find us on: facebook Nails by Sef







# Stephen Mini Market

St George's Street, Luqa

**Mob: 9946 5227**




*For all kind of groceries,*
*fresh fruit, vegetables and detergents*







# Leħen is-Soċjetà fuq il-mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali

**Kevin Camilleri**

Għaddiet sena oħra u erġajna ninsabu fiż-żmien fejn Ħal Luqa qed tiċċelebra l-festa tal-patrun Sant'Andrija. Żmien fejn l-entużjażmu u l-preparamenti jkunu fl-aqwa tagħhom. Bħal dejjem l-impenn tagħna huwa li nżommukom aġġornati b'dak kollu li jkun qed jiġri fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Id-dinja li qed ngħixu fiha llum qiegħda kontinwament tiżviluppa u s-Soċjetà tagħna jeħtieġ li timxi bl-istess ritmu sabiex tibqa' waħda ħajja u dinamika. U għalhekk irridu naħdmu kontinwament biex nipprovdu informazzjoni interessanti u immedjata lill-qarrejja u s-segwaċi tagħna sabiex wara kollox inkomplu nkabbru l-għarfien tas-Soċjetà tagħna madwar id-dinja.

U hawnhekk nieħu l-okkażjoni sabiex nistieden lil dawk l-artikolisti kollha li jixtiequ jikkontribwixxu permezz tal-kitba tagħhom dwar kwalunkwe suġġett relatat mar-raħal tagħna ta' Ħal Luqa u l-Patrun Sant'Andrija. L-għan tagħna dejjem kien li nkabbru isem is-Soċjetà tagħna u nwegħdukom l-impenn sħiħ tagħna f'dan il-qasam. Il-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom huma dejjem milqugħa sabiex inkomplu ntejbu l-viżwal u l-kontenut tas-siti elettroniċi tagħna u tal-paġni tagħna fuq il-mezzi soċjali.

Intemm dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.




Gwann Mamo
Street, Luqa
Tel: 21 823 069
dragonscenter.com
facebook.com/dragonscenter
info@dragonscenter.com
DRAGON'S CENTER
MARTIAL ARTS
& COMBAT SPORTS SUPPLIES
LUQA
SUPPLIERS OF ALL KINDS OF
MARTIAL ARTS AND COMBAT SPORTS
WEAR, EQUIPMENT AND WEAPONS
CORNER WITH THE JIUSHIN KAN DOJO - MARTIAL ARTS SCHOOL
WWW.JIUSHINKANMALTA.ORG - WWW.FACEBOOK.COM/JIUSHINKAN


GAUCI BORDA FLAGS & BANNERS
For all types of flags in :-
NYLON / WOOL
or
POLYESTER bunting.
We also supply wire ropes complete
with accessories for flag poles.
GAUCI BORDA & CO. LTD.
36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com



# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda

Il-festi ddedikati lill-qaddisin patruni huma sinonimi mal-ħajja tal-ibliet u tal-irħula tagħna. Huma espressjoni reliġjuża, kulturali u tradizzjonali li naraw bħala parti integrali tal-ħajja tagħna bħala poplu. Is-sehem tal-Każini tal-Banda f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huma wieħed fundamentali li aħna bħala Għaqda Każini tal-Banda flimkien mal-każini u mal-komunità inġenerali rridu naħdmu biex naraw li dan is-sehem jissaħħaħ, jinfirex aktar ħalli aktar żgħażagħ jieħdu sehem aktar attiv mhux biss fl-organizzazzjoni tal-festi imma anke fl-amministrazzjoni tal-każini tagħna.

Huwa fatt li ma jistax jiġi miċħud li l-każini tagħna huma fihom infushom skejjel ta' tagħlim. Tagħlim mhux biss mużikali imma anke tagħlim ta' amministrazzjoni u tal-valuri sbieħ tal-ħajja. Il-każini jistgħu u għandhom post fejn fiha tissawwar aktar is-sena ta' lealtà u sens ta' appartenenza (a sense of belonging) li tant huwa tajjeb biex fiż-żgħażagħ tagħna jkompli jissawru l-valuri sbieħ li għallmuna missirijietna u anke l-Knisja Kattolika. Dan jista' jsir billi anke fl-organizzazzjoni tal-festi tagħna, jkomplu jingħataw spazju biex juru t-talenti sbieħ li ż-żgħażagħ tagħna huma mogħnijin bihom. Madankollu ż-żgħażagħ iridu wkoll juru maturità u serjetà li waqt il-festi jġibu ruħhom kif jixraq u dan biex ikunu ta' eżempju kemm għaż-żgħażagħ bħalhom imma anke għal dawk li huma iżgħar minnhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tagħna jistgħu jkunu sbieħ daqskemm jistgħu jkunu koroh. Kollox jiddependi b'liema mod jiġu organizzati u ċċelebrati u kif iż-żgħażagħ tagħna huma kapaċi jgħollu l-livell tagħhom biex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet verament ikattru dak is-sens ta' appartenenza lejn dak il-każin partikolari imma aktar importanti lejn dik il-komunità fejn jgħixu. Barraminnhekk l-imġiba taż-żgħażagħ għandu jirrifletti s-sens ta' qima sabiħa u nadifa bejn il-qaddis patrun biex anke s-sens ta' fidi naħdmu fuqu ħalli nkattruh. Mingħajr fidi persuna tħossha mitlufa u titlef sens ta' identità personali.

Irridu bħala Għaqda Każini tal-Banda naħdmu u nkunu aħna bħala punt fundamentali ta' referenza li naraw li l-festa tibqa' verament waħda li fiha l-komunità tkun magħquda fit-tiġdid tal-valuri sbieħ tagħha mhux biss dawk kulturali u tradizzjonali imma importanti daqshom dawk reliġjużi u soċjali. Irridu nkomplu naħdmu ħalli dak is-sens ta' appartenenza jissaħħaħ u jinxtered b'mod partikolari maż-żgħażagħ tagħna ħalli lkoll





# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*

naraw li l-festi tagħna festa jintużaw b'mod tajjeb, san u li verament iservu ta' ġid għal kull min jieħu sehem fihom.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba u ngħid grazzi lis-Soċjetà Mużikali u l-membri għall-impenn volontarju tagħhom, u nħeġġeġ li dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet sbieħ ta' festa li tgħaqqad, li tkattar sens ta' appartenenza u li l-poplu jagħraf b'liema responsabbiltà, b'serjetà u maturità l-każini tal-Banda jafu jiċċelebraw il-festa ħalli nħarsu s-sens reliġjuż u sabiħ tagħhom.

The Convenience Shop

Open 6am till 10pm
Monday to Sunday
(even on public holidays)

Tel: 2249 8231



# Ikomplu x-Xogħlijiet ta' Restawr

Joseph Piscopo

Din is-sena tkompla r-restawr ta' diversi affarijiet antiki li tul iż-żmien kienu rregalati lill-Filarmonika *L'Unione,* u li kienu fi stat ħażin ħafna. Ir-restawr ta' dawn l-oġġetti antiki jinkludi ħafna xogħol delikat min-nies professjonisti, u allura jkun hemm involuti spejjeż sostanzjali. Però, bis-saħħa ta' diversi skemi li minn żmien għal żmien joħorġu, issa qed ikun possibbli li b'ko-finanzjament minn dawn l-iskemi, nagħmlu dawn ix-xogħlijiet tant meħtieġa li ilhom jistennew biex isir għal ħafna snin.

**Restawr tal-Ewwel Standard tal-Banda**

Kif informajna fil-pubblikazzjonijiet tal-festa tas-sena l-oħra, fis-sena 2016, bis-saħħa tal-*Good Causes Fund* beda r-restawr fuq l-ewwel standard tal-Banda, liema standard sar mat-twaqqif tal-Filarmonika *L'Unione* u hu maħdum fil-ħarir fin.

Dan ir-restawr kien meħtieġ ferm peress li matul is-snin dan l-istandard ġarrab diversi ħsarat speċjalment peress li kien ikun merfugħ bil-wieqaf u allura d-drapp spiċċa ddendel ħafna. Ir-restawraturi Claire Bonavia u Roderick Abela, mid-ditta Recoop ħadmu madwar għaxar xhur ta' xogħol delikat ta' restawr sabiex l-istandard jieħu dehra isbaħ u jkun konservat b'mod professjonali. Dan ix-xogħol kien jinvolvi dokumentazzjoni tal-istat li fih kien jinsab l-istandard, tindif, tneħħija ta' interventi antiki, tpoġġija ta' drapp ta' sapport fuq wara u li miegħu nħit id-drapp oriġinali u tpoġġija ta' saff trasparenti ta' protezzjoni fuq id-drapp kollu.





Dan l-istandard juri l-istemma tas-Soċjetà u juri l-kliem '*L'Unione Vincitrice*' - '*L-Unjoni Rebbieħa*' fuq skroll twil; dan b'referenza għall-famuża firda li kien hemm

dak iż-żmien dwar l-isem u s-surmast tas-Soċjetà. Dan l-istandard għamel żmien twil jintuża tant li jidher f'diversi ritratti tal-Banda sa tmiem is-snin tletin. Ta' min jgħid li fis-sena 1980, fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, is-Sur John Cauchi kien irregala replika ta' dan l-istandard uniku.

L-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett ta' restawr saret nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017 mill-Onor. Owen Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Fil-kelmtejn li għamel il-Ministru, huwa faħħar bis-sħiħ il-ħidma tal-Għaqdiet Mużikali u saħaq fuq l-impenn li għandu sabiex jara dawn l-Għaqdiet jieħdu fondi sabiex ikunu jistgħu iwettqu proġetti simili ta' restawr.






**Il-Bandalora Rjali tar-Reġina Vittorja (1897)**

Id-dittar Recoop reġgħet ġiet ikkummissjonata mis-Soċjetà tagħna sabiex tagħmel proġett ta' restawr ieħor; din id-darba ta' bandalora tas-sena 1897. Din il-bandalora wkoll sofriet ħsarat kbar tul is-snin, tant li l-kuluri reħew ma' xulxin, minħabba l-umdità. Is-sena 1897 kienet sena ta' ċelebrazzjonijiet kbar mar-Renju kollu Ingliż u dan peress li r-Reġina Vittorja kienet qed tiċċelebra s-sittin sena minn mindu kienet inkurunata bħala Reġina. Fost id-diversi attivitajiet li kienu saru fil-Belt Valletta għal din l-okkażjoni unika, kienet saret sfilata bil-parteċipazzjoni tal-baned Maltin. Fost dawk li kienu pparteċipaw kien hemm il-Banda *L'Unione*, li kienet ingħatat bandalora u medalja bħala rikonoxximent.

L-intervent fuq din il-bandalora issa hu miexi sew u nittamaw li sa tmiem din is-sena tkun lura fil-każin tagħna. Dan ir-restawr qed isir b'fondi minn skema maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti, bil-koperazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda.

Sabiex dawn l-oġġetti storiċi jkunu konservati b'mod li ma ssirilhomx aktar ħsara beda wkoll ix-xogħol fuq conservation and display cabinet maħdum mill-ġewż minn Joe Aquilina. Dan il-cabinet ser ikollu diversi kxaxen sabiex dawn l-istandardi, u oħrajn, ikunu merfugħa mindudin u b'mod li m'hemmx għalfejn jitmissu. B'dan il-mod aħna ser ngħaddu dawn it-tifkiriet uniċi li għandha s-Soċjetà tagħna fi stat ferm aħjar milli aħna stess sibniehom.

Il-Kumitat jirringrazzja lir-restawraturi tad-ditta *Recoop* tal-koperazzjoni tagħhom u lil dawk kollha li għenu sabiex dawn it-tliet proġetti setgħu jitwettqu.




MOVIES
AT THE
PALACE
21 . 04 . 2018
SAN ANTON PALACE
JOHN DAVID ZAMMIT







TAKE OFF

# Bar & Restaurant

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



fgp

*The Garage Door People*

**Serving You Since 1962**

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

**INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS**

· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt



# *Movies at the Palace*

## Il-Filarmonika *L'Unione* terġa' tikteb l-istorja ... din id-darba mill-Palazz ta' San Anton

**Neil Zammit**

Isem il-Filarmonika *L'Unione* kien u għadu sinonimu ma' livell mużikali għoli u professsjonali li kapaċi toffri din il-Banda daqstant popolari fil-gżejjer Maltin. U dan ma ngħiduhx aħna biss, iżda kull min iħobb u jammira l-baned ġewwa pajjiżna. B'dan aħna niftaħru, u bir-raġun għaliex il-baned qed jingħataw l-istima li verament jixirqilhom. Il-Filarmonika *L'Unione* għandha potenzjal ferm qawwi u kapaċi torganizza avvenimenti uniċi li ftit li xejn tara bħalhom ġewwa pajjiżna f'dak li jirrigwarda x-xena bandistika lokali. U kien propju dan il-kunċert *'Movies at the Palace'* tas-Sibt 21 t'April 2018 li reġa' ta lill-Filarmonika *L'Unione* t-tifħir mistħoqq.

L-idea nibtet propju f'nofs is-sena li għaddiet. Wara s-suċċess li ksibna fil-kunċert ta' mużika sagra ġewwa l-Knisja Parrokkjali, issa kien imiss xi ħaġa oħra differenti u li fl-istess ħin tolqot il-gosti ta' kulħadd. Ridna mmorru għal xi ħaġa differenti minn tas-soltu, u fl-istess ħin oriġinali fl-iskop u l-kuntest tagħha. Il-ħsibijiet u l-ideat ma kinux ftit, tant li saru għadd ta' diskussjonijiet 'il fejn xtaqna mmorru. Wara konsultazzjoni sħiħa mas-Surmast Direttur u l-Kumitat tad-Direzzjoni, ġie deċiż li għandna nidħlu fid-dinja tal-mużika ċinematografika. Għalhekk, wara li ttieħdet din id-deċiżjoni, ġie deċiż li nibnu proġett li jiffoka fuq din it-tip ta' mużika u napplikaw għall-għajnuna tal-Fond Komunitajiet Kreattivi tal-Kunsill Malti Għall-Arti, liema applikazzjoni ġiet milqugħa. Dan il-proġett, li l-attività prinċipali tiegħu kien propju dan il-kunċert, jġib l-isem *'Reaching the Young Through Film Music.'*




Ħafna kienu dawk il-kompożituri kbar li tul is-snin li għaddew kitbu mużika mill-isbaħ għal diversi films popolari mad-dinja kollha. Tant hu hekk li l-għażla tar-repertorju ma kinitx waħd faċli. Dan sabiex wieħed iżomm bilanċ u jifrex għall-gosti ta' kulħadd. Minn


















# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**

SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now
SIMPATIA CRAI
outlet

FREE
DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

films riċenti għal films aktar antiki, l-għażla waqgħet fuq erbatax-il xogħol mużikali. Il-programm kien jinkludi dawn is-siltiet:

- E.T. - The Extra Terrestrial - **Fanfare** - J. Williams
- Once Upon A Time in America - **Deborah's Theme** - E. Morricone
- Dances with Wolves - **The John Dunbar Theme** - J. Barry
- The Mask of Zorro - **Selection** - J. Horner
- The Da Vinci Code - **Chevaliers De Sangreal** - H. Zimmer
- The Last of the Mohicans - **Selection** - T. Jones & R. Edelman
- Star Wars - **Battle of the Heroes** - J. Williams
- The Missing - **Lilly's Fate is in these hands & Profound Loss** - J. Horner
- Transformers - **Arrival to Earth** - S. Jablonsky
- Gladiator - **Selection** - H. Zimmer & L. Gerard
- Rocky - **Gonna Fly Now** - B. Conti
- James Bond 007 - **Selection** - Kompożituri Varji
- The Chronicles of Narnia - **The Battle Song** - H. Gregson - Williams
- Lord of the Rings - **The Breaking of the Fellowship** - May it Be - The End of All Things - H. Shore

Numru ta' arranġamenti mużikali saru mis-Surmast Direttur John D. Zammit, li b'deteriminazzjoni kbira flimkien ma' dawk li ħadmu qrib tiegħu, irnexxilna lkoll naslu għal dan ir-riżultat mixtieq. Arraġamenti mużikali oħra saru mill-Assistent Surmast Norbert Camilleri u l-Arkivista Neil Zammit. Ta' min wieħed isemmi li flimkien mal-banda, ingħaqdu wkoll strumenti varji li s-soltu narawhom fl-orkestri bħalma huma l-arpa, il-fagott, l-oboe, l-vjolini, vjolinċelli u kuntrabaxxi. Dawn l-istrumenti komplew taw lill-banda bixra aktar partikolari, b'ħoss sabiħ u li jqarreb aktar lejn il-ħoss tal-mużika ċinematografika li mdorrijin nisimgħu. Mal-banda ħa sehem ukoll il-Coro Bel Canto, li akkumpanja lill-banda f'diversi siltiet, kif ukoll it-tfajjel Sebastian Aquilina bil-vuċi sabiħa tiegħu.

Bla dubju ta' xejn, apparti l-mużika li tkun ser tiġi esegwita, ikun jonqos ukoll il-loġistika u l-fondi neċessarji sabiex ikopru l-ispejjeż kbar li jinvolvi kunċert ta' dan il-livell. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem illi hekk kif l-idea bdiet tissawwar u timmaterjalizza, l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca minnufih laqgħet it-talba tagħna sabiex dan il-kunċert jittella' fil-bitħa ta' San Anton b'risq il-*Malta Community Chest Fund Foundation*. Sibna koperazzjoni sħiħa mill-istaff tal-Uffiċċju tal-President, b'mod speċjali mingħand is-sinjuri John Camilleri u Marie Spiteri, li kontinwament taw l-għajnuna tagħhom f'kull ma rrikjedielna.

Sabiex ikollna marketing professjonali ġie inkarigat il-mużiċist tagħna s-Sur Karl Camilleri li għamel *branding* tal-kunċert tassew sabiħ u oriġinali. Dan għenna sabiex attirajna udjenza ta' madwar sitt mitt ruħ, bil-biljietti jinbiegħu kollha xahar qabel il-kunċert, u b'domanda sabiex inżidu s-*seating*. Ta' min jgħid li sabiex dan seta' jseħħ assigurajna intervisti fuq diversi programmi ta' natura kulturali, kemm fuq it-televiżjoni, kif ukoll fuq ir-radju. Kellna wkoll materjal pubbliċitarju ppubblika f'diversi gazzetti, kif ukoll fuq il-media soċjali.

Marbuta mal-loġistika, kellna bżonn ukoll naħsbu għall-palk kbir, effetti viżivi, filmati u dak kollu li jeħtieġ kunċert ta' dan il-kalibru. Grazzi għas-Sur George














MOVIES
AT THE
PALACE

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPCQ porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com



# BERNARD

*ta' Twanny*
Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott

Azzopardi, irnexxilna jkollna palk mill-isbaħ, attrezzat bl-aqwa tagħmir u apparat kif titlob din l-okkażjoni. Barraminnhekk, is-Sinjuri Lawrence Cassar, Andrew Zammit, Andrè Magri flimkien mal-ħaddiema tan-*Nexos Lighting* ħadu ħsieb b'mod mill-aktar professjonali d-dawl li kompla ta atmosfera maġika lill-kunċert. Is-siltiet kienu akkumpanjati mill-viżwali li



nħadmu għal din l-okkażjoni mis-Sur Norbert Friggieri ta' Evolution Media. Bħas-soltu is-sound tħalla f'idejn is-Sur Sergio Costa, filwaqt li l-filming u l-fotografija ġew fdati lis-Sur Jonathan Farrugia ta' *Flash Productions* u lis-Sur Emanuel Cauchi rispettivament. F'dak li għandu x'jaqsam *health and safety* kellna l-għajnuna tas-Sur Stanley Azopardi kif ukoll tal-inġiner Johan Psaila.

Il-kunċert ġie ppreżentat minn Sarah Lee Zammit u kien taħt il-Patroċinju tal-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta. Udjenza kbira ta' 'l fuq minn sitt mitt ruħ imliet il-bitħa tal-Palazz u assistiet għal dn il-kunċert uniku tax-xorta tiegħu. Il-flus li nġabru mill-biljetti ngħataw b'donazzjoni lill-President ta' malta lejn l-aħħar tal-kunċert b'risq il-Malta Community Chest Fund Foundation. Il-President tas-Soċjetà Joseph Piscopo rringrazzja lill-Eċċellenza tagħha tal-għajnuna u l-inkoraġġiment tagħha sabeix seta' jittella' dan il-kunċert. Min-naħa tagħha, il-President ta' Malta faħħret lill-Filarmonika *L'Unione* u bla tlaqliq saħqet li fitti huma dawn il-baned li jtellgħu kunċerti ta' dan il-kalibru.

Ma nistax nagħlaq qabel ma nirringrazzja lill-Kunsill Malti Għall-Arti li hu bis-saħħa tal-għajnuna li qed joffri lill-għaqdiet fil-komunità li qed jirnexxielna ninvestu aktar fil-kunċerti tagħna ħalli jsiru dejjem aktar professjonali. Grazzi speċjali tmur ukoll għall-isponsors prinċipali *Construct Furniture*, *Farsons* u *Agenda Bookshops*.



28 The Malta Independent on Sunday | 6 May 20

**Music**



## A spectacular concert of cinematographic soundtracks – Movies at the Palace

Dr Lydia Buttigieg

On Saturday, 21 April, the Socjeta' Filarmonika L-Unjoni of Luqa, under the direction of Mro John David Zammit presented yet another outstanding concert held at the courtyard of San Anton Palace. The musical repertoire for this concert was taken entirely from cinematographic soundtrack movies. The event was organised under the distinguished patronage of H.E. Marie Louise Coleiro Preca, supported by Creative Communities and Malta Arts Funds, with proceeds going in aid of the Community Chest Fund Foundation.

The fully-fledged orchestra, which not only comprised the resident band members of the Socjeta' Filarmonika L-Unjoni of Luqa, but also included some unusual instruments which are not normally associated with a brass band, such as the strings and percussion sections that included the harp, bass guitars and two pianos. There was also the participation of Coro Bel Canto choir.

Much of the selected musical repertoire for the evening was purposely arranged for the band and string orchestra by the resident conductor himself, and also by Norbert Camilleri and Neil Zammit. To organise a concert of this calibre involves months of score arrangements, including rehearsal preparations that commenced earlier on this year.

The first part of the concert opened with a fanfare taken from the 1982 film *E. T. the Extra-Terrestrial* written by American composer John Williams and directed by Steven Spielberg. This was followed by *Deborah's Theme*, a serene and subtle piece composed by one of my favourite Italian composers Ennio Morricone from the film *Once Upon a Time in America*. It was sung by the very talented young singer Sebastian Aquilina who made his first debut as a singer during this concert.

In 1998, *The Mask of Zorro* directed by Steven Spielberg was one of the favourite films among cinema-goers, with Antonio Banderas and Catherine Zeta-Jones as the main protagonists. Written by James Horner, the theme of the film was executed brilliantly and with finesse, presenting the lyrical theme on the strings with some profound effects by the brass and percussion.

Two years after Spielberg's film, an American epic Western film featuring Kevin Costner who was the main protagonist, also directed and produced the film *Dances with Wolves*. Together with the participation of Coro Bel Canto, supported by the band, the piece was superbly executed with assurance and confidence.

The 2006 controversial cinema film the *Da Vinci Code* was composed by none other than Hans Zimmer. The majestic theme from *Chevaliers de Sangreal* was arranged for the band and choir by Neil Zammit, giving prominence to the strings and brass, while being continuously accompanied by subtle arpeggiated passages on the harp.

The last two pieces for the first half of the programme were a selection from the film *The Last of the Mohicans* which was originally composed by Trevor Jones and Randy Edelman. This was followed by the science fiction film *Star Wars* were two excerpts were performed – *Battle of the Heroes* and *Revenge of the Sith*.

During the second half of the programme, the assistant bandmaster Norbert Camilleri conducted and also arranged two excerpts from the film *The Missing*. An epic Western film which came out 15 years ago was composed by the American composer, conductor and arranger James Horner. The band performed two contrasting pieces – *Lilly's Fate is in Those Hands* and *Profound Loss*.

The band also performed the soundtrack theme from the first film, which was issued in 2007, of the famous science fiction, *Transformers*. Written by the American composer Steve Jablonsky, with the participation of Coro Bel Canto, the band and choir executed the excerpt *Arrival to Earth* with great density, assurance and firmness of tone control.

The latter part of the concert was entirely focused on some of the best films which have emerged so far. *Gladiator* is a 2000 epic historical drama film with it main protagonist Russell Crowe. The Oscar-nominated score was composed by Hans Zimmer and Lisa Gerrard. The majestic principal theme of the film was superbly expressed with great sensitiveness and emotion.

The next two contrasting soundtracks but rather upbeat music in the programme are considered to be the greatest films ever released – *Rocky* and *James Bond 007*. *Gonna Fly Now* composed by Bill Conti is the most famous theme which was first released in 1977. The band and the Coro Bel Canto performed with great control and dominance. The Rocky Balboa film was followed by the principal theme of *James Bond 007*, greatly appreciated by the audience.

The concert concluded by two fantasy films – *The Chronicles of Narnia* and *The Lord of the Rings*. Both arranged for the band by the resident bandmaster John David Zammit, the theme from *The Battle* taken from the film *The Lion, The Witch and The Wardrobe* was composed by the English composer Harry Gregson-Williams.

Three pieces from the film *The Lord of the Rings*, *The Breaking of the Fellowship*, *May It Be* and *The End of All Things*, with the participation of the Coro Bel Canto and the young singer Sebastian Aquilina, concluded the concert.

The Socjeta' Filarmonika L-Unjoni of Luqa, under the direction of Mro Zammit presented an outstanding and superb concert which was highly appreciated by the audience. The President thanked the Luqa band, choir and the committee for their hard work in organising this high calibre concert.

A truly memorable concert, which I hope would not be the last to hear from such talented artists.








Movies at the Palace

Palazz Sant' Anton 21 ta' April 2018

Grazzi wkoll lill-President tagħna s-Sur Joseph Piscopo li ħadem qatigħ sabiex stajna naslu s'hawn, kif ukoll lis-Surmast Direttur John D. Zammit tal-kontribut siewi tiegħu. Radd il-ħajr lid-Delegat tal-Banda s-Sur Joe Bezzina, li kkoridna madwar mitt mużiċist li ħadu sehem, lill-Assistent Surmast Norbert Camilleri, kif ukoll lill-membri kollha l-oħra tal-Kumitat Ċentrali li taw l-għajnuna tagħhom f'dak kollu li kien hemm bżonn.

Il-kummenti sbieħ li rċivejna wara l-kunċert, anke minn diversi mużiċisti professjonali, żgur li jimliena b'aktar entużjażmu għal quddiem. Fost dawn il-kummenti żgur li għadu jidwi f'widnejna l-apprezzament tal-E.T. President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca li ddeskriviet lill-Banda tagħna bħala *"waħda li mhux biss tagħti ġieħ lil Ħalluqin imma wkoll lill-Maltin."*

Kburin b'dawk li wettaqna … inħarsu għalli ġej!

Evviva l-Filarmonika *L'Unione*!




Programm
Festa 2018

# Programm tal-Festi Solenni fit-Tempju Andrean f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Ħal Luqa

### Il-Ħadd 24 ta' Ġunju 2018
***Jum iż-Żgħażagħ***

**10:30am** Quddiesa speċjali għaż-żgħażagħ fil-Knisja Parrokkjali. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet soċjali. Iqaddes ir-Rev. Franco Fenech.

**12:00pm** Tindaqq il-mota tradizzjonali tat-tħabbira tal-festa.

### It-Tnejn 25 ta' Ġunju 2018
***Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Soċjali***

**6:30pm** Jitlaq Korteo mill-Knisja Parrokkjali għal ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu ta' Wied il-Knejjes sabiex nagħtu ġieħ lill-patrun tagħna u lil missirijietna. F'isem l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet kollha tal-Parroċċa, is-Sindku flimkien mal-Kappillan ipoġġu kuruna tar-rand f'riġlejn l-istatwa. Wara jkompli l-korteo għall-Knisja Parrokkjali.

**7:00pm** Quddiesa Kantata mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof Emeritu, fil-Knisja Parrokkjali. Fi tmiem il-quddiesa jiġu inawgurati ż-żewġ linef il-kbar tal-kappelluni u jitbierku minn Mons. Arċisqof Cremona. Wara titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* filwaqt li jsir il-ħruġ tal-vara titulari ta' Sant'Andrija min-niċċa.

**8:00pm** Il-Filarmonika *L'Unione* flimkien mal-komunità parrokkjali jsellmu lil Sant' Andrija bl-Innu Popolari.

### It-Tlieta 26 ta' Ġunju 2018
***Jum it-Tfal***

**6:30pm** Quddiesa għat-tfal kollha tal-parroċċa ġewwa l-Knisja Parrokkjali mmexxija mir-Rev. Kan. Luke Cutajar, Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Sant'Anna, Marsaskala. Wara toħroġ purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' Sant'Andrija li tgħaddi minn Misraħ Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija u lura fil-Knisja. Wara t-tfal

kollha mistiedna sabiex imorru l-qasam tal-MUSEUM fejn ikun hemm logħob u attivitajiet oħra.

## L-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2018

***Jum l-Emigranti***

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tal-Ewwel Tridu mmexxija mir-Rev. Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza. Issir ukoll il-vestizzjoni tal-abbatini l-ġodda. Jagħmel l-omelija tat-Tridu r-Rev. Kan. Emanuel Schembri, Viċi Parroku tal-Kolleġġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-*Antifona Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali. Mistiedna speċjali l-emigranti li jkunu fostna għall-jiem tal-Festa.

## Il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2018

***It-Tieni Jum tat-Tridu - Jum il-Morda u l-Familja***

**9:30am** Ċelebrazzjoni għall-morda li jinsabu d-dar u l-anzjani tal-Parroċċa residenti f'San Vinċenz de Paule. Iqaddes ir-Rev. Patri Maurice Caruana M.S.S.P.

**6.30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tieni Tridu mmexxija mir-Rev. Kan. Dun Marc Andrè Camilleri, Kappillan tal-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Jagħmel l-omelija tat-Tridu r-Rev. Kan. Emanuel Schembri, Viċi Parroku tal-Kolleġġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-*Antifona Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali. Mistiedna speċjali l-familji u l-koppji miżżewġin speċjalment dawk li qegħdin jiċċelebraw l-għaxra, ħamsa u għoxrin, ħamsin sena żwieġ u dawk li żżewġu matul din is-sena. Wara jkun hemm il-preżentazzjoni lil Sant'Andrija tat-trabi li twieldu matul din is-sena, fejn nitolbu wkoll il-Barka fuq il-ġenituri tagħhom biex tgħinhom fit-trobbija ta' uliedhom.

## Il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju 2018

***It-Tielet Jum tat-Tridu - Jum il-Vokazzjonijiet***

**5:00pm** Qrar.

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tielet Tridu mmexxija mill-Wisq Rev. Kan. Michael Zammit, Kappillan. Jagħmel l-omelija tat-Tridu r-Rev. Kan. Emanuel Schembri, Viċi Parroku tal-Kolleġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu tal-Appostli u l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali. Mistiedna speċjali huma r-Reliġjużi u dawk kollha li għandhom saċerdoti, patrijiet u sorijiet jiġu minnhom.

## Is-Sibt 30 ta' Ġunju 2018

***Lejliet il-Festa***

**9:00am** Quddiesa ta' Ringrazzjament. Iqaddes ir-Rev. Fr. Dominic Cachia MSSP. Wara jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

**9:30am** Qrar sal-10.30am.

**5:00pm** Qrar.

**6:00pm** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' Sant'Andrija Appostlu mill-Knisja tal-Madonna tal-Ftajjar għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu tal-Appostli u tal-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*. Jieħdu sehem il-fratellanzi tal-parroċċa, il-kleru u l-abbatini. Wara jsir il-kant tal-Primi Vespri Solenni ta' Lejliet il-Festa u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi l-Wisq Rev. Kan. Robin Camilleri, Arċipriet tal-Bażilika ta' Marija Bambina, Belt Senglea.

**7:15pm** Quddiesa Solenni bl-omelija ta' lejliet il-festa. Iqaddes il-Wisq Rev. Mons. Frans Abdilla, Vigarju Episkopali għall-Kleru u Parroċċi.

**12:00am** Jindaqqu t-tokki tradizzjonali bil-qanpiena l-kbira f'jum is-solennità tal-festa.

## Il-Ħadd 1 ta' Lulju 2018

***Jum il-Festa Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu***

**7:00am** Quddiesa

**9:00am** Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa mmexxija mill-Wisq Rev. Kan. Michael Zammit, Kappillan. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Patri Victor Paul Farrugia O.Carm.

**11:30am** Quddiea Letta.

**5:30pm** Quddiesa Kantata bl-omelija.

**6:15pm** Sekondi Vespri Solenni ta' Nhar il-Festa. Imexxi l-Wisq Rev. Dun Gordon Refalo, Kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Assunta, Ħal Għaxaq.

**7:15pm** Titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tibda ħierġa l-purċissjoni solenni bl-istatwa titulari ta' Sant' Andrija Appostlu, Patrun ta' Ħal Luqa, immexxija mill-Wisq Rev. Dun Gordon Refalo.

**10:30pm** Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu lura fil-Knisja Parrokkjali. Mad-dħul, titkanta l-*Antifona Cum Pervenisset Beatus Andreas*, tingħata l-Barka Sagramentali u ssir ir-Repożizzjoni tar-Relikwa għal fuq l-Altar tal-Madonna taċ-Ċintura.

## Il-Ħadd 8 ta' Lulju 2018

***Quddiesa ta' Radd il-Ħajr***

**10:30am** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr mmexxija mill-Wisq Rev. Kan. Michael Zammit u wara jsir id-dħul tal-vara ta' Sant'Andrija lura fin-niċċa.

Waqt il-jiem tat-Tridu Solenni, lejliet u nhar il-festa, il-quddies ta' filgħaxija jkun animat mill-Kor Parrokkjali bis-sehem tal-organista John Fsadni taħt id-direzzjoni ta' Mro. Norbert Camilleri *L.Mus. L.C.M, LVCM, Dip Sacred Music*. Jiġu esegwiti l-*Missa Sancti Andreae* ta' Norbert Camilleri, *Missa Pro Europa* ta' Berthier u l-*Missa de Angelis*, kif ukoll l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Fra Domenica Anastasi OSA u Dottor Paolo Nani.

Lejlet u nhar il-Festa tindaqq il-mużika tas-Surmastrijiet Ferdinando u Giuseppe Camilleri, Rev. Michael D'Amato u Neil Zammit. Tiġi esegwita l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Ferdinando Camilleri, Dottor Paolo Nani u Fra Domenico Anastasi OSA. Il-kor u l-orkestra jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro. Hermann Farrugia Franz, *Maestro di Cappella*, bis-sehem tal-*Coro Bel Canto* u l-organista Mark Vassallo.

Ċeremonjier waqt il-funzjonijiet kollha ser ikun Bro Vince Axiaq OFM Cap, assistiet minn Patrick Muxi.



# Programm tal-Festi Esterni organizzati mis-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

**Il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju**

**8.00pm** Ikla tradizzjonali tal-festa għall-membri u l-familjari kollha fi Triq Sant'Andrija.

**Is-Sibt 23 ta' Ġunju**

**7.30pm** Tombla Kbira fi Triq Sant'Andrija.

**It-Tnejn 25 ta' Ġunju**

***Ħrug tal-Istatwa Titulari min-niċċa***

**6.30pm** Il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-membri tas-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà jieħdu sehem f'korteo bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-parroċċa.

**7.00pm** Membri tal-Kumitat Ċentrali flimkien mas-Sezzjonijiet kollha jattendu għal quddiesa kantata ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

**8.00pm** Il-Banda *L'Unione* tilqa' l-istatwa ta' Sant'Andrija fil-ħrug tagħha min-niċċa bid-daqq tal-innijiet popolari. Wara jibda marċ li jgħaddi minn Pjazza Sant'Andrija għal Triq id-9 t'April, Triq Dun Giulio Muscat, Triq ir-Rixtellu, Triq Wied il-Knejjes, Triq il-Karmnu, Triq G. Trigance, Triq C. De Candia, Triq Ġorġ Zahra, Triq Sir Ugo Mifsud u Triq Sant'Andrija.

**It-Tlieta 26 ta' Ġunju**

**8.30pm** Riċeviment mogħti mill-Kumitat Ċentrali lill-Mistednin Distinti, Kleru, Kunsill Lokali, Għaqdiet, membri, benefatturi, partitarji u ħbieb tas-Socjetà.

**Il-Ħamis 28 ta' Ġunju**

***It-Tieni Tridu***

**8.30pm** Il-Banda *L'Unione* tesegwixxi programm mużikali fuq il-plancier artistiku fi Pjazza Sant' Andrija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur John D. Zammit *F.V.C.M*.

**10.15pm** Marc brijuż mill-Banda *L-Unjoni* li jibda minn Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Gorg, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija fejn f'nofsillejl nassistu għat-tlugħ tal-istatwa ta' Sant' Andrija fuq il-pedestall, fost il-ferħ tal-partitarji.

## Is-Sibt 30 ta' Ġunju

***Lejlet il-Festa***

**9.15pm** Il-Banda *L'Unione* tibda l-marċ brijuż tant popolari ta' Lejlet il-Festa minn Triq Sant'Andrija u jgħaddi minn Pjazza Sant'Andrija, Misraħ tal-Knisja,Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl, Triq il-Ġdida, Triq Sant' Andrija u Pjazza Sant'Andrija, fejn isir it-tlugħ uniku tal-istatwa tal-Anġlu, simbolu tal-martirju u l-glorja ta' Sant'Andrija Appostlu, fost il-ferħ u l-briju tal-partitarji.

## Il-Ħadd 1 ta' Lulju

***Jum il-Festa***

**9.00am** Membri tal-Kumitat Ċentrali u s-Sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* jattendu għall-Konċelebrazzjoni Solenni ta' nhar il-festa ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

**11.00am** Il-Banda *L'Unione* tferraħ lill-Ħalluqin bil-marċ popolari ta' filgħodu li jgħaddi minn dawn it-toroq: Triq Sant'Andrija, Pjazza Sant'Andrija, Misraħ tal-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Ħabaq, Triq id-Dokkiena, Triq San Pawl, Triq Mons. G. Debono, Triq ir-Rixtellu, Triq il-Karmnu, Pjazza Sant'Andrija, Triq Sant'Andrija, Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl, Pjazza Sant'Andrija u jintemm fi Triq Sant'Andrija quddiem is-sede tas-Soċjetà.

**6.30pm** Il-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ tibda marċ minn Triq Sant' Andrija għal Pjazza Sant' Andrija, Misraħ tal-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant' Andrija u jintemm fi Pjazza Sant' Andrija.

**7.15pm** Il-Banda 12th May takkumpanja l-ħrug tal-purċissjoni minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija, waqt li tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant' Andrija fil-ħruġ tagħha mill-Knisja Parrokkjali bid-daqq tal-innijiet ta' Mro. Gaetano Grech u Mro. Angelo Pace bis-sehem tal-*Coro Bel Canto*. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro. Hermann Farrugia Franz.

**10.00pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija hekk kif jasal fil-pjazza ewlenija bid-daqq tal-*Inno Sant'Andrea*, kompożizzjoni tas-Surmast Orlando Crescimanno (1912).

**10.30pm** Il-Banda 12th May takkumpanja d-dħul tal-purċissjoni u ssellem il-vara ta' Sant'Andrija hekk kif tiddaħħal lura fil-Knisja Parrokkjali bid-daqq tal-innijiet minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija.
Wara, il-Kumitat flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar Sant'Andrija fi ħdan is-Soċjetà tagħna ikunu preżenti fil-knisja sabiex iroddu ħajr lil Alla u lil Sant'Andrija wara li l-festa tkun għaddiet b'wicc il-ġid.

**11.15pm** Il-Banda *L'Unione* tagħlaq il-festa bil-marċ tan-nar tul Triq Sant'Andrija


Emanuel Cauchi

# Programm Mużikali
# mill-Filarmonika *L'Unione*
## Fuq il-Planċier Artistiku
## fi Pjazza Sant'Andrija
## Il-Ħamis, 28 ta' Ġunju fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| **Inno Marcia Sant'Andrea** | **Gaetano Grech** |
| **Intermezzo - Cavalleria Rusticana** | **Pietro Mascagni** |
| **Ammerland** | **Jacob de Haan** |
| **Anvil's Chorus** | **Giuseppe Verdi** |
| **A Joyful Fanfare** | **F. Cesarini** |
| **Romanesque** | **J. Swearingen** |
| **Katruskha** | **I. Hylkila** |
| **The Mask Of Zorro** | **James Horner** |
| **Alegria** | **R. Dupéré / C. Amesse / F. Dragone / M. Tadros**<br>*Bis-sehem ta' Michaela Deguara* |
| **Arrival To Earth** | **S. Jablonsky**<br>Arr. J. D. Zammit |
| **Adagio** | **T. Albinoni / R. Giazotto**<br>Arr. N. Camilleri<br>*Bis-sehem ta' Diane Micallef Castillo* |
| **Pops In The Spots** | Arr. by R. Kernen |
| **Hero** | **M. Carey / W. Afanasieff**<br>Arr. J. D. Zammit<br>*Bis-sehem ta' Eleanor Cassar*<br>*u l-Kor Centre Stage Kids* |
| **Despacito** | **L. Fonsi** |
| **The Show Must Go On** | **B. May**<br>Arr. J. D. Zammit<br>*Bis-sehem ta' Tiziana Calleja*<br>*u l-Kor Centre Stage Kids* |
| **Innu Lill-Banda L-Unjoni** | **Joseph Abela Scolaro** |

**Surmast Direttur: John David Zammit *FVCM***

**Tippreżenta: Graziella Camilleri**

# Marċi
# li ser jindaqqu
# mill-Filarmonika *L'Unione*

| | |
|---|---|
| **Andreas Damian** | John D. Zammit |
| **L-Ajkla Rebbieħa** | Norbert Camilleri |
| **L'Unione Brass Quintet** | Victor Borg |
| **Forza Universali** | Andrew Borg Fiorentino |
| **Janice** | John B. Zarb |
| **The Union Band Stand** | Andrew Zarb |
| **Indrì u Ġuża** | Charles E. Zammit |
| **El Chevalier** | Joseph Casapinta |
| **Victory** | Joseph Abela Scolaro |
| **L-Ewwel Appostlu** | Andrew Fava |
| **30th November** | Neil Zammit |
| **Spirit of Victory** | John D. Zammit |
| **Innu lil Sant'Andrija Appostlu** | Gaetano Grech |
| **Innu lill-Banda L-Unjoni** | Joseph Abela Scolaro |

# Servizzi tal-Filarmonika *L'Unione* 2018

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pussess tal-Kappillan | Marċ | Ħal Luqa | 5 ta' Jannar |
| Ħadd il-Palm | Kunċert ta' Marċi Funebri | Ħal Luqa | 25 ta' Marzu |
| Kristu Rxoxt | Purċissjoni | Ħal Luqa | 1 t'April |
| Movies At The Palace | Kunċert Sinfoniku | Palazz ta' San Anton | 21 t'April |
| San Filep | Marċ u Programm | Ħaż-Żebbug | 10 ta' Ġunju |
| San Nikola | Marċ u Programm | Siġġiewi | 24 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Marċ (Ħruġ Min-Niċċa) | Ħal Luqa | 25 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Programm u Marċ (Tieni Tridu) | Ħal Luqa | 28 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Marċ (Lejlet il-Festa) | Ħal Luqa | 30 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Marċ ta' Filgħodu (Nhar il-Festa) | Ħal Luqa | 1 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ tal-Aħħar (Nhar il-Festa) | Ħal Luqa | 1 ta' Lulju |
| San Ġorġ Martri | Marċ | Belt Victoria | 12 ta' Lulju |
| Santa Marija | Marċ | Mqabba | 12 t'Awwissu |
| San Leonardu | Marċ u Programm | Ħal Kirkop | 19 t'Awwissu |
| Santa Katarina | Marċ | Żurrieq | 2 ta' Settembru |
| Marija Bambina | Marċ | Senglea | 7 ta' Settembru |
| Sant'Andrija | Marċ | Ħal Luqa | 30 ta' Novembru |



# Programm tan-Nar mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione* fl-okkażjoni tal-Festa ta'

# Sant'Andrija Appostlu

**Ħrug min-Niċċa – It-Tnejn 25 ta' Ġunju**

| | |
|---|---|
| **8:00pm** | Salut, kaxxa bomba. |

**L-Ewwel Jum tat-Tridu – L-Erbgħa 27 ta' Ġunju**

| | |
|---|---|
| **8:00am** | Salut |
| **12:00pm** | Salut |
| **8:00pm** | Salut |

**It-Tieni Jum tat-Tridu – Il-Ħamis 28 ta' Ġunju**

| | |
|---|---|
| **8:00am** | Salut |
| **12:00pm** | Salut |
| **8:00pm** | Salut |

**It-Tielet Jum tat-Tridu – Il-Ġimgha 29 ta' Ġunju**

| | |
|---|---|
| **8:00am** | Salut |
| **12:00pm** | Salut |
| **8:00pm** | Salut |

**Lejlet il-Festa – Is-Sibt 30 ta' Ġunju**

| | |
|---|---|
| **9:00am** | Salut tat-*Te Deum* |
| **12:00pm** | Salut |
| **6:00pm** | Salut u kaxxa bomba tat-Transulazzjoni |

**Jum il-Festa – Il-Ħadd 1 ta' Lulju**

| | |
|---|---|
| **8:00am** | Salut |
| **12:00pm** | Salut |
| **7.30pm** | Salut, murtali tal-beraq |
| **10:30pm** | Kaxxa tal-kulur |

**St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta**



# Marċi u Programm mill-Banda 12th May

## Esegwiti nhar il-Festa ta' Sant'Andrija Appostlu
## Il-Ħadd 1 ta' Lulju, 2018

| | |
|---|---|
| In Bocca al Lupo | Hermann Farrugia Frantz |
| Ronnie | William Debattista |
| Lion's Den | Daniel Vella |
| Iz-Zija Bessie | Noel Chircop |
| Natalie | Joseph Vella |
| La Mans | Kristian Schembri |
| Marċi u Bandalori | Anthony Camilleri |
| Silver Wedding Day | Amante Attard |
| Forward | Anthony Aquilina |
| Rio Grande | Joseph Azzopardi |
| Cordova | Vincenzo Ciappara |
| Zozibezz | Andrew Coleiro |
| 16th May 1976 | Anton Muscat Azzopardi |
| Coronation | Luigi Bongailas |

## PROGRAMM

| | |
|---|---|
| **Fanfare for the Common Man** | **Aaron Copland** |
| **Music for the Royal Fireworks** | **George Frederick Handel** |
| **Faust** | **Charles Gounod** |
| **Skyeboat Song** | **Scottish folk song**<br>Hermann Farrugia Frantz, *arr.* |
| **Pagliacci** | **Ruggero Leoncavallo** |
| **How to train your dragon** | **Powell** |
| **Marcia Slava** | **Peter Ilich Tchaikovsky** |

Surmast Direttur: **Hermann Farrugia Frantz**


SOCIETÀ
FILARM.
L'UNIONE
C. LUCA



# Il-Filarmonika *L'Unione* fl-Ewwel Festa Esterna f'ġieħ Kristu Rxoxt

**Neil Zammit**

Ix-xewqa li xi darba jkollna ċ-ċans niċċelebraw il-festa esterna tal-Irxoxt kienet ilha tberren is-snin. Iżda bħal donnu qatt ma kien il-mument opportun sabiex iseħħ dan. Meta fl-2015, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Rev. Dun Gordon Refalo aċċetta t-talba li saritlu mill-Grupp Armar tal-Knisja sabiex iressaqha quddiem l-Arċisqof u fi ftit tal-jiem din l-istess talba ġiet milqugħa, din il-ħolma ta' ħafna reġgħet ġriet fuq fomm kulħadd.

Il-Kumitat tal-Filarmonika L'Unione laqa' bil-ferħ din l-aħbar u mill-ewwel beda jaħseb sabiex jagħti s-sehem tiegħu. Għaldaqstant, meta fl-2017 dan il-proġett beda jimmaterjalizza ruħu, il-Kappillan Refalo laqqa' liż-żewġ Kumitati tal-Każini tal-Banda sabiex jiddiskutu kif ser ikun sehem il-baned. Mill-ewwel qablu li għandha tkun banda waħda ffurmata mill-elementi kollha taż-żewġ baned. Dan sabiex inkunu xempju ta' għaqda u ħbiberija għall-parroċċi oħra ta' madwarna. Dan wassal sabiex ġie ffirmat ftehim bejn il-parroċċa u ż-żewġ każini, propju dakinhar tal-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem il-parrokkat ta' Dun Gordon Refalo f'Ottubru 2017.



Hekk kif inħatar il-kappillan preżenti l-Kan. Michael Zammit, issuktaw minnufih il-laqgħat bejn il-partijiet konċernati sabiex dak li ġie miftiehem iseħħ verament. Ma nistax ngħid li kollox kien ward u żgħar, għax intoppi inqalgħu wkoll. Iżda bil-għajnuna ta' ħafna ta' rieda tajba, u sabiex jirrenja dejjem is-sens komun, kollox baqa' miexi 'l quddiem.

Sebħet l-għodwa ta' Ħadd il-Għid, nhar l-1 ta' April 2018. Għodwa mill-isbaħ u li kienet ilha mistennija minn ħafna għal għexieren ta' snin. Hekk kif feġġet mill-bieb prinċipali mat-Tempju Andrean,











# Festa Kbira f'gieħ Kristu Rxoxt











l-istatwa majestuża u imponenti ta' Kristu Rxoxt nisslet fi qlubna sens ta' ferħ u għaqda li baqgħet sal-aħħar. Iż-żewġ baned daqqew marċi ferrieħa u valzi fl-okkażjoni tul it-triq kollha.

Tassew kienet okkażjoni mill-isbaħ u li ħadd ma xtaq li tgħaddi ħesrem. Għax ngħiduha kif inhi, għal ħafna kienet ħolma, iżda għal dawk li emmnu u ħadmu għaliha żgur li ser tibqa' mfakkra bħala waħda mill-isbaħ ġrajjiet fl-istorja tal-parroċċa u r-raħal tagħna. J'Alla dan l-ispirtu ta' ferħ u għaqda jibqa' jsaltan tul is-sena kollha ħalli sa sena oħra, meta nerġgħu niċċelebraw festa oħra f'ġieħ Kristu Rxoxt, tikber aktar din l-enerġija pożittiva.

Żgur li jkun f'waqtu li f'isem il-Kumitat tal-Filarmonika *L'Unione* nroddu ħajr lill-benefatturi ewlenin tal-istatwa - is-Sinjuri Emanuel u Angela Ciappara, kif ukoll lill-artisti bravi Michael u Adonai Camilleri Cauchi li tassew ħadmu qatigħ sabiex tawna kapolavur fl-injam li saħħar bi ġmielu lill-għajnejn li kellhom ix-xorti li jarawh. Grazzi wkoll lill-benefatturi l-oħra li ħallsu l-gastri u r-restawr tal-bradella u l-bankun. Radd il-ħajr bla dubju lil Dun Gordon Refalo u lill-Kan. Michael Zammit kif ukoll lill-Grupp Armar tal-Knisja u l-voluntiera kollha li ħadmu bis-sħiħ għall-ġid tal-komunità parrokkjali tagħna.

Il-Filarmonika *L'Unione* kburija li kienet parti mill-istorja!





# Ċelebrazzjoni Kbira f'Jum l-Inawgurazzjoni tal-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar

**Neil Zammit**

Wara waqfa ta' aktar minn tliet snin, il-pirotekniċi Ħalluqin fi ħdan il-Kamra tan-Nar Sant'Andrija tal-Każin L-Unjoni, issa jinsabu ferħanin hekk kif nhar it-30 ta' Mejju 2018 ġriet l-aħbar li kien ħareġ il-permess mill-ġdid sabiex dawn jistgħu jerġgħu jipprattikaw id-delizzju li tant huma magħrufa għalih.

Dan għaliex wara l-festa ta' Sant'Andrija tal-2015, kien ordnat mill-awtoritajiet sabiex il-ħidma f'dan il-kumpless tieqaf minħabba miżuri ta' sigurtà u minħabba proviżorji tal-liġijiet il-ġodda. Minn dakinhar 'l hawn, dawn id-dilettanti ħadmu qatigħ sabiex f'dan il-kumpless jiżdiedu miżuri ta' sigurtà għas-saħħa ta' dawk li jipprattikaw il-delizzju tal-piroteknika, filwaqt li saret estensjoni tal-kamra tan-nar biex tiġi konformi mal-parametri li tistabbilixxi l-liġi internazzjonali. Fost dawn il-miżuri, inbidlu diversi soqfa tal-kmamar fejn issir il-manifattura kif ukoll inbena maħżen ġdid. Radd il-ħajr lid-dilettanti tan-nar, lill-ħaddiema u lill-benefatturi kollha li taw kull għajnuna meħtieġa sabiex dan ix-xogħol kollu seta' jitwettaq.



Intant, sabiex ikun iċċelebrat kif jixraq dan l-avveniment tant mistenni, nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju saret quddiesa ta' ringrazzjament mill-Wisq Rev. Kappillan Kan. Michael Zammit quddiem l-entratura prinċipali tal-Kamra tan-Nar fit-8:30am. Preżenti kien hemm l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, Membri Parlamentari, bosta mistednin distinti u partitarji. Wara sar trattament tal-okkażjoni lil dawk kollha nvoluti f'dan il-proġett kbir. Għall-ħabta tal-10:30am beda marċ brijuż mill-Banda tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* li qabad tiela' għat-toroq ewlenin tar-raħal sakemm wasal quddiem is-sede tas-Soċjetà għall-ħabta ta' nofsinhar fost il-briju u l-ferħ tal-partitarji.

Tassew mumenti ta' sodisfazzjon li wara xhur sħaħ ta' ħidma u ġieli saħansitra qtigħ il-qalb, illum nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem illi l-Kamra tan-Nar Sant'Andrija saret waħda mill-aktar moderni u li għandha sservi bħala xempju għal kmamar tan-nar oħra madwar Malta. B'hekk issa, il-pirotekniċi fi ħdan il-Kamra tan-Nar Sant'Andrija ta' jistgħu jipprattikaw din il-ħidma b'aktar sigurtà għalihom u għal dawk ta' madwarhom.

Grazzi lil Kulħadd!











## Ċelebrazzjoni kbira fil-ftuħ uffiċjali tal-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar

### 3 ta' Ġunju 2018



















# Bidu tal-Ħidma Pastorali tal-W.R. Kan. Michael Zammit bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa

**Raoul Briffa**

Kien is-16 ta' Ottubru 2017 meta ħarġet l-aħbar li l-Kappillan Dun Gordon Refalo kif ukoll il-Viċi Parroku Dun Charles Cini, kienu ser itemmu l-ħidma tagħhom fil-Parroċċa tagħna. L-Eċċellenza tiegħu Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar minnufih lill-Kanonku Michael Zammit bħala l-wieħed u tletin Kappillan ta' Ħal Luqa.

Il-Kanonku Michael Zammit twieled fl-10 ta' Settembru 1986. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola St. Francis tal-Imsida, l-edukazzjoni sekondarja fil-Junior Lyceum tal-Ħamrun u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Junior College tal-Imsida. Dun Michael kompla l-edukazzjoni terzjarja fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju, 2012. Dun Michale serva bħala Viċi Parroku fil-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat, kif ukoll *Religious Counsellor* fil-Kulleġġ San Nikola tar-Rabat u l-Kulleġġ San Injazju tal-Ħandaq, Ħal Qormi.

Wara ftit tal-jiem li ġie fostna, il-Kappillan Kan. Michael Zammit beda jaħseb minnufih għall-ġurnata tal-pussess tiegħu, li kellu jsir il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2018. Saru diversi preparamenti għal dan l-avveniment mill-Grupp Armar tal-Knisja flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kanonku Zammit innifsu. Il-knisja kienet għadha mżejna kif jixraq għal żmien il-Milied, waqt li nħarġet il-vara titulari ta' Sant'Andrija Appostlu u ntramat fin-nava tagħha għal din l-okkażjoni.

Il-Ħamis 4 ta' Jannar, lejlet iċ-ċelebrazzjonijiet nżammet velja ta' talb fil-knisja parrokkjali li tmexxiet mill-kappillan innifsu, bis-sehem tar-reliġjużi tal-parroċċa.

F'Jum il-Pussess, nhar il-5 ta' Jannar, fil-5.30pm bdew jindaqqu l-qniepen tal-parroċċa biex iħabbru dan il-jum ta' ferħ għar-raħal kollu. Fis-6.00pm beda korteo bis-sehem taż-żewġ baned tar-raħal; L'Union u Sant'Andrija. Il-korteo beda minn Misraħ il-knisja, fejn il-Kappillan Zammit ħareġ minn ġewwa d-*Domus Curialis* akkumpanjat mill-familjari tiegħu u ż-żewġ Presidenti tal-każini tal-Banda li dakinhar servew bħala xhieda għall-ħatra tal-Kanonku Zammit bħala Kappillan. Il-Filarmonika *L'Unione* imxiet fuq wara peress li kellha d-dritta u daqqet marċi ferrieħa tal-okkażjoni.

Hekk kif il-korteo qabad tiela' Triq Sant'Andrija quddiem is-sede tas-Soċjetà tagħna, ingħaqdu mal-korteo -Eċċ Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, li ġiet mistiedna għal din iċ-ċelebrazzjoni, kif ukoll l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna li aktar tard ippresieda ċ-ċelebrazzjoni.

Fi knisja mimlija daqs bajda, bdiet konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċisqof Scicluna bis-sehem ta' numru ta' saċerdoti u reliġjużi. Fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, il-Wisq Rev. Mons. Frans Abdilla, Delegat tal-Arċisqof għall-Kleru, qara d-Digriet tal-ħatra tar-Rev. Kan. Michael Zammit bħala Kappillan ta' Ħal Luqa. Wara dan, il-Kappillan ħa l-ġurament ta' fedeltà għall-missjoni li ġiet fdata f'idejh u ngħata l-imfietaħ tal-Knisja.

Wara l-Liturġija tal-Kelma kompliet ċerimonja simbolika fejn ġew imfissra d-drittijiet u d-dmirijiet tal-Kappillan; it-Tabernaklu fejn tinżamm l-Ewkaristija Mqaddsa, il-Fonti tal-Magħmudija, il-Konfessjonarju, il-qanpiena u l-ambone. Fl-aħħar tal-konċelebrazzjoni tkantat l-antifona *"Cum Pervenisset Beatus Andreas"* ta' Mro. Dott Paolo Nani u ngħatat il-Barka Episkopali lill-miġegħma. Il-kor u l-orkestra tmexxew minn Hermann Farrugia Frantz, *Maestro di Cappella*.

Minn qalbna nawguraw lill-Kan. Michael Zammit snin twal ta' ħidma fejjieda b'risq il-poplu ta' Ħal Luqa u nwiegħduh koperazzjoni sħiħa u talb.

*Ad Multos Annos*.











**Pussess tal-Wisq Rev. Kan. Michael Zammit**

**5 ta' Jannar 2018**











**paperway stationery**

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

*Smart Card Accepted*

*Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.*

*Telephone: 21690689 E-Mail: paperwayluqa@gmail.com*

**Philip Agius & Sons Ltd.**

Ta' Maksar • Contractors

- *Excavation Works*
- *Road Works*
- *Civil Engineering Works*
- *Suppliers of Ready Mix Concrete*
- *Suppliers of Recycled Materials*

**The Plant, Mdina Road**
**Żebbuġ ZBG 4103**
**Tel: 2146 5758**
**Fax: 2146 3835**
**Mob: 9949 3551**
**Email: marius@maksar.com**



# *Mater Admirabilis*

## Wirja Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

**Malcolm Muscat**

Il-Ġimgħa 29 ta' Settembru kienet ġurnata oħra importanti għas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni li għal ewwel darba f'raħalna itgħellat wirja oħra ta' livell għoli - Wirja b'tema Marjana li għalqet iċ-ċelebrazzjonijiet tal-20 anniversarju mit-twaqqif ta' din is-sezzjoni lura fl-1997. Ftaħna dan l-anniversarju b'wirja ta' Arti Sagra fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika tal-Appostlu Missierna Sant'Andrija '*In Cruce Christi Gloriaris'*, li nistghu nghidu li kienet ta' livell għoli ħafna, u għalaqna b'esebizzjoni ohra, din id-darba ddedikata lil Sidtna Marija.

Kif għaddiet il-festa u fforma il-kumitat b'membri ġodda fi ħdanu, mill-ewwel bdejna naħdmu u naħsbu x'jista' jsir, u ġie deċiż li għandha tittella' wirja b'tema differenti mis-soltu li ftit li xejn aħna mdorrijin naraw f'raħalna. Bdew joħorġu l-ideat, u l-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ iddeċieda li għal ewwel darba ssir wirja Marjana bl-isem '*Mater Admirabilis'*, propju għall-festi tal-Madonna taċ-Ċintura u dik tar-Rużarju. Wara ħafna kuntatti fil-wirja ġie esebit numru ta' xogħlijiet artistiċi b'tema marjana, fosthom pitturi u statwi ta' artisti magħrufa sew fix-xena lokali, fosthom xogħlijiet ta' Guiseppe Cali, Paolo Camilleri Cauchi, Enrico Arnaud, Giuseppe Hyzler, Manuel Farrugia, Carmelo Mallia, Antonio Mifsud, John Massa, Jesmond Buhagiar u oħrajn. Apparti hekk, kien hemm wkoll għadd ta' statwi tad-devozzjoni popolari li normalment insibu f'ħafna djar ġewwa pajjiżna, waqt li ġew mistiedna soċjetajiet mużikali u għaqdiet oħra li jiċċelebraw festi Marjani biex jieħdu sehem f'din l-esebizzjoni permezz ta' standard jew bandalora tas-Soċjetà tagħhom li ġġib l-istemma jew xbieha tal-Verġni Marija (taħt kull titlu).

Il-wirja li nfetħet nhar il-Ġimgħa 29 ta' Settembru giet imbierka dakinhar mill-Viċi tal-Parroċċa Dun Charles Ċini llum il-ġurnata Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Publiju ġewwa l-Furjana li minn dan l-artiklu nifirħulu mill-ġdid. Apparti hekk ġie ippreżentat ċertifikat bħala apprezzament lil dawk kollha li ħadu sehem f'din il-wirja mill-President tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri s-Sur Andrè Farrugia.

Minn dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lill-esibituri kollha, lis-soċjetajiet mużikali u kumitati tal-festi li laqgħu l-istedina taghna, lil ex-Kappillan tal-parroċċa tagħna Dun Gordon Refalo u l-grupp armar tal-Knisja tal-għajnuna li sibna minn għandhom kif ukoll lis-Sindku John Schembri u l-kunsill lokali ta' Ħal Luqa. Apparti hekk nirringrazzja lil








# Wirja Marjana

















DOLENTEM CUM FILIO
2018
WIRJA TAL-ĠIMGHA MQADDSA
IMTELLGHA MIS-SEZZJONI ZGHAŻAGH AJKLIERI
Sede tas-Soċjetà Filarmonika L'Unione
Ħal Luqa
Mill-Ħadd 25 sal-Ġimgħa
30 ta' Marzu
Ħinijiet tal-Wirja
9.30am-12.00pm • 5.00pm-8.00pm
Ħamis ix-Xirka
Filgħodu: 09:00am-12:00pm
Filgħaxija: 06:00pm-12:00am

kumitat centrali tal-appogg shih u l-ghajnuna kontinwa li jghatu lejn din is-sezzjoni, specjalment lil Neil Zammit.

Ix-xewqa tagħna kienet mhux biss li b'din il-wirja Marjana nagħlqu dan l-20 anniversarju tas-sezzjoni żgħażagħ, iżda fuq kollox biex inkomplu nkabbru l-qima u d-devozzjoni lejn Sidtna Marija.





# *Dolentem Cum Filio*

## *Wirja t'Arti Sagra għal Żmien il-Ġimgħa Mqaddsa*

**Malcolm Muscat**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri A.D.1997 fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ta' Ħal Luqa, organizzat wirja t'arti Sagra għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bl-isem ***Dolentem Cum Filio*** li infetħet il-Ħadd 25 ta' Marzu nhar Ħadd il-Palm u li giet imbierka mill-Wisq.Rev Kanonku Kappillan Dun Michael Zammit. L-istess wirja li baqgħet miftuħa sa jum il-Ġimgħa l-Kbira bla tlaqliq nistaw ngħidu li kienet ta' suċċess ieħor fejn l-attendenza tad-dilettant kienet waħda tajba ħafna. Din il-wirja kienet mqassma f'żewġ partijiet; l-ewwel parti tikkonsisti f'sett ta' vari artistiċi maħduma mill-magħruf Karlu Darmanin, u li huma propjetà tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione*, kif ukoll kien hemm esebit sett ta' vari maħduma fit-tafal minn John Massa. Fit-tieni parti tal-wirja fis-Sala Mro. Joseph Abela Scolaro nistgħu ngħidu li kien hemm numru ta' xogħlijiet artistiċi uniċi ta livell għoli ħafna, fosthom pitturi u statwi ta' artisti magħrufa fix-xena lokali fosthom Paolo Camilleri Cauchi, Karlu Darmanin, Girolamo Dingli, Chris Ebejer u xogholijiet ta' Lecce.





Is-sede tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* ġiet armata għal okkażjoni fejn għal ewwel darba iżżanżnu bi drapp ġdid iswed li daħħal lil kulħadd fl-atmosfera ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Qabel ma ngħalaq dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li min sena għal sena jessebixxu xi opra ta arti fil-wirjiet diversi li ġew imtellgħin. Mod speċjali nixtieq nirringrazzja wkoll lil Neil Żammit u kif ukoll Ġareth Galdes tal-għajnuna kontinwa tagħom fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Grazzi lil kulħadd.

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**CO2 Welding**

## For Welding & Silencer Repairs

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**
**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**



# Profs. Charles E. Zammit jingħata Ġieħ ir-Repubblika

**Joseph Piscopo**

Nhar it-13 ta' Diċembru 2017 kienet ġurnata speċjali għas-Soċjetà tagħna u dan għax l-Eks Surmast Direttur tagħna, il-Professur Charles E. Zammit, ingħata Ġieħ ir-Repubblika għall-ħidma tiegħu fil-qasam mużikali. Dan l-unur tant mistħoqq ingħata lil Profs. Zammit fuq nominazzjoni tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, li ħasset li l-Istat għandu jippremja lil din il-persuna li tant stinkat sabiex twassal l-imħabba tiegħu lejn il-mużika.



Charles Zammit ħa l-ewwel edukazzjoni mużikali tiegħu fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Gejtanu tal-Ħamrun. Huwa studja l-*euphonium*, il-*pianoforte*, it-teorija tal-mużika, l-armonija, il-kontrapunt u suġġetti relatati. Fl-età ta' sittax-il sena, huwa ppreżenta l-ewwel kunċert tiegħu fuq il-pjanu permezz tar-*Rediffusion Malta Ltd*.

Huwa rċieva l-edukazzjoni ġenerali tiegħu fi skejjel tal-Gvern u t-taħriġ mużikali mingħand uħud mill-aħjar għalliema tas-snin ħamsin, fosthom Joseph Abela Scolaro, Joseph Casapinta, Carmelo Pace u s-Sinjura Bice Vassallo Mizzi. Wara dan għamel l-aktar studji avvanzati tiegħu f'istituzzjonijiet internazzjonali fl-Ingilterra u l-Amerika. Fost l-għalliema barranin li magħhom Charles Zammit għamel korsijiet *part time*, insibu lil Dr. Jeffrey Sayers, Dr. John Burroughs u Dr. W.S. Lloyd Webber fl-Ingilterra, il-Professuri Hubert W. Haberland u Simon Wade fl-Amerika. In-numru ta' kwalifiki li għandu jinkludu dottorat fil-mużika mill-Università *Pacific Western* ta' Los Angelis, dottorat fil-mużika mill-Università *(non traditional)* ta' Sommerset, għaxar *fellowships* flimkien ma' numru ieħor ta' *degrees* u diplomi minn istituzzjonijiet varji.

Il-Prof. Charles Zammit huwa wkoll l-awtur ta' numru kbir ta' artikli dwar l-edukazzjoni mużikali ppublikati f'diversi ġurnali lokali u barranin. Il-ktieb tiegħu *'Sound Methods In Piano Pedagogy'* kien ippublikat f'Michigan fl-1989 u aktar tard kien ippublikat ukoll


Nardu tal-Ħaxix
Ħaxix u frott frisk
bi prezzijiet moderati
FREE DELIVERIES • MOB: 9946 4420
Kuljum filgħodu ħdejn il-Kunsill Lokali, Luqa
It-Tnejn u l-Ħamis filgħaxija ħdejn il-playing fields
"KOLLOX SPECIAL"


do not waste your time
going around stop at
MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES
GRAF
FAI
Gates
ICER
QH
WÜRTH
Valeo
Japanparts
FERODO
AISIN
MONROE
where you will find
everything under one roof
More brands available...
Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04
Tel / Fax: 21 642465



bil-*braille* mill-*Library of Congress* f'Washington u r-*Royal National Institute for Blind* ġewwa Londra. Għandu wkoll artikli mportanti ħafna dwar suġġetti fil-mużika għall-pjanu ppublikati għall-użu internazzjonali fl-*Encyclopedia of Keyboard Instruments* (tliet volumi) maħruġa mid-ditta magħrufa Garland Inc. ta' New York, fl-1994 sett ta' disa' kotba li ttrattaw it-tagħlim tat-teorija tal-mużika, armonija, kuntrapunt u suġġetti oħra. L-istudji u r-riċerka li għamel f'dawn l-aħħar snin fil-qasam tat-terapija mużikali u mużika fil-mediċina wassluh sabiex ippublika l-ktieb *'Music For Better Health And Better Living'* ippublikat fl-2006. Ix-xogħol ta' riċerka u l-kontribuzzjoni siewja li huwa pproduċa fil-qasam tal-edukazzjoni mużikali fuq livell internazzjonali wasluh biex kiseb numru ta' premji u unuri li jinkludi tliet midalji tad-deheb u waħda tal-fidda.

Charles Zammit huwa wkoll kompożitur ta' numru kbir ta' xogħlijiet mużikali profani u sagri, inklużi *overtures*, *suites*, preludji, valzi, kif ukoll marċi popolari u funebri għall-banda jew orkestra, xogħlijiet għall-pjanu u korali. Ta' min isemmi wkoll li l-Prof. Charles Zammit kien il-fundatur tal-*Chorus Excelsior* ta' Ħal Luqa (1965), il-Banda San Pietru fil-Ktajjen ta' Birżebbuġa, il-Banda Santa Venera ta' Santa Venera u l-Kulleġġ tal-Mużika fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana. Bejn l-1979 u l-2010 serva bħala direttur mużikali tal-Filarmonika *L'Unione*.

Awguri Surmast!

Erġajt għamiltna kburin li mexxejt lill-Filarmonika *L'Unione* għal tant snin!


MARINDEX Ltd.
Winners Never Quit!
Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies,
medals, shields, plaques, glass tokens,
wooden tokens, plates, frames & mugs
which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable
price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours:
08:30 - 12:00 /
16:00 - 19:00
E-Mail:
goldlady@onvol.net,
marindex@onvol.net
Tel:
21673928,
27673928
Address:
1, Sir Paul Boffa
Avenue, Zejtun


Baseggio
paints
LE VERNICI DI VENEZIA
Imported By: 'Tahabel Ltd.'
E-mail: daniel_ferriggi@hotmail.com
Mob: 7953 6969



# Żjara tal-*Maestro* Antonino Oddo ġewwa s-Sede tal-Filarmonika *L'Unione*

Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Marzu, proprju f'jum il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu, is-Surmast Taljan Antonino Oddo wettaq żjara ta' kortesija ġewwa s-Sede tas-Soċjetà *L'Unione*. Huwa kien akkumpanjat mis-Sur Jonathan Grima, President tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette. Oddu huwa kompożitur magħruf fil-qasam tal-marċi funebri Taljani, u kiteb għadd ta' marċi mill-isbaħ li jindaqqu minn diversi baned Taljani u oħrajn.

Waqt iż-żjara tiegħu, Maestro Oddo seta' jammira bis-sħiħ l-arkivji mużikali rikki u s-swali fejn il-banda tagħna tiltaqa' matul is-sena kollha sabiex tikkunċerta. Huwa kellu kliem ta' tifħir għall-mod akkoljenti li bih ġie milqugħ, waqt li awgura li tkompla tissaħħaħ u titkattar din il-ħbiberija.






# SANTA MARIJA SERVICE STATION

MAIN STREET MELLIEĦA

**Panel Beater**
**Car Repairs & Servicing**
**Battery & Tyre Servicing**
**Wheel Balancing**
**Car Wash Service**
**also available**

**Tel: 2157 3918**

Vigo

MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001



# Festa Liturġika ad unur Sant'Andrija Appostlu

*29 u 30 ta' Novembru 2017*

**Raoul Briffa**

Il-festa liturġika tal-patrun tagħna l-Ħalluqin Sant' Andrija tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Novembru ta' kull sena. Il-Knisja Kattolika madwar id-dinja tagħti ġieħ u qima lil dan l-ewwel appostlu li mexa' wara l-Messija.

Bħala Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri min mindu nħatar il-kumitat il-ġdid fis-sajf tas-sena l-oħra bdejna nħarsu lejn din il-festa bħala l-ewwel avveniment prinċipali tagħna. Kif ilkoll nafu l-Festa liturġika fir-raħal tagħna tul dawn l-aħħar snin kienet biss tiġi iċċelebrata permezz ta' Quddiesa fit-Tempju Andrean u għalhekk bħala Soċjetà xtaqna li din il-festa terġa' tieħu l-ħajja.

Wara li fis-sena 2016 il-Banda tal-Filarmonika *L'Unione* reġgħet ħadet l-inizjattiva biex fil-jum tat-30 ta' Novembru, tagħmel marċ brijuż mat-toroq ewlenin tal-parroċċa, din l-idea intlaqgħet tajjeb ħafna fost il-membri u l-partitarji. Għalhekk xtaqna li bħala Sezzjoni Żgħażagħ inkomplu nibnu fuq dak li beda s-sena l-oħra. Għal din il-festa tax-xitwa ta' din is-sena ġiet armata l-pjazza u t-triq prinċipali tar-raħal bil-bozoz kif ukoll bl-arbli.



Ftaħna l-attivitajiet esterni tal-festa tax-xitwa nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru fejn ġewwa s-sede tas-Soċjetà nżammet it-tombla tradizzjonali tal-festa fejn ipparteċipaw numru sabiħ ta' nies. L-attivitajiet imbgħad komplew l-għada s-Sibt 25 ta' Novembru fejn ġiet organizzata '24 siegħa Maratona Liedna'. Din il-liedna baqgħet għaddejja matul il-lejl u ntemmet nhar il-Ħadd 26 ta' Novembru. Il-liedna li nħadmet ser tiġi armata fit-triq il-prinċipali ta' Ħal Luqa biex b' hekk din is-sena din it-triq tiġi kompluta bil-liedna.

Imbagħad kien imiss il-qofol ta' din l-festa liturġika fid-29 u 30 ta' Novembru. Fid-29 ta' Novembru fil-Knisja Parrokkjali saret it-Trasulazzjoni Solenni mmexxija mill-Wisq.












## Festa Liturġika f'ġieħ Sant'Andrija Appostlu
### 29 u 30 ta' Novembru 2017



Pet Care

Joseph Buhagiar
*Proprietor*

Qrendi Road
Żurrieq
Tel: 2164 9727



SIX BAR

Żuru dan il-Bar
għal
xorb ġenwin
b'appetizers
f'atmosfera familjari
u ferriħija



**Jiftaħ kuljum mill-3.45am**
**'il quddiem**

**Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq**

Rev. Kan Michael Zammit. Il-qofol intlaħaq mal-għodwa tat-30 ta' Novembru, fejn mas-sebħ tal-jum għal ħabta tal-5:30 ta' filgħodu l-qanpiena l-kbira 'Andreana' instemet tidwi madwar ir-raħal biex tħabbar is-sebħ ta' dan il-jum sabiħ.

F'nofsinhar inżammet l-ikla tradizzjonali tal-festa fil-każin u saru l-aħħar preparamenti biex filgħaxija l-Banda toħroġ iddur fit-toroq prinċipali tar-raħal. Din is-sena akkumpanjat il-banda l-istatwa ta' Sant' Andrija, xogħol fil-fibre ta' Renzo Gauci u li snin ilu kienet tintrama fil-gallerija tad-dar ta' Karmnu Montebello fi Triq Sant'Andrija.

Membri tas-Soċjetà *L'Unione* attendew għall-funzjoni Solenni ġewwa l-Knisja Parrokkjali mmexxija mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawl Cremona O.P. (President Onorarju tas-Soċjetà tagħna). Għal din iċ-ċelebrazzjoni, Mons. Cremona kkonċelebra bil-mitra ta' Sant'Andrija li kienet irregalatlu s-soċjetà tagħna lura fl-2007.



Wara l-Funzjoni ingħata bidu għal marċ. Għal darb'oħra l-Banda tagħna semmgħet leħinha weħidha fir-raħal u dan il-marċ intlaqgħa tajjeb mill-Ħalluqin kollha tant li issa qiegħed iżid fil-popolarità tiegħu. Il-marċ intemm quddiem is-sede tas-Socjetà fejn indaqq l-innu tal-banda u nħaraq xi nar min fuq il-bejt tal-każin.

Radd il-ħajr lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom sabiex dawn il-festi setgħu ikunu ċċelebrati b'mod xieraq u dinjituż, kemm fil-knisja kif ukoll fuq barra. J'Alla din il-ħegga tibqa' tinżera qalb it-tfal u ż-żgħażagħ sabiex dan il-jum tat-30 ta' Novembru jibqa' jiġi mħares u bla mittiefes.

# X'qalu l-gazzetti...


TVM

*Dan l-artiklu huwa disponibbli anke bil-Malti*

CURRENT AFFAIRS

## Band club facade illuminated with music synchronized spectacle

Posted On December 31, 2017 - Updated 31 December, 2017 10:07am
**Report:** Glen Falzon


newsbook

## Proġett ambizzjuż f'Ħal Luqa b'13,000 bozza tal-Milied

Leon Xuereb - 09/12/17 01:25 PM

Google +


NET news

## 'The Facade in Yuletide' – Wirja spettakolari ta' dawl sinkronizzat mal-mużika f'Ħal Luqa

L-Erbgħa, 6 ta' Diċembru 2017


Janice Mangion
Yesterday at 16:59 ·

#Kewkba always and forever in my heart

ONE News ➡ thank you for letting me know

I am honoured that this #song has touched so many

Libsa festiva bi 13,000 bozza għall-faċċata tal-Każin Unj...
one.com.mt
Learn More


ONE NEWS

## Libsa festiva bi 13,000 bozza għall-faċċata tal-Każin Unjoni f'Ħal Luqa

Facebook Twitter Google+ LinkedIn WhatsApp Print



# The Facade in Yuletide
# Għaxar Snin Anniversarju

## *Wirja Oħra Spettakolari ta' Dawl Sinkronizzat mal-Mużika*

**Andrè Farrugia**

F'Diċembru li għadda ħabat l-10 sena Anniversarju minn meta ġie varat il-proġett tas-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni. 'The Facade in Yuletide' proġett li jlibbes il-faċċata tal-istess sede ta' din is-soċjetà ġewwa r-raħal ta' Ħal Luqa għal żmien il-Milied.

Kien propju fl-2007 meta żewġ żgħażagħ lkoll membri fl-istess sezzjoni resqu bl-ewwel ideat, u dlonk bdiet il-ħidma għal dan l-ispettaklu li dis-sena qiegħed jiġi ċċelebrat l-10 snin Anniversarju tiegħu. Wara li inghaqad kumitat ġdid ġie ffurmat tim li jinvolvi fih diversi esperti minn mużiċisti, electricians, IT developers u oħrajn bil-għan li jgħaqdu dak kollu li jista' joħloq spettaklu ta' dawl sinkronizatt mal-mużika.

Għal dan l-Anniversarju il-preparamenti bdew lura għal Settembru fejn kienu xhur impenjattivi għal membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ u kif ukoll membri oħra fi ħdan din is-Soċjetà. Kienet ħidma li tikkonsisti minn diversi laqgħat, riċerka biex minn sempliċiment idea ta' proġett li nibet lura 10 snin ilu, din is-sena din l-istess sezzjoni tagħti lill-pubbliku



# J.B. Concrete Mix

**SUPPLIER OF CONCRETE & SOFT STONE**
**SMALL TRUCK SERVICE SINGLE AXLE**
**HIGH UP SERVICE • CRANE HIRE**

PLANT
Misraħ Sinjura in Siġġiewi Road, Qrendi
**Tel: 2164 0778**
**Mob: 9947 3741**

RESIDENCE
'JulieJo', Ramija Street, Siġġiewi
**Tel: 2146 4622**




li jiġi jżur din il-wirja ta' spettaklu ta' dawl sinkronizatt mal-mużika b'effetti ġodda fl-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju. Wirja li sabiex terġa titgħella ntużaw xejn inqas minn 13,000 bozza tal-Milied, 150 metru ta' dawl LED u iktar minn 5Km ta' wires.

Wara l-ftuħ uffiċjali ta'dan l-ispettaklu lura għas-Sibt 9 ta' Diċembru,2017 saret attività ġewwa l-każin tal-Banda Unjoni fejn kienet mistiedna il-Blues Band Maltija 'Vinyl Paradise'fejn dawk kollha li attendew ħadu pjaċir f'atmosfera familjari.

Fuq il-midja soċjali itgħella filmat li wera l-frott ta' ħidma li s-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien ma membri oħra tas-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni ħadmu fuq dan il-proġett ta' Spettaklu ta' dawl sinkorizzat mal-mużika bl-isem 'The Facade in Yuletide'. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min tal-għajnuna fuq dan il-proġett speċjalment lil Andrè Magri, Leli Magri, Andrew Zammit, Lawrence Cassar, Omar Xerri, Anthea Spiteri, Patrick Camilleri li flimkien mal-kumplament tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħadmu id f'id biex din il-ħolma saret realtà. Nixtieq nirringrazzja lil Dar Services u Computer Bargains għal għajnuna tagħhom bħala Main Sponsors ta' din l-attività. Grazzi tmur lil Kevin Kiomall għal ġbid professjonali tal-filmat tal-istess wirja.Dan l-ispettaklu baqa' għaddej sa Jum l-Epifanija kuljum bejn il-5.30pm sad-9.30pm.




# CHARLES
## Motor Mechanic

(Ta' Ċelest)

**John & Emmanuel Magro**

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 9024, 2168 9531, 2164 0275
Tel/Fax: 2168 2200
Mob: 9949 0184, 9947 8829






HORACE ENTERPRISES

TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT

84, Triq Il-Gudja, Għaxaq GXQ 2175
21696302 / 99420346
horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com

WE PRINT ON T-SHIRTS



# Is-Soċjetà tagħna fi Żmien il-Milied

Joseph Piscopo

Għal sena oħra l-festi tal-Milied 2017 u l-Ewwel tas-Sena l-ġdida kienu ċċelebrati kif imiss mis-Soċjetà tagħna, u dan b'diversi attivitajiet kulturali li nvolvew diversi oqsma tas-Soċjetà. L-attivitajiet ewlenin kienu l-*Family Concert*, l-armar tal-faċċata tal-każin tagħna b'dawl sinkronizzat mal-mużika u l-presepju artistiku. Dan barra d-diversi attivitajiet soċjali bħal ikliet u *parties* organizzati għall-membri u l-familjari.

### *Family Concert*

Għat-tieni sena ġie organizzat il-Family Concert taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Norbert Camilleri li sar nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 fis-Sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa. Dan il-programm sar bil-parteċipazzjoni tal-istudenti li qed jitgħallmu fis-Soċjetà tagħna, kif ukoll bis-sehm tal-mużiċisti stabbiliti tagħna. Din tkun okkażjoni sabiħa għal dawn l-istudenti għaliex fiha jieħdu aktar kunfidenza fid-daqq tal-istrumenti tagħhom, fil-preżenza tal-ġenituri tagħhom u f'atmosfera informali ħalli dawn l-istudenti jkunu aktar komdi. Il-kunċert ġie ppreżentat minn Nicolette Aquilina.

Minn qalbna nirringrazzjaw lil Norbert Camilleri u lill-għalliema l-oħra; is-Surmast John David Zammit u Victor Borg u nawguraw lill-istudenti u l-mużiċisti kollha aktar snin ta' ħidma fejjieda fi ħdan il-Filarmonika L-Unjoni.

### Presepju Statiku

Għal sena oħra l-membru tas-Soċjetà Sandro Farrugia reġa' esebixxa l-presepju artistiku tiegħu fil-każin tagħna, li reġa' ġibed diversi ammiraturi matul il-ġranet ta' Diċembru 2017 u l-bidu ta' Jannar 2018. Dan il-presepju artistiku jinvolvi ħafna xogħol li jinbeda minn madwar Settembru. Ix-xenarju uniku ta' dan il-presepju kienet waħda tassew sabiħa u li ġibdet l-ammirazzjoni ta' dawk kollha li żaruh. Il-presepju ġie inawgurat mill-Onor. Owen Bonnici, Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern nhar it-Tlieta 12 ta' Diċembru 2017. Minn qalbna nirringrazzjaw lil Sandro Farrugia lil dawk kollha li għenuh fil-bini ta' dan il-presepju artistiku.








SONOR










# *Family Concert* għal żmien il-Milied













# Xiri ta' Concert Bass Drum

Ftit tal-ġimgħat ilu, is-Soċjetà tagħna xtrat Concert Bass Drum sabiex tkun tista' tintuża waqt il-kunċerti li ttella' minn żmien għal żmien. Din inxtrat bl-appoġġ ta' Lawrence Cassar u l-fond tat-tagħlim tal-Assistent Surmast Norbert Camilleri.

Din intużat għall-ewwel darba fil-kunċert 'Movies at the Palace' imtella' ġewwa l-Palazz ta' San Anton nhar is-Sibt 21 t'April li għadda.



# *Masterclasses* għall-Mużiċisti tas-Soċjetà u Seminar dwar il-Mużika Ċinematografika

**Joe Bezzina**

Bħala parti mill-preparazzjoni għall-kunċert Movies at the Palace li ttella' nhar is-Sibt 21 t'April 2018 fil-Palazz San Anton, is-Soċjetà organizzat numru ta' attivitajiet edukattivi li nvolvew kemm lill-mużiċisti li pparteċipaw fil-kunċert kif ukoll lil kull min hu interessat fil-lat mużikali tal-films.

Inżammu żewġ *masterclasses*, waħda għall-mużiċisti li jdoqqu strumenti tar-ram u oħra għal dawk li jdoqqu strumenti tal-qasba. Dawn saru fis-Sala Prof. Charles Zammit fit-8 u fit-12 ta' Marzu 2018 rispettivament u għaż-żewġ klassijiet kien hemm attendenza inkoraġġanti kemm mill-bandisti tal-post kif ukoll minn mużiċisti oħra li ġew mistiedna sabiex jingħaqdu mal-banda dakinhar tal-kunċert. Din is-sena, bi qbil mal-Kumitat u s-Surmast Direttur, dawn il-*masterclasses* ma kinux limitati biss għall-bandisti tal-post iżda nfetħu għal dawk il-bandisti barranin li xtaqu jingħaqdu magħna.

Is-sessjoni għall-mużiċisti tar-ram tmexxiet minn Roderick Bugeja li ilu għal diversi snin jokkupa s-siġġu ta' trumbun prinċipali mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Minbarra dan, Roderick Bugeja huwa wkoll Surmast Direttur tal-Banda Vittorja tan-Naxxar u Assistent Surmast Direttur tal-Banda San Sebastjan fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi. Min-naħa l-oħra Godfrey Mifsud mexxa s-sessjoni għall-mużiċisti tal-istrumenti tal-qasba. Godfrey Mifsud huwa wieħed mill-aqwa klarinettisti li għandna Malta. Filwaqt li huwa mpenjat fuq bażi part-time mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta huwa wkoll għalliem il-Malta School of Music. Ta' min jgħid li din hija t-tieni sena konsekuttiva li dawn iż-żewġ mużiċisti ġew mistiedna jħarrġu lill-mużiċisti tagħna. Dan wara li s-sena l-oħra wkoll kienu nżammu żewġ *masterclasses* bi preparazzjoni għall-kunċert *Tristis Est Anima Mea*, li ttella' fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.



Bħala parti mill-impenn edukattiv li s-Soċjetà tagħna,


Elmo
INSURANCE
elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.


SMART
BUILDING SOLUTIONS
As a leading building material manufacturer,
we understand your needs and deliver - Everytime.
When using our PPB Predalle and Prestressed Beam you will...
SAVE COSTS
SAVE TIME
ENVIRONMENTALLY FRIENDLY
DESIGN & QUALITY CONTROL
ELBROS
built for life
Get more information about our quality building materials today
Call: 2298 1200 or Email: info@elbros.com.mt www.elbros.com.mt

bi pjaċir, tonora, inħass il-bżonn li jinżamm ukoll seminar informattiv dwar il-mużika mid-dinja ċinematografika. Din kienet it-tema prinċipali tal-kunċert li kien ser jittella' ftit ġranet wara. Għaldaqstant għoġbu jilqa' l-istedina tas-Soċjetà s-Sur Mario Azzopardi, kritiku tal-films u personalità magħrufa fil-qasam taċ-ċinema. Tul is-seminar ġew trattati diversi temi marbuta mas-suġġett fosthom informazzjoni fuq uħud mill-aqwa kompożituri tal-mużika tal-films kif ukoll il-produzzjoni tal-istess mużika. Għal dan is-seminar ukoll, l-attendenza kienet waħda tajba kemm mill-membri tas-Soċjetà kif ukoll minn individwi oħra li interessaw ruħhom f'din l-attività.



Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tirringrazzja mill-qalb lis-Sinjuri Bugeja, Mifsud u Azzopardi li għoġobhom jilqgħu l-istedina tagħna biex ikun parti minn dan il-proġett edukattiv li laħaq il-qofol tiegħu fil-21 t'April li għadda fil-Palazz ta' San Anton. Is-Soċjetà tibqa' impenjata biex isservi ta' qafas edukattiv u kulturali kemm għall-mużiċisti tagħha kif ukoll għall-poplu ta' Ħal Luqa.



# C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

## For all your professional kitchen requirements...

Home of premium quality catering & hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL

COREGO

LA CIMBALI

ZANUSSI PROFESSIONAL

Electrolux Professional Laundry Systems

Scotsman



# Jintemm ix-Xogħol fuq l-Estensjoni tal-Kamra tan-Nar tas-Soċjetà

**Joseph Piscopo**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma sabiex jitkompla u jitlesta x-xogħol fil-kumpless tan-nar tagħna. Kif spjegajna fil-programm tal-festa ta' sena ilu, dan ix-xogħol kien jikkonsisti f'estensjoni tal-kumpless tagħna, ħalli l-imħażen jitbiegħdu aktar minn Triq Garibaldi u mill-*workshops* fejn jinħadem il-logħob tan-nar. B'hekk din l-estensjoni l-kumpless ġie aktar sigur għal min ikun għaddej mill-madwar, kif ukoll għall-voluntieri li jkunu għaddejjin bil-ħidma tagħhom.

Wara li tlesta x-xogħol fuq il-bini tal-imħażen u l-blast wall li jdawwar dawn l-imħażen, taħt il-gwida tal-Perit Stephen Buhagiar, bdiet il-ħidma sabiex isir *piping system* u *fire-fighting system* li jdawwar il-kumpless kollu sabiex dan ikun sigur. Dan sar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, kif ukoll tal-Inġinier Johan Psaila u s-Sur David Theuma. Barra dan ix-xogħol sar ħafna xogħol ieħor, bħal bini ta' kmamar ġodda u twaqqigħ ta' oħrajn, sabiex il-kumpless ikun konformi mal-permezz kif maħruġ mill-Awtorità tal-ippjanar.

Ix-xogħol kollu tlesta fi tmiem April li għadda u mal-ewwel beda ix-xogħol sabiex jinġabu l-permessi neċessarji mid-diversi awtoritajiet u Dipartimenti governattivi. Il-permess finali mill-Korp tal-Pulizija ħareġ nhar l-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018 u b'hekk ingħalaq dan il-kapitlu tal-estensjoni tal-Kamra tan-Nar. Il-ftuħ mill-ġdid tal-Kumpless u l-inawgurazzjoni tal-estensjoni tiegħu saret mill-E.T. President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, flimkien mal-*Licencee* is-Sur Joe Aquilina, nhar l-Ħadd 3 ta' Ġunju 2018 wara quddiesa ċelebrata mill-Kappillan il-Kanonku Michael Zammit. Wara iċċelebrajna flimkien permezz ta' marċ li telaq minn fejn il-Kumpless, fi Triq l-Arluġġar, u spiċċa quddiem il-Każin tagħna. Kienet okkażjoni tassew sabiħa li fiha ċċelebrajna wara ħafna xogħol u stinkar minn ħafna individwi.

Mill-ġdid, minn din il-paġna, l-Kumitat Ċentrali kif ukoll is-Sezzjoni Nar, jirringrazzjaw lil dawk li middew idejhom għax-xogħol tul din is-sena li għaddiet u lil dawk il-kuntratturi li selfu xi inġenji sabiex ix-xogħol seta' jsir. Grazzi wkoll tmur lil kull min attenda għad-diversi ikliet u attivitajiet soċjali li saru bħala *fundraising* u lil min għen sabiex dawn setgħu jittellgħu b'mod regolari.

Finalment, ringrazzjament ieħor imur lil dawk li ħarġu l-flus sabiex f'inqas minn sentejn minn mindu ħareġ il-permess, irnexxielna nlestu dan il-proġett. Issa nistgħu ngħidu li għanha kumpless tan-nar modern u sigur ħalli l-membri tagħna jkunu jistgħu jkomplu jaħdmu sabiex isebbħu l-festa tagħna bil-logħob tan-nar.


9
OXIDISERS











**Xogħol ta' kostruzzjoni fil-Post tan-Nar il-ġdid**








The Gallery
113, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa
Tel: 21803636
D stylist is recognized by the good salon guide uk salon as 4 star salon, Its owned by young enrgetic team of hair dressers and barbers Whether it's edgy and modern or sleek and elegant, we strive to create the perfect look for each individual client. We're also determined to provide each and every client with the highest degree of customer service in a friendly and professional setting. We are dedicated to performing our craft exceptionally well.
Our services
blowdry 10euros
curl at the end starting from 15euros
mens hair cut 10euros
beard shave 5euros
women hair cut 15euros
color roots 16euros
full color starting from 30euros
half head lights starting from 40euros
full head lights starting from 50euros
upstyles starting from 25euros
Present this voucher on your first appointment with us and be entitled for a free blowdry or hair treatment.
Opening hours
from Monday to Saturday
from 9am to 6pm
We do also Sunday barbering
from 9am till 2pm



# Sehem fil-Wirja Nazzjonali tal-Armar tal-Festi

F'Settembru tas-sena l-oħra s-Sezzjoni Armar fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione* ipparteċipat f'Wirja Nazzjonali tal-Armar tal-Festi Maltin organizzata mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja u Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar. Min-naħa tagħna ġew esebiti wieħed mill-pavaljuni ta' Triq Dun Pawl kif ukoll bandalora mis-sett li jintrama fi Triq Sant'Andrija.

Il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca attendiet ukoll għal din l-okkażjoni u ppreżentat ċertifikati lill-parteċipanti kollha.






# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.












**Żjara tal-Onor. Dr Owen Bonnici**












HG
Henry Galea


VINCITRICE
Feast Shirts
Malta
Find us on
Facebook



# Manutenzjoni u Tisbiħ ġewwa s-Sede tas-Soċjetà

Clifford Micallef

Il-manutenzjoni fil-każin tagħna ma tonqos qatt u din is-sena ma kinitx eċċezzjoni. Din is-sena saru diversi xogħlijiet fil-każin kemm fis-sular t'isfel kif ukoll fis-swali tal-ewwel sular. Dan ix-xogħol sar ħafna minnu b'xogħol volontarju mill-membri tal-kumitat kif ukoll minn soċi.

**Manutenzjoni fuq il-gallerija u l-aperturi prinċipali**

Fix-xhur li għaddew sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-gallerija prinċipali u l-aperturi tal-każin. Dan ix-xogħol kien ko-ordinat minn Andrew Aquilina u mgħejjun minn Omar Xerri. Nirringrazzjaw lil Shawn u Lawrence Cassar talli kull meta kellna bżonn isellfuna l-inġenji tagħhom sabiex inkunu nistgħu naħdmu faċilment.







**Tisbiħ tal-*Bar Area***

Wara li fis-snin li għaddew sar l-irħam fl-intrata u l-kontra ntrata tal-każin, din is-sena ddeċidejna li nkomplu bl-irħam maz-zokklatura kollha ta' quddiem il-*bar*. Ġie deċiż li jsir l-istess tip ta' rħam li ntuża fl-intrata biex ix-xogħol ikun wieħed unit u fl-istess ħin jikkumplimenta l-istess irħam tal-*bar* li huwa fuq l-istess skala ta' kuluri. L-irħam ġie ordnat għall-ħabta ta' Diċembru u wasal Malta fil-bidu ta' Mejju. Għaldaqstant ġie deċiż li dan jitwaħħal wara l-festa minħabba li ma jkunx fadal wisq żmien.

Fl-istess ħin li kien qed isir l-irħam ġie deċiż li jinbidlu l-aperturi antiki tal-ħadid li jagħtu għal ġol-bitħa. Wara li ħadna xi kwotazzjonijiet, il-kumitat iddeċieda li dawn isiru tal-*aluminium* kulur l-injam u bil-ħġieġ *double-glazed*. Dawn ġew ordnati u twaħħlu fix-xahar ta' Mejju.

Inxtraw ukoll sett *speakers* ġodda għall-bar u wkoll ġiet installata sistema ġdida tal-*IPTV* biex il-membri jkunu moqdijin aħjar. Sar ukoll *upgrade* tal-*broadband* tal-internet biex il-membri u kull min juża l-*wifi* ikun moqdi aħjar. Sintendi biex sar dan kellna nżidu l-ispiża tal-kont fix-xahar.

**Sala *Mro. Vincenzo Camilleri***



Kienet ilha tinħass il-ħtieġa biex nagħtu dehra aktar xierqa u dinjituża lis-sala tal-kumitat. Wara li fis-snin l-mgħoddija saret id-dekorazzjoni tas-saqaf bl-iskultura, il-kumitat iddeċieda li jagħti dehra ġdida lil din is-sala. L-ewwel li sar kien li neħħejna żewġ vetrini li kienu mimlija b'ħafna mużika sparpaljata. Din il-mużika nġabret kollha flimkien ma' ħafna partituri u diversi libretti tal-banda u ġiet merfugħa ġo kaxxi tal-kartun apposta u wkoll ġiet ikkategorizzata. Din ġie merfugħa f'vetrina li hemm fil-klassi tat-tagħlim li issa ġiet riservata kollha għall-mużika. Dorna dawra wkoll mal-mużika li kien hemm ġol-arkivju l-antik fejn din ġiet merfugħa b'mod aktar ordnat.

Wara għaddejna għall-fażi li jmiss billi neħħejna l-inkwatri kollha u nbarxet iż-żebgħa kollha fejn saħansitra din tbaqqnet kollha għax kienet pjuttost imkagħbra u l-ħitan ġew miksija bil-ġibs biex jiġu aktar lixxi u puliti. Hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità li nirringrazzja lis-Sur Oliver Magri li offra li jagħmel ix-xogħol tal-kisi b'mod volontarju mgħejjun mis-soltu Andrew Aquilina. Wara l-kisi sar l-ixkatlar u ż-żebgħa biex b'hekk ikollna bażi tajba għall-pass li jmiss li huwa t-twaħħil tal-*wallpaper*. Inżebgħet mill-ġdid l-iskultura ta' mas-saqaf għax kienet tkagħbret ukoll kif ukoll ġiet sfumata l-iskultura mis-Sur Dennis Gatt.

Kien imiss issa li jitwaħħal il-wallpaper li kien inxtara minn kumpanija lokali. Dan ix-xogħol sar minn rappreżentant tal-istess kumpanija u tlesta għall-ħabta ta' Mejju. Issa kien imiss li l-kamra tingħalaq billi twaħħlet skirting ġdida mad-dawra kollha tas-sala. Sar ukoll xogħol ta' xkatlar u lostru fuq ix-xambrella u l-bieb tas-sala. Dax-xogħol sar b'mod volontarju mis-Sur ĠannMarì Formosa li dejjem sibnieh kull meta kellna bżonn fejn jidħol xogħol relatat mal-injam.

Wara li tnaddfet sew is-sala mill-ħafna ħmiet li nqala' reġa' sab postu lura fis-sala l-arkivju l-antik, li sintendi żżarma biex seta' jsir ix-xogħol u hawn ħadna l-okkażjoni biex għamilna xi xogħol żgħir ta' manutenzjoni fuqu u wkoll inbidlu s-serraturi kollha għax ħafna miċ-ċwievet kienu mitlufa. Saret ukoll tarġa tal-irħam ġdida mad-dawra tal-arkivju biex dan jintrefa' ftit mill-art u jingħata dehra aktar lussuża. Reġgħu twaħħlu ħafna mill-inkwatri b'mod aktar organizzat u wkoll tpoġġiet l-għamara lura f'postha biex b'hekk nistgħu ngħidu li l-proġett ġie fi tmiemu u r-riżultati aħħari kien kif xtaqna. Nistiednu lis-soċi jaraw ir-riżultat finali waqt il-ġranet tal-festa fejn is-swali tal-każin tagħna ikunu armati għall-okkażjoni u napprezzaw il-kummenti tagħkom.





**Ringrazzjament**

Kif wieħed jista' jara kienet sena impennjattiva ferm u sar ħafna xogħol biex is-sede tagħna tkompli tissebbaħ u tingħata dehra aktar majestuża. Dan ix-xogħol seta' jsir b'ħafna ħidma volontarja u mill-qalb ta' diversi nies dejjem taħt is-superviżjoni tas-Sur Andrew Aquilina, il-kuratur tal-każin tagħna. Ma nixtieq insemmi lil ħadd għax żgur li ninsa lil xi ħadd. Ngħid biss grazzi mill-qalb lil kull min b'xi mod kien ta' għajnuna biex dan ix-xogħol kollu seta' jsir u nagħmel appell lilkom il-partitarji biex tapprezzaw u tieħdu ħsieb li l-każin jinżamm fi stat tajjeb għax il-ħsara m'hi tajba għal ħadd, barra li tiswa ħafna flus.



# Tal-Familja

*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET

54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com



OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)

# Aġġornament fil-Ftehim tal-Festa

Joseph Piscopo

Wara l-festa tas-sena li għaddiet kienet intweriet ix-xewqa miż-żewġ għaqdiet mużikali tar-raħal tagħna li jinbidlu xi ħinijiet mill-programm tal-festa, li issa ilhom is-snin u li ma kinux aktar addattati għal-lum il-ġurnata. Dan minħabba l-fatt li l-festa evolviet ħafna minn meta kienu saru l-ftehmiet bejn in-naħat konċernati li jirregolaw kif issir il-festa kif nafuha llum.

Tajjeb li wieħed jifhem li l-festa tagħna bħala qafas ta' ftehim ewlieni għandha l-ftehim li kien ġie ffirmat fit-12 ta' Marzu 1964 u li jirregola l-attivitajiet li jsiru lejlet u nhar il-festa. Dan kien sar fil-kuntest li l-festa kienet tmexxiet minn Novembru għall-ewwel Ħadd ta' Lulju u fil-kuntest ta' kwistjoni bejn iż-żewġ għaqdiet mużikali li kienet bdiet ħafna snin qabel.

Fit-28 ta' Marzu 1972 sar ftehim bejn iż-żewġ għaqdiet mużikali, bil-kappillan Innoċenz Borg bħala xhud, li l-baned jagħmlu marċ sena kull wieħed fl-aħħar tat-tridu tal-festa. Il-banda tagħna għamlet l-ewwel marċ tal-aħħar tat-tridu fis-sena 1973. Sitt snin wara, fit-3 ta' Mejju 1978, sar ftehim ieħor li fih ġie introdott il-marċ tal-ħruġ min-niċċa (tat-Tnejn), kif ukoll il-marċ ta' filgħodu. Dik is-sena kienet id-dritta tal-banda



THE CORE
BEAUTY & WELLBEING
... where Beauty is at Heart
6, Sebastian Saliba Street , Luqa

"My mission is to be fully committed in treating and advising my clients to reach their highest potentials for obtaining healthier skin, feeling unique, make every appointment worth while, leaving looking and feeling beautiful"...

Mariella Borg

We have **experience** and we get **results** by combining **powerful Brands** together with the latest technologies in **electrical modalities**.

Offering **Dermalogica** and **Guinot** customised facial treatments for all skin types and conditions - Anti-ageing , Non Surgical Lifting , Acne Prone skins , Pigmentation challenges , Problematic skins suffering from dehydration, dryness, Eczema , Rosacea ...

Electroloysis -- Waxing -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Shaping /Eyebrow tinting -- Make-up Services

For appointment call 21806989 or 99273375 and follow us on the core beauty and wellbeing



tagħna u għalhekk il-marċ ta' filgħodu kien sar minnha. Dan ifisser li l-marċ ta' filgħodu din is-sena ser jagħlaq 40 sena minn mindu ġie introdott fil-programm tal-festa tagħna.

Wara seba' snin, jiġifieri fis-sena 1985, reġgħet saret reviżjoni sabiex daħlu wkoll il-marċ tal-Erbgħa u tal-Ħamis, l-ewwel u t-tieni tridu rispettivament. Dan wassal sabiex il-festa ġiet kif nafuha llum. Ta' min jgħid li dik is-sena, kien sar ukoll l-ewwel marċ bl-istatwa ta' Sant'Andrija, xogħol l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi.

Ta' min jgħid li s-Soċjetà tagħna bidlet il-programm tal-attivitajiet diversi drabi. Pereżempju, kien hmm żmien fejn kien l-ewwel isir marċ bit-tmiem tiegħu ikun bit-tlugħ tal-istatwa, segwit bil-programm mużikali u min-nar tal-art (skont jekk ikun immha s-Soċjetà tagħna). Meta dan il-marċ beda jikber kienet ittieħdet id-deċiżjoni li dawn jinqalbu u l-ewwel isir il-programm mużikali, segwit minn marċ u t-tlugħ tal-istatwa, kif għadu jsir sallum il-ġurnata.

**Tibdil fil-Programm tal-Festa ta' din is-sena**

Bis-saħħa ta' ftehim li sar bejn l-għaqdiet mużikali u li ġie ffirmat fit-28 ta' Ottubru 2017 saru bażikament tliet emendi fil-programm tal-festa, li ser japplika minn din is-sena:

**Il-Ħamis u l-Ġimgħa** - il-ħin ta' tmiem tal-attivitajiet ser ikun estiż minn 12.00am għan-12.30am;

**Is-Sibt** - il-marċijiet ser jibdew kif ġej: l-ewwel banda tibda fit-8.30pm u tispiċċa fil-11.30pm u t-tieni banda tibda fid-9.15pm u tispiċċa fil-12.15am. B'dan il-mod id-dilettanti tan-nar ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-marċijiet rispettivi u l-marċ li jibda l-ewwel ħa jibda aktar tard mis-snin preċedenti (qabel l-ewwel banda kienet tibda fit-8.15pm. In-nar tal-art ser jibda fin-12.30am

**Il-Ħadd** - Sabiex titjieb l-attendenza għall-Quddiesa Konċelebrata ta' nhar il-festa, din mhux ser tibda aktar fit-8.30am imma ser tibda fid-9.00am. Il-marċ ta' filgħodu ser jibda fil-11.00am u jispiċċa fis-2.00pm.

Dan it-tibdil li jista' jidher kożmetiku ser jgħinna sabiex ikollna festa organizzata aħjar u li tkun tista' tiġi gawduta minn kulħadd, kemm mil-lat intern u kemm mil-lat estern. Minn din il-paġna nirringrazzjaw lil Dun Gordon Refalo, ex-Kappillan li mexxa d-diskussjonijiet bejn iż-żewġ naħat li waslu għall-ftehim aħjar.




140 Sena Fostna



# X'Seħħ Verament Mija u Erbgħin Sena Ilu f'Wied il-Knejjes ... *bil-fatti*!




Bejn l-1877 u l-1878, is-Sur Pietro Azzopardi wera x-xewqa illi fil-qalba tal-parti l-antika tar-raħal, titwaqqaf xbieha maestuża ta' Sant'Andrija Appostlu sabiex din tibqa' bħala mafkar dejjiemi tad-devozzjoni kbira li l-poplu ta' Ħal Luqa minn dejjem kellu lejn dan l-Ewwel Appostlu. Għaldaqstant, jingħad li ġie mqabbad l-iskultur Vincenzo Decandia li naqqax fil-ġebla din ix-xbieha imponenti ta' dan il-qaddis, iħaddan is-salib ma' driegħu u b'ħarstu 'l fuq lejn is-smewwiet.

Din l-istatwa kienet imtella' fuq il-pedestall fis-sajf tas-sena 1878 u giet inawgurata u mbierka mill-Kappillan Dun Ġużepp Ruġġier Trapani. Nhar is-16 t'Ottubru, l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof Carmelo Scicluna ta l-Indulgenza Plenarja ta' Erbgħin Jum sħaħ għal kull min jirreċita *Pater*, *Ave* u *Gloria* quddiem din ix-xbieha qaddisa.

Dan kollu huwa miktub saħansitra fuq l-imsemmija xbieha, kif ukoll fil-kitbiet antiki tal-istorja tal-parroċċa li minnhom il-mibki Dun Ġużepp Micallef silet u kkwota kemm-il darba. Mill-ebda prova konkreta oħra ħadd qatt ma qal jew sema' li marbuta ma' din ix-xbieha kien hemm it-twaqqif uffiċjali ta' xi għaqda mużikali.

Għaldaqstant, l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Wied il-Knejjes hija ta' kulħadd, u ħadd ma jista' jikkappara din ix-xbieha antika għall-fini tiegħu biex jgħawweġ u jivvinta l-istorja tar-raħal tagħna kif jaqbillu. Għalhekk, dak kollu li qed jingħad f'dan ir-rigward u li jmur kontra l-evidenza konkreta u sostanzjata huwa biss ħrafa li tingħad lit-tfal ċkejkna qabel jorqdu biex ma jibkux aktar!

Sunicrust Bakery

**Opening Hours**

**Monday to Saturday**
**Early Morning till 12.00pm**

**Sunday/Public Holidays**
**Early Morning till 10.00am**

**St. Joseph Street - Ħal Luqa - Mob: 79 814 679**

MARBLE INNOVATION

Kurt Zerafa
Managing Director

M: +365 9949 8466
T: +365 2169 5226
E: info@marbleinnovation.com
W: www.marbleinnovation.com

MARBLE GRANITE QUARTZ

**KORDIN INDUSTRIAL ESTATE MALTA**



# Il-Perit Indrì Vassallo

## *Ikona ta' Ħalluqi bl-Arkitettura Mwielda Miegħu u Magħġuna f'Demmu*

**Fabian Mangion**
*B.A., S.Th. Lic.*



***Il-Perit Indrì Vassallo***

Indrì Vassallo twieled f'Ħal-Luqa fit-2 ta' Jannar, 1856. Huwa bin Salvatore Vassallo, imgħallem tal-ġebel, u martu Katerina mwielda Sammut. Ġie mgħammed l-għada, 3 ta' Jannar minn Dun Vinċenz Schembri, il-Kapillan tal-Imqabba. Tawh l-ismijiet ta' Andrija, għall-Qaddis patrun ta' raħal twelidu, Vinċenz, Albertu u Pietru.[1]

Hu kellu tliet ħutu oħra. Dawn kienu Ġużeppi, Karmenu u Ġanni.

Ġużepp Vassallo li, fil-21 ta' Diċembru 1878, ġie ordnat saċerdot, ħadem mill-qrib mal-kappillan, Dun Anton Vella biex il-knisja ta' Ħal Luqa tkompli tissebbaħ, tant li kienu ilhom għaddejjin bi proġett wara l-ieħor. Dan kien fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Fost ħidmiet oħra, jissemmew it-tlestija tal-faċċata tal-knisja wara li sarulha n-navi l-ġodda, statwa tar-Redentur għal fuq il-frontispizju tal-faċċata maħduma minn Franġisku Saverju Sciortino, modifikazzjoni fuq l-artali tan-navi, kwadri ġodda tal-magħruf Ġużeppi Calì għall-istess artali, sett gandlieri ġodda għall-prima u s-sekonda tal-artali maġġur biex jintużaw fil-festa titulari, restawr tal-appostolat skolpit fl-injam għall-istess altar maġġur kif ukoll xogħol ieħor marbut mal-pavimentar u z-zuntier tal-knisja. Barra minn hekk, fl-1913, l-istess kappillan Vella u l-membri tal-Kleru ħallsu l-ispejjeż kollha marbuta mar-restawr u l-induratura tal-istatwa titulari filwaqt li l-ispiża għall-bankun u l-bradella ġabarha l-Prokuratur Dun Ġużepp Vassallo mingħand il-parruċċani kollha. F'Jannar 1924 Dun Ġużepp xtara b'kemm jiswew £24 tapizzerija u permezz ta' hekk beda jitwettaq il-proġett tad-damask tal-knisja li ntrama għall-ewwel darba għall-festa ta' Novembru 1928.[2]

Karmenu Vassallo, li ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1886, kien ir-rettur tal-knisja l-antika tal-Madonna tal-Karmnu u ħabrek biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu. Fi żmienu, fl-1897, sar il-kwadru titular għall-istess knisja. Din il-knisja twaqqgħet fl-1942 biex seta' jinbena l-ajrudrom. Fl-1925, Dun Karm ordna, għand id-ditta Prospero Baricozzi ta' Milan is-sett qniepen li għandha l-knisja llum u li ġew inawgurati fis-17 ta' Ottubru 1928. L-aħħar opra li għamel Dun Karm Vassallo kienu

pjaneta u żewġ tuniċelli għall-festa ta' Sant'Andrija tal-1931 u kappa għall-purċissjoni tas-sena 1933.[3]

Ġanni Vassallo fl-1894 issieħeb max-Xirka tal-Malti mwaqqfa minn Napuljun Tagliaferro. Il-ħsieb tax-Xirka kien li twaqqaf regoli tal-kitba Maltija fuq alfabett popolari. Vassallo daħal għal din il-biċċa xogħol waħdu u fl-1901 ippubblika Il-Muftieħ tal-Kitba Maltija. Fil-5 t'April 1914 sar reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex. Ma' din il-ħatra, huwa mar joqgħod Għawdex u hemm għex il-bqija ta' ħajtu. Ġanni huwa magħruf bħala 'Il-Bennej tal-Ortografija Maltija'.[4]

**Bidu ta' ħidmet Indrì**

Indrì Vassallo beda l-karriera tiegħu bħala skultur fil-ġebel.[5] L-ewwel ħdax-il sena tal-ħajja professjonali tiegħu għamilhom fi prattika privata.

Fl-1877, kien ġie deċiż li f'Ħal Luqa titwaqqaf statwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu (fejn għadha tinsab illum). Id-disinn tal-pedestall u tal-istatwa tħallew f'idejn iż-żagħżugħ Andrea, li ħadem ukoll l-iskultura li hemm fl-istess pedestall. Aktar tard, fl-1886, f'Ħal Luqa żżanżnet statwa ġdida ta' Malta Gwerriera, xogħol l-istatwarju Senglean Karlu Darmanin. Marbut ma' din l-istatwa naraw xogħol artistiku ieħor, jiġifieri l-kolonna li tintrama fuqha l-istess statwa. Din il-kolonna nħadmet mill-membri tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, fosthom Ġan Patist Cremona u Pietru Zammit, taħt id-direzzjoni ta' Andrea Vassallo li tiegħu kien ukoll id-disinn tagħha.[6]


1856.
Die 8 Januarii 1856.
Andreas
Vassallo.

***Ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija ta' Indri Vassallo fil-parroċċa ta' Ħal-Luqa***

Fl-1883, meta kien għad kellu biss 27 sena, Dun Pawl Lauron, Arċipriet tal-Furjana, talbu jħejji disinn għall-faċċata tal-knisja Parrokkjali. Il-professur Nikola Zammit kien ukoll ġie mitlub jippreżenta disinn għall-istess skop. Kbir kien id-diżappunt ta' Vassallo meta l-Arċipriet ħareġ biss għall-wiri d-disinn ta' Zammit. Wieħed korrispondent li kkritika din il-mossa kiteb: *"Rajt iż-żewġ disinni, għoġobni tal-Professur Zammit, imma tas-Sur Vassallo saħħarni."*[7]

L-ewwel biċċa xogħol kbira tiegħu kien it-teatru *Princess Melita* f'Tas-Sliema fl-1885. "Disinn sabiħ u jolqtok li juri l-kapaċità ta' Indrì Vassallo - opra tabilħaqq perfetta", kiteb wieħed fil-*Malta*.[8] Fl-istess sena bena mill-ġdid, taħt is-superviżjoni tal-Perit Emmanuel Luigi Galizia, il-monument ta' Sir Alexander Ball li hemm fil-Barrakka f'isfel.[9]

Fis-sena 1887 meta Vassallo kellu 31 sena diġà kellu taħriġ twil *"f'kull fergħa ta' arti fil-bini"*, hekk li kien jieħu ħsieb ħafna bini.[10] Indrì Vassallo kien il-għaġeb tal-arti arkitettonika mwielda miegħu. Hekk magħġuna f'demmu, hija pattiet għall-ftit skola li kien jaf.[11]

Il-ġenju ta' dan il-Ħal-Luqi fl-arti arkitettonika jidher meta wieħed isir jaf li qatt ma għamel kors regulari ta' arkitettura. Fil-21 ta' Diċembru 1887, meta kien ġa beda juri l-ħila tiegħu fl-arkitettura, laħaq *Clerk of Works* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet

Pubbliċi.[12] F'din il-kariga, li fiha dam għal tliet snin,[13] kellu f'idejh, fost xogħol ieħor, il-bini tal-isptar tax-Xjuħ tal-lmgieret, u l-iskejjel tal-Ħamrun u tas-Sliema.[14]



***L-Iskola Elimentari tal-Gvern f'Tas-Sliema, iddisinjata minn Vassallo u mibnija lejn l-1908***

Hu kien ukoll iddisinja u waqqaf il-Konservatorju maħdum mill-ħadid fil-Ġonna tal-Argotti. Dan kien tip ta' xogħol fil-ħadid pjuttost ġdid għal Malta. Filwaqt li ritratti li juru din il-biċċa xogħol ambizzjuża għadhom jeżistu, hija sfortuna li l-istruttura nnifisha ġiet maħtuta għaliex l-ispiża għall-manutenzjoni tagħha dehret għolja ħafna.



***Il-Greenhouse li Indri Vassallo ddisinja qabel l-1907 għall-ġonna tal-Argotti***

Fis-7 ta' Novembru 1908, it-tliet membri tal-Bord tal-Eżamijiet tal-Inġiniera u l-Periti, b'vot sigriet, irrakkomandaw lill-Gvernatur Sir Harry Fane Grant li Indrì Vassllo għandu jingħata l-*Warrant* ta' Perit bla ma kellu bżonn joqgħod għal xi eżami.[15] Din l-azzjoni kienet tant mhux normali li, fil-pront, iġġenerat kundanna qawwija mill-Istitut tal-Periti.[16] It-tweġiba uffiċjali kienet: "Għalkemm I. Vassallo qatt ma għamel kors regulari fl-arkitettura fl-Università, hu għandu d-diploma ta' Inġinier Ċivili (C.E.) u hu Membru tal-Istitut Britanniku tal-Arkitetti (M.I.B.A.). Barra minn dan, il-Bord ikkonsidra wkoll il-ħila teknika ta' Vassallo."[17]

F'Ġunju tal-istess sena (1908) Vassallo attenda, fuq stedina tal-istess Istitut Britanniku, it-Tmien Kungress Intemazzjonali tal-Arkitetti fi Vienna. Fost il-ħbieb tiegħu, kien igħodd l-aqwa arkitetti Ewropej ta' żmienu fosthom Ernesto Basile, Marcello Piacentini, Thomas Simpson, Leonard Stokes u Alexander Davidson. Ħafna kienu r-rivisti barranin tal-arkitettura li talbuh jippubblikaw ix-xogħlijiet u l-kitba tiegħu.



***Binja unika, fuq pjanta ta' Indri Vassallo, fil-pjazza tal-Katidral fl-Imdina***



*Il-binja tal-Isptar Zammit Clapp*

**Iktar xogħlijiet tal-Arkitett Indrì Vassallo**

It-tkabbir minn ġewwa tal-knisja ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, kien taħt idejh. Huwa ddisinja l-bini ta' vilel differenti fil-bidu ta' stil Ingliż għall-lmħallef Pasquale Mifsud, is-sinjuri Pace, u l-Baruni Igino Depiro fis-Saqqajja, ir-Rabat, u djar oħra ħdejn il-Katidral tal-Imdina għal nobbli u sinjuri. Iddisinja wkoll villa f'Ħ'Attard u xogħlijiet oħra f'Villa Bologna li kienu ġew imħollija f'idejh minn Sir Gerald Count Strickland.[18]

Jidher li Vassallo kellu ħbieb Ingliżi. F'dan iż-żmien huwa ddisinja għas-suldati u baħrin Istitut li kien ġie mħolli f'idejh mill-Kurunell Woodward. Il-Ġeneral Hales Wilkie, li fl-1 ta' Jannar 1888 lahaq kmandant tal-*Infantry Brigade* f'Malta, kien ukoll talbu jħejji disinn għall-*Branch Union Club* f'Tas-Sliema.[19]

Minn taħt idejh ukoll ħarġet id-dar tal-*Little Sisters of the Poor*, il-Ħamrun,[20] u mexxa l-bini tal-lsptar Zammit Clapp li ġie inawgurat fl-1910.[21]



*Ritratt iffirmat mill-Perit Indri Vassallo li juri t-Tribuna Bażilika, mibnija fuq disinn tiegħu stess, fil-Kolleġġjata tal-Isla fl-1921*

**Tribuna bażilikali għall-Isla**

Fit-3 ta' Jannar 1921, il-Papa Benedittu XV iffirma d-digriet li bih għolla lill-knisja kolleġġjata u parrokkjali tal-Isla għad-dinjità ta' Bażilika. Għalkemm iż-żmien kien qasir, anke minħabba l-fatt li fl-4 ta' Settembru tal-istess sena, kienet ser isseħħ l-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina, fis bdiet il-ħidma għall-bini ta' tribuna bażilikali.

Għall-ħabta ta' Frar, il-perit Indrì Vassallo lesta d-disinn u l-pjanta ta' kif kellha ssir it-tribuna. Fis-27 ta' Mejju, iżżarma l-artal maġġur[22] u beda jsir ix-xogħol tat-tribuna.[23] Fit-12 ta' Ġunju tqiegħdet l-ewwel ġebla tagħha.[24] Ix-xogħol kollu baqa' sejjer sas-26 ta' Awwissu 1921. Għalhekk, wara l-inkurunazzjoni tal-Bambina, fis-6 ta' Awwissu, lill-perit Vassallo pprreżentawlu, bħala apprezzament, rigal fil-każin tal-Banda *Queen's Own*.[25]

**Żewġ koppli majestużi**

FI-1923 Vassallo rebaħ konkors bil-pjanta li għamel għall-koppla u l-kampnari għall-knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun.[26] Kien biss fl-1953-55 li l-koppla nbniet taħt id-direzzjoni tas-Sur Ġużè D'Amato, li mexa fedelment mad-disinji mħejjija minn Vassallo.[27]

Dwar il-koppla tal-knisja Parrokkjali u Matriċi ta' San Gejtanu fil-Ħamrun, mibnija b'taħlita ta' elementi medjevali biex taqbel mal-istil tal-knisja, naqraw: *"Din il-koppla hija magħrufa minn ħafna bħala l-isbaħ koppla ta' Malta, iddisinjata minn Indrì Vassallo."*[28] II-koppla majestuża ta' San Nikola tas-Siġġiewi, ukoll mibnija fuq pjanta ta' Indrì Vassallo, hija mxaqilba aktar lejn l-istil klassiku.[29]

Interessanti l-fatt li dawn iż-żewġ koppli huma t-tnejn imtellgħa b'żewġ qoxriet, xi ħaġa li qatt ma kienet saret f'Malta. Il-forma tal-qoxriet ta' barra ġiet imfassla fuq dik li tissejjaħ *catenary curve*, li tiflaħ ħafna aktar mill-forma sferikali, jiġifieri l-forma normali tal-koppli Maltin.

Indrì Vassallo kien ukoll inkarigat mill-bini u xogħlijiet oħra fl-istil *Rococo* tal-knisja ddedikata lill-Madonna tal-Ħerba, f'Birkirkara.[30]




***Il-pjanta tal-koppla tal-Ħamrun kif kien fassalha l-Perit Indri Vassallo li turi kif kellha tiġi minn barra u minn ġewwa. Għalkemm ir-ritratt iġib is-sena 1953, il-pjanta kienet tħażżet minn Vassallo ħafna żmien qabel meta kien daħal għall-konkors***

**Indrì Vassallo u L-Kungress Ewkaristiku internazzjonali tal-1913**

L-armar li Vassallo għamel għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913 baqa' jissemma. Fis-17 ta' Mejju 1913, l-Arċisqof Pietru Pace laqqa' ħafna nies ta' kull klassi fl-Oratorju tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Minn fosthom ġie ffurmat l-kumitat eżekuttiv. Indrì Vassallo ġie maħtur membru tiegħu u president tas-sotto-kumitat għat-tiżjin tat-toroq.

F'laqgħa tal-eżekuttiv li saret fl-Oratorju tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann fit-3 ta' Ottubru 1912, Vassallo ressaq id-disinji kollha mitluba minnu u ġew approvati.[31] Il-Ħabib ikkummenta hekk fuqhom: *"Kulħadd baqa' mistagħġeb mhux biss bl-ideat kbar, ġodda u sbieħ tiegħu, imma bir-reqqa li biha ħaseb għal kollox. Il-kumitat, bil-voti tiegħu kollha, għadda d-disinji, faħħarhom u vvota għaż-żîna tat-toroq kollha mnejn għandha tgħaddi l-purċissjoni, magħdudin ukoll il-luminazzjoni u il-gôc-di-fogo, is-somma ta' elf lira, tliet*



***Il-koppja mibnija fuq pjanta tal-Perit Vassallo għall-knisja Arċipretali tas-Siggiewi***




***Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, flimkien mal-Kardinal Domenico Ferrata, Legat tal-Papa Piju X. L-Arċisqof Pietru Pace u l-Isqof Angelo Portelli OP, jidhru fuq ix-xellug u fuq il-lemin tal-Kardinal rispettivament filwaqt li l-Perit Indri Vassallo, jidher fit-tielet filliera, it-tieni mix-xellug.***

*mija u sittin. Taraw, bil-għajnuna t'Alla, kif is-Sur Vassallo, b'disinji li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk kollha li nafu bihom s'issa, sejjer ibiddel il-Belt u fiha ma jkunx hemm tarf li ma jgħollix l-Isem Imqaddes ta' Ġesù!"*[32]

Fost xogħlijiet li ħejja kien hemm l-art trijunfali li kienu waqqfu f'Putirjal (fl-entratura tal-Belt Valletta). Iżda l-aktar li spikkat, kienet it-tribuna mtellgħa barra d-daħla tal-Mall.[33] Kien hemm il-ħsieb li t-tribuna tintrama fuq il-fosos, iżda wara ddeċidew li jarmawha quddiem id-daħla tal-Mall fejn setgħet tidher iktar mill-eluf li kienu mistennija joħonqu s-swar tal-Belt għall-Barka Ewkaristika li kienet se ssir il-Ħadd, 27 ta' Mejju 1913.[34] Mons. Tumas Heylen, Isqof ta' Namur fil-Belġju, li kien is-Segretarju tal-Kumitat Permanenti li jorganizza l-Kungressi Ewkaristiċi, stqarr li f'ebda belt oħra ma sar tiżjin bħal dan għall-Kungress Ewkaristiku. Il-Papa Piju X meta sema' kemm stinka, fis-17 ta' Novembru 1913, iddekora lil Vassallo bl-insinja tal-Ordni ta' S. Girgor il-kbir.[35]



***It-tribuna li ġiet imtellgħa barra d-daħla tal-Mall fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.***



***Casa Said li sa ftit ilu kienet iżżejjen ix-Xatt ta' Tas-Sliema. (Ritratt meħud minn Bay Retro)***

Tliet snin wara, fit-30 ta' Diċembru 1917, Malta reġgħet ftakret fil-Kungress bl-inawgurazzjoni ta' monument li twaqqaf fil-Biskuttin tal-Floriana, ftit passi bogħod minn fejn kienet armata t-tribuna ta' Vassallo. Dakinhar, il-Maltin li nġabru fil-madwar, huma li kienu għadhom qed jippruvaw jinsew it-tbatija li ħolqitilhom l-Gwerra l-Kbira, raw għall-ewwel darba l-figura ta' Kristu jiġi mogħti qima minn Malta, xhieda ħajja u reali ta' dak li seħħ fil-jiem tal-Kungress. Il-perit tagħna kien wieħed fost l-artisiti u l-periti Maltin ta' fama li fforma parti mill-kumitat li ħa ħsieb li jsir dan il-mafkar dejjiemi.[36]

**L-Aħħar xogħol tal-Arkitett Indrì Vassallo**

Vassallo kien jaf tassew jiddisinja kull stil f'perjodi differenti bl-istess ħeffa. Tnejn mill-aħħar xogħlijiet tiegħu huma fl-*Art Noveau*. Dawn huma: *Casa Said* fix-xatt ta' Tas-Sliema li ġiet maħtuta, u *Villa Rosa* f'St. Andrews.[37]



***Villa Rosa f'St. Andrews.***

L-aħħar xogħol ta' Vassallo hija l-Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu, Għawdex, mibnija fuq stil Lombard-Romanesk.[38] Hawn wieħed jista' jitgħaxxaq bil-ġmiel tal-iskultura fil-ġebel qisha bizzilla.[39] Kien dan I-arkitett Ħal-luqi li fassal il-pjanta ta' dan is-Santwarju li sar magħruf mad-dinja kollha. Il-pjanta ta' din il-Bażilika, *"għaġeb fl-eżattezza tal-proporzjonijiet tas-simetrija, u l-iskultura ġewwa u barra kollox maħluq minnu,"*[40] kienet għall-wiri f'April 1919.[41] Sena wara, fit-30 ta' Mejju 1920, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja.



***Il-Bażilika-Santwarju tal-Madonna 'Ta' Pinu' fil-Għarb, Għawdex.***

Vassallo ma kellux ix-xorti jaraha lesta. Għaldaqstant, dan is-Santwarju Nazzjonali u Monumentali sa jibqa' fis-skiet imdawwar mill-ħdura tal-egħlieqi u l-ikħal tas-sema u tal-baħar ikanta l-ġieħ lill-arkitett bravu tiegħu u lill-bennej Vitor Vella (1878-1956) miż-Żebbuġ ta' Għawdex.[42]

Indrì Vassallo, residenti f'nru. 46, *Strada S. Cristoforo*, il-Belt Valletta, u miżżewweġ lil Marianna mwielda Vassallo, miet fl-isptar *Blue Sisters* (illum Sptar Zammit Clapp) wara operazzjoni fil-21 ta' Jannar, 1928 - 90 sena ilu - fis-6.00 ta' filgħodu. L-għada ta' mewtu, huwa ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.[43]

Wieħed jifhem li Vassallo kien sieket dwar il-prattika privata tiegħu matul il-perjodu twil tiegħu ta' servizz mal-Gvern u li x-xogħlijiet tiegħu f'dan iż-żmien kienu ġew,



*Il-qabar fejn jinsab midfun il-Perit Vassallo fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.*



*Il-kolonna tal-Martirju ta' Sant'Andrija … li jingħad li nħadmet fuq disinn tal-perit Indrì Vassallo.*

b'xi mod, 'moħbija'. Għalhekk, jista' jkun li għad hemm xi wħud tiegħu li għad iridu jiġu skoperti. Kien f'dan il-perjodu li Vassallo laħaq il-maturità tiegħu u pproduċa x-xogħlijiet prinċipali tiegħu. Huwa ċar li huwa kiseb reputazzjoni bħala perit ta' ħila u wieħed partikolarment imħarreġ fil-kostruzzjoni tal-koppli. Għalhekk, wara t-tlestija b'suċċess tal-koppla għolja ta' San Nikola, fis-Siġġiewi (kompluta 1919) ġie mitlub biex jistabilizza l-koppla mibnija mill-ġdida ta' San Pawl, fir-Rabat, Malta, li sofriet ħsarat waqt terremot, erba' snin biss wara t-tlestija tagħha.[44]

Bħal bosta periti ta' suċċess Vassallo kien prolifiku ħafna u, kif wieħed jista' jistenna, il-kwalità tad-disinni tiegħu kellhom it-tendenza li jvarjaw.[45] Hu kien iktar konvinċenti meta kien qed jibni fl-istil *Art Nouveau* jew fl-istil klassiku Barokk.

Vassallo kien fl-aqwa tiegħu u jistħoqqlu niċċa sigura fl-arkitettura Maltija għaż-żewġ koppli tiegħu tas-Siġġiewi u tal-Ħamrun. Fuq kollox, jekk id-dar ta' Vassallo fl-Imdina, b'xi mod, tappnet ir-reputazzjoni tiegħu għal korrettezza, din ġiet aktar minn mifdija mis-sabiħa tal-koppla tal-Ħamrun li maestożament tgħola fuq l-inħawi tagħha. Wieħed ma jistax ma jammirax is-suċċess ta' Vassallo f'li jxeblek flimkien l-elementi medjevali ma' dawk klassiċi.

## Referenzi


1 Arkivju Parrokkjali Ħal Luqa, *Liber Baptizatorum*, Vol. V, p. 212.

2 Zammit, N., "Ġrajja ta' Mitt Sena ilu … B'tifkira tal-ewwel ċentinarju mir-restawr u r-renovazzjoni tal-Vara Titluari ta' Sant'Andrija Appostlu," f'*Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*, Ħal Luqa, Lulju 2013.

3 Micallef, Ġ., Ħal-Luqa Niesha u Ġrajjieta, 1975, p. 278.

[4] Micallef, Ġ., p. 278.
[5] La Ferla, R., Sliema Art Noveau Architecture, Malta, 1969.
[6] Zammit, R., "L-Istatwa ta' Malta Gwerriera, il-Pedestall tagħha u l-Artisti tagħhom … 130 sena wara," f'Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Ħal Luqa, Festa 2016, p. 135-137.
[7] Micallef, Ġ., p. 280.
[8] *Malta*, 20 ta' Jannar 1885, p. 2. Sfortunatament dan kien ġie mwaqqa'.
[9] Micallef, Ġ., p. 280.
[10] Mahoney, L., "Architect Andrea Vassallo (1908 - 1928)," f'*Melita Historica*, Vol. X, No.3, 1990, p. 226.
[11] Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, p. 508.
[12] Hawn Vassallo ħa l-post li ġie vakat minn Webster Paulson, il-perit li kien ġie mill-Ingilterra fl-1867 u li ġie fdat bir-rikostruzzjoni tat-Teatru Rjal wara li dan kien inħaraq fl-1873. Huwa baqa' jaħdem mal-Gvern sa ma rtira fl-1919 fl-etè ta' 63 sena bħala Surveyer (Perit) First Class. (Mahoney, L., "Il-Perit Andrea Vassallo," f'*Is-Siġġiewi*, Ġunju 1990, p. 21)
[13] Il-Perit Lorenzo Gatt, Suprintendent tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien irrapporta li "*Vassallo was let out in the cold*" (Vassallo tħalla barra fil-ksieħ) – il-penali li kellu jħallas talli ma kienx attenda għal xi kors formali ta' inġinerija u arkitettura. (Arkivju (A) Nazzjonali (N) ta' Malta (M), Rabat, PWD, 3530/16)
[14] Micallef, Ġ., p. 279. L-iskola fi Triq Blanche Huber, Tas-Sliema nbniet fl-1910. Il-bini huwa enormi u hemm erba' toroq madwar l-iskola. F'kull kantuniera tal-erba' faċċati hemm żewġ turretti bħal torri li huma mżejna bi skudi Maltin u Ngliżi mnaqqxa fil-ġebla. Il-bini huwa kkaratterizzat minn struttura simili għal dik ta' veranda li għandha kolonni u pilastri li jinsabu madwar il-faċċati kollha kemm fil-pjan terran kif ukoll fl-ewwel sular li fihom hemm il-klassijiet irtirati 'l ġewwa mill-faċċata. (*National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands*, Nru. 10235) Dwar din l-iskola inkiteb ukoll li *"his [Vassallo's] Sliema school assignment, demonstrates his prevailing captivating style blending his undoubted skill in design and decorative motifs with scholarly detachment."* (Bugeja, L., "The tortured soul of a gentle genius," f'*The Times of Malta*, 4 ta' Ġunju 2010, p. 10)
[15] ANM, Rabat, PWD, 3940/1908.
[16] ANM, Rabat, L 182/09. Ir-rabja tagħhom kienet ġustifikata għaliex kif jista' l-Gvernatur jikteb li l-periti "għandhom jiġu eżaminati minn Kumitat u jiġu approvati għal dan l-iskop …" (ara *Government Notice* – 14 ta' April 1856) u f'daqqa waħda jwettaq dan il-ksur tar-regolamenti?
[17] Fil-fatt, fl-1892, Vassallo ġie milqugħ bla eżami fl-*Institute of British Civil Engineers* fuq rakkomandazzjoni ta' Sir Lintorn Simmons, Field Marshal u Gvernatur ta' Malta li kien Civil Engineer, u ta' Osbert Chadwick, ġeoloġista u idroloġista distint. (ANM, Rabat, 3530/16) Aktar tard, fl-1907, Vassallo ġie rikonoxxut bħala arkitett mir-*Royal Institute of British Architects* b'diploma ta' 'Kumpann' li hija l-għola klassi tal-professjoni li dan l-Istitut seta' jagħti. (ANM, Rabat, PWD, 3948, 1908)
[18] Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 226.
[19] *Ibid*., p. 226.
[20] Il-*Piccole Suore* ġew Malta fl-1878 u l-ewwel dar tagħhom kienet fix-xatt tal-Pietà. Fl-1880 ħadu l-palazz antik, Villa Blacas, fil-Ħamrun li kien ilu ħafna battal. Id-dar, li għadha tifforma parti mill-binja preżenti, darba kienet ir-residenza tas-sajf ta' wieħed mill-Kavallieri ta' San Ġwann.
[21] Dan l-isptar huwa magħruf bħala 'Blue Sisters Hospital,' isem li jfakkar fil-komunità reliġjuża li kienet tmexxieh dak iż-żmien. F'Diċembru 1980 l-isptar ingħalaq wara li s-sorijiet ġew imkeċċija minn Malta mill-Gvern tal-ġurnata. Infetaħ mill-ġdid fl-1991 bħala sptar iddedikat għall-ħtiġijiet tal-anzjani iżda, mill-ġdid, waqaf jopera ftit wara l-ftuħ tal-isptar Mater Dei. Fl-2012 l-Isptar Zammit Clapp reġa' nfetaħ bħala faċilità ta' infermiera residenzjali għall-anzjani.
[22] Dan l-artal maġġur ġie mibjugħ għas-somma ta' £20 u illum jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar. (Mangion, F., "Marble artifacts at the Senglea Basilica," f'*The Sunday Times of Malta*, 3 ta' Settembru 2017, p. 56-57 u Gauci, M., "L-artal Maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar," f'pubblikazzjoni annwali *Marija Addolorata Sultana tal-Martri*, San Pawl il-Baħar, Festa 2014, p. 133)
[23] Meta beda jsir ix-xogħol ta' tħaffir għall-pedamenti, tfaċċat diffikulta li ma kinitx mistennija. Il-blat ma nstabx kawża li, kif kien jingħad, il-post fejn inbniet il-knisja kien barriera li minnha ħadu l-ġebel għall-knisja. Il-ħaddiema kellhom, għaldaqstant, jinżlu tlettax-il pied fejn saret blokka tal-konkrit li nħadmet f'lejl wieħed. (Tabone, C., "It-Tribuna," f'*Bullettin tal-Parroċċa tal-Isla*, nru. 46, Frar 1971, p. 4)
[24] Arkivju Parrokkjali Senglea, *Acta Capitularia*, Libro G, 1915-1934, p. 130.
[25] *Ibid*., p. 156.
[26] Il-Kappillan Dun Ġużepp Muscat, megħjjun mill-Viċi-Parroku tiegħu Dun Ġużepp Vella, kienu sejħu u

ffuramaw kumitat tal-aħjar nies mill-Ħamrun. Huma nedew konkors fost il-periti Maltin biex jagħmlu disinn tal-koppla. Għal dan kienu kkonkorrew biss tliet periti fosthom, Indrì Vassallo, li effettivament sar ir-rebbieħ tal-konkors. Huwa kien ingħata £25 lira f'rigal bħala premju! Wara l-konkors, il-kumitat għadda għall-fażi iebsa li jmiss, dik li jibda jiġbor il-flus bieb bieb mingħand in-nies tal-Ħamrun. Kull membru kien ħa biċċa triq u kull nhar ta' Ħadd bdew jiġbru sold kull familja. Din il-ħaġa baqgħet sejra għal tul mhux ħażin ta' żmien, u mbagħad ix-xogħol waqaf. (Pirotta, M., *Il-Ġrajja tal-Famuża Koppla - Sittin Anniversarju*)

[27] Dan kien sar fuq insistenza soda ta' Dun Nerik Cordina Perez, il-kappillan tal-Ħamrun f'dik il-ħabta. (Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 228) Fis-16 ta' Frar 1953, il-Ħamruniżi raw tiela' trakk mgħobbi bil-ġebel. Il-kappillan kien ilu jaħdem bil-għaqal kollu fuq dan il-proġett u meta ra li kollox jinsab imħejji, ta bidu għall-bini tal-koppla. Il-koppla damet tiela' madwar sentejn sakemm tlestiet għal kollox mill-ġebel u tbierket minn Dun Nerik stess fl-20 ta' April 1955. L-inawgurazzjoni uffiċjali saret fis-7 ta' Awwissu 1956 minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Tajjeb jingħad ukoll li s-surmast Willie Attard, ħassu ispirat direttament minn din il-ġrajja u kkompona l-marċ brijuż *Il-Famuża Koppla*.

[28] Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 232-233.

[29] *Esito delle Ven. Lampade della Sta Parrocchiele Chiesa del Siġġiewi*. Taħt id-data tas-27 ta' Awwissu 1919, fi żmien amministrazzjoni ta' Dun Ġużepp Aquilina, hemm l-informazzjoni li l-perit Edwin Vassallo kien tħallas is-somma ta' £7.15.0. Dan il-perit Vassallo ma kien ħadd ħlief it-tifel tal-perit Indrì Vassallo. Huwa kien jidher għal missieru li, minħabba li kien jaħdem mal-Gvern, ma kienx jista' jagħmel xogħol privat. Għalhekk, kemm fis-Siġġiewi u kemm f'postijiet oħra, bħal fil-knisja tal-Madonna tal-Ħerba, insibu x-xogħol imniżżel taħt isem il-Perit Edwin Vassallo. (Mahoney, L., '*Is-Siġġiewi*, p. 23)

[30] Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 228.

[31] Id-disinji kollha tal-armar kollu għall-Kungress li ressaq Vassallo kienu stmati li jiswew £1,300.

[32] *Il-Ħabib*, 10 ta' Ottubru 1912, p. 3.

[33] It-tribuna kienet ser tiswa madwar £70.

[34] Bonnici, J. u Cassar, M., *Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali Malta 1913*, 1988, p. 19.

[35] Micallef, Ġ., p. 281.

[36] Ħajr lil Dott. Giovanni Bonello għal dan it-tagħrif.

[37] La Ferla, R., *Sliema Art Noveau Architecture*, Malta, 1969.

[38] Il-bini ta' din il-knisja ġibed lejh bosta benefatturi u l-proġett fis sar kawża nazzjonali. Il-popolarità tagħha hija msejsa fuq l-esperjenzi li ġarrbu żewġ bdiewa, Carmela Grima u Franġisk Portelli, li qalu li kellhom rivelazzjonijiet mill-Verġni Marija fi knisja rurali żgħira magħruf bl-isem ta' 'Ta' Pinu' fl-1883.

[39] Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 228.

[40] Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, p. 508.

[41] Indrì kien, fil-fatt, assistit minn ibnu Edwin li ffirma wkoll il-pjanti. Sadanittant, minkejja l-fatt li Edwin Vassallo huwa magħruf li kien l-assistent ta' missieru fix-xjuħija tiegħu, huwa ma setgħax jieħu f'idejh is-superviżjoni tax-xogħlijiet fil-Knisja ta' 'Ta' Pinu' wara l-mewt ta' missieru fl-1928, peress li kien, f'dik il-ħabta, Minsitru tal-Gvern. (Farrugia, J., "The Art and Architecture of Twentieth Century Gozo," f'*The Gozo Observer*, no. 26, June 2016, p. 14)

[42] Mahoney, L., *Melita Historica*, p. 229.

[43] Micallef, Ġ., p. 281. Il-qabar huwa dak li jinsab fid-Diviżjoni Lvant – Kompartiment M - Sezzjoni D – Nru. 11. (Arkivju Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Vol. 53, nru. 129405)

[44] Galea, B., *L-Imdina ta' Tfuliti*, Malta 1989, p.5. It-terremot, li kkawża konsenturi koroh fil-koppla tar-Rabat, kien seħħ fil-ghodwa tat-18 ta' Settembru 1923. Dun Nerik Bonnici, il-kappillan, wara li ħa l-parir tal-periti li l-ħsaret setgħet tissewwa mingħajr il-ħtieġa li tinħatt il-koppla, u b'hekk tiġi salvata l-pittura ta' Calì, qabbad lill-perit Indrì Vassallo u fdalu f'idejh ix-xogħol tat-tiswija. Sfortunatament, fil-lejl tad-29 ta' Novembru 1924, bla ma kien mistenni, iġġarrfet il-koppla u magħha ġġarrfu s-soqfa tal-kor, tas-sagristija u taż-żewġ kappelluni, u l-paviment ta' taħthom ġewwa l-kannierja. (Montanaro Gauci, A., "Grajja ta' Ħamsin Sena Ilu," f'*Tifkira tal-festi li saru fil-Kolleġġjata tar-Rabat*, 1974, p. 11)

[45] Uħud mix-xogħlijiet tiegħu ġew ikkritikati minħabba l-irreverenza tagħhom. Fost dawn, tissemma d-dar tiegħu 'fl-Istil Ingliż bikri' ħdejn il-Katidral fl-Imdina. Dan l-istil ta' dak il-perjodu partikolari, kien probabbilment speċifikat mill-Baruni Depiro, il-klijent ta' Vassallo. Bl-istess mod, il-knisja 'Ta' Pinu' hija ħafna drabi kkritikata għall-istil Rumanesk tagħha li jinħass li huwa barrani fl-ambjent tal-kampanja Maltija.



# L-Iskultur Ċensu Apap u l-Planċier tas-Soċjetà Tagħna

Joseph Piscopo



Fil-bidu ta' din is-sena saret l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Funtana tat-Tritoni, li hi meqjusa bħala kapolavur tal-iskultur Ċensu Apap. Dan l-artisti ċelebri ħalla diversi xogħlijiet kbar li għadna ngawduhom sal-lum bħal monument ta' Ġorġ Borg Olivier u Pawlu Boffa li qegħdin fi Pjazza Kastilja, ta' Dante il-Furjana u diversi xogħlijiet f'postijiet pubbliċi oħra u oħrajn fil-knejjes, bħal dawk tal-Assunta tal-Mosta, ta' Santu Wistin fil-Belt Valletta u fil-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat, Għawdex.

Barra dawn ix-xogħlijiet Apap kien ukoll imfittex għal ħafna kummissjonijiet privati. Forsi ftit jafu li fost ix-xogħlijiet privati ħadem insibu xogħol li s-Soċjetà tagħna kkummissjonat lejn tmiem is-snin sittin; il-basso-reliev li hemm mal-faċċata tal-planċier tagħna. Dan ix-xogħol maħdum fis-sena 1969 hu wieħed tassew sabiħ u fin. Apap ħadem dan il-basso-reliev bħala replika tal-pittura tal-martirju ta' Sant'Andrija Appostlu li Mattia Preti għamel għall-Knisja Parrokkjali tagħna. Dan ix-xogħol li għadna ngawduh matul il-ġranet tal-festa, juri l-firma ta' Apap fil-qiegħ tagħha, migrufa fil-blat.



**Min kien Ċensu Apap?**

L-iskultur Ċensu Apap twieled il-belt fis-sena 1909, f'familja fejn l-arti kienet importanti. Tant hu hekk li ħuh Ġużeppi kien mużiċist, filwaqt li ħuh l-ieħor William kien pittur. Fis-sena 1920 beda jattendi l-klassijiet

tal-mudellatura u t-tpinġija ma' diversi għalliema. Fis-sena 1925 fetħet l-Iskola tal-Arti u hu kien wieħed mill-ewwel studenti, fejn beda jistudja l-iskultura ma' Antonio Micallef. Sentejn wara rebaħ borża ta' studju f'Akkademja tal-Arti f'Ruma, fejn l-għalliem tiegħu kien il-Malti Antonio Sciortino.

Meta ġie lura Malta, mill-ewwel ġie kkummissjonat bl-ewwel monument, li kien dak ta' Fra Diegu fil-Ħamrun. Dan il-monument intogħġob ħafna u minn hemm 'il quddiem baqa' jiġi kkummissjonat b'ħafna monumenti li sebbħu diversi pjazez Maltin. Fis-sena 1934 hu nħatar għalliem tal-Iskola tal-Arti u sar il-Kap ta' din l-iskola fis-sena 1947. Din il-kariga żammha sas-sena 1978.

Ta' min jgħid li matul il-karriera artistika tiegħu Apap ġie wkoll imqabbad jagħmel diversi xogħlijiet għal diversi familji aristokratiċi. Fost dawn il-familji nsibu l-familja irjali bħad-Duka ta' Edinburgh, il-Prinċep ta' Wales u oħrajn. Xi wħud minn dawn ix-xogħlijiet qed iżejnu Palazzi Rjali importanti, bħal dak ta' Buckingham f'Londra.


# Privat tal-Malti

**PRIMARJA / SEKONDARJA U LIVELLI INTERMEDJU U AVVANZAT (SEC, INTERMEDIATE & ADVANCED LEVEL)**

**Mir-raba' sena (*Year 4*) sas-sitt sena (*Year 6*) - Primarja**
**Mr Agius - 7946 4695**
**Mill-Form 1 sal-Form 5 Sekondarja li jwassal għall-eżami tas-SEC (*O' Level*) 2019 kif ukoll Livell Avvanzat (*Advanced Matriculation Level*)**
**Mr Muscat - 7927 9509**
**Noffri wkoll reviżjoni intensiv għar-re-sit tas-SEC li jsir f'Settembru, 2018**
**Post: Ħal Qormi**



# Il-Verżjoni bil-Malti tal-*Acta Andreae*

## *It-Tieni Parti*

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**
*S.Th.D. (Inst. Pat. Aug., Romae)*

**Daħla**

Fil-ħarġa ta' sena ilu konnha bdejna l-ġrajja ta' San Andrija li twassal għall-martirju tiegħu. Ix-xena li titratta l-martirju se naslu għaliha f'din il-ħarġa u b'hekk se tkun ġiet pubblikata l-ewwel verżjoni sħiħa bil-Malti tal-*Atti* ta' dan l-Appostlu.

Il-ġrajja tkompli bl-aħħar ħamest ijiem tal-ħajja ta' Indrì. Wara li ħbiebu jippruvaw iħarrbuh, hu jgħaddi l-lejl jgħallimhom dwar l-importanza li wieħed jilqa' r-rieda ta' Alla u ma jagħmillhiex ostakli. Wara dan Eġeate jittorturah u jispiċċa biex jordna li jissallab, fejn jagħmel erbat ijiem jgħallem minn fejn kien marbut.

Hawn tidħol ix-xena li hija rappreżentata fil-kapulavur ta' Mattia Preti li jsebbaħ il-knisja ta' Ħal Luqa: wara erbat ijiem Eġeate jiddeċiedi li lil Indrì jeħilsu għax kien qed jibża' min-nies, imma l-appostlu jitlob biex ħadd ma jifirdu mis-salib sabiex fl-aħħar imur jiltaqa' mal-Mulej.

F'din l-aħħar parti nsibu xi temi komuni li jinsabu f'kitbiet aġjogarfiċi oħra, bħal per eżempju l-argumentazzjoni mat-tirann, it-theddida li għad ikollu jħallas għall-imġieba ħażina tiegħu, il-prietki twal waqt il-mument tal-martirju u l-għeġubijiet li jsiru fil-mument tal-mewt tal-qaddis.

Ġrajja kurjuża li rari tinsab f'kitbiet ta' dan it-tip tikkonċerna lil ħu Eġeate, Stratokle. Dan ma jidhirx fl-*Atti* qabel l-aħħar xena u meta jidher huwa preżentat bħala wieħed mill-Insara u ma jingħadx li hu ħu t-tirann qabel l-aħħar ftit versi. Din hija sfumatura interessanti li permezz tagħha l-awturi kienu juru li anke fil-palazzi tal-imperaturi li kienu qed joqtlu l-Insara kien hemm uħud li ħaddnu l-fidi. Fiha ħafna x'tifhem ukoll ix-xena meta Stratokle jirrifjuta li jieħu l-ġid ta' ħuh minħabba l-biża li fuqu taqa' l-kundanna tal-mewt tal-appostlu. Il-messaġġ li l-awtur ifittex li jgħaddi b'xi ħaġa hekk hu li l-ħażin u dak li hu tiegħu għandu jiġi evitat minn min irid jimxi wara Kristu. Kien b'tagħlim hekk li l-kittieba Nsara tal-ewwel sekli kienu jfittxu li jgħaddu pariri siewja lil min kien jaqra kitbiet bħal din.



**L-Atti ta' Indrì (it-tieni parti)**

7.[1] Wara dal-kliem, Eġeate, mimli qilla, ordna li jiġi magħluq fil-ħabs, minnfejn, wara li sakkruh, ġemgħa kbira ta' nies inġabru flimkien kważi minn kull provinċja bix-xewqa li joqtlu lil Eġeate; dawn kissru l-bibien tal-ħabs u hekk ħelsu lill-Indrì, l-appostlu imbierek.

F'dak il-waqt l-appostlu hieni Indrì wissihom b'dan il-kliem, meta qalilhom: "Tqallbux is-sliem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu b'din il-frattarija u dan l-istorbju mxajtan, għax Sidi, meta kien tradut, laqa' kollox bis-sabar. Ma ssielitx, ma għolliex leħnu, l-anqas fit-toroq ħadd ma semgħu jgħajjat[2]. Għaldaqstant intom ukoll żommu s-skiet u s-sliem u l-paċi, u tagħmlux bsaten fir-roti għall-martirju tiegħi. Anzi, l-aħjar li tistgħu tagħmlu hu li intom ukoll tħejju ruħkom minn qabel bħala atleti tal-Mulej[3], sabiex intom ukoll tkunu tistgħu tegħlbu t-theddid permezz ta' ruħ qawwija li ma tibżax mill-bnedmin, u sabiex intom tieħdu l-aqwa ġid mill-ġrieħi li għad issofru billi tqawwu ġisimkom ħalli jissaportihom. M'għandkomx għax tibżgħu minn dan l-abbiss[4] temporanju; dak li minnu għandkom tibżgħu huwa dak li ma għandux tmiem. Il-biża tal-bnedmin, għalhekk, hija bħad-duħħan, li meta jitla' 'l fuq u jsir sħaba, jgħib. It-tbatijiet li għandkom tibżgħu minnhom huma dawk li ma għandhomx tmiem. Għax dawn it-tbatijiet ta' issa, li huma kemmxejn ħfief, kulħadd jista' jissaportihom; imma jekk ikunu dawk it-tbatijiet kbar [ta' wara] dawk malajr jeqirdu l-ħajja[5]. Dawk it-turmenti ma jispiċċaw qatt, hemm ikun hemm il-biki kuljum, u niket, u lamentazzjnijiet, torturi li ma jispiċċaw qatt; lejn dawn mhux qiegħed jibża' jmur il-prokonslu Eġeate. Għalhekk, ħejju ruħkom għal dan li qed ngħidilkom, sabiex permezz tat-tbatijiet ta' ftit ħin intom għad tkunu tistgħu issibu l-mistrieħ ta' dejjem, u tkomplu tgawdu għal dejjem, u ssaltnu ma' Kristu[6]."

8. Wara li l-appostlu hieni Indrì għadda l-lejl kollu jwissi lill-miġemgħa bi kliem bħal dan, meta żernaq il-jum Eġeate ordna li jinġieb quddiemu. Dan wara li poġġa fuq is-sedja tat-tribunal qal: "Ħsibt li int, wara li għaddejt lejl tirrifletti, dawwart ħsiebek 'il bogħod minn dan il-ġenn u ċħadt it-tagħlim dwar Kristu sabiex tkun tista' tibqa' fostna, u ma tarmix il-pjaċiri tal-ħajja; għax ma huwa xejn ħlief ġenn li għal xi raġuni hi xinhi wieħed jasal għat-tbatijiet tas-salib[7], u li wieħed joffri lilu nnifsu għal tbatijiet u torturi bin-nar daqstant tal-mistħija."

L-imqaddes Indrì wieġeb: "Inkun nista' nifraħ miegħek jekk int ukoll temmen fi Kristu u twarrab il-qima lill-idoli; għax Kristu bagħatni f'din il-provinċja biex indawwar lin-nies lejh, u ma kienux ftit dawk li rbaħt għalih."

Eġeate qal: "Għal din ir-raġuni jien qiegħed nordnalek toffri sagrifiċċju, sabiex dawn in-nies li ġew imqarrqa minnek jerġgħu jitilqu t-tagħlim fieragħ tiegħek u huma wkoll joffru sagrifiċċji ta' gratitudni lill-allat; għax ma fadalx belt waħda fl-Akaja li t-tempji tagħha ma ġewx mitluqa u abbandnati[8]. Issa, permezz tiegħek, ħalli dawn it-tempji jerġgħu jsiru nħawi ta' qima lil dawn ix-xbihat, sabiex l-allat ukoll – li jinsabu mimlijin qilla għalik – jkunu sodisfatti u jippermettu li int terġa' tgawdi l-ħbiberija tagħhom u tagħna. Ara li jekk ma tagħmilx dak li qed nordnalek hemm jistennewk torturi ta' kull xorta, sabiex il-vendetta tal-allat tkun magħmula; u wara dan kollu, marbut mas-siġra tas-salib li int tant tħobb, tingħata l-mewt."

Il-qaddis Indrì qal: "Ismagħni, ja iben il-mewt u s-sikrana lest biex tinħaraq għal

dejjem[9], agħtini widen għax jien qaddej ta' Alla u appostlu ta' Ġesù Kristu. S'issa kellimtek bil-ħlewwa fuq il-perfezzjoni tal-fidi, sabiex int, meta tisma' l-verità u ssir difensur tagħha, twarrab l-idoli foloz u tqim lil Alla veru, li tiegħu huma s-smewwiet. Imma ladarba int twebbes rasek bla mistħija biex tibqa' f'din l-injuranza, u la qiegħed taħseb li jien se nibża' mit-theddid tiegħek, ġib quddiemi dak kollu li tqis bħala l-agħar u l-iqlel fost it-torturi li għandek x'toffri. Għax aktar ma naf li nkun qed nogħġob lis-Sultan tiegħi, aktar se nissaporti t-torturi għall-istqarrija ta' ismu."



9. Imbagħad il-prokonslu Eġeate, inkurlat, ordna li l-appostlu ta' Kristu jiġi mbiċċer bit-torturi. Wieħed u għoxrin suldat rabtuh u firxuh sewwa, u wara li sawtuh bis-saħħa, refgħuh u ħaduh quddiem il-misħut Eġeate. U dan qallu hekk: "Isma' minni Indrì, u warrab ħsiebek milli xxerred demmek; imma jekk ma tagħtinix widen jien se nordna li tmut fuq is-siġra tas-salib."

Il-qaddis Indrì qal: "Jien ilsir tas-salib ta' Kristu, u aktar għandi nitlob biex ningħata t-trufew tas-salib milli għandi nitlob biex ma nibżax; imma għalik hemm imħejji t-turmet ta' dejjem li, iżda, tista' tiskansah jekk int ukoll temmen fi Kristu issa li rajt kemm jien kapaċi nbati bis-sabar għalih. Għax tbatijieti jistgħu jdumu sa ġurnata, jew tnejn l-aktar, imma t-turment tiegħek għad ikun għaż-żminijiet bla tmiem u qatt ma jaslu fi tmiemhom. Għalhekk ieqaf żid mal-miżerji tiegħek u tkomplix tixgħel in-nar ta' dejjem għalik innifsek."

10. Eġeate aktar irrabja għal dan il-kliem, u ordna li l-imqaddes Indrì jiġi marbut mas-salib. U hu, wara li telaq lil kulħadd, waqt li kien miexi lejn is-salib qallu b'leħen ċar: "Ifraħ, o salib, li ġejt ikkonsagrat bil-ġisem ta' Kristu u li kont imżejjen b'dirgħajh u riġlejh daqs li kieku bil-perli. Żgur li qabel ma Sidi ġie fuqek, int kont mimli biża ta' dina l-art; imma issa mlibbes bix-xewqa tal-ġenna, int tinsab quddiemi skont ix-xewqa tiegħi. Għax naf, minn kliem dawk li jemmnu, kemm grazzji taqla' permezz ta' dak li kien imdendel miegħek, u kemm aktar grazzi għandek lesti. Ħieles mill-biża, għalhekk, u mimli bil-ferħ, jien ġej lejk, sabiex int ukoll tilqagħni waqt li tfaħħar lil Alla, lili li jien dixxiplu ta' Dak li kien imdendel miegħek; għax int dejjem kont fidil lejja u jien għandi xewqa kbira li ngħannqek. O salib twajjeb, li sirt sabiħ u ħelu permezz tal-idejn u r-riġlejn tal-Mulej, o mistenni u tant mixtieq, u tant imfittx bil-ħeġġa, u ġa mħejji minn qabel biex ruħi tixxennaq għalik, ħudni 'l bogħod mill-bnedmin u wassalni mill-ġdid għand l-Imgħallem tiegħi, sabiex permezz tiegħek jilqagħni Dak li permezz tiegħek salvani."

U wara li tkellem hekk, il-hieni Indrì, wieqaf mal-art waqt li jħares fiss lejn is-salib, neża' ħwejġu u tahom lill-manigoldi. Lil dawk niesu li kienu qed iħarsu wissihom biex iħallu lill-manigoldi jobdu l-ordnijiet li ngħatawlhom. Dawn ġew u refgħuh fuq is-salib, ġebbdulu ġismu permezz tal-ħbula u rabtulu riġlejh. Imma l-ġogi ta' ġismu ma qatgħuhomlux għax kienet ix-xewqa tal-prokonslu li jarah ibati waqt li jkun imdendel u sabiex billejl, waqt li jkun għadu mdendel hemm, jiekluh ħaj il-klieb.

11. Ġemgħa kbira ta' aħwa, madwar għoxrin elf, kienu fil-qrib; u meta raw li l-manigoldi telqu mingħajr ma kienu għamlu lill-hieni missierhom dak li s-soltu kienu jagħmlu lil dawk li jsallbu[10], ħasbu li kienu se jisimgħu xi ħaġa oħra minnu għax rawh, waqt li kien imdendel, iċaqlaq rasu u jitbissm.



Wieħed minnhom, Stratokle saqsieh: "Għalfejn qiegħed titbisseb, qaddej ta' Alla Indrì? Id-daħk tiegħek aktar qiegħed inikkitna għax qed niġu mċaħħda minnek."

U Indrì l-hieni wieġbu: "M'għandix għax nidħak, ibni Stratokle, meta nara din l-istrateġija vojta ta' Eġeate, li permezz tagħha qiegħed jaħseb li se jitħallas minna? Aħna ma għandna xejn x'naqsmu miegħu[11] u mal-ħsibijiet ta' moħħu. Hu ma jistax jisma', għax kieku jista' kien ikun jaf minn dak li ra minni li bniedem ta' Ġesù ma jieħu l-ebda kastig."

Wara li qal dan, tkellem magħhom ilkoll f'daqqa, għax il-miġemgħa kollha ġriet lejh mimlija rabja kontra l-ġudizzju inġust ta' Eġeate, u qallhom: "Intom irġiel li tinsabu weqfin ħdejja, intom ukoll nisa, tfal, xjuħ, ilsiera u ħielsa, u intom ilkoll li tistgħu tisimgħuni; nitlobkom bil-ħniena, itilqu din il-ħajja, intom ilkoll li minħabba fija nġbartu hawn. Fittxu li tieħdu fuqkom il-ħajja tiegħi, li twassalkom għall-ħwejjeġ tal-ġenna, u iċħdu dak kollu li jgħaddi u ssaħħu fir-rieda ta' dawk li jemmnu fi Kristu." U ħeġġiġhom ilkoll billi għallimhom li t-tbatijiet li jgħaddu ta' din il-ħajja ma kienu jiswew xejn meta mqabbla mal-premju ġejjieni tal-ħajja ta' dejjem.

12. Meta dawk li kienu miġbura hemm semgħu dak li kellu x'jgħidilhom, ma telqux minn dak il-post, u għalhekk il-hieni Indrì kompla jgħidilhom aktar ħwejjeġ. U tant qallhom affarijiet li tawwal tlett ijiem u tlett iljieli jitkellem, u ħadd ma għejja jew telaq. U meta anke fir-raba' jum raw il-qawwa tiegħu u kemm moħħu baqa f'sikktu, u kemm kien kbir kliemu, kemm kienu siewja l-pariri li kien qed jagħti, kemm ruħu baqgħet soda, is-safa tal-ispirtu tiegħu, il-ġustizzja tal-intenzjoni tiegħu, u l-perfezzjoni ta' ħsiebu, aktar irrabjaw għal Eġeate. Ilkoll b'fehma waħda ħaffu lejn it-tribunal u għajjtu kontrih li kien fuq is-sedja u qalulu b'leħen għoli: "Xinhu l-ġudizzju tiegħek, o prokonslu? Int iġġudikajt fil-ħażen u l-premjijiet li tagħti huma misħuta. X'għamel ħażin dan ir-raġel; x'għemil mistkerraħ għamel? Il-belt kollha qamet kontrik; int nikkittna lkoll! Tittradix il-belt ta' Ċesri. Agħti lura lin-nies tal-Akaja dan ir-raġel ġust; agħtina bil-qalb raġel li jibża' minn Alla; tagħtix il-mewt lil raġel ta' Alla. Ilu erbat ijiem imdendel u għadu ħaj, u bla ma kiel xejn lilna qatagħlna l-ġuħ. Niżżlu mis-salib u aħna nfittxu l-għerf tiegħu; eħilsu u turi ħniena mal-Akaja kollha. M'għandux għalfejn ibati dan kollu għax billi mdendel xorta baqa' jxandar il-verità!"

13. Meta l-prokonslu rrifjuta li jagħtihom widen billi għamillhom sinjal b'idejh biex jitilqu 'l hemm, huma aktar tqawwew kontrih billi kienu jilħqu l-għoxrin elf ruħ. Meta

l-prokonslu ra li huma kienu qishom tilfu rashom beża' li seta' jiġrilu xi ħaġa kerha; għalhekk qam mis-sedja u mar magħhom wara li wegħdhom li lil Indrì kien se jeħilsu. Uħud marru qablu jgħidu lill-appostlu r-raġuni għala marru lura għandu.



Waqt li l-folla kienet qed tifraħ li l-hieni Indrì kien se jiġi meħlus, il-prokonslu wasal sa ħdejh, u waqt li l-aħwa kollha kienu qed jifirħu flimkien ma' Maximilla, il-hieni Indrì, meta sema' dan, qal lill-aħwa li kienu weqfin qribu: "Dak li għandi x'ngħidlu jien li se nitlaq biex immur niltaqa' mal-Mulej xorta se ngħidulu. Għal liema raġuni erġajt ġejt għandi Eġeate? Għalfejn ġejt magħna int li int barrani? X'tazzarda tagħmel aktar, x'qiegħed tfassal f'moħħok? Għidilna. Ġejt biex teħlisni għax bdilt ħsiebek? Ma nemmnikx li bdilt il-ħsieb ta' moħħok. Lanqas ma nemmnek jekk tgħidli li sirt ħabib tiegħi. Se teħles lil dak li huwa marbut, o prokonslu? Ma jkun qatt. Għax jien għandi lil Dak li miegħu se nkun għal dejjem, għandi lil dak li se ngħix miegħu għaż-żmien bla tmiem. Għandu sejjer, lejh inħaffef; kien hu li meta laqqagħni miegħek qalli, 'Tħallix lil dak ir-raġel mill-agħar ibeżżgħek; taħsibx li għal mument se jkollu xi setgħa fuqek, int li int tiegħi: għax dak l-għadu tiegħek'. Għalhekk ladarba sirt nafek permezz ta' Dak li dawwar ħarstu lejja, jien meħlus minnek. Imma jekk tixtieq temmen fi Kristu, se jkun hemm miftuħa għalik għal xi żmien din il-possibiltà. Imma jekk ġejt biss biex teħlisni, mhux se jkun possibbli li tniżżilni ħaj minn fuq is-salib. Għax jien u dawk ta' miegħi se nitilqu lejn pajjiżna u se nħallu lilek tkun dak li int, u tibqa' b'dak li ma tafx dwarek innifsek. Ġa qiegħed nara lis-Sultan tiegħi, ġa qiegħed nadurah, ġa ninsab quddiemu fejn jinsabu l-qtajja tal-anġli, fejn Hu jsaltan bħala l-Imperatur waħdieni, fejn hemm id-dawl bla ma hemm lejl, fejn il-fjuri qatt ma jitbielu, fejn l-inkwiet mhux magħruf, u lanqas jinstema' biki, fejn il-ferħ u r-radd il-ħajr ma jintemmu qatt. Madanakollu ninsab imnikket, Eġeate, minħabba l-miżerji tiegħek, għax it-telfien ta' dejjem jinsab lest biex jilqgħek. Iġri, għalhekk, għall-ġid tiegħek stess, ja raġel ta' min jitħassrek, iġri sakemm għadek tista', ma tmurx tiġi f'qagħda li tkun tixtieq temmen u ma tingħatalekx l-opportunità."

14. Meta, għalhekk, prova jersaq lejn is-siġra tas-salib biex jeħles lil Indrì, bil-belt kollha ċċapċaplu, il-qaddis Indì għajjat b'leħen għoli: "Tħallix, Mulej, li Indrì li jinsab marbut mas-siġra tiegħek, jiġi meħlus! Tagħtix lili li jien il-misteru tiegħek lil dan ix-xitan bla mistħija! O Ġesù Kristu tħallix lill-għadu tiegħek jeħlisni, lili li dendluni skont ir-rieda tiegħek! O Missier, tħallix lil dan ir-raġel li ma jiswa' xejn ikompli jbaxxi lil dak li għaraf il-kobor tiegħek!"

Il-manigoldi, għalhekk, meta dawn middew idejhom biex iħollulu l-irbit, ma setgħux imissuh. Imbagħad oħrajn pruvaw jeħilsuh, imma ħadd minnhom ma seta' joqrob lejn għax dirgħajjhom tmewtulhom.

Imbagħad il-hieni Indrì, wara li ġabar lil niesu, qal: "Nitlobkom minn qalbi, ħuti, li

l-ewwel inkun nista' nagħmel talba lill-Mulej tiegħi. Wara eħilsuni." Kulħadd għalhekk siket biex jisimgħu. Imbagħad il-hieni Indrì, b'għajta kbira qal, "Tħallix, o Mulej, li l-qaddej tiegħek jittieħed minnek issa, għax wasal il-mument meta ġismi għandu jingħata lill-art, u li int tordnali niġi għandek. Int li tagħti l-ħajja ta' dejjem, l-Imgħallem tiegħi li jien ħabbejt, li anke fuq is-salib bqajt inxandar, dak li naf u li hu tiegħi, ilqagħni, o Mulej. U hekk kif jien stqarrejtek u obdejtek, issa ejja int lejja, u ilqagħni għandek qabel ma ġismi jitniżżel minn fuq is-salib, sabiex bit-tluq tiegħi tinfetaħ it-triq li twassal għandek għal ħafna minn ħuti li jsibu s-serħan tagħhom fil-majestà tiegħek."

Wara li qal dan deher f'għajnejn kulħadd ferħan u mimli radd il-ħajr, għax dija aqwa milli qatt raw niżlet mis-sema u ddiet fuqu, u dawwritu b'mod li l-għajnejn tal-bnedmin ma setgħux aktar iħarsu lejh. Dan id-dawl jgħammex baqa' fuqu għal madwar siegħa. U meta tkellem hekk u faħħar lil Alla aktar, id-dawl naqqas u hu radd ruħu li flimkien mad-dija marret lejn il-Mulej troddlu ħajr.



15. U wara l-mewt tal-appostlu l-aktar hieni, Maximilla, li kienet l-aktar mara qawwija fost in-nisa nobbli, u li kienet fost dawk li nġabru hemm, hekk kif għarfet li l-appostlu kien telaq għal għand il-Mulej, hi resqet lejh u ħarset lejn is-salib u, flimkien ma' Stratokle, bla ma tat każ ta' dawk kollha li kienu hemm, bil-qima kollha niżżlet il-ġisem tal-aktar appostlu hieni minn fuq is-salib. U meta sar filgħaxija, wara li ħadet ħsiebu kif kien mistenni, ħejjiet il-ġisem għad-difna b'ħafna fwejjaħ prezzjużi, u poġġietu fil-qabar tagħha stess. Hi sadattant kienet infirdet minn ma' Eġeate minħabba l-brutalità tiegħu u minħabba li kien jgħix bla skrupli, u għażlet għaliha nfisha ħajja qaddisa u fis-skiet; minn meta kienet ingħaqdet mal-imħabba ta' Kristu, għaddiet il-bqija ta' ħajjitha fil-hena mal-aħwa.

Eġeate kien naqasha ħafna drabi imma issa ried jirbaħha lura, u wegħdha li kien se jagħmilha sidt ġidu kollu; imma meta ra li ma kienetx lesta tpaxxih inkorla ħafna għaliha u kien tal-fehma li jagħmel akkuża pubblika kontra l-poplu kollu u li jibgħat din l-akkuża kontriha u kontra kulħadd lil Ċesri. U waqt li kien qiegħed iħejji l-affarijiet fil-preżenza tal-uffiċċjali tiegħu, f'nofs ta' lejl qam u, bla ma rah ħadd, wara li kien itturmentat mix-xitan, waqa' minn għoli kbir u ħa l-aħħar nifs waqt li kien qiegħed jitgerbeb 'l isfel fil-misraħ tas-suq tal-belt.

L-aħbar ta' dan twassal lil ħuh Stratokle; u dan bagħat lill-qaddejja tiegħu b'istruzzjonijiet biex jidfnuh ma' dawk li jkunu għamlu mewta vjolenti[12]. Fl-istess waqt Stratokle ma fittex li jieħu xejn mill-ġid li kellu ħuh, u qal: "Ma jkun qatt li l-Mulej Ġesù Kristu li fih emmint, iħallini mmiss xi ħaġa minn ta' ħija, ma tmurx il-kundanna ta' dak li qatel lill-appostlu tal-Mulej taqa' fuqi!"

Dawn il-ġrajjiet seħħew fil-provinċja tal-Akaja, fil-belt ta' Patras, jum qabel il-kalendi ta' Diċembru[13]; il-għeġubijiet li għamel għadhom miftakra sal-lum, għall-ġieħ u l-glorja tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li lilu glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Referenzi

[1] Se nkomplu t-traduzzjoni mill-bidu tal-kapitlu 7, li parti żgħira minnu kienet ġa dehret tradotta s-sena l-oħra. Ir-raġuni għalfejn waqafna hemm is-sena l-oħra kienet għax ix-xena tinbidel fil-bidu tal-kapitlu. Issa, għar-raġunijiet ta' kontinwità u kompletezza, se nerġgħu nibdew minn hemm.

[2] Mt 12, 19

[3] Spiss fil-kitbiet ta' dan it-tip, u anke fi trattati dwar il-martirju, il-martri huwa mqabbla mal-atleti għax huma qed jissieltu biex jaslu fit-tmiem tal-ġirja tagħhom (il-ħajja) biex jieħdu l-premju. L-ispirazzjoni għal dan ix-xebħ huwa kliem San Pawl kif jinsab f'diversi ittri tiegħu, fejn ixebbaħ lilu nnifsu jew lill-Insara mal-atleti li qed jitħabtu għall-kuruna (Fil 3, 12-14; 1 Kor 9, 24-27; 2 Tim 4, 6-8)

[4] Il-ħajja kultant hija mxebbħa ma' abbiss li fih il-bniedem waqa' meta tkeċċa mill-ġenna tal-art fejn kien igawdi lil Alla. L-għażla li għandu l-bniedem hu li jew joħroġ mill-abbiss (kultant permezz tat-tbatija) jew inkella li jkompli jaqa' fil-fond fejn jitlef lil Alla darba għal dejjem.

[5] Hawn Indrì qed jirreferi għat-tbatijiet tal-infern; il-'ħajja' li tiġi meqruda permezz ta' dawn hija l-ħajja li għaliha Alla ħalaq il-bniedem fil-bidu – dik li jgawdih għal dejjem fis-saltna tiegħu. Spiss f'din it-tip ta' kitba meta l-kittieba jew il-protagonisti jitkellmu fuq il-ħajja jkunu qed jirreferu għall-ħajja ta' dejjem.

[6] 2 Kor 4, 17

[7] Dan it-tip ta' ħajm ukoll huwa tema komuni ħafna fil-kitba aġjografika, fejn it-tirann ifittex li jibdel fehmet l-eroj billi jħajjarhom għall-pjaċiri tad-dinja li quddiemhom it-tbatija tidher ġenn.

[8] Referenza oħra għat-tixrid tal-Kristjaneżmu; l-eżempju li jintuża huwa ovvjament iperboliku għax ma jistax ikun li sa tmiem l-ewwel seklu t-tempji tal-pagani kienu sfaw abbandunati. Dan aktar seħħ lejn it-tieni nofs tar-raba' seklu meta l-imperatur Teodożju għamel il-fidi nisranija r-reliġjon uffiċċjali tal-imperu Ruman.

[9] Mt 3, 12.

[10] Ġeneralment wara li n-nies jissalbu kienu jinkisrulhom riġlejhom ħalli ma jdumux ma jmutu billi jekk jitilfu s-sapport jispiċċaw jifgaw.

[11] Il-fatt li Stratokle huwa ħu Eġeate jagħti aktar piż lil dan il-kliem. In-nisrani ma għandux x'jaqsam mal-ħżiena, anqas jekk dawn huma qrabatu stess.

[12] Id-dfin fl-antikità kien jirrifletti l-ħajja tal-mejjet. Dawk li kienu fqar kien ikollhom difna fqira filwaqt li dawk li kienu jgħixu ħajja għanja jew kellhom il-qawwa f'ħajjithom kien ikollhom difna dinjituża li tixraq il-klassi soċjali tagħhom. Hawn Stratokle jidfen lil ħuh ma' dawk li kienu għexu ħajja vjolenti… u dan jirrifletti eżattament kif għex u kif miet Eġeate. Huwa sinjal ukoll tal-ġustizzja divina li hemm tistenna lil kulħadd: għalxejn wieħed ikollu difna ġo qabar kollu lussu jekk matul ħajtu jkun għex ħajja ħażina, għax dan mhux moħbi minn għajnejn Alla.

[13] Il-kalendi jiġu l-ewwel tax-xahar, għalhekk il-jum qabel il-kalendi ta' Diċebmru jiġi t-tletin ta' Novembru, il-ġurnata tal-festa liturġika ta' San Andrija. Hija tradizzjoni ġejja mill-ewwel sekli li t-tifkira tal-qaddisin issir fil-ġurnata tal-mewt tagħhom li hija meqjusa bħala d-*dies natalis*, jum it-twelid tagħhom għall-ġenna.

KANDY KIDS

andanines
anda tus sueños

little blue lamb
a wonderful world for kids

**Luqa**:

G.Vassallo Str, (Luqa bypass near Thermaseal) Tel: 77114747

**Pembroke:**

40, Gio Felice Inglott Str,

Tel: 77114747






LE MERAVIGLIE
Made in Italy

**A vast selection of kids shoes, fashionwear and accessories. Sole agents of famous brands**

- **Little Blue Lamb**
- **Andanines**
- **Le Meraviglie**
- **KidsPlanet**

- **Pre-walkers**
- **School shoes**
- **Holy communion / confirmation and occasional shoes**
- **Sports / casual shoes**



# Il-Filarmonika *L'Unione* fl-1893

*Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu*

**Frans Galea**

Mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, il-Filarmonika L'Unione kienet fl-aqwa tagħha, tant li kienet impenjata f'għadd ta' servizzi mużikali matul is-sena. Insibu li fi programm mimli sew b'attivitajiet mifruxa fuq marċi minn ħames baned, waħda minnhom kienet dik tal-Unjoni, li daqqet lejlet San Publiju fil-Furjana. Dan kien fis-sena 1893 u l-Banda ta' Ħal Luqa daqqet fi Triq Sant'Anna fit-8.00 ta' filgħaxija.

Fit-23 u l-24 ta' Awwissu 1893, għall-festa ta' San Bert f'Ħal Għargħur, il-Banda L-Unjoni taħt it-tmexxija tas-surmast il-ġdid Gaetano Grech kellha żewġ programmi, li fosthom insibu żewġ biċċiet *The Secret* u *The 6th of August* tal-istess Grech.

Nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru l-Banda L-Unjoni daqqet programm addattat ħafna għal-lejlet il-festa tal-patrun tar-raħal Sant'Andrija. Dan sar fis-7.00 ta' filgħaxija fejn esegwiet:

Passo Doppio - S. Andrea - G. Grech
Sinfonia - Fest - Godfrey
Reminiscenza - Verdi
Inno all'Apostolo S. Andrea - G. Grech
Reminiscenza - Bellini
Valzer e Gallop - Excelsior - Marengo

Is-sena 1893 ingħalqet mill-Banda L-Unjoni b'kunċert fil-pjazza tar-raħal nhar il-Ħadd 10 ta' Diċembru fis-7.00 ta' filgħaxija. Bħal donnu din kienet allegrija u divertiment mhux tas-soltu, sabiex b'hekk il-Ħalluqin ikollhom iċ-ċans jaqtgħu ftit mill-ħajja kwieta u ħiemda matul is-sena.



Il-Filarmonica L'Unione ddoqq waqt it-tlugħ tal-qanpiena l-kbira



# Il-Qniepen...

## *Disgħin Sena nitgħaxxqu bid-Daqq Ħlejju Tagħhom*

**Raoul Briffa**

Disgħin sena huma ħafna, anke meta wieħed iqis biss l-avvenimenti l-kbar li għaddiet minnhom il-parroċċa tagħna. Aħseb u ara kemm jistgħu jirrakkuntaw il-ħamest iqniepen li għal dan iż-żmien kollu ilhom fil-kampnari tal-knisja parrokkjali tagħna jgħassu lil din il-binja mponenti u artistika. Dawn il-qniepen għandhom ħafna x'jirrakkuntaw, minkejja li l-ilsien tagħhom dejjem ilissen l-istess nota!

Ħafna drabi kull meta nżuru xi festa madwar Malta u Għawdex, waħda mill-affarijiet li żgur tiġbdilna l-attenzjoni hija l-ħoss sabiħ tal-qniepen li jkun ġej mill-kampnari ta' dik il-knisja partikolari. Il-qniepen fil-knejjes Maltin ma jaqdux biss il-funzjoni tagħhom fil-festa iżda tul is-sena liturġika kollha.

**Sett qniepen ġodda**

Il-Ħalluqin min dejjem kellhom għal qalbhom il-qniepen. Fil-fatt jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja, tul is-snin fil-kampnari tal-knisja tagħna kien hemm numru ta' qniepen fuq skala iżgħar li kienu jaqdu l-funzjoni tagħhom għall-Luqin. Sakemm fis-seklu 20 l-Luqin bdew jiddiskutu biex jagħmlu set ta' qniepen ġodda.

Il-ħolma li jsiru qniepen ġodda għall-knisja parrokkjali kienet ilha tberren f'moħħ il-Ħalluqin għal ħafna snin. Inzerta li fl-1924 għall-festa tal-Vitorja, il-Parroċċa tal-Mellieħa żanżnet sett ta' qniepen mingħand il-Funderija Barigozzi ta' Milan. Kienu ħafna li rħewlha għall-Mellieħa dakinhar tal-festa sabiex jisimgħu dawn il-qniepen sbieħ. Fosthom kien hemm il-Kappillan Magri u Dun Karm Vassallo li qatugħa li jagħmlu sett bħalhom għal Ħal Luqa akkost ta' kollox. Fl-1925, ġie ffurmat kumitat bejn il-kappillan u l-kleru tal-parroċċa sabiex jibdew jinġabru fondi għal din l-opra.



*Waħda mill-qniepen l-antiki*




L-ewwel ġabra fil-knisja għall-qniepen il-ġodda saret fis-26 ta' April 1925. Fl-10 ta' Ġunju 1925 saret supplika lill-Kurja Arċiveskovili mill-Kappillan Dun Ġużepp Magri sabiex seta' jingħata permess biex ikun jista' jsir ġbir sabiex jinxtara sett ta' qniepen ġodda għall-knisja parrokkjali flok l-antiki li kienu stunati u żgħar. L-istima tal-qniepen il-ġodda kienet ta' madwar £1300. Il-festi esterni ta' Sant' Andrija u tal-Madonna taċ-Ċintura tal-1925 ma sarux sabiex il-poplu jibqa' jikkonċentra l-ġbir favur il-proġett tal-qniepen li l-Ħalluqin riedu jagħmluhom akkost ta' kollox.

Wara li kien sar ġbir sostanzjali, indunaw li kienu għadhom lanqas laħqu nofs is-somma stmata. Kienu ħabtu ġa jaqtgħu qalbhom u kien hemm min qal li jagħmlu qanpiena waħda kbira biss. Għaldaqstant, wara ħafna diskussjoni qatgħuha li jmorru dritt għand il-fonditur tad-ditta Barigozzi biex jagħti parir aħjar ta' x'kien jista' jsir bil-qniepen eżistenti. Eżamina l-qniepen antiki u ħa kampjun tal-bronz mill-kuruna ta' kull waħda. Milli nistgħu nimmaġinaw, dawn ma tantx kienu mużikalment adattati flimkien u għalhekk ma tantx interessaw lil Barigozzi. Iż-żmien beda għaddej imma fl-1927 inqalgħu l-benefatturi Xmun Azzopardi u Rokku Briffa li offrew li joħorġu somma sostanzjali. Il-kappillan sa kien kiteb lill-emigranti Ħalluqin Amerikani sabiex jgħinu fis-somma meħtieġa. Is-saċerdot Dun Ġużepp Vassallo kien qed jaħdem ħafna biex jiġbor il-flus neċessarji. B'hekk il-qniepen ġew ordnati mill-Funderija Prospero Barigozzi ta' Milan.

Sar il-ftehim mal-Funderija Barigozzi fejn qablu li l-qniepen għandhom ikunu lesti sa Novembru 1928 għall-festa ta' Sant' Andrija. Fis-sajf tal-1928, il-funderija bagħtet sett ta' ħames tubi arġentati skont l-intonazzjoni ta' kif kellhom jiġu l-qniepen. Dawn għadhom miżmuma fil-Knisja Parrokkjali u jinsabu fl-arkivju tal-knisja fejn dak li jkun għadu jista' jarahom sal-ġurnata tal-lum.

Fil-15 ta' Ottubru 1928, is-sett ta' ħamest qniepen waslu bil-baħar fejn tħattew għal fuq l-art. Il-Ħalluqin marru l-Marsa jġibu l-qniepen fost entużjażmu kbir. Fis-17 ta' Ottubru, dawn tqiegħdu fuq iz-zuntier għall-wiri fejn intramaw fuq grabji apposta għall-okkażjoni tat-tberik. Iċ-Ċerimonja tat-tberik saret nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru mill-Isqof ta' Malta Dom. Mauro Caruana.

Il-parrini tal-qniepen kienu: għall-Qanpiena l-Kbira, Mons. Karm Grima; għar-raba' qanpiena, Mons. Anton Vella eks Kappillan ta' Ħal Luqa; għat-tielet qanpiena, Dun Karm Vassallo; għat-tieni qanpiena, ħuh, Dun Ġużepp Vassallo u għal-qanpiena ż-żgħira kien Xmun Azzopardi. L-iskrizzjonijiet ta' fuq il-qniepen kienu xogħol il-Latinista Mons. Alwiġ Farrugia.

It-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari sar mill-K.O.M.R. (King's Own Malta Regiment) flimkien ma' diversi Luqin tas-sengħa. Il-Qniepen l-antiki ġew mibjugħha biex ittafu ftit mill-ispejjeż tal-




***Il-qanpiena l-kbira fil-Funderija Barigozzi***





qniepen il-ġodda. It-tnejn l-kbar u waħda li ma nafux eżatt x'sar minnha nxtraw mill-Patrijiet Tereżjani ta' Birkirkara bl-intervent ta' Fra Isidoru Micallef, Tereżjan minn Ħal Luqa.

**Il-Qniepen**

Kull waħda mis-sett ta' ħames qniepen hija ddekorata b'riljievi maħduma fil-bronz mal-istess metal tal-qanpiena. Din id-dekorazzjoni hija tipika għall-funderiji ta' qniepen Taljani fejn ir-riljiev huwa maħdum baxx u fl-istess ħin huwa rfinut ħafna.

Il-qanpiena l-kbira ddedikata għal Sant'Andrija ġiet mogħtija l-isem ta' Andreana. Ftit l'fuq min-nofs il-qanpiena nsibu freġju wiesa' ta' mottivi bil-weraq tal-akantu. Imbagħad f'nofs il-qadd tal-qanpiena insibu l-figura ta' Sant'Andrija jirċievi l-martirju bi skrizzjoni bil-Latin taħtu. Ftit l'fuq mix-xoffa, jew aħjar l-post fejn jaħbat l-ilsien biex tindaqq huwa wkoll dekorat b'fustuni ta' tliet fjuriet fuq kull waħda. Ġo dan l-ispazju nsibu Kurċifiss li qiegħed bi dritt l-iskrizzjoni li semmejna l-aħħar u fuq in-naħa l-oħra nsibu l-arma tal-Funderija Barigozzi. Dawn it-tnejn nsibuhom fuq il-bqija tal-qniepen l-oħra. Il-qanpiena l-Kbira fiha piż ta' madwar 44 qantar li f'tunnellati Ingliżi jissarfu fi 3.2.

Ir-raba' qanpiena hija ddedikata lil Qalb ta' Ġesù u msemmija Jesus Christi. Bħal fil-qanpiena l-kbira, nsibu l-istess dekorazzjoni fuqha. Fiha piż ta' 22 qantar li jissarfu f'madwar 1.73 tunnellata Ingliża.

It-tielet, jew aħjar dik li l-arloġġ jdoqq is-siegħat fuqha hija ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni bl-isem ta' Maria dei Parenti. Kollox fuq skala aktar ċkejkna nsibu t-tieni qanpiena. Din hija ddedikata lil San Ġużepp u ġiet magħmda Giuseppina. Il-qanpiena ż-żgħira ġiet iddedikata lil San Felicissimu Martri bl-isem Felicissima.

Dan is-sett qiegħed fuq skala *in La bemolle*. Bl-Ingliż din l-iskala tissejjaħ *Major chord on A flat enhanced by octave and octave 3rd bells*. Il-ħoss melodjuż ta' dawn il-qniepen huwa wieħed li jsaħħar, li jferraħ u jnikket skont l-okkażjoni. Kien b'miraklu li dawn il-qniepen għadhom magħna għax fit-Tieni Gwerra Dinjija waqt li parti mill-knisja parrokkjali ġġarfet, l-kampnari baqgħu sħaħ. Sinjali ta' dan narawh fuq it-tieni u t-tielet qanpiena li għandhom xi tixlif fuq ix-xoffa li għadha hemm sal-lum. Dan huwa ukoll tifkira biex ma ninsew qatt it-tbatija li għaddew minnha l-Ħalluqin fl-aħħar Gwerra Dinjija.



***It-tlugħ tal-qanpiena Andreana***

**Għeluq**

J'Alla nibqgħu ngawdu wieħed mill-aqwa kapulavuri kampanoloġiċi li nsibu fil-gżejjer Maltin u Għawdxin u li nibqgħu nisimgħu d-daqq ħlejju u solenni tagħhom għal ħafna u

ħafna snin oħra. Għandna għal xiex ngħożżu dawn il-qniepen li missirijietna, sforz ħafna sagrifiċċji u għaraq ta' ġbinhom, ipperseveraw sabiex il-ħolma tagħhom seħħet u għadna ngawduha sal-ġurnata ta' llum.

**Referenzi**


Sit tal-Parroċċa - www.luqaparish.com

Arkivju Parroċċa Sant' Andrija, Ħal Luqa

Dun Ġużepp Micallef, Ħal Luqa Niesa u Ġrajjieta, 1975

Parroċċa Sant'Andrija, 375 Sena Parroċċa, 2009

Diversi artikli miktuba minn persuni varji u ppublikati f'kotba tal-festa passati fosthom: Neil Zammit; James Aqulina; Anton Morana; Adrian Mizzi; Robert Cassar








**Żjara fil-Funderija Barigozzi**












# Wara Disgħin Sena … Inżuru l-Funderija Barigozzi ta' Milan

Neil Zammit

Mhux darba jew tnejn smajna jew qrajna informazzjoni dwar l-istorja interessanti tal-Funderija Barigozzi ta' Milan, funderija li għamlet isem mal-Ewropa kollha tul is-seklu dsatax u l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Din l-istess funderija naqqxet isimha ma' għadd ta' monumenti storiċi u bibien tal-bronż għall-knejjes u palazzi diversi. Iżda żgur li l-aktar li baqgħet magħrufa għalihom kienu l-qniepen mill-isbaħ li komplew żejnu għadd ta' katidrali u bażiliċi magħrufa madwar l-Ewropa kollha. Propju disgħin sena ilu, il-Ħalluqin ta' dak iż-żmien ferħu hekk kif raw għall-ewwel darba l-qniepen ġodda fonduti mid-Ditta Barigozzi fl-1928. Ferħu ħafna aktar hekk kif semgħuhom idoqqu għall-ewwel darba, b'dawk l-ilħna tant ħlejja li jfawru l-qlub!

Kienet ilha tberren f'moħħi li xi darba nżur il-Funderija Barigozzi u l-Mużew tagħha ġewwa Milan. Ma nafx hux b'kumbinazzjoni jew le, iżda waqt btala ġewwa Turin f'Mejju li għadda, reġgħet feġġet din ix-xewqa u wara xi preparamenti meħtieġa, it-Tnejn 7 ta' Mejju qbadna l-ferrovija u rħejnilha lejn Milan sabiex insibu l-Funderija. Mal-waqfa tagħna ġewwa Milan, morna dritt lejn il-pjazza prinċipali u qbadna l-Metro u fi ftit minuti konna hemm.

L-ewwel li laqgħetna kienet grada kbira tal-ħadid; dħalna u staqsejna lil waħda mill-impjegati sabiex naraw jekk hux possibbli li nagħmlu żjara lill-Mużew u l-Funderija. Minnufih hija kellmet lis-sid tal-Funderija u qaltilna li seta' jiġi jdawwarna aktar tard, iżda minħabba impenji oħra, ma kellniex ħin fiss xħin stajna mmorru lura. Wara ħafna telefonati u qtigħ ta' qalb, irnexxielna nikkonvinċu lis-sid tal-Funderija biex niltaqgħu għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar. Sadattant, sakemm għadda l-ħin, morna nżuru l-Katidral u postijiet oħra t'interess fosthom it-Teatro alla Scala, il-Galleria Vittorio Emanuele II, il-Castello Sforzesco u l-Parco Sempione.

Hekk kif qorob il-ħin, irħejnilha lejn il-Funderija u hemm hekk kellna x-xorti niltaqgħu mas-sid tal-Funderija Remigio Barigozzi, li jiġi pro-neputi ta' Prospero Barigozzi li fi żmienu ġew fonduti l-qniepen ta' Ħal Luqa. Huwa laqgħana b'mod akkoljenti ħafna u ħa gost meta bdejna nirrakkontawlu l-istorja tal-qniepen tagħna. Min-naħa tiegħu, huwa dawwarna mal-mużew, il-funderija u l-kmamar l-oħra li kienu jintużaw mid-Ditta Barigozzi sa mill-fondazzjoni tagħha. Stajna naraw il-forn u l-ħafna mudelli tal-qniepen li ġew fonduti matul is-snin, fosthom dawk tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa u l-kbira għall-Knisja Kolleġġjata ta' Birkirkara. Rajna wkoll għadd ta' bozzetti tal-ġibs li fuqhom

inħadmu l-mudelli fil-bronż, waqt li dħalna wkoll fl-uffiċini tad-Ditta Barigozzi minn fejn kienet tiġi amministrata l-kumpanija.

Tassew kienet esperjenza mill-isbaħ li ma tintesa qatt. Kien ta' unur għalina li ltqajna ma' wieħed mid-dixxendenti ta' Prospero Barigozzi, il-bniedem li ħalla ismu marbut mal-qniepen tant sbieħ tat-Tempju Andrean, u fuq kollox mal-istima li għadha tgawdi l-Funderija Barigozzi.

ALEX
TYRE SERVICE

Mob: 9980 4442

**F&A Magri Service Station**
Triq l-Ajruport, Luqa LQA 9032






Jake's
Chairs & Tables
FOR HIRE
Mob: 99471862
79471862
Holy Communion Parties
Confirmation Parties
Birthday Parties
Baptism Parties
B.B.Q.'s
Bars
Bistro Tables
Band Clubs
Feasts
(Everything is in good condition)
WE DO DELIVER TO EVERY VILLAGE IN MALTA


G. DARMANIN SERVICE STATION
Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109
NEW TYRES AND PUNCTURE REPAIRS
OILS, SERVICE PARTS & CAR CARE PRODUCTS
SISTEMA AWTOMATIKA
24 SIEGĦA SERVIZZ



# Niċeċ u Statwi f'Ħal Luqa

**Matthew Axiak**

Bħal f'ħafna rħula antiki u storiċi f'Malta, ġo Ħal Luqa nsibu diversi niċeċ u statwi reliġjużi. Dawn huma elementi tradizzjonali li kienu juru d-devozzjoni tal-poplu lejn il-qaddisin. Hawn min jgħid li t-tradizzjoni tan-niċeċ bdiet fi żmien ir-Rumani, u x-xbiehat tal-allat foloz ġew mibdula bi statwi tal-qaddisin wara li beda jinxtered il-Kristjaneżmu. In-niċeċ kienu jintużaw għal diversi affarijiet: l-ewwel nett, kienu jservu bħala post fejn in-nies setgħu jitolbu, iżda huma wkoll monumenti jew *landmark* fejn jiltaqgħu n-nies. Barra minn hekk, ħafna niċeċ kellhom użu dekorattiv biex isebbħu l-faċċata ta' binja, u kienu juru l-istatus tan-nies li kienu jgħixu hemm. Kien hemm ukoll min kien jikkummissjona niċċa bħala wegħda. Illum il-ġurnata, dawn in-niċeċ huma parti mill-identità Maltija. Ħafna minnhom għandhom ukoll importanza artistika apparti dik soċjali.

Waħda mill-iktar statwi artistiċi f'Ħal Luqa hija dik tal-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab f'Misraħ tal-Knisja. Din l-istatwa hija mnaqqxa mill-franka u tinsab fuq pedestall, u kienet saret fuq l-inizjattiva tal-arluġġar magħruf Mikelanġ Sapiano. Ġiet inawgurata fis-7 ta' Diċembru 1879. Ftit metri 'l bogħod hemm is-Salib tad-Dejma, li qiegħed fuq kolonna fuq podju bi tliet tarġiet. Id-Dejma kienet milizzja magħmula min-nies ċivili, u dan is-salib kien il-post fejn kienu jiltaqgħu l-irġiel tad-Dejma f'każ ta' xi attakk. Monumenti simili jinstabu f'diversi rħula madwar Malta.

F'din il-pjazza nsibu wkoll niċċa ta' Sant'Andrija fuq il-faċċata tal-Palazz Bethsaida, li hija maħduma mill-franka u hija ta' stil pseudo-Barokk. Fil-kantuniera ma' Triq San Ġużepp hemm niċċa oħra bi statwa ta' San Ġużepp u l-Bambin Ġesù. Din hi mnaqqxa mill-franka u tista' tiġi meqjusa bħala arti poplari. Probabilment, din in-niċċa tat ishimha lit-triq. Meta tinżel ftit 'l isfel f'din it-triq issib ukoll niċċa ta' San Mikiel rebbieħ fuq ix-Xitan, bl-istatwa miżbugħa bil-kulur. Fl-istess triq hemm ukoll niċċa ta' Sant'Andrija, li wkoll għandha statwa miżbugħa u fuqha hemm miktuba s-sena "1865".



***Statwa tal-Immakulata Kunċizzjoni, Misraħ tal-Knisja***



*Niċċa ta' Sant'Andrija ta' Wied il-Knejjes, Triq il-Karmnu*

Fil-kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq il-Ġdida, hemm niċċa sabiħa tal-Madonna tal-Karmnu. L-istatwa u n-niċċa huma miżbugħin bl-abjad u blu, il-kulur tradizzjonali tal-Madonna. Plakka tal-irħam turi li l-Isqof Mauro Caruana ta indulgenza lil din l-istatwa nhar it-18 ta' Novembru 1924. Fi Triq il-Ġdida nsibu wkoll niċċa tal-Madonna ta' Lourdes.

Fi Triq Santa Marija nsibu niċċa ta' San Ġorġ. Id-dekorazzjonijiet ta' madwarha huma mnaqqxa b'ħafna dettall, filwaqt li l-istatwa innifisha għandha valur artistiku. Ftit wara li nduru l-kantuniera għal Triq San Ġorġ, naraw ukoll niċċa tal-Qalb ta' Ġesù, li hija artistika ħafna u li kienet miżbugħa bil-kulur. Sfortunatament, din in-niċċa mhux qiegħda fi stat tajjeb u għandha bżonn tiġi rrestawrata.

Fi Triq Sant'Andrija, hemm reliev ta' dan il-qaddis fuq il-faċċata tal-Palazz Sant'Andrija. Fi Sqaq Nru. 2 tal-istess triq hemm ukoll statwa ta' San Pawl li qiegħda fuq ċint mal-bejt ta' binja. Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu tinsab fi Triq Pawlu Magri, u plakka taħtha tindika li din ingħathat indulgenza fil-5 ta' Frar 1906. Qrib tagħha hemm niċċa oħra ta' San Ġużepp u l-Bambin Ġesù, bi statwa li għandha valur artistiku.

In-niċċa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu, magħrufa bħala *ta' Wied il-Knejjes*, hija waħda mill-iktar niċeċ importanti f'Ħal Luqa. Qiegħda f'kantuniera ma sqaq li jagħti għall-kampanja, u din hi niċċa kbira miżbugħa bl-abjad, li tinsab fuq pedestall imdawwar b'puġġaman *ferro battuto*. Din in-niċċa tlestiet fl-1878, u fis-16 t'Ottubru ta' dik is-sena l-Isqof Carmelo Scicluna ta indulgenza lil min jgħid *Pater, Ave u Gloria* quddiem ix-xbieha. Fl-istess triq hemm ukoll niċċa żgħira ta' Santu Rokku, li qiegħda fil-kantuniera ta' binja.

Fi Triq ir-Rixtellu hemm niċċa ta' San Ġużepp u l-Bambin Ġesù li hija interessanti minħabba l-fatt li hi magħmula mill-ġebel u l-injam. L-istatwa u l-fetħa huma tal-franka, filwaqt li l-istruttura dekorattiva ta' madwar hija kollha tal-injam, u tidher li kienet maħdumha minn xi ħadd tas-sengħa minħabba l-kwalità għolja tax-xogħol. Sfortunatament, din in-niċċa għandha bżonn tiġi restawrata għax biċċiet mill-injam qiegħdin fi stat ħażin.



*Niċċa ta' San Ġużepp u l-Bambin Ġesù, Triq ir-Rixtellu*

Niċċa li tirrappreżenta lil Santu Rokku tinstab fi Triq San Pawl, u taħtha hemm irħama li tindika li l-Isqof Pietro Pace ta indulgenza fid-29 ta' Lulju 1912. Fi Triq Valletta fil-periferija tar-raħal insibu wkoll niċċa tat-Trasfigurazzjoni, li turi 'l Ġesù flimkien mal-profeti Mosè u Elija. Fl-imgħoddi kien hemm niċċa oħra b'pittura tal-Madonna tad-Duluri bejn Triq San Pawl u Triq Valletta, iżda din tneħħiet fis-snin tmenin biex titwessa it-triq. Kienet inbniet niċċa oħra minflokha iżda din inqerdet fi splużjoni u għalkemm kien intqal li ħa terġa tinbena, qatt ma sar xejn.

Apparti n-niċeċ mad-djar privati, ta' min isemmi wkoll l-istatwi li jinsabu fuq barra ta' xi knejjes u kappelli. Fin-nofs tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali, hemm statwa ta' Ġesù Redentur, u ħdejha nsibu statwi allegoriċi li jirrapreżentaw il-Fidi u t-Tama. L-istatwa tan-nofs tpoġġiet f'postha fid-29 t'April 1911 u l-oħrajn fil-21 ta' Novembru 1918. It-tliet statwi huma x-xogħol tal-iskultur Francesco Saverio Sciortino. L-istatwa tan-nofs ġarrbet xi ħsarat fis-16 ta' Jannar 1978 meta waqgħet f'riefnu, iżda tranġat mill-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi.

Fil-periferija tar-raħal, insibu statwi ta' San Ġakbu u San Pawl fuq il-Kappella ta' San Ġakbu, u dawn ġew miżjuda bejn l-1899 u l-1901. Apparti minn dawn, hemm statwa oħra fuq il-bieb taċ-Ċimiterju ta' San Tumas, fit-triq imsemmija għall-istess qaddis. Il-pediment ta' fuq il-bieb fih skultura b'ras ta' mewt. Fuq kien hemm tliet statwi ta' qaddisin, b'dik tan-nofs turi lil San Tumas. Tnejn minn dawn l-istatwi tneħħew jew inqerdu matul is-seklu 20, iżda dik tan-nofs għadha teżisti u ġiet irrestawrata.



*Statwa ta' San Tumas fuq iċ-Ċimiterju*

Sfortunatament, ħafna nies ma tantx għadhom japprezzaw dawn il-ġawhar artistiċi f'dan ir-raħal. Għalkemm ħafna min-niċeċ ta' Ħal Luqa huma miżmumin fi stat tajjeb, oħrajn għandhom bżonn ir-restawr, u nisperaw li fil-futur dawn ma jintilfux bħal ma ġara lil xi statwi u niċeċ f'xi rħula oħrajn.

**Referenzi:**

Aquilina, Melisandre (2016). *Living in Malta*. "Maltese Streets: Niches" (http://livinginmalta.com/miscellaneuos/maltese-streets-niches/)

Guillaumier, Alfie (1987). *Bliet u Rħula Maltin*. Valletta Publishing & Promotion Co. Ltd. p. 383.

Parroċċa Sant'Andrija. "Storja tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa (1851–2010)" (http://www.freewebs.com/storja/storja18512010.htm)

Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. "National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands" Nru 1980-2002. (https://culture.gov.mt/en/culturalheritage/Pages/National%20Inventory.aspx)



# *Two Trumpets for Saint Andrew*

## Dokumentarju dwar Ħal Luqa ta' Ħamsin Sena Ilu

**Joseph Piscopo**

Fis-sena 1968, *crew* minn stazzjoni televiżiv Awstraljan, l-*Australian Broadcasting Corporation*, ġew Ħal Luqa sabiex jiffilmjaw dokumentarju fuq il-ħajja f'raħal tipiku Malti. Dan id-dokumentarju iffoka fuq il-ħajja rurali li kien hawn fir-raħal tagħna dak iż-żmien u fuq it-tradizzjonijiet reliġjużi, ibbażati fuq il-festa ta' Sant'Andrija ta' dik is-sena.

Il-protagonisti ta' dan id-dokumentarju kienu żewġ kurunettisti mill-baned tar-raħal tagħna; is-Sur Anthony Theuma (magħrufa bħala t-"tazzez") li kien ukoll is-segretarju tas-Soċjetà tagħna u s-Sur John Calleja mill-Banda Sant'Andrija. Id-dokumentarju jeħodna wkoll fil-ħajja tax-xogħol u tal-familja ta' dawn iż-żewġ protagonisti, u għalhekk naraw il-ħidma fit-Tarzna, kif ukoll il-bażi tal-*Air Force* tal-Ingliżi, rispettivament.






Dan id-dokumentarju ħares ukoll lejn kif kienet qed tinbidel is-soċjetà Maltija, minn waħda magħluqa għal waħda aktar moderna. Fih insibu wkoll intervisti mal-Prim Ministru Dott. Ġorġ Borg Olivier, mal-Kap tal-Oppożizzjoni Dom Mintoff u mal-Arċisqof Mikiel Gonzi. Intervisti oħra saru lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Innoċenz Borg, lill-Isqof Gerada u lill-industrijalist Sir Sadler Forster. Id-dokumentarju daħal ukoll f'diversi klassijiet soċjali ta' dak iż-żmien u kif il-politika kienet ċentrali fil-ħajja ta' kuljum f'pajjiżna, speċjalment f'perjodu fejn Malta kienet għadha kemm ħadet l-Indipendenza mir-Renju Unit.

Fost ix-xeni li baqgħu immortalizzati f'dan id-dokumentarju, nsibu dawk tal-planċier tas-Soċjetà tagħna, li f'dik il-ħabta kien qed jinħadem u li kien diġà fi stadju avvanzat. Difatti, dan il-planċier kien ġie inawgurat is-sena ta' wara. Barraminnhekk, stajna nswgwu wkoll il-provi tal-banda taħt id-direzzjoni tal-qatt minsi Mro. Joseph Abela Scolaro, il-marċ popolari ta' lejlet il-festa bl-istatwa tal-Anġlu, kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni ta' nhar il-festa. Xeni oħra sbieħ huma dawk tal-purċissjoni ta' *Corpus Domini*, bil-protagonisti jkunu t-tfal tal-preċett, fejn tidher ukoll it-Tribuna li din is-sena reġgħet ġiet armata mill-ġdid.







Aspett oħra sbieħ f'dan id-dokumentarju kienu dawk tal-ħajja tradizzjonali ta' dak iż-żmien, fejn naraw lin-nisa Ħalluqin jixtru mill-ħwienet, it-tfal jilagħbu fit-toroq, in-nagħaġ u l-mogħoż għaddejjin mit-toroq tagħna, karettuni miġbudin miż-żwiemel, kif ukoll funeral tipiku ta' dak iż-żmien - xeni li ħafna minnhom spiċċaw għal kollox.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll il-progress li sar fil-festa ta' Sant' Andrija Appostlu, li minn festa b'armar umli, illum hi festa b'armar rikk li jkompli jagħmel din il-festa daqstant popolari.

Ta' min jgħid li dan id-dokumentarju qatt ma xxandar fuq it-televiżjoni hawn Malta, però xxandar fuq diversi stazzjonijiet fl-Awstralja, fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit. Sallum il-ġurnata, dan id-dokumentarju għadu jintuża bħala riferenza fl-istudji antropoloġiċi fl-Università ta' Malta. Żgur li dan id-dokumentarju jibqa' wieħed mill-aktar interessanti u li jagħti ritratt tajjeb ħafna tal-ħajja sabiħa li kienu jgħixu missirijietna snin ilu.

Il-President
u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika

*L'Unione*

jawguraw
il-Festa t-Tajba
lill-Membri,
Partitarji
u l-Ħalluqin kollha



# X'jgħallimni Sant'Andrija

**Patri Mario Attard OFMCap**

Kull darba li ngħaddi minn Ħal Luqa dejjem nistħajlu jkellimni. Biex ifarraġni, jagħtini kelma ta' kuraġġ, u jgħallimni li, jekk nerfa' salibi, b'hekk jiena nitqaddes. U dan ix-xi ħadd, li huwa għalija ħabib għażiż, u ħija fil-Mulej, m'huwa ħadd għajr il-maħbub tagħna Sant'Andrija! Għalhekk, la għalija huwa ħabib, nixtieq kieku nsir nafu aktar. Xejn xejn biex napprezza aktar dak li jagħmel għalija quddiem il-Mulej Ġesù! Daqskemm għandu qalbu f'idu!

Sant'Andrija kien wieħed mill-aktar dixxipli li kienu ta' ġewwa sewwa ma' Ġesù. Hija tabilħaqq ħasra li ħafna nies jafu ftit jew kważi xejn fuqu! Il-festa liturġika tiegħu tiġi iċċelebrata nhar it-30 ta' Novembru. Indrì, l-isem li bih insejħulu bl-ilsien Malti, kien ħu Xmun Pietru. Hu u ħuħ Xmun kellhom l-istess missier. U, la Pietru, skont kif kellmu Ġesù, kien "Xmun bin Ġona" (Mt 16:17), anki Indrì kien ukoll bin Ġona. Fl-evanġelji Indrì huwa msemmi dejjem qabel Xmun Pietru. Dan ifisser li kien ħu Pietru ż-żgħir. Bħal ħuħ Pietru u sħabhom, Ġakbu u Ġwanni, Indrì l-ewwel kien sajjied fil-baħar tal-Galilea.

Isem Indrì bil-Grieg hu Ἀνδρέας (Andreas). Isem dan l-Appostlu huma marbut ma' kelma Griega għal "raġel" li, bil-Grieg, hi *Aner* jew fil-ġenittiv, *Andros*. Oriġinarjament din il-kelma tfisser "ta' raġel" (bl-ilsien Ingliż ngħidu *manly*). Din il-kelma turi t-tamiet tal-ġenituri għat-tifel ċkejken tagħhom.



Huwa interessanti li l-isem Indrì huwa ta' oriġini Griega mhux Aramajka. Fil-katekeżi li għamel fuq Indrì l-Appostlu, bit-titlu *Indrì, il-Protokletu*, li tfisser "l-ewwel wieħed li ġie msejjaħ", nhar l-Erbgħa 14 ta' Lulju 2006, Papa Emeritu Benedittu XVI jikkummenta hekk:

"L-ewwel karatteristika ta' Indrì hija ismu: M'huwiex bil-Lhudi, kif kien mistenni, imma bil-Grieg. Dan juri ċertu ftuħ kulturali fil-familja tiegħu li wieħed ma jistax iwarrabha. Qiegħdin fil-Galilija, fejn l-ilsien u l-kultura Griega huma preżenti sewwa". Mela, il-fatt li missierhom,

Ġona, semmha lil ibnu l-kbir b'isem Aramajk Xmun u lil ħuħ iż-żgħir Indrì, b'isem Grieg, juri l-ambjent imħallat Lhudi-Ġentili tal-Galilea.

Indrì kien qrib Ġesù. Fl-evanġelji sinottiċi (Mattew, Mark u Luqa) u fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli, it-tnax huma dejjem imsemmija fi tliet gruppijiet ta' erba' individwi. L-ewwel fost dawn il-gruppi juri dawk li kienu l-aktar fil-qrib ta' Ġesù. Dan jinkludi ż-żewġ pari ta' aħwa; jiġifieri lil Pietru u Indrì, ulied Ġona, u lil Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew. Għalhekk Indrì kien wieħed mill-erba' dixxipli l-aktar qrib ta' Ġesù. Iżda jidher li kien l-anqas wieħed viċin tal-erba' li huma. Dan jidher fil-fatt li, ħafna darbi, Pietru, Ġakbu u Ġwanni jidher li kellhom aċċess privileġġjat għal għand Ġesù. Filwaqt li Indrì m'huwiex preżenti. Hekk, ngħidu aħna, Pietru, Ġakbru u Ġwanni kienu dawk li kienu preżenti għat-Trasfigurazzjoni. Madankollu, Indrì ma kienx preżenti. Pietru, Ġakbu u Ġwanni kienu l-aktar tliett appostli viċini ta' Ġesù. Filwaqt li Indrì kien l-aktar wieħed distanti minnhom. Dan il-fatt hu ironiku.

Iżda l-għaliex huwa ironiku li Indrì kien l-aktar wieħed distanti? Indrì kien wieħed mill-ewlenin segwaċi ta' Ġesù. Tant hu hekk li skopra lil Ġesù qabel ma skoprieh ħuħ Pietru. Indrì kien wieħed miż-żewġ dixxipli tal-bidu ta' Ġwanni l-Battista li ltaqa' ma' Ġesù fil-bidu tal-Vanġelu skont Ġwanni. L-għaliex segwa lil Ġesù qabel San Pietru u l-oħrajn, Indrì huwa msejjaħ il-*Protokletu* jew l-ewwel appostlu li kien imsejjaħ.

Hekk jikkummenta fuqu Papa Emeritu Beneditu XVI:

"[Indrì] kien tassew bniedem ta' fidi u tama; u darba sema' Ġwanni l-Battista jħabbar lil Ġesù bħala 'l-Ħaruf ta' Alla' (Ġw 1:36). Għalhekk kien imqanqal u ma' dixxiplu ieħor, li m'għandux isem, mexa wara Ġesù, lil dak li għalih Ġwanni kien qal 'il-Ħaruf ta' Alla'. L-Evanġelista jgħid li 'raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu' (Ġw 1:39). Għalhekk, Indrì gawda mumenti prezzjużi ta' intimità ma' Ġesù. Ir-rakkont jissokta b'kumment importanti: 'Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indrì, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: «Sibna l-Messija» - li tfisser Kristu. U ħadu għand Ġesù' (Ġw 1:40-43). Mill-ewwel dan il-kumment juri spirtu appostoliku mhux tas-soltu. Għalhekk, Indrì kien l-ewwel mill-Appostli li ġie msejjaħ biex jimxi wara Ġesù. Eżattament għal din ir-raġuni il-liturġija tal-Knisja Biżantina tagħtih ġieħ bil-laqam: *Protokletos* (protokletu), li tfisser, preċiżament, 'l-ewwel wieħed li ġie imsejjaħ'".




Imma x'jgħidulna l-evanġelji dwar Sant'Andrija? Meta wieħed jaqrahom bir-reqqa jsib li fil-vanġeli hemm tliet episodji importanti fejn dan l-appostlu jissemma b'tant insistenza. L-ewwel episodju jseħħ meta Ġesù jwettaq il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż. Hawnhekk Papa Beneditu XVI jirrimarka:

"It-tradizzjonijiet tal-Vanġelu isemmu l-isem ta' Indrì, b'mod partikulari, fi tliet okkażjonijiet li jgħidulna xi ħaġa aktar dwar dan ir-raġel. L-ewwel [okkażjoni] hija dik tat-tkattir tal-ħobż fil-Galilea. F'dik l-okkażjoni kien Indrì li ġibed

l-attenzjoni ta' Ġesù dwar il-preżenza ta' żgħażugħ li kellu miegħu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet. Fil-vanġelu skont San Ġwann Indrì jikkummenta hekk: 'Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar; imma dawn x'inhuma għal daqshekk nies?' (Ġw 6:9). F'dan il-każ ikun ħafna floku li wieħed jenfasizza r-rejaliżmu ta' Indrì. L-appostlu innota lit-tifel, jiġifieri, kien diġà staqsa l-mistoqsija: 'imma dawn x'inhuma għal daqshekk nies?' (Ġw 6:9). B'hekk Indrì għaraf in-nuqqas tar-riżorsi minimi tiegħu. Madankollu, Ġesù, kien jaf kif dawn ir-riżorsi jagħmilhom suffiċjenti għall-kotra ta' nies li ġiet biex tisimgħu.

It-tieni okkażjoni fil-vanġeli fejn Indrì jerġa' jispikka hi meta hu u d-dixxipli tal-qalba ta' Ġesù jistaqsu lil Ġesù dwar l-affermazzjoni tiegħu li l-ħaġar is-sabiħ tat-tempju kien se jiġġarraf. Fil-katekeżi tiegħu dwar Sant'Andrija Papa Benedittu XVI jgħallimna hekk: "'Għidilna dan meta għad jiġri u x'se jkun is-sinjal li dan kollu jkun wasal?' (Mk 13:4). Fi tweġiba għal din il-mistoqsija Ġesù għamel diskors importanti fuq il-qerda ta' Ġerusalemm u l-aħħar tad-dinja. F'dan id-diskors Ġesù talab lid-dixxipli tiegħu biex ikunu għaqlin kif jinterpretaw is-sinjali taż-żminijiet u li jibqgħu jishru l-ħin kollu. Minn din il-ġrajja nistgħu nikkonkludu li m'għandniex nibżgħu nistaqsu lil Ġesù mistoqsijiet. Imma, fl-istess ħin, għandna nkunu lesti li nilqgħu anki tagħlim sorprendenti u diffiċli li joffrilna".

It-tielet u l-aħħar okkażjoni fil-Vanġeli li turi l-importanza ta' Sant'Andrija Appostlu hija dik fejn Indrì, li ismu huwa Grieg, iservi ta' pont bejn is-segwaċi Lhud u Pagani ta' Ġesù. Hekk ifissru dan il-fatt il-Papa Emeritu Benedittu XVI:

"Fl-aħħar, it-tielet inizjattiva ta' Indrì hija mniżżla fil-Vanġeli: ix-xena tibqa' Ġerusalemm, ftit qabel il-Passjoni. Għall-Festa tal-Għid, Ġwanni jirrakkonta, xi Griegi marru l-Belt. Probabilment xi prosèliti jew nies li jibżgħu mill-Mulej li marru biex iqimu l'Alla ta' Iżrael fil-Festa tal-Għid. Indrì u Filippu, iż-żewġ Appostli bl-ismijiet Griegi, servew bħala interpreti u intermedjarji ta' dan il-grupp żgħir ta' Griegi ma' Ġesù.

It-tweġiba tal-Mulej għall-mistoqsija tagħhom – bħalma hija spissa fil-Vanġelu ta' San Ġwann – tidher ambigwa. Iżda, preċiżament, b'dan il-mod, turi li hija mimlija tifsira. Ġesù jgħid liż-żewġ dixxipli tiegħu u, permezz tagħhom, lid-dinja Griega: 'Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat. Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott' (Ġw 12:23-24).




Ġesù jrid jgħid: Iva, il-laqgħa tiegħi mal-Griegi se sseħħ, imma mhux bħala sempliċi konverżazzjoni qasira bejni u bejn ftit oħrajn, immotivata, fuq kollox, mill-kurżità. Is-siegħa tal-glorifikazzjoni tiegħi se sseħħ b'mewti, li tista' titqabbel mal-waqgħa fl-art tal-ħabba tal-qamħ. Mewti fuq is-Salib se iġġib ħafna frott: fil-Qawmien 'il-ħabba tal-qamħ li tmut' – simbolu tiegħi innifsi msallab – se ssir il-ħobż tal-ħajja għad-dinja; se tkun dawl għall-popli u l-kulturi.

Iva, il-laqgħa mar-ruħ Griega, mad-dinja Griega, se tinkiseb f'dik il-profondità li għaliha l-ħabba tal-qamħ tirreferi, li tattratta magħha l-qawwiet tas-sema u tal-art u issir ħobż. Fi kliem ieħor, Ġesù kien qed jipprofetizza dwar il-Knisja tal-Griegi, il-Knisja tal-pagani, il-Knisja tad-dinja, bħala frott tal-Għid tiegħu".

Issa x'ġara minn Indrì lejn l-aħħar snin ta' ħajtu? Benedittu XVI jagħtina dan it-tagħrif fil-katekeżi tiegħu:

"Xi tradizzjonijiet antiki ħafna mhux biss jaraw lil Indrì, bħala dak li ikkomunika dawn il-kelmiet lill-Griegi, bħala l-interpretu ta' ftit Griegi fil-laqgħa tagħhom ma' Ġesù li jissemma hawn, imma, saħansitra, li jikkunsidraw lil Indrì bħala l-Appostlu tal-Griegi fis-snin ta' wara Pentekoste. Dawn jgħinuna nsiru nafu li, għall-bqija ta' ħajtu, Indrì kien il-predikatur u l-interpretu ta' Ġesù fid-dinja Griega. Pietru, ħuħ, ivvjaġġa minn Ġerusalemm, minn Antijokja sakemm wasal Ruma biex iwettaq il-missjoni universali tiegħu. Indrì, minflok, kien l-Appostlu għad-dinja Griega. Għalhekk jidher li kemm fil-ħajja u anki fil-mewt it-tnejn jidhru bħala veri aħwa. Liema fraternità hi simbolikament mfissra fir-relazzjonijiet speċjali reċiproċi bejn is-Sede ta' Ruma u dik ta' Konstantinopli, li huma tassew Knejjes Aħwa".

Imma l-fraternità bejn Ruma u Kostantinopli kif wriet ruħha? Jissokta Benedittu XVI:

"Biex jenfasizza din ir-relazzjoni, il-Predeċessur tiegħi, Papa Pawlu VI, fl-1964, irritorna r-relikwa importanti ta' Sant'Andrija, li sa dak iż-żmien kienet miżmuma fil-Bażilika Vatikana, lill-Isqof Metropolita Ortodoss tal-belt ta' Patras, fil-Greċja, fejn it-tradizzjoni tgħid li l-Appostlu kien imsallab".

Aktar reċenti għandna l-eżempju sabiħ meta l-patrijarka ekumeniku ta' Kostantinopli, Bartolomew I, żar lil Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-għażla tiegħu għall-pontifikat. Bħala suċċessur ta' San Pietru Franġisku għaraf ir-rwol tal-Patrijarka Bartolomew bħala s-suċċessur ta' Sant'Andrija u irrefera għalih bħala "ħija, Indrì". B'hekk tefa' t-tnejn li huma fir-rwoli oriġinali tal-aħwa appostli. Papa Franġisku kien qal: "Qabel kollox, nesprimi r-radd ta' ħajr tiegħi minn qalbi għal dak li ħija Indrì [il-Patrijarka Ekumeniku Bartholomaios] qalilna. Grazzi ħafna! Grazzi ħafna!"

Kif miet Sant'Andrija? Jissokta jgħallimna Benedittu XVI:

"Tadizzjoni aktar tard, bħalma diġà issemma, titħaddet fuq il-mewt ta' Indrì f'Patras [fil-Greċja], fejn hu wkoll sofra t-tortura tal-kruċifissjoni. Madankollu, f'dak il-mument suprem, bħal ħuħ Pietru, hu talab li jkun imsallab ma' salib b'mod differenti mis-Salib ta' Kristu. Fil-każ tiegħu kien salib djagonali jew forma ta' X. B'hekk sar magħruf bħala s-'Salib ta' Sant'Andrija'. Dan huwa dak li l-Appostlu jingħad li qal fl-okkażjoni, skont tradizzjoni antika (li tmur lura għall-bidu tas-sitt seklu), bit-titlu *Il-Passjoni ta' Indrì:*

'Sliem, O Salib, mibdi mill-Ġisem ta' Kristu u mżejjen b'riġlejh bħalikieku kienu ħaġar prezzjuż. Qabel mal-Mulej tela' fuqek int nissilt biża' lid-dinja. Issa, minflok, imżejjen bl-imħabba tas-sema, int milqugħ bħala rigal. Nies tal-fidi kunu afu il-ferħ kbir li intom tippossedu, u l-kotra ta' doni li intom ħejjejtu. Għalhekk, niġi għandkom b'fiduċja u ferħan, ħalli intom ukoll tkunu tistgħu tilqgħuni b'ferħ bħala dixxiplu ta' Dak li ġie mdendel miegħek. … O Salib imbierek, imlibbes bil-majestà u bis-sbuħija ta' riġlejn il-Mulej! … Ħudni, ġorrni 'il bogħod mill-bnedmin u ħabbibni mal-Imgħallem tiegħi. Ħalli, permezz tiegħek, dak li ħelisni bik, jista' jilqagħni. Is-Sliem, O Salib; iva, is-sliem tassew!'

Hawnhekk, bħalma wieħed jista' jara, tinstab l-ispiritwalità Nisranija profonda.

Dik l-ispiritwalità li ma tarax lis-Salib bħala strument ta' tortura iżda bħala l-mezz inkomparabbli għall-konfigurazzjoni perfetta mal-Feddej, mal-ħabba tal-qamħ li waqgħet fl-art. Hawnhekk għandna lezzjoni importanti x'nitgħallmu: is-slaleb tagħna jiksbu valur jekk nikkunsidrawhom u nilqgħuhom bħala parti mis-Salib ta' Kristu. Rifless tad-dawl tiegħu idawwalhom".

*Mhux li kien O Indrì li jien ukoll ikolli l-istess spirtu appostoliku li l-Ispirtu s-Santu żejnek bih. Mela, itlob għalija ħalli nkun ħerqan u ħerqana għal Ġesù bħalek! Mhux li kien O Indrì li jien ukoll ikolli r-rejaliżmu li kellek int! Li jkolli saqajja mal-art bħalek! Mela, itlob għalija ħalli jiena wkoll, bħalek, inżewweġ ir-rejaliżmu fija mal-pjan tal-Missier għalija billi mmur għand Ġesù. Biex, bħalma għamilt u ġralek int, il-grazzja tiegħu tbiddel ir-rejaliżmu tiegħi f'fidi li taqla' l-għeġubijiet mis-sema!*




*Mhux li kien O Indrì li bħalek ikolli l-grazzja li nistaqsi dwar il-fidi tiegħi fejn ma nafx. Biex qatt ma nilgħabha tal-prużuntuż u l-prużuntuża. Madankollu, nixtieq iva ngħidlek illum, itlob għalija mhux biss biex ikolli l-kuraġġ nagħmel dan imma wkoll biex nilqa' l-isfidi tat-tagħlim qawwi li jagħtini Ġesù Kristu Sidi. Bl-istess mod li għamilt int! Mhux li kien O Indrì li bħalek inkun pont għal dawk li illum qiegħdin ifittxu fuq min hu Ġesù u min hija tabilħaqq il-Knisja tiegħu. Għinni, ħa nkun bħalek midħla ta' Ġesù fil-Knisja u permezz tal-Knisja tiegħu! Mhux li kien O Indrì li jien ukoll, bħalek, nara s-salib tiegħi fid-dawl tas-Salib ta' Ġesù Kristu. Itlob għalija ħalli jkolli l-umiltà li kellek int biex dan jiena nagħmlu. U nagħmlu sal-punt li, bħalma fihmt u wettaqt int, it-tbatija tiegħi, kbira kemm hi kbira, lanqas biss tibda' ħdejn dik li bata' għalija l-maħbub Ġesù tiegħi. Bħalma fihmt bid-dawl tal-grazzja int!*

*Mhux li kien O Indrì li bħalek mill-paroli ngħaddi għall-fatti. Sa' dawk il-fatti li jwassluni nagħti ħajti għal Ġesù Sidi bħalma għamilt int. Int, il-ħabba tal-qamħ li waqgħet fl-art biex tat ħafna u ħafna frott! Itlob għalija O Indrì ħa nkun raġel u mara mal-Mulej tiegħi sal-aħħar! U mhux safejn jaqbilli!*

*Grazzi Sant'Andrija ta' dan it-tagħlim siewi li bih int tgħallimni u tgħinni ngħix ta' Nisrani u Nisranija ta' veru u ta' sinsla. Amen.*



# Talba sabiex Tinħoloq Pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali

Vince Peresso

Jien hu nqalleb fid-dokumenti miżmuma fl-Arkivja Nazzjonali ġewwa Santu Spirtu fir-Rabat iltqajt ma' diversi fajls li jirrigwardaw il-ħolqien tal-pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa. Qiegħed għalhekk naqsam magħkom x'fihom dawn id-dokumenti bla ma nidħol fil-fond dwar is-suġġett.

Qed nitkellmu fis-snin 1904 sa 1906 meta l-istess Knisja Parrokkjali kienet għada kif sarulha żidiet u tkabbir kif ukoll formazzjoni jew pjanar aħjar taz-zuntier. B'dan l-iżvilupp allura ġara li t-triq ta' quddiem il-knisja saret wiesgħa madwar seba' piedi biss. Kif stqarr il-Kappillan Dun Antonio Vella dan ħoloq inkonvenjenza kif ukoll periklu speċjalment f'dak li jirrikwarda traffiku bir-roti. Hawn iktar qed jirreferi għall-karrettuni għax dik il-ħabta ftit li xejn kien hawn karozzi. Minħabba f'hekk l-istess Kappillan kiteb lill-Gvernatur Mansfield Clark u talbu li quddiem il-knisja tinħoloq pjazza billi jitwaqqa' blokk bini triangulari.

Kif jidher fil-pjanta annessa dan il-blokk żgħir minbarra li fil-faċċata kien hemm il-knisja parrokkjali, fil-ġnub kellu żewġ toroq żgħar, li imbagħad kienu jingħaqdu flimkien bħala Triq Sant'Andrija li allura kienet it-triq li minn Ħal Luqa tieħdok lejn l-inħawi tax-xlokk ta' Malta, jiġifieri lejn l-Imqabba, il-Qrendi, iż-Żurrieq, Ħal Safi u Ħal Kirkop. Waħda mit-toroq fil-fatt kienet il-parti t'isfel ta' Triq Sant'Andrija waqt li t-triq l-oħra kienet iġġib l-isem ta' Triq San Mikiel. Din il-parti dak iż-żmien kienet tissejjaħ *"id-Dawra iż-Żgħira"*.

Skont Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu *"Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha"* sa minn qabel il-bidu tas-seklu għoxrin kienu qed jitolbu li jitneħħa dan il-blokk bini. Saħansitra anki din il-kwistjoni tressqet quddiem il-Kunsill tal-Gvern mir-rappreżentant ta' Ħal Luqa. Imbagħad nhar l-4 ta' Frar 1903 is-sur E.Semini reġa' qajjem il-punt f'laqgħa tal-Kunsill tal-Gvern fejn saħansitra talab li l-Gvern jixtri l-blokk bini sabiex tinħoloq pjazza. Saħansitra Semini kiteb lil-Logotenent Gvernatur fejn qallu li l-Luqin kienu lesti li jħottu l-bini huma stess jekk tintlaqa' t-talba tagħhom. F'dak il-perjodu kienu qed jinbnew in-navi u għalhekk il-Luqin deherilhom li kien żmien propizju sabiex dan il-proġett iseħħ. Imma għarralhom u t-talba tagħhom ma ntlaqatx.

Madankollu sadattint anki l-Kappillan Antonio Vella kien prova li permezz ta' petizzjoni, li dwarha se nitkellem iktar 'l isfel f'dan l-artiklu, kien prova xortih. Minkejja l-ħafna wegħdiet u kliem sbieħ anki l-Kappillan Vella ma rnexxilux.

Kellhom jgħaddu għoxrin sena sakemm fl-1925 dan il-bini twaqqa' u nħolqot il-fetħa llum magħrufa bħala Misraħ Sant'Andrija. Meta seħħ dan sparixxa l-isem ta' Triq San Mikiel, li wieħed jista' jissoponi li kienet ħadet l-isem minħabba l-istatwa ta' San Mikiel li dari kien hemm fuq iz-zuntier u llum tinsab fiċ-ċimiterja tal-pesta fl-inħawi ta' Wied il-Knejjes.



*Dehra tal-Pjazza fil-bidu tas-seklu għoxrin*

### Il-Petizzjoni tal-Kappillan Dun Antonio Vella

It-talba li kiteb il-Kappillan Dun Antonio Vella ġġib id-data tat-30 ta' Ottubru 1904. Dan ifisser li l-Kappillan ressaq t-talba hekk kif tlesta l-bini tan-navi. Wara li jagħti deskrizzjoni tal-binja rettangulari li semmejt aktar qabel, hu jistqarr kif il-parruċċani ta' Ħal Luqa kienu ilhom jitolbu li jitwaqqa' dan il-blokk bini sabiex tinħoloq pjazza. Jistqarr ukoll kif il-proġett ma seħħx minħabba nuqqas ta' fondi. Skont il-Kappillan dan il-blokk żgħir ta' bini ma tantx kien fi stat strutturali tajjeb u li t-twaqqiegħ tiegħu għalhekk kellu jneħħi inkonvenjenza jew periklu, joffri kumdità u estetikament isebbaħ l-inħawi ċentrali ta' Ħal Luqa. Kif kiteb il-Kappillan *"the advantage derived therefrom would be great both from an esthetical and from an hygenic point of view"*.

Dil-petizzjoni minbarra l-firma tal-Kappillan Vella kienet iġġib il-firem tal-kleru kollu, taż-żewġ nutara tar-raħal, tal-perit Francesco Sammut u ta' għadd sabiħ ta' parruċċani. B'kollox hemm il-firma ta' 13-il saċerdot inklużi żewġ kjeriki kif ukoll ta' 55 persuna.

Wara li din it-talba ġiet marbla mid-dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kif ukoll fil-Kunsill tal-Gvern ġie stmat li dal-proġett jiġu jiswa £850, bejn spiża ta' esproprijazzjoni tal-proprjetà kif ukoll għax-xogħol. Fit-tweġiba li l-kappillan Vella rċieva nhar il-15 ta' Novembru 1904 ġie mgħarraf bid-deċiżjoni li dan il-proġett jitwettaq, imma qabel jeħtieġ li titressaq il-proposta mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex ikun konsidrat fl-estima tas-sena 1905/06. Madankollu l-ittra b'mod diplomatiku spiċċat hekk *"the Government is unable to give any undertaking at the present time that the work will be carried out next year"*.

Fil-fatt ix-xogħol ma bediex mal-ewwel tant li l-kappillan Vella reġa kiteb lill-Gvernatur. nhar il-15 ta' Ottubru 1905,. It-tweġiba kienet li l-finanzi kien għadhom ma jippermettux li dan ix-xogħol jitwettaq. il-Kappillan ma qatax qalbu u baqa' jinsisti. Nhar il-5 ta' Marzu 1906 il-Kappillan Vella tramite s-Sur Arthur B. Sant reġa' kiteb lill-Gvernatur fejn ħeġġeġ li x-xogħol jibda mill-aktar fis, wara li seħaq li bid-djuq tat-triq ta'


R  I 1819/04

LIEUTENANT GOVERNOR'S OFFICE RECEIVED 7-NOV-04 MALTA

To His Excellency
Sir Charles Mansfield Clarke B. K. G. C. B.
Governor of Malta and its Dependencies

The humble petition of the undersigned inhabitants of Casal Luca

Most respectfully sheweth,

That opposite the Parish Church of Casal Luca there is a small block of buildings of a triangular shape, bordered on one side by the road existing in front of the Church, on another by Strada S. Michele and on the other by Strada S. Andrea, which two streets then join together forming the extension of Strada S. Andrea, which is also the only way from Valletta to Zurrico, Crendi, Micabiba, Chircop, Safi and other casals.

That the inhabitants of this village have more than once petitioned the Government for the demolition of these buildings in order to have the site thereof converted into a square


bound will ever pray.
Casal Luca
30th October 1904

Rev. Antonio Vella B. A. D.D. Parish Priest
Mons. Can. Orazio Grima Arciprete
Rev. Prof. Carmelo Grima D.D.
Sac. Giuseppe Vassallo
Sac. Pietro Paolo Simcoli
Sac. Giorgio Sapiano
Sac. Andrea Mizzi
Sac. Carmelo Vassallo
Sac. Vincenzo Vassallo
Sac. Giuseppe Balbi
Sac. Rosario Cremona
Ch. Bartolomeo Cassar
Ch. Francesco Cilia
Notaro Giovanni Vella
Alfredo Vella
Serafino Fiorini
Com. Paolo Vella
Com. Bartolomeo


but, for want of funds the Government has not thought fit to comply with their wishes.

That your Petitioners beg to submit to your consideration that, having regard to the old decaying condition of the said buildings, the expense of the demolition would be slight, whilst the advantage which would be derived therefrom would be great both from an esthetical and from an hygienic point of view.

That the streets of Casal Luca are all narrow and crooked, and the dwellings of the said buildings are in an unwholesome condition, and moreover the only square has been greatly reduced owing to the late enlargement of the Church which had become necessary because of the evergrowing population.

Under such circumstances your Petitioners most humbly pray your Excellency to be kind enough as to order that the necessary vote should be at the proper time submitted to the Council of Government for the expropriation and the demolition of the said block of buildings.

And your Petitioners as in duty


Zammit Carlo
Emmanuele Fiorentino
Salvatore Azzopardi
Luigi Schembri
Michele Simeone
Giuseppe Borg
Carmelo Tonna
Carmelo Tonna
Giuseppe Grima
Giovanni Borg
Carmelo Bonett
Giuseppe Azzopardi
Raffaele Agius
Andrea Cuschieri
Innocenzo Borg

Carmelo Vassallo
Giuseppe Cremona
Andrea Buila
Antonio Spiteri
Giovanni Vella
Salvatore Spiteri
Giuseppe Zammit
Salvatore Vella
Carmelo Scicluna
Giuseppe Spiteri
Andrea Vella
Giovanni Caruana
Giuseppe Farrugia
Paolo Tonna
Carmelo Saliba

quddiem il-knisja qed jinħoloq inkonvenjenza sew fil-ġranet tax-xita kif ukoll minħabba n-numru ta karettuni bil-ġebel li jgħaddu regolarment mit-triq. Dawn il-karettuni suppost kellhom jgħaddu minn toroq oħra iżda din l-ordni qatt ma ġiet inforzata mill-pulizija tal-lokal. Il-Kappillan anki daħħal fin-nofs id-Direttur tal-Iskejjel Primarji fin-nofs. Għalkemm dan fit-tweġiba tiegħu stqarr li tkellem mal-kappillan dwar il-periklu tat-triq, hu qatt ma lmenta mal-Pulizija dwar dan. Wara t-Tabib Ġenerali tal-Gvern eżamina id-djar fil-blokka ta' quddiem il-knisja stqarr li tassew li d-djar għandhom bżonnijiet ta' sanità madankollu dawn mhux agħar minn sitwazzjonijiet f'għadd ta' djar oħra f'Malta. Minħabba f'hekk it-talba ġiet miċħuda. Nhar it-8 ta' Novembru 1906, is-sur Arthur B. Sant f'isem il-Kappillan, reġa kiteb lill-Gvernatur sabiex ix-xogħol imwiegħed jsir ma jdumx. Madankollu t-tweġiba reġgħet kienet ta' rifjut.

Sa hawn fejn sibt jien dwar dan il-proġett. Kif kiteb Dun Ġużepp Micallef it-twaqqiegħ tal-bini sabiex issir il-pjazza beda nhar il-25 ta' Mejju tal-1925 u kienet lesta għall-festa ta' Sant'Andtija f'dik is-sena. Imbagħad sena wara, nhar il-25 ta' Mejju 1925 issemmiet Pjazza Sant'Andrija, fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Magri.



*Pjanta tal-pjazza u l-madwar*

Ovvjament li b'hekk inħoloq ambjent urban wisq aħjar milli kien hemm qabel. Il-pjazza tat nifs lir-raħal u tat iktar prominenza lil Triq Sant'Andrija. Il-pjazza saret iċ-ċentru urban u soċjali ta' Ħal Luqa. Fiha tista' tgħid hemm illum il-qalb tal-Luqin u s-servizzi kollha li jinsabu f'Ħal Luqa. Imma dwar kif fil-fatt inħolqot il-pjazza, li naturalment kienet tinkludi li l-Gvern esproprija l-bini u x-xogħol manwali u ta' servizzi, wieħed għad irid ifittex iktar, biex jidħol f'iktar dettal minn dak li kiteb Dun Ġużepp Micallef.

Il-ħolqien ta' din il-pjazza kien imbagħad l-ixprun li ħeġġeġ aktar żvilupp permezz ta' toroq oħra ġodda f'Ħal Luqa.

**Firmatarji**

Nagħlaq dan l-artiklu ċkejken billi nniżżel l-ismijiet ta' min iffirma il-petizzjoni oriġinali tal-1904.

**Saċerdoti:**

Rev Antonio Vella B.A.D.D. Kappillan; Mons Canre Orazio Grima Arċipriet; Rev Prof Carmelo Grima D.D.; Dun Giuseppe Vassallo; Sac Pietro Paolo Dimech; Sac Giorgio Sapiano; Sac Andrea Mifsud; Sac Carmelo Vassallo; Sac Vincenzo Vassallo; Sac Giuseppe Baldacchino; Sac Rosario Cremona; Cho Bartolomeo Cassar; Cho Francesco Ellul.

**Parruċċani oħra:**

Nutar Giovanni Vella; Nutar Francesco Cauchi; Fr. Sammutt P.A.A.; A.Grima A.P.A.(sic); Alfredo Vella; Serafino Fiorini; Com: Paolo Vella; Com: Bartolomeo Pisani; Paolo Zammit; Emmanuele Fiorentino; Salvatore Azzopardi; Luigi Schembri; Muscat Simeone; Giuseppe Borg; Giovanni Penza; Carmelo Grima; Carmelo Tonna; Bonnici Nicola; Gio:Maria Azzopardi; Giuseppe Grima; Emanuele Camilleri; Francesco Azzopardi; Andrea Camilleri; Giovanni Gauci; Carmelo Bonett; Giuseppe Azzopardi; Raffaele Agius; Paolo Camenzuli; Andrea Ciappara; Giomaria Buhagiar; Carmelo Bonnici; Lodovico Mamo; Francesco Borg; G.Sammut; Carmelo Vassallo; Giuseppe Cremona; Francesco Spiteri; Carmelo Mallia; Carmelo Schembri; Andrea Psaila; Antonio Spiteri; Giovanni Mercieca; Salvatore Spiteri; Giuseppe Zammit; Salvatore Vella; Carmelo Scicluna; Felice Sammut; Giuseppe Spiteri; Andrea Vella; Giovanni Fava; Ruggiero Casha; Giuseppe Farrugia; Paolo Tonna; Carmelo Saliba; Paolo Farrugia.

Ta' min jinnota li fost il-firmatarji kien hemm nies li għad li kienu Luqin ma kinux għadhom joqogħdu Ħal Luqa. Qed nirreferi b'mod partikolari għal Mons Orazio Grima li dik il-ħabta kien Monsinjur Kantur tal-Kattidral għalkemm qabel kien kappillan fil-parroċċa ta' Sant'Andrija. Anki l-Perit Franġisku Sammut, għad li Luqi kien joqgħod tas-Sliema. Però ninnutaw fil-lista il-familji prominenti Luqin bil-Kunjom Grima u Vassallo. Hemm ukoll membri tal-familja Cremona li huma antenati ta' Mons Pawlu Cremono, Arċisqof Emeritu tal-lum.

**Referenzi**

MICALLEF Dun Ġużepp (1975) Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha

**Arkivju Nazzjonali Rabat**

PW45 f.328 datat 9 ta' Marzu 1906
CSG02/1179/1904; CSG02/2588/1905; CSG02/2602/1905; CSG02/361/1906.



Ritratt antik tal-Urna tal-Monument ta' Ħal Luqa (Seklu Dsatax)

# Wistin Camilleri

*Skultur u Statwarju*

**Patrick Muxi**



Wistin Camilleri twieled il-Belt Victoria, Għawdex fit-2 ta' Mejju 1885. Il-ġenituri tiegħu kienu miż-Żejtun. Iċ-ċkejken Wistin ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex. Sa minn ċkunitu beda juri l-ħila artistika tiegħu billi jagħmel il-pasturi u jbiegħhom it-Tokk għal tliet ħabbiet. Minn tifel fis-Seminarju hu ddeċieda li jaqbad il-karriera ta' skultur u ta' statwarju li jaħdem xogħol fil-ġebla u l-kartapesta.

Wistin studja l-iskola tal-arti tal-Belt Valletta taħt il-Bormliż Ġużeppi Duca u l-pittur Ġużeppi Calì, u sentejn wara mar jistudja fl-Akkademja ta' San Luqa ġewwa Ruma. Wistin kellu diversi surmastijiet fil-linja artistika fosthom Canunica, Pizziardi, Mancini u Coppa. Kien f'dan iż-żmien li ltaqa' mal-Malti magħruf Antonio Sciortino f'Ruma, li wkoll sar l-akbar ħabib tiegħu.

Is-sena 1909 kienet sena importanti għal Wistin għax fetaħ l-*istudio* tiegħu fir-Rabat Għawdex fi Triq Għajn Qatet. Wieħed mill-ewwel xogħlijiet ta' Wistin fil-kartapesta huwa San Kaloġeru, għall-knisja tal-Franġiskani tar-Rabat Għawdex. Meta kellu biss ħmistax-il sena skolpixxa fil-ġebla l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl għall-frontispizju tal-knisja tal-Kapuċċini ta' Għawdex. Wara huwa għamel il-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana (1923), San Pawl tal-Munxar (1933) u l-Madonna tal-Grazzja (1934), dawn kollha xogħol fil-kartapesta. Ħadem ukoll San Ġużepp u San Ġuda għall-knisja tal-Kalkara f'Malta. Fiż-Żejtun l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu u fil-knisja Franġiskana ta' Putirjal lil Ġesù Nazzarenu.

Wistin ħadem ukoll xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ġimgħa l-Kbira, bħall-anġlu tal-Ort li jinsab fil-knisja ta' Ġieżu l-Belt fis-sena 1939. Fil-knisja parrokkjali Naxxarija nsibu il-grupp statwarju tat-Tradiment ta' Ġuda. Din il-vara saret fis-sena 1975, meta Wistin kellu 90 sena. Kien l-aħħar xogħol u kapulavur ta' ħajtu. L-Ecce Homo taż-Żebbuġ huwa wkoll xogħol ta' dan l-artist li sar fis-sena 1919. Kienet waħda

mill-ftit statwi oriġinali li salvat.

L-Imgħobbi fil-knisja tax-Xewkija li naraw illum huwa xogħol iben Wistin, imma dak ta' qablu kienet ta' Wistin innifsu. Il-vara tal-Veronika li tinsab fil-Bażilika Rabtija inħadmet minn Wistin fis-sena 1916, waqt li d-duluri ħadimha fis-sena 1917. Il-Madalena hija xogħlu wkoll, ix-xagħar tagħha kien isfar u kien inxtara għal erba' liri mingħand familja Maltija, li binthom kienet daħlet soru.

Ġol-Katidral taċ-Ċittadella nsibu l-uniku xogħol ta' Wistin, dak tad-difna li sar fis-sena 1969. Fil-Birgu wkoll hemm xogħol Wistin. Dan huwa l-korp ta' Kristu mejjet. Fiż-Żejtun il-monument huwa xogħol Spanjol imma l-anġli huma xogħol Wistin, li bħalhom għamel fil-knejjes parrokkjali tal-Mosta. L-anġli tal-urna fil-Bażilika Ġorġjana nħadmu minn Wistin fis-sena 1934. L-urna taż-Żebbuġ Għawdex hija sempliċi b'erba' anġli jżomm simboli tal-passjoni. Fis-sena 1969, Wistin ħadem lil Marija Addolorata u Marija ta' Kleofa fil-Katidral. L-unika sena li ma ħarġitx kienet fis-sena 16 t'April 1976 meta minflokha nħarġet dik ta' San Ġakbru tat-Tokk.


*Il-vara tal-Qalb ta' Ġesù*

Fis-sena 1947 inħadmet id-Duluri ta' Raħal Ġdid. Fis-sena 1948 kienet tneħħa l-anġlu u minfloku saret il-figura ta' San Ġwann jikkonsla lill-Madonna. Fost il-parroċċi li Wistin ħadem din l-istatwa devota ta' Marija Addolorata nsibu il-parroċċi ta' Wied il-Għajn, Kunċizzjoni Ħamrun, Mellieħa, Stella Maris Sliema, Kappella tal-Pietà u San Lawrenz Għawdex u fiċ-ċimiterju ta' din il-parroċċa ħadem il-Pietà.

Wistin baqa' magħruf għall-ammont ta' kurċifissi li għamel. Fil-fatt ħa l-laqam ta' Wistin 'Tal-Kurċifissi'. Il-Qaddis Malti San Ġorġ Preca kien jagħti parir li għall-kurċifiss devot staqtu għal Wistin t'Għawdex. Barra x-xogħol tal-kurċifissi, Wistin għamel xogħol fuq statwi tal-qaddisin.

Fil-gżira Għawdxija huma ħadem tliet statwi titulari. Fis-sena 1923 Wistin ta b'rigal l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù lill-parroċċa tal-Fontana. Meta Dun Alfons, ħu l-kappillan Hili ra l-istatwa qallu, "Għandek Qalb ta' Ġesù nieżel mis-sema." Il-pittur Taljan Virginio Munti meta ra l-istatwa staqsa jekk f'Għawdex setax kien hawn artisti daqshekk kbar. Maż-żmien il-globu oriġinali li Kristu kellu taħt riġlejh ġie rranġat mill-istess artist u fis-sena 1985 l-istatwa ġiet sgraffita minn Horace Farrugia tal-Imdina u fis-16 ta' Ġunju 1985 ħarġet għall-ewwel darba b'libsa ġdida.

Fil-Munxar l-istatwa ta' San Pawl, ġiet tiswa madwar erbgħin lira. Ħafna mill-ispejjeż ħariġhom Ġanni Saliba. Wistin lesta din l-istatwa fil-31 ta' Jannar 1933. Is-sena 1925 kienet sena ta' preparazzjoni għas-seba' ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk u l-patrijiet konventwali fdaw lil Wistin bl-istatwa ta' San Franġisk. Il-kunvent tal-Belt Valletta offra li jħallas għaxar liri għall-istatwa l-qadima u dawn servew biex issir il-ġdida. Wistin kien wisq miġbud u maħbub tal-Franġiskani. Meta ħadem l-istatwi, Wistin għamel lil San Franġisk fil-glorja tiegħu filwaqt li żewġ anġli jerfgħuh minn taħt abtu. Fl-istess knisja nsibu l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Din ħadimha fl-1949 u tbierket mill-Gwardjan Patri Borg Portelli f'Ħadd il-Għid tas-sena 1949.

Lura Malta, nsibu xogħlijiet fil-knejjes Franġiskani tar-Rabat fl-1980, tal-Ħamrun fl-1958, u tas-Sliema kellu xogħol ta' restawrazzjoni fuq l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor wara li ġratilha ħsara waqt serqa. Fl-istess knisja nsibu lil San Ġużepp li nħadem fl-1947 u kienet qamet 20 lira. F'Birkirkara ħadem l-istatwa ta' San Pawl u fil-Għargħur ħadem l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu. Fil-parroċċa ta' Stella Maris ħadem dik ta' Papa Ljun u l-Madonna ta' Lourdes fil-parroċċa tas-Sacro Cuor. Fil-Wardija ħadem ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes waqt li fiż-Żurrieq ħadem l-istatwa ta' Santu Rokku.



***Skultura ġewwa s-Santwarju ta' Pinu***

Wistin Camilleri ħadem fl-iskultura tal-ġebel fis-Santwarju ta' Pina. Għal dan is-Santwarju Wistin ħażżeż madwar elf u tmien mitt disinn. Insibu wkoll lil Kristu Salvatur li jinsab fuq il-quċċata tal-Merżuq li nħadmet fis-sena 1960.

Għall-festa ta' San Ġorġ t'Għawdex, Wistin ħadem ukoll l-anġli tal-kaxxa tal-palk fi Pjazza Indipendenza, l-anġli li jintramaw fi Triq il-Librerija, sett fi Triq Vajringa, sett ta' għaxar anġli għall-Pjazza San Franġisk u s-sett Santi Padri, il-Papa Santa Żakkarija li nħadem fis-sena 1922. Fix-xaqliba l-oħra nsibu l-knisja fi Triq Santu Wistin fejn saret l-istatwa ta' Santu Wistin fl-1931 fl-anniversarju tal-15-il sena mill-mewt ta' Santu Wistin, u li Wistin Camilleri ta bħala rigal lil dan il-kunvent. San Nicola Toletno sar





***Uħud mill-istatwetti ta' fuq l-altari li nsibu f'Ħal Luqa.***

fl-1913 u Santa Rita saret fl-1916. Ma' dan ix-xogħol Wistin għamel erba' anġli li huma forma ta' djakni, xogħol tas-sena 1934. Dan ix-xogħol sar għall-gżira ta' Għawdex.

Fis-sena 1923 Wistin ħa l-ewwel premju ġo Wembley, ġie onorat ukoll mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Wistin Camilleri kien miżżewweġ lil Frances Cauchi fis-sena 1938 u kellhom sitt itfal; Pawlu, Alfred, Mario, Michael, Josephine u Catherine. Erbgħa minnhom huma artisti, min fil-qasam tal-iskultura, fil-kartapesta u oħrajn fil-pittura.

Ix-xogħlijiet li għandna fil-knisja ta' Ħal Luqa jinkludu settijiet ta' xbihat sagri li jintramaw fuq l-altari li saru wara l-gwerra u għandna ngawdu sal-lum. Is-settijiet jinkludu dawk ta' San Mikiel li jinkludu l-arkanġli, ta' San Duminku li jinkludu qaddisin Dumnikani, il-Qalb ta' Ġesù li jinkludu teologu u qaddisin marbuta mal-artal, tat-twelid li jinkludu profeti rġiel u dik ta' Santa Marija li jinkludu profeti nisa. Barraminnhekk, insibu kkuluriti għall-artal maġġur għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura kif ukoll xbihat oħra bħal San Franġisk, Santa Tereża u oħrajn.

Wistin ħalla din id-dinja fl-4 ta' Lulju 1979 fl-għomor ta' 94 sena. Tabilħaqq tlifna artist ta' ħila.

*Ħajr lill-Kav. Paolo Camilleri Cauchi tal-informazzjoni.*



*L-Ewwel Kwadru Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu*
*Ludovico La Sala*
*375 Sena Anniversarju 1634 - 2018*



# Sant'Andrija u r-Riġment tal-*Black Watch*

Clifford Micallef

Dan l-aħħar waqt li kont qed nagħmel xi riċerka fuq l-internet, iltqajt ma' stampa ta' 'cap badge' li mad-daqqa t'għajn deherli li kienet tirrappreżenta lil Sant'Andrija. Bħal kull Ħalluqi, meta nara xi statwa, santa jew xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' Sant'Andrija nimtela interess - u hekk ġrali dakinhar.




Kollni kurjuż bdejt nipprova nfittex aktar dwar din il-badge u skoprejt li din kienet għadha tapparjeni lir-Reġiment Irjali magħruf bħala 'Black Watch' u li dik il-figura fin-nofs tal-badge kien veru Sant'Andrija!

Il-Black Watch ifforma ruħu minn sitt għaqdiet volontarji mill-Highlands, li huwa reġjun muntanjuż lejn il-Majjistral tal-Iskozja. L-għan ta' dawn l-għaqdiet kien li jħarsu l-paċi fir-reġjun minn xi rewwixti li ta' sikwiet kienu jqumu fl-akkwati minn gruppi organizzati. Kien fl-1739 li r-Re George II kabbar l-għaqdiet għal għaxra u għaqqadhom bħala reġiment. Dan ir-reġiment beda jissejjaħ 'Black Watch'. Dan l-isem tnissel mit-tip ta' 'tartan' li kienu jilbsu dawn is-suldati li kien kemxejn skur - għalhekk il-kelma 'black' u l-kelma 'watch' li tirreferi għall-ħarsien.

Minn informazzjoni li waslitli minn membru fi ħdan dan ir-reġiment stess, jirriżulta li l-badge tal-Black Watch tixbah ħafna badge oħra li tappartjeni għall-Ordni Skoċċiż li huwa The Order of the Thistle[1] liema badge tirrappreżenta wkoll lil Sant'Andrija.

Minn tagħrif li ksibt mill-internet skoprejt ukoll kif Sant'Andrija spiċċa fuq din il-badge tal-Order of the Thistle. Fil-fatt, il-leġġenda tgħid li waqt battalja li kellu Achaius (Re tal-Iskozja) kontra r-Re Sassonu Aethelstan fis-sena 786 ġewwa Athelstaneford, dan tal-ewwel, lemaħ salib ta' Sant'Andrija jiddi fis-sema u li kien għalhekk li wara l-battalja ddeċieda li jpoġġi dan l-Ordni taħt il-patroċinju ta' Sant'Andrija.

Storiċi jgħidu li din il-leġġenda hi kemxejn inċerta minħabba l-fatt li dawn iż-żewġ persunaġġi l-anqas biss għexu fl-istess seklu. L-anqas biss nafu jekk kienx jeżisti l-Order

of the Thistle f'dan iż-żmien. Li nafu żgur hu li fis-seklu 17, ir-Re James V reġa' qajjem dan l-Ordni fuq saqajh.




Iż-żewġ entitajiet - Il-Black Watch u l-Order of the Thistle, it-tnejn iħaddnu l-istess motto: 'Neme me Impune Lacessit' li bejn wieħed u ieħor ifisser "Ħadd ma jista' jakkużani b'impunità".

Il-badge tal-Black Watch tħaddan ukoll kuruna fuq in-naħa ta' fuq tagħha li turi li għandha status ta' reġiment irjali li ngħata lilu fl-1758. Fin-naħa t'isfel għandha Sphinx Eġizzjan, liema simbolu ngħata lir-reġiment bħala rikonoxximent għar-rwol ċentrali li kellu fit-taqbida kontra l-Franċiżi fil-Battalja ta' Lixandra fl-Eġittu f'Marzu tal-1801.

Ir-reġiment tal-Black Watch ta sehmu fi gwerer kbar madwar id-dinja, fosthom, fl-1874 fit-tielet gwerra tal-Anglo-Ashanti u fl-Eġittu fl-1882. Fl-ewwel gwerra dinjija kellu sehem permezz ta' diversi battaljuni fi ġlied fi Franza, fil-Fjandri[2], kif ukoll fil-Mesopotamja[3], Palestina u fil-Balkani.

Il-Black Watch insibuh attiv ukoll fit-tieni gwerra dinjija u aktar tard fil-Korea fl-1952 u fir-rewwixti ta' Mau Mau fil-Kenja fl-1953. Serva wkoll fl-Irlanda ta' Fuq, fl-Iraq fl-2003 u 2004 u kif ukoll ġewwa l-Afghanistan.

Fil-preżent il-battaljun tal-Black Watch għandu preżenza f'pajjiżi bħal Spanja, Franza, Marokk, Libja, Kenja, Malawi, Kuwajt, Ġordan, Nepal u ġewwa l-Kanada. Rekuti fi ħdanu jagħmlu wkoll operazzjonijiet fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti. Permess t'hekk żammew ħajja r-reputazzjoni ta' Battaljun u Reġiment.

Nispera li dan il-ftit tagħrif ħadtu gost taqrawh bħalma jien ħadt gost niskopri kif Sant'Andrija spiċċa fuq dawn iż-żewġ badges. Mhux li kelli xi dubju, imma issa komplejt nikkonferma kemm Sant'Andrija kien minn dejjem meqjus bħala qaddis kbir mhux biss f'raħalna iżda fost popli oħra sa minn dejjem.

**Biblijografija**

[1] Thistle - Għallis - Il-Pjanta Nazzjonali tal-Iskozja

[2] Fjandri - Flanders - Il-Belġju ta' Fuq

[3] Mesopotamja - Asja tal-Punent

# Mill-Oriġini tal-Mużika sal-Era tal-Barokk

Norbert Camilleri

Il-ħoss hu kkunsidrat bħala fenomenu naturali. Il-mużika mill-banda l-oħra hi r-riżultat ta' żvilupp kontinwu tal-ħoss fl-immaġinazzjoni hekk fertili tal-bniedem sa mill-bidu tal-eżistenza tiegħu.



Il-mużika nsibuha f'kull kultura madwar id-dinja kemm dik tal-preżent kif ukoll dik tal-passat. Għaldaqstant il-mużika ilha teżisti mill-inqas għal madwar 55,000 sena u l-ewwel mużika x'aktarx li oriġinat ġewwa l-Afrika u wara nxterdet biex saret parti sostanzjali mill-ħajja ta' kuljum tal-bniedem.

L-ewwel strument mużikali kien bla dubju ta' xejn il-vuċi tal-bniedem, li kapaċi jagħmel ħafna tipi ta' ħsejjes, bħal pereżempju jkanta jew isaffar fost ħsejjes oħra. Iżda nsibu li l-bniedem primittiv ukoll żviluppa strumenti mużikali, tant li fl-2008 arkeoloġi sabu forma ta' flawt li fih ħames toqbiet magħmul minn għadma ta' ġewnaħ ta' avaltun li hu għasfur kbir. L-eqdem strumenti magħmulin mill-injam ġew skoperti ġewwa l-Irlanda. Dawn kienu jikkonsistu minn sitt flawti li x'aktarx kienu marbutin flimkien.

Iż-żmien preistoriku hu dak iż-żmien ta' qabel l-iżvilupp tal-kitba, fil-fatt mal-iżvilupp tal-kitba spiċċat il-mużika preistorika. L-eqdem mużika miktuba tmur lura għal madwar 1400 sena qabel Kristu u nsabet ġewwa s-Sirja f'post jismu Ugarit. Interessanti l-fatt li diġà kien hemm xi forma strutturali ta' polifonija.

Pipi jew aħjar sfafar doppji bħal dawk li kienu jintużaw mill-Griegi tal-qedem jindikaw l-użu tal-polifonija. Hekk naraw kif suffara minnhom kienet toħloq nota waħda (pendant-drone) filwaqt li s-suffara l-oħra kienet tagħmel il-melodija u allura kienet imtaqba b'diversi toqob.

Strumenti mużikali li ġew misjuba ġewwa l-Asja t'isfel fejn illum insibu l-Afganistan u l-Pakistan, imorru lura għal żminijiet tal-bronż. Dawn kienu jikkonsistu fi strumenti tal-korda u flimkien magħhom instab ukoll flawt b'seba' toqbiet.

Il-mużika klassika Indjana (Marga) tinstab fl-iskritturi tad-tradizzjoni tal-Hindu fejn f'wieħed mill-iskritturi b'mod partikolari, il-mużika hija deskritta fit-tul.

Wieħed mill-eqdem strumenti tal-korda li saħansitra kien jindaqq f'forma ta' qaws (bow) bħal vjolin imur lura fiż-żmien ir-re Ravana ta' Sri Lanka - madwar is-seklu disgħa.

L-istorja tal-iżvilupp mużikali ġewwa l-Iran - mużika Persjana, teħodna lura għall-era preistorika eżattament fi żmien l-Imperu Elamite (2500-650 QK). Jidher ċar li l-Persjani kienu jħaddnu kultura mużikali vasta ħafna. Fil-perjodu 226-651 WK partikularment insibu evidenza ċara li turi l-preżenza tal-mużika fil-ħajja ta' kuljum ġewwa l-Persja li llum nafuha bħala l-Iran.

Fil-Greċja antika diġà nsibu korijiet ta' nisa u rġiel ikantaw flimkien f'okkażjonijiet ta' divertiment jew ċelebrazzjonijiet spiritwali. Dawn il-korijiet ħafna drabi kienu jkunu akkumpanjati bi strumenti bħal Aulos, li kien strument li juża żewġ qasab bħall-obwe u strument tal-korda li għandu għamla ta' arpa żgħira - Lyre. Nafu li fil-Greċja antika t-tfal subien kien jiġu mgħallma minn età tenera ta' sitt snin.

Ġewwa l-Iżrael insibu referenza għal bniedem li vvinta ħafna strumenti mużikali b'isem ta' Jubal. Il-Lhud kienu jagħtu ħafna importanza l-mużika ġewwa l-kultura tagħhom. Fl-istorja u l-letteratura tagħhom insibu evidenza qawwija ta' dan. Naraw kif Mosè u l-poplu Lhudi kantaw għanja ta ferħ wara li qassmu l-baħar l-aħmar.

Il-perjodu ta' Samwel, David u Salamun kienu żminijiet tad-deheb għall-mużika Lhudija tant li kienet tifforma parti mit-tagħlim fl-iskejjel tal-profeti (1 Sam. 10:5)

Insibu ċertu paralleliżmu qawwi bejn l-attività mużiko-reliġjuża u dik teatrali tal-Lhud ma' dink tal-Griegi u r-Rumani. Eżempju ta' dan hi l-Litanija li l-Kattoliċi wara kollox wirtuha mingħand ir-reliġjon Ebrajka. Nafu li l-litanija Ebrajka tiġi akkumpanjata b'mużika tradizzjonali rikka.



L-iżvilupp tal-mużika fl-Ewropa tal-Punent tibda minn dik l-era Medjevali c.500-1400.

**Mużika Medjevali**

Filwaqt li l-mużika kienet ċertament rikka fl-era Medjevali, kif insibu l-kitbiet rigward l-użu ta' strumenti u kitbiet oħra dwar il-mużika, l-unika repertorju li nsibu jibda mhux qabel is-sena 800 W.K. Il-Knisja Kattolika kienet is-sors ewlieni tal-mużika fl-Ewropa u r-repertorju prinċipali kien jikkonsisti mill-kant Gregorjan. Ħafna minn dan ir-repertorju ġie miktub minn kompożituri mhux magħrufa, fis-sekli ta' bejn Papa Gregorju u Charlemagne.

Madwar is-seklu 9, fil-Knisja Kattolika sar żvilupp importanti fil-mużika fejn insibu għall-ewwel darba n-notazzjoni tal-mużika pjuttost preċiża. Żvilupp ieħor kien dak tal-mużika polifonika kantat f'forma ta' noti paralleli hemm imsejjaħ Organum.

Forom oħra li dehru fit-tlettax-il seklu kienu jinkludu, motetti, conductus, discant u clausaulae. Is-Seklu 14 kien iddominat mill-Ars Nova, li ta l-bidu għall-mużika tar-rinaxximent.

**Mużika Rinaxximentali**

Il-bidu tar-rinaxximent fil-mużika ma ħallix impatt daqshekk kbir bħal forom ta' arti

l-oħra. Bħalma l-arti tal-pittura u l-iskultura rinaxximentali rat il-bidu tagħha ġewwa l-Italja, il-mużika ta' dan il-perjodu bdiet fi Franza ta' fuq, il-Belġju u l-Olanda.

Mal-bidu ta' nofs is-Seklu 15 kompożituri u kantanti mill-pajjiżi t'isfel tal-Ewropa u l-pajjiżi tal-madwar b'mod speċjali l-Italja bdew ixerdu stil ta' mużika polifonika kemm f'dak li hu sagru u kif ukoll f'dak li hu sekulari. Forom prinċipali ta' kompożizzjoni ta' mużika sagra f'dan iż-żmien kienu l-quddiesa, il-motett u l-laude. Forom sekulari kienu l-chanson, il-frottola u aktar tard il-madrigal.

L-invenzjoni tal-istampar kellha influwenza qawwija f'dik li hi t-tixrid tal-mużika. Kompożituri bħal Johannes Ockeghem kitbu mużika fuq stil kuntrapuntali u kumplessa u ċertament il-kompożitur Jacob Obrecht, fl-aħħar tas-Seklu 15, jibqa' magħruf għan-numru kbir ta' quddisiet li kiteb. Kompożitur ieħor magħruf kien Josquin des Prez, li nistgħu ngħidu li Palestrina kompla miexi fuq il-linji tiegħu.

Wieħed mill-aktar kompożituri innovattivi ta' din l-epoka kien bal dubju ta' xejn Claudio Monteverdi, li flimkien ma' kompożituri oħra bħal Giovanni u Gabrielis kienu prolifiċi ferm lejn l-aħħar tas-Seklu 16. F'dan l-istess perjodu ġewwa r-Renju Unit kompożituri bħal Thomas Tallis u William Byrd kitbu mużika sagra fuq stil simili għal dak tal-bqija tal-Ewropa.

Il-mużika sa 1600 kienet ta' forma modali aktar minn tonali. Diversi żviluppi fit-teorija tal-mużika fis-seklu 16 bħal kitbiet fuq l-iskali u l-modi ta' Giosoffo Zarlino u Franchinus Gaffurius, taw il-bidla minn kompożizzjoni modal għal dik tonali. L-iskala maġġura u dik minura bdiet tiddomina fuq il-forom modali fil-mużika sagra u dan ta bidu għal era ġdida fil-mużika, dik tal-barokk.



**Mużika Barokka**

Din l-era bdiet bejn l-1600 u l-1750 fejn insibu l-istil artistiku tal-barokk iffjorixxa madwar l-Ewropa u matul dan il-perjodu l-mużika kibret fil-kumplessità tagħha. Il-mużika barokka bdiet eżattament meta l-ewwel opri (vuċi waħidha akkumpanjata bl-orkestra) bdew jinkitbu. Fil-mużika barokka baqa' jispikka l-kuntrapunt u l-polifonija. Kompożituri Ġermaniżi, Taljani, Franċiżi, Polakki, Spanjoli, Portugiżi u Ingliżi kollha bdew jiktbu mużika strumentali għall-korda, strumenti tar-ram u tal-qasba u saħansitra għall-vuċijiet u strumenti tat-tustiera bħall-orgni, iċ-ċimblu (harpsichord) u l-klaviċimblu (clavichord).



Il-fuga, s-sonata, l-oratorio, l-cantata, is-suite u l-kunċert strumentali nistgħu ngħidu li kollha nkitbu f'dan il-perjodu u fihom tispikka l-polifonija kumplessa u ornamentata. Kompożituri importanti f'era tal-barokk jinkludu, Johann

Sebastian Bach, Arcangelo Corelli, Froancois Couperin, Girolamo Frescobaldi, George Fredric Handel, Jean-Baptiste lully, George Philip Telemann u Antonio Vivaldi.

F'nofs is-seklu 18 bdiet tinħass il-ħtieġa biex il-mużika ma tibqax daqshekk ornamentali u kumplessa, li kemm għal min idoqq jew ikanta, kif ukoll għas-semmiegħ kienet pjuttost diffiċli. Dan saħansitra stqarru Johann Adoph Scheibe li kien krituiku tal-mużika u kien qiegħed jirreferi għall-mużika ta' J.S. Bach fl-1737.

L-enfasi fuq melodiji sempliċi u espressivi, bdew iwittu t-triq għall-era tal-mużika klassika, l-era ta' Franz Joseph Haydn u Wolfgang Amadeus Mozart.



*Is-Sedji tal-Kor jagħlqu Sittin Sena 1958 - 2018*



# Sant'Andrija, l-Ewwel Appostlu msejjaħ minn Kristu

*"Sibna l-Messija" (Ġw 1:41)*

**Fr. Charles Buttigieg**

Fl-ittra tal-Kongregazzjoni tal-Kleru fl-okkażjoni tal-ġurnata mondjali ta' talb għall-qdusija tas-saċerdoti nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù ta' nhar id-19 ta' Ġunju 2009 li mmarkat il-bidu tas-sena saċerdotali speċjali, naraw l-importanza tal-predikazzjoni, tat-talb u tal-Ewkaristija fil-ħajja tas-saċerdot murija bl-akbar żelu fil-ħajja ta' San Ġwann Marija Vianney. L-istorja tas-sejħa tal-appostli, l-ewwel saċerdoti hija s-sejħa ta' Alla li tħares dejjem lejn is-sempliċità tal-qalb tal-bniedem. Hekk naraw fl-Antik Testment per eżempju fis-sejħa ta' David. L-istorja tas-sejħa ta' David hija waħda mill-isbaħ stejjer ta' vokazzjoni li nsibu fil-Bibbja. Alla jordna lill-profeta Samwel sabiex imur Betlem għand il-familja ta' Ġesse. Alla ma sejjaħx lil Eljab li kien il-kbir, lil Abianadab jew lil Samma u lill-oħrajn imma liż-żgħir nett, li kien qiegħed jirgħa n-nagħaġ, liż-żagħżugħ David. Din is-sejħa narawha fuq kollox f'dik tal-appostli.



Il-kelma 'appostlu' ġejja mill-verb Grieg 'apostello' li jfisser 'jibgħat'. Anke l-verb Ebrajk 'xaluah' għandu l-istess tifsira; infatti fil-Malti għandna l-kelma 'rasul' li tfisser 'messaġġier' u li għandha l-affinità mal-verb Lhudi. It-tnax-il appostlu (bl-Aramajk: 'xhalieah') kienu tassew 'mibgħutin' minn Kristu sabiex ixandru l-Bxara t-Tajba tiegħu (ara 1 Pietru 3:15); 'The moment has come to commit all of the Church's energies to a new evangelization and to the mission ad gentes. No believer in Christ, no institution of the Church can avoid this supreme duty: to proclaim Christ to all peoples' (Redemptoris Missio, 3). Kollha kienu bnedmin sempliċi u ordinarji, imma laqgħu s-sejħa ta' Kristu, imxew miegħu u wara bdew jgħallmu f'ismu u jwettqu għeġubijiet kbar, li xerrdu l-Knisja mad-dinja kollha. Fit-Testment il-Ġdid insibu erba' listi tal-ismijiet tal-Appostli, dejjem maqsumin fi tlitt gruppi ta' erbgħa. Dawn l-ismijiet insibuhom f'Mt 10: 2-4; f'Mk 3: 16-19, f'Lq 6: 14-16 u f'Atti 1:13. San Ġwanni fir-raba' evanġelju ma jagħti l-ebda lista, iżda jsemmi 'it-Tnax' (bil-Grieg: oi dodeka) darbtejn f'6:67 u f'20:24 u jagħtina ħafna tagħrif dwar l-appostli, għalkemm

isemmi biss lil Pietru, Indrija, it-tfal ta' Żebedew, Filippu, Natanjel, Tumas imsejjaħ Didimu, Ġuda l-Iskarjota u Taddew. Anke l-Atti tal-Appostli huwa sforz importanti fejn insibu ħafna tagħrif dwarhom. Skont T.Y. Mullins il-missjoni tal-appostli hija msemmija 37 darba fil-G.T l-aktar fl-Atti tal-Appostli (17), imbagħad f'Luqa (10), Mattew (6), Mark (2), u Ġwanni u l-Apokalissi (1). Il-kittieba tal-ewwel sekli tal-Knisja wkoll ikomplu jagħtuna ħafna tagħrif. San Luqa jagħtina tagħrif ukoll li Ġesù kellu wkoll sebgħin dixxiplu. Fl-antik l-1 ta' Mejju kienet il-festsa tal-appostli kollha. Fuq kollox huma mħabbra fl-Antik Testment permezz tat-tnax-il tribù (bl-Ebrajk 'xne 'asar xibte') ta' Iżrael (ara Ġenesi 17:20) li jidwu fit-tnax-il kolonna tal-Eżodu 24:4, it-tnax-il ġebla tal-artal ta' Ġożwè mill-Ġordan, it-tnax-il ħaġra prezzjuża mlibbsa lill-qassis il-kbir f'Sir 45:11, fit-tnax-il barri, ħaruf u gidi ta' Esdra 7:8, fit-tnax-il bastun tan-Numri 17:17, u t-tnax-il parti tal-libsa ta' Ahija fl-1 Slatenn 11: 30-31.

Sant'Andrija kien ħu San Pietru. Kien ukoll sajjied u qabel ma ltaqa' ma' Kristu kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista (ara Ġw 1:40). L-isem tiegħu bil-Grieg ifisser 'raġel' u fil-Grieg tal-bidu ifisser 'statwa'. Meqjus fil-Lvant bħala 'protoclete', jiġifieri l-ewwel wieħed imsejjaħ minn Kristu. Infatti, skont San Ġwann ikun hawn li jintroduċi lil ħuh Pietru ma' Kristu: "Sibna l-Messija" (Ġw 1:41). Skont Ġwanni 1: 3-42 huwa kien dixxiplu tal-Battista. Kien hu wkoll li ressaq lejn Ġesù it-tifel li kellu l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet għat-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6: 1-15). Huwa u Filippu jressqu xi Griegi li riedu jiltaqgħu ma' Ġesù kif naraw fi Ġw 12: 20-22. Ippriëtka fil-Palestina, fis-Sirja, fl-Asja Minuri, fl-Armenja, fil-Georgia, il-Kawkasu u fl-Asja ta' dak iż-żmien kemm fil-Persja u kemm fil-Kurdistan u l-Pakistan, fl-Afrika, ir-Rumanija u fl-Ewropa. Skont Origene huwa mara ukoll ġewwa Scythia li hija r-Russja n-naħa t'isfel. Skont 'Il-Leġġenda tad-Deheb' (La Leggenda Aurea) huwa pprietka wkoll fl-Akaja u ħa l-martirju permezz ta' salib fejn jingħad li għamel 10 t'ijiem u baqa' jipprietka minn fuq is-salib.



Hawn min jgħid li huwa sar l-ewwel isqof ta' Kostantinopli. Ħa l-martirju f'Patras fil-Greċja mill-Prokonslu Aegeates billi ssallab fuq salib forma ta' 'X' (crux decussata), madwar is-sena 69 W.K. b'ordni tal-Prokonslu Eneja. Il-qabar tiegħu jinsab fil-Bażilika ta' Patrasfil-Greċja. Għandu qima kbira fil-Knisja ta' Kostantinopli u fil-knejjes kollha tal-Lvant, kif ukoll fil-Gran Brittanja. Il-Kanoni Muratorjan jorbot ħafna lil Andrija mal-Evanġelju ta' Ġwanni. Kitba apokrifa marbuta miegħu huma l-Atti ta' Andrija (tas-snin 150-210), l-Atti ta' Andrija u Mattija, l-Atti ta' Pietru u Andrija, l-Atti ta' Andrija u Bartolomew u l-Pistis Sophia. Relikwi tiegħu jinsabu wkoll f'Kostantinopli, Amalfi, Toloza, fir-Russja u fl-Armenja.

## Biblijografija


Broccardo, "E' sufficiente per il discepolo essere come il suo maestro (Mt 10)", in *Parole di vita 53* (2008) 25 - 32

Ehrhardt, A., *The Apostolic succession in the First two centuries of the Church*, London 1953

Estrada, N.P, From Followers to Leaders: The apostles in the ritual of Status Transformation in Acts 1-2, Sheffield 2001.

Evans, C.A., *Jesus and his world: The archeological evidence*, Louisville (KY) 2012

Guida, A., *"I racconti di vocazione e sequela in Matteo"*, in *Parole di Vita 53* (2008) 18-24

LaSor, W., *Great Personalities of the New Testament*, Westwood (NJ) 1952

Giujarro, S., *"The first disciples of Jesus in Galilee"*, in *HTS 63 (2007)* 885-908.

Keesling, C.M. *"Greek statue terms revisited: what does 'andrias' mean?"*, in Greek, Roman and Byzantine Studies 57 (2017) 837-861.

Kistenker, S.J., *Exposition of the Acts of the Apostles, New Testament Commentary,* Grand Rapids (MI) 1990

Mcknight, S., *"Jesus and the Twelve"*, in Bulletin for Biblical Research II (2001) 203 - 231

Montgomery, D.A., *"Directives in the New Testament: a case study of John 1:38"*, in JETS 50 (2007) 275-288.

Pixner, B., *Con Gesù attraverso la Galilea secondo il Quinto Vangelo*, Rosh Pina (Israel) 1997.

Rigaux, B., *"The twelve apostles,"* in *Concilium 34* (1968) 5-15

Ruffin, C.R., *The Twelve: The lives of the apostles after Calvary*, Huntington (IN) 1997.

Rudman, D., *"The significance of the phrase 'fishers of men' in the synoptic gospels"* in *Irish Biblical Studies 26* (2005) 106-118.

Schmidt, T.E., *The Apostles after Acts: A Sequel, Eugene* (OR) 2013.

Strand, K.A., *"Church organization in First-Century Rome: A new look at the basic data"*, in Andrews University Seminary Studies 29, (1991) 138-159.

Taylor, V., *The gospel according to St. Mark*, New York 1966.

Van Aarde, A., *"The historicity of the circle of the Twelve: all roads lead to Jerusalem"*, in HTS 55 (1999) 795-824.



# Id-Dekorazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa

**Anton Morana**

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Hekk ġara fil-każ tad-dekorazzjoni tal-Knisja tagħna, hawn Ħal Luqa. Qatt qabel xi ħadd ġietu f'rasu li jiddekora l-Knisja, bir-riżultat li għadna naraw knisja, li għalkemm arkitettonikament hija sabiħa, hija nieqsa minn libsa li tixirqilha. Biex tiddekolra knisja bħalma hija l-knisja ta' Ħal Luqa, trid pjan, pariri u ħafna flus. Il-passat juri li dawn il-pariri ma kinux hemm, u wisq anqas ix-xewqa. Issa għalxejn noqogħdu naħlu ż-żmien nibku l-passat. Issa bdejna t-triq u jeħtieġ li nippjanaw u nwettqu x-xewqat tagħna.

L-ewwel ħaġa li hemm bżonn huma ir-riżorsi tal-flus. Hemm bżonn ħafna minn dawn, u ma nippretendix li jaqgħu mis-sema u malajr. Għalhekk irid ikun hemm pjan biex jinġabru dawn il-flus. L-ewwel trid iddaħħal kultura li wieħed ikollu mħabba u bl-Ingliż 'pride' għall-post. Xi ħadd irid jibqa' jidħol fil-knisja u jara ż-żebgħa nieżla mis-saqaf? Ma naħsibx. Jew li jara s-saqaf tal-knisja qisu saqaf ta' ġiebja? Le. Il-knisja tagħna jixirqilha tkun iddekorata b'eleganza u gost artistiku li jixraq lill-post. Eżempju naraw kif kienet iddekorata l-koppla u l-lunetti. Taħt il-koppla, saru dekorazzjonijiet li ma jixirqu xejn lill-istil tal-knisja tagħna, speċjalment dawk l-arkuni. Hemm hekk sar xogħol li kien joqgħod biss lil min għamel dik il-pasta magħhom. Ma kienx sensittiv. La ħa parir u lanqas wera qabel x'kien ser jagħmel. L-affarijiet ma jsirux hekk. Illum jidher, mill-Kor, li min qiegħed jagħmel l-iskultura qiegħed jimxi fuq l-istil tal-arkitettura li teżisti fil-knisja.

X'hemm bżonn isir biex nibdew il-korsija issa? L-ewwel irridu naraw li l-bejt huwa protett mill-elementi tal-klima minn ġewwa u minn barra. Is-saqaf għandu bżonn li t-torba tiegħu hija niexfa. L-ewwel ħaġa li trid issir hija li jitnaddaf minn dawk il-passati ta' żebgħa niexfa u li qatt ma qabdet mas-saqaf. Hawnhekk, il-parir ta' perit, espert fil-ġebla, huwa meħtieġ. Is-saqaf m'għandux bżonn ħafna induratura, ħlief għat-twieqi l-arkuni. Naħseb li tkun xi ħaġa oriġinali ħafna jekk il-pittura jkun jista' jimraħ kemm irid. Irridu ngħidu li l-knisja tagħna hija spazjuża biżżejjed u ma naħsibx li hemm bżonn li noqogħdu nikkonfinaw is-saqaf b'gwarniċi ndurati bla bżonn. Is-saqaf huwa spazjuż biex jiflaħ ikun impitter kollu kemm hu. Hekk ikunu ddekorati l-arkuni, u t-twieqi u l-iskultura li hemm. Jekk inżidu nkunu qegħdin nisfiguraw l-arkitettura tas-saqaf.

Ejja nagħmlu s-saqaf tal-knisja biċċa xogħol artistiku, forsi tixbah lil xi saqaf ta' xi knisja f'Ruma! Il-pittura hija suġġett għall-immaġinazzjoni u l-ħila tal-artist. Fil-knisja tagħna l-kuluri jridu jkunu addattati. Il-pitturi ta' knisja hija suġġetta ħafna għal tifsira sagra. Hekk ngħidu aħna fil-knisja tagħna s-suġġett tal-pittura għandu jkun ikkonċentrat fuq Kristu, Sant'Andrija u l-appostli. Jekk wieħed iħares lejn il-koppla jara li l-flieli huma kollha simboliżmi li għandhom x'jaqsmu ma' Sant'Andrija. Hemm bżonn li l-Knisja tagħna, nagħtuha u nippreżervaw l-istil tagħha u mhux nagħmluha bħal ta' ħaddieħor!

Il-pittur għandu jagħmel l-abbozzi l-ewwel ta' kull pittura biex wieħed ikun jista' jara u jissuġġerrixxi. Ma jistax ikun, bħalma ġara fil-passat, li nwaħħlu pittura hi kif inhi u nikkuntentaw. Għandu jkollna xewqa u gost. Mhux kull pittura hija arti. M'għandux jgħaddi kollox għax qegħdin nirvinaw kollox darba għal dejjem. Ejjew inkunu suppervi għal xogħlijiet bħal dawn. Wara kollox din hija d-dar t'Alla u qegħdin inħallsu tajjeb għal dan ix-xogħol. Barra minn hekk isir x'isir, dan se jibqa' hawn, ma' wiċċna u minn ġej warajna. Mhux kull ma jleqq hu deheb. L-antiki b'hekk ħallew warajhom it-teżori tal-arti, għax kellhom qalbhom u moħħhom hemm. Irridu niftakru li llum ma tantx baqa' min jagħmel dan ix-xogħol u ma nistgħux għax għandu monopolju naċċettaw kull ma jiġi. Bħalissa fuq hekk għandha tkun il-konċentrazzjoni tagħna. Ma nistgħux nibqgħu nkarkru u nibdew xogħol fil-knisja u nitilquh nofs triq. ma ninsewx ukoll li rridu nieħdu ħsieb li għandna diġà.

Issa jekk niġu għad-dekorazzjoni miċ-ċentru 'l isfel, wieħed m'għandux isib diffikultà, għax hawn l-iskultura li hemm biss tkun indurata u jinżebagħ biss fejn hemm bżonn iż-żebgħa, bħal fil-kor. Xorta jinvolvi ħafna xogħol u riżorsi ta' flus. Biss wieħed jista' jibda waqt li jkun għaddej ix-xogħol fuq is-saqaf.

Kien fi żmien il-Kappillan Borg li s-saqaf tal-knisja beda jinżebagħ. Il-kor sar fis-snin 1958-1959 u minn hemm l-armar mexa għall-kappelluni u l-korsija. Il-kulur ma kienx wieħed sabiħ u baqa' hekk sa żmien il-Kappillan Vassallo, fis-snin 80. Sadanittant, il-knisja nżebgħet miċ-ċinta 'l isfel u n-navi. Fi żmien il-Kappillan Vassallo, inżebgħet kollha bis-saqaf b'kollox. Il-koppla inżebgħet ukoll fi żmien Dun K. Vassallo. Il-problema ta' dawn il-passati taż-żebgħa kienet li s-saqaf kien miżbugħ meta kien għadu mimli bl-umdità. Il-bejt tal-knisja f'xi żmien kienet saritlu, il-pendil tal-ilma biex fuqu l-ilma jimxi. Biss is-saqaf kien diġà xorob l-ilma minn qabel u għalhekk it-torba kienet imxarrba. L-ewwel ried li jinxef sew is-saqaf qabel iż-żebgħa, għalkemm iż-żebgħa ma jidhirx li kienet addattata għal mal-ġebla. Il-qoxra taż-żebgħa li naraw illum, hija riżultat ta' hekk. Ta' min jinnota wkoll li ż-żebgħa bdiet tinqala' f'postijiet ukoll fejn lanqas jidħollok f'moħħok li jista' jidħol l-ilma. Ta' min isemmi wkoll li z-zokklatura tal-knisja kollha kienet inżebgħet b'kuluri li ma kinux jixirqu lill-knisja, u kienet inqalgħet kollha għax hemm ħafna umdità. Kien żmien il-Kappillan Fr. Joe Camilleri li kien iddeċieda li jneħħi ż-żebgħa kollha u jinvja l-knisja. Ix-xogħol beda biz-zokklatura u baqa' miexi san-navi.

Illum mill-gwarniċ 'l isfel il-Knisja lesta biex tkun indurata u tinżebagħ fejn hemm bżonn, bħal kor. Id-dekorazzjoni tal-Knisja trid issir fuq il-mudell tal-kor. Fil-fatt meta s-saqaf tal-kor ikun lest, il-knisja jkollha l-parti ċentrali lesa bil-koppla b'kollox. Issa x'ser jiġri minn hawn 'l hemm? Meta l-kor ikun lest, l-armar jimxi fil-korsija minn fuq

il-pulptu u jibda x-xogħol ta' tindif, biex is-saqaf ikun lest għad-dekorazzjoni u l-pittura. Is-saqaf tal-knisja kollha għandu bżonn kura kbira, minn barra u minn ġewwa, biex ma jerġax jiġri dak li ġara. Wieħed irid jieħu l-pariri meħtieġa dwar il-ġebla tas-saqaf u ż-żebgħa. L-istat li jinsab fih is-saqaf tal-korsija jeħtieġ li jkun studjat sew u jingħataw l-pariri meħtieġa biex isir xogħol sew.

Dwar l-iskultura li hemm fil-Knisja, għaliex il-Knisja ta' Ħal Luqa ma jixirqulux skultura tqila jew barokk? Il-Knisja ta' Ħal Luqa hi li hi sempliċi u b'ordni doriku u ma tiflaħx skultura goffa. L-eleganza tagħha qiegħda fl-istil, fl-għoli u fl-eleganza tal-pilastri u s-saqaf. Mela wieħed għandu joqgħod attent li ma jimliex b'ħafna pasta indurata. L-arkuni li hemm fil-korsija u l-kappelluni huma gwarniċ tajjeb biżżejjed biex jikkonfina l-pittura li tkun se ssir. It-twieqi huma ddekorati sewwa bl-iskultura u jagħtu dehra kumplimentari mas-saqaf.

Li naqsmu l-pittura tas-saqaf fi kwadri fin-nofs u disinn mal-kumplament, huma barranin għall-knisja tagħna. Jekk issir dekorazzjoni żejda mas-saqaf jew li ma taqbel xejn mal-istil tal-Knisja, inkunu qegħdin nirvinawha darba għal dejjem.

Jien nawgura li l-affarijiet isiru u jsiru sew, kif qed isiru.



*Ritratt antik tat-Tribuna ta' Corpus Domini li din is-sena reġgħet intramat mill-ġdid grazzi għall-Grupp Armar tal-Knisja*



L-Ewwel Marċ ta' Filgħodu f'Ħal Luqa Organizzat mill-Banda L-Unjoni Erbgħin Sena ilu (1978)



# Statwa ta' Sant'Andrija ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolarata

Eman Bonnici



Fost il-ħafna oqbra interessanti li nsibu ġewwa ċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata nsibu wieħed partikolari ħafna, bi xbieha ta' Sant'Andrija, maħduma fil-ġebla Maltija minn Vincenzo Decandia. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tinsab ikkonservata fl-Arkivju Nazzjonali u ġġib id-data 12 ta' Lulju 1899.

Is-sidien taż-żewġ oqbra oriġinarjament kienu ta' ċertu Giuseppe Demajo Pellegrini (Punent A-K-2-3). Dan xtrahom fl-1886 iżda sentejn wara ċediehom lil ħaddieħor. In-numru 2 - li fuqu hemm l-istatwa, ċedieh lil ċertu Ġio. Andrea Micallef u n-numru 3 lil ċertu Aloisio Attard.

Filwaqt li dan tal-aħħar, is-sit baqa' ma żviluppahx f'qabar, jista' jkun li Micallef ħaffru, jew kellu l-intenzjoni li jagħmel dan u mbagħad ġarrab ħsarat fil-gwerra. Kien x'kien, xorta ra li jqiegħed statwa ad unur il-qaddis li tiegħu jġib ismu.

# Tagħrif dwar il-Kappillani li Mexxew il-Parroċċa ta' Ħal Luqa fl-Ewwel Snin tat-Twaqqif Tagħha

Mario Fenech

L-ewwel knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa kienet diġà teżisti fis-sena 1497. Nafu li kien għamel il-Vista Pastorali tiegħu f'din il-knisja, Mons. Pietro Duzina nhar it-8 ta' Frar, 1575. Jgħid li kien sab din il-knisja fi stat tajjeb.

Ftit tas-snin wara ħareġ id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa nhar l-4 ta' Marzu 1632 iżda kellu jkun l-Inkwiżitur Martino Alfieri li sentejn wara fired ir-raħal ta' Ħal Luqa mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ.

L-ewwel kappillan kien Dun Agostino Cassia. Kien minn Ħal Qormi u kellu 30 sena. Kien duttur fit-Teoloġija Sagra. Ġie maħtur kappillan ta' Ħal Luqa mill-Isqof Mons. Balaguer nhar il-15 ta' Mejju 1634. Dam imexxi l-parroċċa sas-sena 1658 meta nħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Qormi. Kien baqa' magħruf bħala kappillan serju kif ukoll



tal-affari tiegħu. Kien hu li ħadem ħafna biex tibda tiġi mibnija l-knisja parrokkjali l-ġdida ta' Sant' Andrija.

Kien kompla x-xogħol tal-bini tal-knisja l-kappillan Dun Giovanni Matteo Gatt li kien minn Bormla. Kien inħatar ukoll bħala l-kappillan ta' qablu mill-Isqof Balaguer fis-sena 1658 biex imexxi l-parroċċa ta' Ħal Luqa. Dam imexxi l-parroċċa sakemm miet nhar l-4 ta' Diċembru 1673.

It-tielet kappillan kien mill-Belt Valletta, inħatar mill-Isqof Astiria. Ħa l-pussess tiegħu f'April tas-sena 1674 u dam kappillan sa Settembru tas-sena 1678. Kien parrokkat ftit qasir għal dak iż-żmien, bħalma kien dak tal-kappillan ta' warajh Dun Giuseppe Lamagna li kien mill-Isla. Ġie maħtur kappillan mill-Isqof Molina u ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Luqa f'Ottubru tas-sena 1678. Dam imexxi l-parroċċa sa Frar tas-sena 1683.

Il-ħames kappillan ta' Ħal Luqa kien Dun Francesco Teuma maħtur mill-Isqof Mons. Davide Cocco Palmieri. Mexxa l-parroċċa mix-xahar ta' April tas-sena 1683 sax-xahar ta' Lulju 1710. Jidher li dan kien ħalla l-kariga ta' kappillan minħabba saħħtu, għaliex kien miet nhar id-19 ta' April tas-sena 1710. Ġie midfun fil-Knisja tal-Minuri Osservani fil-Belt Valletta.

Dun Ignazio Agius li kien mill-Belt Valletta u qabel ma nħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa kien diġà mexxa l-parroċċa tan-Nadur Għawdex mis-sena 1705 sas-sena 1708.

Ħa l-pussess tal-parroċċa ta' Ħal Luqa fis-sena 1711. Kien miet fil-15 ta' Settembru tas-sena 1724 fl-età ta' 51 sena. Mill-istess sena tal-ħatra tiegħu bħala kappillan fis-sena 1711 sas-sena 1715 kien ukoll jagħmel parti mill-uffiċċju tal-inkwiżitur.

Is-seba' kappillan li kellha l-parroċċa ta' Ħal Luqa kien Dun Mario Michele Mifsud minn Ħal Luqa. Inħatar kappillan mill-Isqof Mons Gori Mancini. Kien ukoll direttur spiritwali tal-monasteru tas-sorijiet ta' Santa Katerina tal-Belt Valletta. Mexxa l-parroċċa minn Diċembru 1724 sakemm miet nhar l-4 ta' Mejju 1737 fl-età ta' 62 sena.

Kienu dawn l-ewwel kappillani li mexxew il-parroċċa mhux biss minn dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma spiritwali, iżda wkoll ħadmu biex tinbena l-knisja parrokkjali li hemm illum u biex din tiġi mogħnija bil-bosta opri sagri sbieħ li fiha li għadhom jitgawdew sal-lum.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



# Il-Mużika f'Ħajti

Andrew Camilleri

Fl-inkwiet kbir li sibt ruħi fih fil-bidu meta 43 sena ilu fi żmien qasir tlift id-dawl t'għajnejja, il-mużika kienet l-unika ħaġa li kienet ittaffili ftit mid-dwejjaq kbar li kienu jaħkmuni. Fit-thewdin kontinwu fuq futur inċert u mċajpar li kelli quddiemi, kont ngħaddi sigħat sħaħ nisma' l-mużika fuq ir-radju u din kienet b'xi mod tnessini xi ftit mill-problemi serji li kont għaddej minnhom għax meta nkun qed nisma' xi biċċa mużika li togħġobni, din tant nikkonċentra l-menti tiegħi fuqha li ninsa għal kollox dak li jkun għaddej madwari. Meta aktar tard tgħallimt naqra l-Braille, ġie f'idejja artiklu f'ġurnal tal-Unesco bl-Ingliż bit-titlu 'The power of music to reduce stress' fejn sibt fost ħwejjeġ oħra li dak li esperjenzajt jien li l-mużika tnessik għall-anqas għall-ftit ħin mill-problemi li tkun għaddej minnhom - li huwa fatt magħruf.

Naħseb li m'hawnx forma ta' arti oħra li tagħti daqshekk pjaċir lill-bniedem taħt forma jew oħra daqs il-mużika. Dak li l-poeta jirnexxilu joħloq bil-kliem fil-poeżija, l-istess ħaġa joħloq il-kompożitur bil-ħsejjes u r-ritmi. Imma filwaqt li ma tridx daqshekk taħbil il-moħħ biex tagħtik pjaċir. Naturalment l-individwu jrid ikun iħobb jisma' u japprezza l-mużika u din mhux fil-forma klassika biss, għax ngħid għalija l-mużika sagra għandi mħabba kbira għaliha. Barraminnhekk, hemm ħafna mużika magħrufa bħala mużika popolari, mużika klassika moderna li wkoll togħġobni ħafna.

Kemm-il darba nsib min jgħidli, 'Imma int kif għandek din l-imħabba kollha għall-mużika meta ma tagħrafx nota minn oħra?' Nibda biex ngħid li jien trabbejt ġo familja ta' nies li jħobbu l-mużika. In-nannu Mikelanġ li jidher f'ritratt kbir li hemm f'sala tal-każin tal-banda naħseb jien fil-bidu tagħha, missier Mosè kif ukoll ħija Ċensu ex-presidenti ta' dan il-każin, it-tlieta kienu jdoqqu t-trumbun. It-tifel tiegħi Norbert idoqq il-klarinett u bintu Oriana l-flawt u dawn bejniethom jiffurmaw ħames ġenerazzjonijiet mill-familja tagħna ta' bandisti mal-banda Unjoni.

Jien jiddispjaċini li qatt ma sibt ħin biex nitgħallem indoqq strument għalkemm dejjem xtaqt li nitgħallem il-kornu 'French Horn' għax il-ħoss ta' dan l-istrument veru jogħġobni. Infatti ħafna drabi nfittex mużika għall-kornu u sibt ħafna kunċerti u musica da camera fejn dan l-istrument tar-ram jingħata prominenza bħal erba' Horn Concertos ta' Wolfgang Amadeus Mozart uHorn Trio in E flat Major ta' Johannes Brahms. George

Philip Telemann idaħħal il-kornu f'ħafna xogħlijiet tiegħu. Fost dawn insibu l-Horn Concerto in D Major. Handel ukoll jagħti prominenza lil dan l-istrument u Bach jużah fil-Bradenburg Concerto No. 1. Beethoven kiteb Sonata sabiħa għall-kornu u pjanu, u fit-tielet moviment tat-Tielet sinfonija tiegħu l-Eroica nsibu horn trio mill-isbaħ. Barra minn dawn hu daħlu wkoll fl-ewwel u fir-raba' moviment tas-seba' sinfonija.

Niftakar ftit qabel l-aħħar gwerra, missieri nhar ta' Ħadd kien jieħu lil ħija Ċensu u lili d-dar ta' ħutu fi Triq San Ġorġ u konna niltaqgħu f'waħda mis-swali fis-sular ta'fuq fejn kellhom *phonograph*. Il-*Phonograph* kienet mudell aktar elobarat ta' dik li kienet tissejjaħ 'kaxxa tad-daqq'. Biex iddur id-diska l-phonograph kien fiha makkinarju li kellu molla bħal dak ta' arloġġ. Kif il-molla tibda tinħall, kien ikun jeħtieġ minn ħin għall-ieħor tiġi ssikkata mill-ġdid u allura wieħed miz-zijiet kien joqgħod bilqiegħda ħdejn il-*phonograph* biex kif jinduna li l-mużika mhux tinstema' sew, ikun pront jerġa' jagħtiha l-ħabel mill-ġdid b'imratt li kien hemm fil-ġenb tagħha. Iz-zijiet bħal missieri kienu jħobbu ħafna l-mużika operistika u kellhom ħafna diski dak iż-żmien - 78 RPM, b'biċċiet vokali minn opri, kif ukoll korijiet, intermezzi u overtures. Kif nista' naħseb mużika bħal ngħidu aħna dik ta' Beethoven, Mozart, Bach u Dvorak, Tchaikovsky, Rimsky Korsakov u kompożituri oħra bħal dawn ma tantx kienet għal widnejhom. Għalkemm nifhem li dak iż-żmien xorta kienu jeżistu *recordings* ta' dawn il-kompożituri Taljani u Franċiżi għax ta' sikwit kienu jitkellmu fuqhom.

Barraminnhekk, fi tfuliti sakemm kelli dawk is-sittax-il sena kont niġi ma' missieri meta jkun hemm kunċert tal-banda. Niftakar tajjeb ftit wara l-gwerra lis-Surmast Xuereb li kien ukoll surmast tal-banda RMA. jikkunċerta l-overture Der Freishutz ta' Karl Maria Von Weber, u l-Marcia Slava ta' Tchaikovsky meta l-każin kien għadu stazzjonat fir-razzett li kien hemm fl-isqaq ta' maġenb il-każin. Aktar tard meta l-każin reġa' nbena mill-ġdid, niftakar lis-Surmast J. Abela Scolaro jikkunċerta l-overture 1812, Il Capriccio Italien tal-istess Tchaikovsky u s-sinfonija Nr. 5 ta' Beethoven li l-bandisti kienu jsibuha l-Kwinta.

Ma nistax ngħid li l-mużika operistika ma togħġobnix. Infatti hemm mużika operistika li togħġobni ħafna. Hawn nixtieq insemmi lill-kompożitur Ġermaniż tal-Opri Christoph Willibald Gluck (1714-1787) li skoprejt dan l-aħħar. Fosthom insibu l-opra Orfeo et Euridice li fiha mużika li ssaħħrek bil-ġmiel tagħha.

Imma jiena aktar inħobb nisma' mużika sinfonika, mużika korali, mużika di camera, concetos, mużika fuq l-orgni jew pjanu, Cantatas u Sonatas.

La darba semmejt l-orgni ma nistax ma nsemmix il-ġmiel ta' mużika ta' wieħed mill-akbar kompożituri li kiteb mużika għal dan l-istrument li jissejjaħ ir-re tal-istrumenti, il-Ġermaniż Johann Sebastian Bach (1685-1750), meqjus bħala wieħed mill-akbar kompożituri ta' kull żmien. Meta wieħed isemmi l-pjanu mingħajr dubju jiġi f'moħħu l-kbir kompożitur Ungeriz Franz Liszt (1811-1886), li barra li ħallielna ħafna Symphonic Poems, ħalla wkoll mużika korali u varjetà kbira ta' xogħlijiet għall-pjanu.

Għalkemm il-mużika ta' Mozart u Beethoven minn dejjem kienet il-favorita tiegħi, hemm ħafna kompożituri oħra kbar kemm fil-perjodu barokk, klassiku u romantiku li nitpaxxa nisma' l-mużika tagħhom. Kif semmejt, barra minn din it-tip ta' mużika nħobb nisma' wkoll mużika li tissejjaħ mużika klassika moderna. Biex nagħti eżempji ta' din it-

tip ta' mużika li tagħtini ħafna pjaċir, insemmi, *The Good, the Bad and the Ugly, Choral on Earth as it is in Heaven* ta' Ennio Morricone, *Oregon* u *Caribbean Variation* ta' Jacob de Haan, *Star Wars Theme* u *Olympic Fanfare* ta' John Williams, *Tellagio* u *Requiem* ta' Carl Jenkins u *Phantom of the Opera*, *Evita* u *Jesus Christ Superstar* ta' Andrew Lloyd Weber

Jien żgur li nsib min jgħidli, la darba jien ma studjajtx mużika jien minix kapaċi napprezza mużika ta' dan il-livell. Nammetti li l-istudjuż tal-mużika jifhimha ferm aktar minn xi ħadd bħali, imma dan ma jfissirx li jien mhux xorta waħda ma niħux pjaċir nisma' din il-kwalità ta' mużika. L-aktar ħaġa importanti hi li tkun kapaċi tapprezza s-sbuħija tal-mużika li tkun qed tisma' bl-emozzjoni li din tqajjem fik. Imma kuntrarju għall-istil ta' mużika moderna li fl-opinjoni tiegħi hi aktar ħsejjes storbjużi mingħajr sens, mużika serja bl-ebda mod ma tista' tapprezzaha filwaqt li tkun qed ngħidu aħna taqra jew tistudja, għax din kif semmejt biex veru tapprezza l-melodiji u r-ritmi tagħha trid barra widna tajba, trid tagħtiha l-attenzjoni tiegħek kollha.

Daż-żmien insibu ħafna stazzjonijiet tar-radju dedikati għall-mużika klassika biss u hemm minnhom li mhux biss jagħtuk l-isem tal-mużika li tkun ser tindaqq imma wkoll l-isem tal-kompożitur, tal-orkestra u tad-direttur li jidderieġi l-biċċa li tkun ser tindaqq.

Aħna nafu li biex veru tapprezza l-letteratura klassika trid taqraha u terġa' taqraha u dan japplika ħafna wkoll għall-mużika klassika. Dan jien sibt li nista' nagħmlu faċilment bl-informazzjoni li nieħu minn dawn l-istazzjonijiet, għax jekk biċċa mużika togħġobni bl-informazzjoni miksuba minnhom, jien nista' nerġa' nsibha faċilment u mill-internet indoqqha kemm irrid. Għax jien sibt li biex nidra biċċa mużika klassika sewwa rrid nismagħha kemm-il darba. Anzi barra minn hekk nipprova nisma' l-interpretazzjoni tal-istess mużika ngħidu aħna sinfonija ta' Beethoven jew Mozart, minn diretturi differenti għax ħafna drabi ssib varjazzjoni fl-interpretazzjoni.

Kif diġà semmejt tip ta' mużika li għandi veru għal qalbi hi l-mużika sagra, li tintuża fil-liturġija tal-Knisja. Fi tfuliti kont inkanta f'kor tat-tfal u dak iż-żmien il-kant matul is-sena, kien kollu bil-Gregorjan. Il-kant Gregorjan hu forma ta' kant sagru, monofoniku, mingħajr armonija jew ebda akkumpanjament. Għalkemm daż-żmien il-kant Gregorjan m'għadux daqshekk popolari dan hu kant verament sabiħ u spritwali ħafna. Naturalment dak iż-żmien kont għadni ma nafx bis-sbuħija tal-forom tal-mużika sagra li żviluppaw matul iż-żmien għax wara l-Gregorjan fi żmien ir-Rinaxximent [1400-1600] l-armonija bdiet tidħol fil-mużika tal-Knisja u hekk beda dieħel il-kant polifoniku. Żewġ kompożituri kbar ta' mużika polifonika sagra li tant inħobb nisma' x-xogħlijiet tagħhom huma Louis de Victoria [1548-1611] u Giovanni Pierluigi da Palestrina [1525-1594].

Wara l-perjodu ta' mużika sagra polifonika niġu għal żmien barokk [1600-1750] meta l-istrumenti bdew jintużaw ferm aktar fil-mużika sagra. F'dan iż-żmien barra korijiet bdew idaħħlu wkoll kantanti solisti. Dan kien żmien rikk ħafna għall-mużika sagra li fih dejjem insib mużika li veru togħġobni minn kompożituri bħall Claudio monteverdi [1567-1643], Antonio Vivaldi [1678-1741], Gregorio Allegri [1582-1652], Johan Sebastian Bach [1685-1750] u Marc Antoine Charpentier [1643-1704].

Mill-barokk niġu għall-perjodu klassiku li beda bejn wieħed u ieħor mil-1750 sal-1825. F'dan iż-żmien is-sinfonija, l-concerto, is-sonata u l-musica di camera saru aktar

popolari għax kompożituri ta' dan iż-żmien fehmu li l-mużika għandu jieħu pjaċir biha kulħadd. Imma f'dan il-perjodu kien hemm ukoll tliet ġganti li pproduċew mużika sagra korali mill-isbaħ b'akkumpanjament strumentali. Dawn kienu Frans Joseph Haydny [1685-1750], Wolfgang Amadeus Mozart [1756-1791] u Ludwig Van Beethoven [1770-1827] li fix-xogħlijiet tagħhom tinħass il-qalba mill-perjodu klassiku għal dak romantiku.

Fil-perjodu ta' wara l-klassiku magħruf bħala l-perjodu romantiku li beda għall-ħabta tal-1810 sal-1910, għalkemm dan iż-żmien meta nkitbet ħafna mużika sekulari, xorta waħda nsibu ħafna ismijiet kbar fil-mużika li tawna mużika sagra tal-ogħla livell. Fost dawn insibu l-kompożituri Giacomo Puccini [1858-1924], Hector Berlioz [1803-1869]. Antonin Dvorak [1841-1904] u Franz Schubert [1797-1828] li kkompnew mużika korali milll-isbaħ speċjalment għall-quddiesa. F'dan il-perjodu wkoll inkitbu ħafna Missa de Requiem.

Sfortunatament wara l-perjodu Romantiku l-mużika sagra kienet influwenzata ħafna mill-mużika operistika u kienet tissejjaħ sagra biss għax kienet tindaqq fil-Knisja u bl-ebda mod ma kienet tajba għal-liturġija. Is-sitwazzjoni li waqgħet fiha l-mużika sagra tant dejqet lill-Papa San Piju X, li ftit xhur wara li kien elett Papa f'Awwissu tal-1903, ħareġ il-Moto Proprio fuq il-mużika sagra. L-iskop prinċipali tiegħu kien biex inaddaf il-mużika sagra mill-influwenza teatrali li waqgħet fiha. F'dan il-Moto Proprio hu għamilha ċara li l-kant Gregorjan kif ukoll kant polifoniku klassiku bħal dak tal-kompożitur Pierluigi da Palestrina għandu jerġa' jibda jintuża fil-liturġija. Għalkemm kien hemm pajjiżi fejn il-mużika kienet inġiebet lura skont it-tradizzjoni tal-knisja, kien hemm ħafna postijiet li baqgħu lura skont it-tradizzjoni tal-knisja. Kien hemm ħafna postijiet li baqgħu lura jagħmlu hekk. Dan il-Papa kien ferħan li s-saċerdot ħabib il-kbir, kompożitur Don Lorenzo Perosi[1872-1956] kien qed jikteb ħafna mużika sagra li l-bażi tagħha kienu l-mużika Gregorjana u l-mużika polifonika tar-rinaxximent. Infatti Perosi kiteb 'il fuq minn tnax-il oratorju għall-kantanti solisti, korijiet u orkestra, l'il fuq minn tletin quddiesa u mijiet ta' motetti salmi u innijiet.

Fost il-kompożituri Maltin li kitbu mużika sagra skont il-Moto Proprio tal-Papa Piju X insibu lil Mro. Carlo Diacono u l-Ħalluqi Mro. Ferdinando Camilleri. Jien li minn tfuliti nisma' dawk il-ġmiel ta' salmi, magnificat u antifona tal-vespri solenni, kif ukoll il-grandjuża quddiesa solenni ta' Mro. Camilleri u tant nieħu pjaċir nismagħhom li nkun ħerqan għall-jiem tal-festa biex nerġa' nismagħhom mill-ġidd. Din il-quddiesa m'għandhiex dak l-istil operistiku li kienu jħobbu jużaw ċertu kompożituri ta' mużika sagra Maltin ta' qabel dan il-Moto Proprio.

Nikkonkludi billi ngħid li meta tlift id-dawl t'għajnejja, jien mill-ewwel għamilt l-isforzi tiegħi kollha biex niżviluppa s-sens li nħoss b'subgħajja u hekk tgħallimt naqra l-Braille u niżviluppa wkoll is-sens tas-smigħ.

Nirringrazzja lil Mulej li minkejja l-età tiegħi s-sens tas-smigħ baqa' tajjeb ħafna, u dan bla dubju swieli mhux ftit biex inkun kapaċi napprezza u nieħu pjaċir bil-mużika. Għax m'hemmx għalfejn wieħed jgħid li mingħajr widna tajba ma tistax tapprezza u tieħu gost bil-mużika.



# L-Element Marjan f'kitbet il-Poeta Nazzjonali Dun Karm

**Bertram Portelli**

"Int l-għaxqa tas-sema,
Ix-xemx tal-Ħolqien;
Int l-Omm ta' min ħalqek,
Bik mimli kull żmien."

Min jaf kemm-il darba fil-knejjes tagħna matul ix-xahar ta' Mejju smajna jew għannejna dan ir-ritornell maħruġ mill-pinna tal-poeta nazzjonali tagħna. Huwa ritornell li jikxef xi ftit mis-sentimenti u l-imħabba li Dun Karm kellu lejn il-Madonna, l-omm tas-sema; imħabba li tixref u tokkupa spazju ewlieni f'diversi kitbiet poetiċi tiegħu.

**Il-Madonna bħala Omm**

*Leit-motif* ewlieni f'kitbet il-poeta nazzjonali hija l-figura tal-omm. Minbarra r-rabta intima li Dun Karm kellu ma' ommu Lunzjata, il-figura tal-omm tmur lil hinn minn rabta bijoloġika jew imsensla bid-dixxendenza u hija rikorrenti tul il-Poeżija tal-Poeta Nazzjonali Psaila. Minbarra lill-omm naturali tiegħu, Dun Karm kien iqis ukoll bħala ommu lil Malta li tatu l-identità Maltija tiegħu ("Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha") u lil Marija li kien iżommha bħala ommu tas-sema.

F'xi kitbiet poetiċi tiegħu, Dun Karm b'mod espliċitu jelenka r-rabta li jilmaħ bejn l-omm naturali u l-omm spiritwali tiegħu. Fi tmiem il-poeżija **Quddiem Xbieha tal-Madonna** - l-ewwel poeżija miktuba minnu bil-Malti - il-poeta jistqarr b'mod mill-aktar ċar: "U jien fi mħabbti bl-isem t'omm sejjaħtlek." Din l-invokazzjoni ta' Marija bħala omm, tidher ukoll bid-dieher fil-poeżija **Lil Ommi Marija** fejn f'talba ta' iben lil ommu, il-poeta juri s-sentimenti li huwa għandu lejn Marija:

"Deh, meta tersaq l-aħħar
Siegħa tal-ħajja tiegħi,
Nixtieq ingħannqek miegħi,
Ngħajjatlek "Ommi!" u mmut."

Dan l-element matern u t-tirbit bejn ommu Lunzjata u ommu Marija tas-sema, jisseddaq fil-poeżija **Lill-Madonna tal-Karmnu**. B'mod mill-isbaħ, Dun Karm jiftaħ il-poeżija tiegħu billi jistqarr:



"Madonna, la tinsiex li l-mara tajba
li kienet ommi tatni l-isem tiegħek
għax kellha tama fik u xtaqet, xtaqet
li binha ċ-ċkejken jibqa' dejjem miegħek."

Il-poeta jkompli l-versifikazzjoni tiegħu billi jitlob il-protezzjoni materna tal-Madonna issa li ommu kienet "ġewwa qabar ċkejken".

**Ġrajjiet mill-Ħajja ta' Marija**

Dun Karm kemm-il darba jinseġ b'mod poetiku ġrajjiet li għaddiet minnhom Marija fil-ħajja tagħha. Filwaqt li ħafna drabi, il-ġrajjiet ivversifikati huma Bibliċi, oħrajn huma meħuda mit-twemmin u t-tradizzjoni tal-Knisja Kattolika, bħall-konċepiment Immakulat ta' Marija u l-assunzjoni tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Ġrajja rikorrenti fix-xogħlijiet poetiċi ta' Dun Karm, li xi drabi hija denotata u diversi drabi oħra kkonnotata, hija l-annunzjazzjoni ta' Marija mill-anġlu Gabrijel. Din il-ġrajja tidher irrappreżentata l-aktar fil-poeżija **Innu ta' Ferħ** (magħrufa wkoll bħala *Iftaħ Qalbek*) fejn il-poeta jistieden lil Marija biex tifraħ għax permezz tagħha ġiet fis-seħħ il-wegħda li Alla kien għamel lill-poplu Lhudi. Il-foħrija lil Marija hija konsistenti tul ix-xogħol kollu.

"Is-sliem għalik, Marija,
Int, xebba tax-xebbiet,
tkun omm, u fik titwettaq
il-wegħda tas-smewwiet."

Fis-sunett tiegħu **Lil Marija Immakulata** miktub nhar il-festa tat-8 ta' Diċembru tal-1942, Dun Karm jiddedika parti kbira mill-poeżija tiegħu billi bħallikieku 'jfakkar' lil Marija dwar l-annunzjazzjoni li kellha mill-Anġlu Gabrijel. Il-ġrajja tat-tħabbira lil Marija hija wkoll is-sisien tal-poeżija **Angelus**, kif jindika t-titlu stess tax-xogħol. F'dan ix-xogħol, b'mod poetiku u metaforiku mill-isbaħ, Dun Karm juri l-ġmiel u l-kobor ta' Marija filwaqt li jagħmel referenza għat-talba li ġġib l-istess isem tal-poeżija:

"Doqqu, mela, ja qniepen u sellmulha
lil din ix-xebba, lil din l-omm bla tebgħa;
fi tlugħ u nżul ix-xemx u f'nofs mixjitha
tennu: "Ave Maria!"

Ġrajja oħra mill-ħajja ta' Marija li tidher fil-Poeżija ta' Dun Karm hija dik tat-twelid ta' Ġesù fl-għar ta' Betlehem. Fix-xogħol **Innu lil Sidtna Marija tal-Għar**, Dun Karm jitkellem dwar:

“Meta xebba fil-għar minn ta’ Betlem
Int sirt omm bla ma tlift l-ewwel ġieħ,
U sar ibnek dak Alla li ħalqek,
U rawk l-anġli demm sidrek tagħtih,”

Dun Karm ifakkar ukoll lil Marija addolarata fis-sunett **Id-Duluri**. F’din il-poeżija, il-poeta jikkuntrasta l-ġmiel u l-ħajr li tawha l-profeti fit-taħbiriet tagħhom mal-waqt iebes tad-dulur ewlieni ta’ Marija taħt is-salib. Dun Karm jirrikonoxxi l-“Baħar bla tarf in-niket” li ħakem lil qalb Marija, li huwa jqabblu mal-baħar ta’ mħabba li Marija għandha għalina l-bnedmin. Minkejja li s-sitwazzjoni ta’ ħajjet Marija f’din iċ-ċirkustanza kienet waħda diffiċli, fl-istess waqt Dun Karm juri li minn din il-ġrajja kiefra ħarġet bxara sabiħa għalina għaliex: “Fil-mewt tal-Iben tiegħek,” Marija saret “Omm minn tagħna”.

Kif semmejna aktar ’il fuq, fil-kitba tiegħu, Dun Karm ifakkar ukoll l-Assunzjoni ta’ Marija, l-aktar permezz tal-poeżija **Innu lil Marija Tielgħa s-Sema.** F’din il-poeżija ta’ ferħ, il-poeta jindirizza lill-Madonna u jistedinha tilqa’ l-hena li hemm tistennieha fis-sema. F’dan il-ferħ li Marija ġarrbitu wara li “ma’ binha l-Kalvarju sofriet”, Dun Karm jistieden lill-anġli biex jinżlu jilqgħu lil din l-Omm li “Alla ħatrilkom”. Il-ferħ u t-tifħir lil Marija jidhru l-aktar fir-ritornell ta’ din il-poeżija meta l-poeta jikteb:

“Tielgħa s-sema! Wiċċha jiddi
Bħaż-żerniq ta’ jum sabiħ,
Dawl ix-xemx il-libsa tagħha,
Fuq is-sħab b’sieqha tistrieħ.”



***Il-mafkar ta’ Dun Karm, xogħol l-iskultur Ħalluqi Twanny Ellul***

### Il-ħarsien ta’ Marija u t-talba għall-għajnuna tagħha

Minbarra t-tfakkira tal-ġrajjiet minn ħajjet Marija, f’kitbet il-Poeta Nazzjonali din l-omm tas-sema tidher ukoll fil-ħarsien li hi dejjem offriet lill-poplu Malti u minbarra li Dun Karm jirrikonoxxi dan il-ħarsien li seħħ fl-imgħoddi, f’kitbietu jwessa’ t-talba lill-Madonna għall-protezzjoni tagħha lill-poplu Malti fil-ġejjieni. Fil-poeżija **Issa l-Waqt** li ġġorr is-sottotitlu *Talba lil Bambina Marija*, Dun Karm jesprimi r-rikonoxxenza għal dan il-ħarsien matern fit-tfakkira tat-tmiem il-ġrajja tal-Assedju l-Kbir u jeżalta r-rabta bejn dan il-jum storiku ma’ jum it-twelid ma’ Marija:

“Lilek sejjaħna – tixhdu l-isbaħ Storja –
U int weġibt hekk ħelu li għalina
It-twelid tiegħek sar jgħid “Vittorja”.”

Fi tmiem dan is-Sunett Petrarkan, Dun Karm jestendi talbu lill-Madonna biex hi tkompli tħarisna. Dan il-ħsieb jittenna fis-Sunett **Le, Qatt ma Ninsa** fejn għal darb'oħra permezz ta' indirizz poetiku lil Marija, il-Poeta jfakkar mill-ġdid ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir li "… tagħha u tiegħek, j'omm tibqa' t-tifkira" u jespliċita li qatt mhu se jasal biex jinsa dan il-ġrajja kbira fil-kalendarju storiku ta' pajjiżna.

It-talba għall-ħarsien perenni ta' Marija fuq il-poplu tagħna hija l-fus ukoll f' **L-Innu tal-Kungress Marjan** fejn Dun Karm jitlob lil Marija biex hi tkun dik li tibqa' twassalna għand binha Ġesù.

"Għażiża ommna,
sidtna, Marija,
bid-dawl hennina
t'Ibnek Ġesù".

Għaldaqstant, il-Poeta jitlob lill-Madonna

"li inti tibqa'
magħna f'kull żmien;"

Din it-talba lill-Madonna għat-tisħiħ tal-fidi fina l-Maltin, tidher ukoll kemm fil-poeżija **Lill-Madonna ta' Lourdes** - fejn Dun Karm, huwa u jitkellem ma' Marija, juri t-tħassib tiegħu għal waqtiet koroh li jistgħu jtappnu l-fidi tal-Maltin – u kif ukoll fil-poeżija **Lill-Madonna tal-Karmnu**. Il-Poeta jitlob lil Marija:

"Tħallix, o Madonna,
Fil-mixja tas-snin
Li l-emmna tittiefes
Ta' ħutna l-Maltin." (*Lill-Madonna ta' Lourdes*)
"Nixtiequ minn qalbna,
li tibqa' thennina;
li Inti għal dejjem
tkun tagħna r-reġina." *(Lill-Madonna tal-Karmnu*)

Ħsieb simili nsibuh ukoll f'poeżiji oħra bħal **Innu lill-Madonna** (magħruf aktar bħala *Fil-Ħlewwa ta' Mejju*) fejn Dun Karm jafferma li l-Madonna hija t-tama tagħna, dik li tagħti l-qawwa lir-ruħ tagħna u għaldaqstant:

"Bil-ħrara ngħajtulek,
Fis-siegħa tad-dmugħ."

Fil-poeżija **Lill-Madonna ta' Pompej**, il-poeta jitlob lil Marija biex tkun hi li taqlagħna l-grazzja tal-Ġenna. Imbagħad f'**Sedes Sapientie**, Dun Karm, jitkellem mill-iskola ta' Marija, skola mimlija mħabba li bdiet bit-tagħlim li Marija tat lil binha Ġesù li hija xorbot mill-imħabba li hi kellha lejn Alla. Dun Karm itemm din il-poeżija tiegħu billi jitlob lill-Madonna:

"Miġburin hawn madwarek, Madonna,
Bħalma darba kien jagħmel Ġesù,
F'din l-iskola ta' mħabbtek għidilna
It-tagħlim ta' dan Ibnek x'inhu."

It-talba li Dun Karm rikorrentement tul il-kitba tiegħu jagħmel lill-Madonna biex tħares lill-gżira tagħna, xi mindaqqiet tinfirex ukoll f'talba għall-kumplament tad-dinja. Fis-Sunett **Lill-Madonna ta' Lourdes** li Dun Karm kiteb f'għeluq il-Ġublew tal-1933, huwa jitlob lill-Madonna biex tħares lill-ġnus minħabba li kienet għaddejja "sħaba, sewda, berreqija". Jitlobha "biex l-Ewropa ma tmutx f'baħar ta' dmija". Lill-Madonna, il-Poeta jkompli jitlobha biex tisma' t-talba tal-ġwejdin u ma tħallihiex tintemm fix-xejn. Imbagħad, fis-Sunett **Xewqa** miktub fid-29 t'Ottubru tal-1942, u allura fix-xahar iddedikat lill-Madonna u ftit żmien wara t-tmiem tal-flaġell tat-Tieni Gwerra Dinjija fuq gżiritna, Dun Karm jitlob lil Marija biex id-dinja tissaffa fl-għemil, fil-ħsieb u fil-kliem u turi xewqa li titħabbeb ma' din l-Omm tas-sema. F'dan l-indirizz lill-Madonna, il-Poeta jkompli jitlob li l-ġnus jitneżżgħu mill-kburija tagħhom "Biex f'kull maħluq naraw 'l Alla u lil Ħuna."



**Poeżija ta' Tifħir lil Marija**

Iżda mingħajr ebda dubju, l-akbar letteratura Marjana fil-poeżiji ta' Dun Karm hija kitba ta' foħrija lill-Madonna. Minbarra li t-tifħir lil Marija nsibuh preżenti f'xi poeżiji li diġà ssemmew aktar 'il fuq, insibu xogħlijiet oħra li huma litanija waħda ta' tifħir mill-bidu sat-tmiem tagħhom. Huwa sinjifikattiv li l-ewwel poeżija minn Dun Karm

Psaila miktuba bil-Malti, bl-isem **Quddiem Xbieha tal-Madonna** hija kurunella ta' tifħir lil Marija fejn il-poeta jgħid li l-Madonna hija sabiħa, ifaħħar ħbub għajnejha, iqabbilha ma' "Warda li tbexxaq fiż-żerniq ta' Mejju" u saħansitra jikteb li s-sbuħija tal-Madonna kważi kważi 'insterqet' mid-dija tal-kwiekeb u mill-ġmiel tal-ward fil-ġonna biex b'dan il-ġmiel, tlibbset Marija. Is-sbuħija ta' Marija hija mpinġija b'mod mill-isbaħ fis-Sunett **Bjuda**. F'dan ix-xogħol letterarju, il-poeta juri l-ammirazzjoni tiegħu lejn il-kulur bajdani li nsibu fil-ħolqien, iżda fuq kollox lejn is-safa ta' Marija, ssimbolizzat bl-istess kulur:

"Li kienet xebba u kellha 'l binha f'idha."

Ix-xebh bejn is-sbuħija tal-ħolqien u s-sbuħija ta' Marija jidher ukoll fil-poeżija **Il-Għanja ta' Mejju** fejn Dun Karm juri li s-sbuħija tal-qawmien mill-ġdid tan-natura li jkun hawn fix-xahar ta' Mejju terfagħlu ħsiebu lejn is-sbuħija ta' Marija li għal Dun Karm hi "L-isbaħ warda tal-ħolqien;"

"Kulma jfewwaħ ġewwa l-ġonna
Xbieha tiegħek, O Madonna."

M'għandniex xi ngħidu li s-sbuħija tax-xahar ta' Mejju u s-sbuħija tal-Madonna jfakkruna fl-**Innu lill-Madonna** fejn għal darb'oħra l-poeta jinfexx f'tifħir lil Marija, kif rajna aktar 'il fuq. Fost poeżiji oħra ta' Dun Karm li huma għanja ta' tifħir lil Marija nsibu **Lilek Marija**, **Mater Purissima**, **Lill-Madonna ta' Lourdes**, **Innu lil Sidtna Marija tal-Għar**, **Tislima lil Marija Immakulata**, **Pulchra ut Luna, Innu lill-Bambina, Innu lill-Madonna Kewkba tal-Baħar** u **Il-Għanja Moħbija**.

**Għeluq**

B'din id-daqqa t'għajn ħafifa li tajna lejn il-poeżiji b'influwenza Marjana fix-xogħlijiet tal-Poeta Nazzjonali, tidher ċara l-imħabba kbira li Dun Karm kellu lejn l-omm tas-sema. It-tifħir li huwa jagħti lil Marija, imsieħeb b'mod intimu mat-talba ġenwina minn poeta Nisrani, jixhdu l-fiduċja u l-fidi li hu kellu f'Marija li kif tixhed l-istorja, dejjem ħarset u tibqa' tħares lill-poplu Malti fil-mixja tiegħu temporali u spiritwali.



# Luqa Saint Andrew's Football Club

Dr Evan Camilleri

Ħbieb, waslet il-festa u dan ifisser li b'wiċċ il-ġid għadda ukoll staġun ieħor fil-kalendarju tal-klabb tagħna. Din is-sena kienet sena prominenti oħra fejn il-klabb ta' Luqa St. Andrew's FC u anke Luqa St. Andrew's FC Youth Nursery esperjenzaw esperenjenzi u kompiti ġodda fi ħdanhom.

Is-sena l-oħra t-team ta' Luqa SAFC b'sodisfazzjon kbir ġew promossi mit-tielet għat-tieni diviżjoni. Din is-sena minkejja l-limitazzjonijiet kemm finanzjarja kif ukoll minħabba fatturi oħra li jġorr miegħu l-klabb tagħna, irnexxilna nagħmlu minn kollox biex it-team tar-raħal tagħna jżomm ruħu fit-tieni diviżjoni. Dan ix-xogħol ma sarx biss minn persuna waħda imma huwa xogħol kollettiv li sar minn sħabi tal-kumitat li huwa kumitat ħabrieki u li għandu għal qalbu l-interessi tal-klabb kif ukoll lit-team tekniku li għandu fi ħdanu t-team tas-Seniors. Il-viżjoni futura tal-klabb hija li għall-istaġun li jmiss naħdmu qatigħ biex inżommu postna fit-tieni diviżjoni minkejja li l-istaġun li ġej ser ikun magħmul minn timijiet kbar. Nemmnu li bis-saħħa ta' Alla u tal-Patrun tagħna Sant' Andrija li dejjem jżomm għajnejh fuqna nistgħu negħlbu kull ostaklu.





Ostaklu ieħor li l-klabb sab ma wiċċu fil-bidu ta' din is-sena hija proprju li l-klabb tagħna wara ħafna snin spiċċa mingħajr każin, fejn kien il-post fejn il-membri, d-delegati u l-kumitat kienu jiltaqgħu fih. Proprju kien il-post fejn ra lill-klabb ta' Ħal Luqa jikber u jitransforma ruħu kemm f'mumenti diffiċli u anke f'mumenti ta' ferħ u emozzjonijiet sbieħ li għadda minnhom. Però l-klabb minkejja kollox, jkompli jħares 'il quddiem, u b'ottimiżmu kbir ikompli jaħdem biex

fis-snin li ġejjin ikollu l-binja tiegħu fejn il-klabb ikun jista’ jkompli jopera u jimraħ. Bħala President b’umiltà nwiegħed li ser nagħmel ħilti kollha biex il-klabb ta’ Ħal Luqa jkollu post addekwat fejn jiltaqgħa u jkompli l-funzjoni tiegħu.

**Nursery**

Bi pjaċir inħares lejn in-nursery li għandha fi ħdana Ħal Luqa. In-nursery tagħna hija kompatta u b’sodisfazzjon ngħid lin-nursery tagħna għandha fi ħdana ’l fuq minn 125 tifel, li jibdew mill-izgħar kategorija U5 (ABC – Agility, Balance & Co-ordination) u jibqgħu telgħin sal-kategorija tal-ġuvintur tagħna tal-U17. Il-ħidma tan-nursery issarraf li nrammu tfal biex jilagħbu l-logħba sabiħa tal-football u biex naraw ukoll it-tfal Luqin jirrappreżentaw il-klabb ta’ Ħal Luqa meta dawn jilagħbu mal-grupp tas-seniors. Fil-preżent għandna żgħażagħ li telgħu min-nursery u li allura qed nieħdu frott li żrat in-nursery billi dawn il-players qegħdin jilagħbu mal-grupp tal-kbar.

Din is-sena n-nursery ukoll rat bidla fl-amministrazzjoni tagħha. Fil-bidu tas-sena ċ-Chairman is-sur Joseph Grima kellu jieqaf mill-kariga minħabba raġunijiet personali u l-kariga ta’ Chairman ġiet mogħtija lis-sur Anthony Sciberras. Grazzi Joe għax-xogħol u l-ħin li ddedikajt lin-nursery u lit-tfal tagħna. Anthony Sciberras huwa persuna li ilu joqgħod f’Ħal Luqa għal dawn l-aħħar 8 snin. Anthony beda l-ħidma tiegħu fin-nursery fis-sena 2014, meta bħala ġenitur kien jattendi biex jara lil ibnu waqt sezzjoni ta’ taħriġ tal-football. Dan kien ġie avviċinat biex ikun involut bħala helper, fejn wara kien anke serva bħala membru fil-kumitat tal-kbar fejn ħadem spalla ma’ spalla ma’ sħabna tal-kumitat. Madanakollu f’ Jannar ta’ din is-sena jiena bħala President u sħabi tal-kumitat ħtarna lis-Sur Anthony Sciberras biex iservi fir-rwol il-ġdid ta’ Chairman tan-Nursery. Nemmen li Anthony huwa strumentali għal din il-pożizzjoni u ser ikompli jaħdem u jagħmel il-ġid għan-nursery u t-tfal tagħna l-Luqin u tal-inħawi.



Nixtieq nirringrazzja l-istaff tekniku li għandha fi ħdana n-nursery,għax-xogħol siewi, id-dedikazzjoni u l-ħin tagħhom li joffru lin-nursery għal ġid tat-tfal tagħna. Grazzi kbira lill-ġenituri tas-sapport tagħhom li jafdaw lit-tfal tagħhom magħna u li dejjem ikunu għad-dispożizzjoni tagħna. Inħeġġu biex aktar ġenituri juru aktar fiduċja u interess fin-nursery u jibagħtu lit-tfal tagħhom biex jissieħbu magħna.



F’ismi, f’isem il-familja tiegħi, l-kumitat tal-klabb, il-kumitat tan-nursery, l-istaff tekniku u l-helpers kollha nixtiequ nawguraw l-festa t-tajba lil-Luqin kollha fil-festa tal-patrun maħbub tagħna Sant’ Andrija.



# Luqa Youth Centre

## *Ħmistax-il Sena ta' Ħidma Kontinwa fost iż-Żgħażagħ*

**James Aquilina**

Din is-sena l-Luqa Youth Centre qegħda tiċċelebra il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tagħha. Snin ilu, grupp żgħir ta' żgħażagħ ingħaqdu flimkien biex jiffurmaw għaqda li tkun tista' tlaqqa' diversi żgħażagħ minn tlettax-il sena 'l fuq. Nhar l-24 ta' Settembru 2003 ittieħed l-ewwel pass fil-konkrett peress li dakinhar ġie approvat l-istatut ġdid li stabilixxa l-ewwel kumitat. Fl-ewwel xhur bdew ssiru laqgħat bejn il-membri tal-kumitat stess, biss l-isfida ewlenija kienet dik li niġbdu żgħażagħ ġodda lejn il-grupp. F'Marzu tal-2004 saru għall-ewwel darba l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ fil-kappella taċ-ċentru. Il-kumitat kien ħadem bil-għaqal fejn riżultat ta' dan numru sabiħ ta' żgħażagħ bdew jattendu waqt l-dawn l-eżerċizzi mtella' minn Fr. John Curmi. Minn dakinhar 'il quddiem diversi żgħażagħ ingħaqdu magħna fejn uħud minnhom baqgħu parteċipi sal-lum.

**X' sar fl-aħħar ħmistax-il sena**

L-għan prinċipali għaliex ġiet imwaqqfa l-għaqda tagħna kienet propjament dik li torganizza laqgħat ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ. Dawn bdew ssiru kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Ma' dawn il-laqgħat bdew jiġu organizzati numru ta' attivitajiet ukoll. F' Lulju tal-2004 saret l-ewwel Lejla Sajfija fil-bitħa taċ-ċentru parrokjali. Kienet sfida kbira peress li ftit li xejn kellna esperjenza x'verament jeħtieġ. Għal dan il-għan beda jinħadem park żgħir li iktar tard tkabbar bid-doppju.

F'Settembru 2005, il-kappillan Dun Karm Camilleri alloka il-post min fejn il-Luqa Youth Centre setgħet topera minn ġimgħa għal ġimgħa. Dan kien pass important ferm, biss il-post kien jeħtieg li jingħata dehra ta' bilħaqq ġdida. Kien għalhekk li dak ix-xahar stess beda proċess ta' tindif, filwaqt li l-post kollu inżebaħ b'kuluri ġodda.

Iktar tard il-kumitat beda jiltaqa' kull ġimgħa sabiex l-ħidma tal-grupp tkompli tissaħħaħ u ssir iktar professjonali. B'hekk stajna nilħqu firxa akbar ta' żgħażagħ minn madwar ir-raħal. Il-kumitat kien għadu u jibqa' jservi bħala għodda importanti sabiex l-għaqda tagħna tkompli miexja 'l quddiem.

Fl- 2008 il-Luqa Youth Centre iċċelebrat l-ewwel ħames snin minn meta twaqqfet. Dak iż-żmien kienu saru flokkijiet apposta kif ukoll saret quddiesa bħala ringrazzjament lil Alla. Ġiet organizzata ikla li ssir kull sena sabiex niċċelebraw l-anniversarju mit-twaqqif tal-għaqda tagħna. Din l-ikla ssir kull sena il-Ġimgħa ta' qabel l-24 ta' Settembru.

Ċelebrazzjonijiet simili saru wkoll fl-2013 meta l-għaqda tagħna ħawlet tlettax-il siġra f'Ħal Luqa, saru flokkijiet apposta, kif ukoll ġew intervistati dawk kollha li ħadmu fl-ewwel snin. Għal okkażjoni sar *logo* apposta biex jfakkar l-ewwel diċenju mit-twaqqif tal-grupp tagħna.



**Il-Laqgħat tal-Ġimgħa Filgħaxija**

Tul l-aħħar ħmistax-il sena ġew organizzati sensiela ta' laqgħat b'diversi temi. Uħud minn dawn il-laqgħat ġew organizzati minn *speakers* barranin, mill-membri kemm tal-kumitat kif ukoll miż-żgħażagħ stess. Il-laqgħat kienu jvarjaw fuq diversi suġġetti fosthom l-vizjijiet, d-drogi, *cyber crime*, *sexual transmitted diseases*, *teamwork*, *leadership*, *frame football*, *first aid* u ħafna aktar. Ġew trattati suġġetti ta' natura reliġjuża wkoll, li normalment kienu jsiru mid-diretturi spiritwali. Saru wkoll xi laqgħat forma ta' *treasure hunt* fejn dawn tal-aħħar qanqlu interess mhux ftit. Sabiex il-laqgħat ssiru aktar interessanti nxtraw żewġ *projectors* biex il-preżentazzjoni tal-laqgħa tappella iktar għaż-żgħażagħ.

Dan l-aħħar snin mhux l-ewwel darba li ġie mtella' Ċentrubank. Għal din it-tip ta' laqgħa normalment ikunu mistiedna il-membri tagħna flimkien mal-ġenituri tagħhom. F' Ċentrubank jiġu trattati diversi suġġetti relatati maż-żgħożija. L-aħħar Ċentrubank li sar din s-sena kellu konkorenza sabiħa fejn id-diskussjoni kienet imqanqla sew!

Il-parteċipazzjoni tagħna ma' għaqdiet u organizazzjonijiet oħra ma naqsux. Fl-2007 l-Luqa Youth Centre ipparteċipat fi proġett tal-Unjoni Ewropea ġewwa l-Ungerija bl-isem ta' *Rainbow of Religions*. Kienet esperjenza interessanti li rat il-kumitat jipparteċipa f'dan il-proġett. Serviet ukoll ta' okkażjoni tajba sabiex naqsmu u nippromwovu l-esperjenzi tagħna mal-*partners* l-oħra ewropej.

Il-grupp tagħna mhux l-ewwel darba li pparteċipa f'attivitajiet ta' gruppi oħrajn fosthom mal-grupp taż-żgħażagħ tal-Gudja, ta' Ħal Qormi kif ukoll mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

**L-Attivitajiet**

Fl-aħħar ħmistax-il sena ġew organizzati numru rekord ta' attivitajiet. Meta jaslu

xhur kesħin tas-sena normalment ġew organizzati *hikes*, *night hikes, laser tag* u dan l-aħħar anke *clay building activity*. Mill-2005 'il quddiem, LYC organizzat medja ta' żewġ *discos* f'sena preparati mill-membri stess fejn dan kollu sar f'ambjent mingħajr *alcohol*. Il-*Live In* sar ukoll attività annwali li normalment tkun mqassma fuq tlett ijiem. Waqt il-*Live In* il-membri ikollhom opportunità mill-isbaħ sabiex jiddiskutu, jitgħallmu u jirrilassaw f'ambjent mill-isbaħ.

Matul il-ġranet sħan tas-sajf ġew organizzati diversi ġranet il-baħar. Għal ħabta ta' Awwissu normalment dejjem norganizzaw xi ġurnata għal Għawdex kif ukoll Kemmuna. Ma' dawn l-attivitajiet norganizzaw diversi *barbecues* u *water games*.



Fost l-attivitajiet prinċipali li ttella l-għaqda tagħna nsibu il-Lejla Sajfija. Din l-attività hija mportanti għaliex permezz tagħha jiġu iġġenerati l-fondi tant meħtieġa biex isiru diversi proġetti. Il-Lejla Sajfija llum saret vettrina ta' talent Luqi, fejn iż-żgħażagħ jingħataw ċans jesprimu talent tagħhom. Llum din l-attività saret tifforma parti mill-kalendarju tal-attivitajiet fir-raħal tagħna.

Fl-aħħar snin ġew organizzati diversi attivitajiet oħra ta' fundraising bħal *car wash* kif ukoll xi *pasta nights*. Permezz ta' dawn l-attivitajiet l-membri qed jitrawmu f'ambjent denju fejn dak li jixtiequ jaraw fil-futur rridu jaħdmu għalih! Saru wkoll attivitatijiet sabiex ngħinu għaqdiet oħra fosthom fil-maratona ta' Puttinu, kif ukoll fl-Istrina.

**L-Attivitajiet Reliġjużi**

Il-Luqa Youth Centre ma naqsitx li torganizza attivitajiet b'tema reliġjuża. Dan sar ukoll bl-għajnuna tad-diretturi spiritwali li dejjem taw is-sehem tagħom. Propjament fl-ewwel anniversarju taċ-ċentru, l-għaqda tagħna organizzat l-ewwel quddies ħdejn il-*playing field* ta' Ħal Luqa. Kienet attività speċjali li għaliha attendew numru mdaqqas ta' nies. Kienu mistiedna żewg *bands* dik tal-*fellowship* u l-banda l-oħra taċ-ċentru tal-Fgura. Għal numru ta' snin, LYC kienet torganizza l-quddies tal-għaxra u nofs ta' filgħodu fejn darba f' xahar kienet tiġi animata mill-membri tal-istess grupp. Iktar tard naraw kif grupp żgħir taż-żgħażagħ iffurmaw *band* li daqqet għal diversi drabi waqt il-quddies tal-Ħadd.

Minħabba tibdil taċ-ċirkostanzi, il-parteċipazzjoni f'xi funzjonijiet reliġjużi kellhom jitnaqqsu. Fl-aħħar snin b'inizjattiva tal-grupp tagħna stess bdiet tiġi organizzata quddies għaż-żgħażagħ kollha tal-għaqdiet. Normalment din ssir ġimgħa qabel il-festa titolari ta' Sant' Andrija.

Fl-aħħar mhux l-inqas ma nistgħux ma nsemmux l-eżerċizzi taż-żgħażagħ li ġew ogranizzati għal ħmistax-il sena sħaħ.

**Proġetti Ġodda ta' Tisbieħ u Manutenzjoni**

Fl-aħħar snin imbarkajna fuq diversi proġetti ta' immodernizzar u tisbieħ taċ-ċentru. Tajjeb li nifhmu li l-post fejn niltaqgħu ġie mibni fil-ħamsinijiet. Erba' snin ilu beda proċess sabiex jissebbaħ il-post li għaqda tagħna tuża kull ġimgħa. Inizzjalment saru xi laqgħat mal-membri fejn ħarġu diversi suġġerimenti interessanti. Finalment ġie deċiż li l-kamra tal-kumitat kif ukoll dik tal-kċina jingħaqdu f'sala waħda li kienet tant meħtieġa. F'Settembru 2015 beda jitwaqqa l-ħajt, inqala' l-madum kollu li kien antik, ġie mogħdi dawl mill-ġdid, inbidlu t-twieqi, il-post inkesa mill-ġdid u sar suffett. Ma' dawn inxtrat sistema ta' *sound* ġdida, ddaħħal l-wifi, twaħħal *air condition* u ġie *installat screen* kbir. Il-proġett tas-sala l-ġdida ġie jiswa madwar €10,000, liema fondi ġew mħallsa mill-fondi tal-Luqa Youth Centre.

Riċentament, inxtraw żewġ *air conditions* oħra għas-sala l-kbira, twaħħal *skirting* fis-sala l-ġdida. Bħalissa wkoll qegħdin nirranġaw is-saqaf tal-kurritur. Is-saqaf sofra xi ħsarat peress li fil-passat kien daħal l-ilma tax-xita. Dawn l-aħħar proġetti ġew jiswew €3,000 oħra li tħallsu wkoll mill-fond ċentrali tal-Luqa Youth Centre. Il-kumitat bħalissa qed jaħseb għal proġett interessanti ieħor, dik li tiġi modernizzata is-sala prinċipali. Iżda għal dan il-proġett jeħtieġu ħafna fondi, fejn kull għajnuna finanzjarja tgħodd!

**Konklużjonijiet**

Il-ħidma tal-Luqa Youth Center fl-aħħar ħmistax-il sena kienet waħda kbira u kontinwa. Dan kollu seta' jsir permezz tal-ħidma kbira li taw diversi membri u anke ġenituri. Nixtiequ nirringrazzjaw lid-diretturi spiritwali kollha li servew tul dan il-perjodu fosthom Fr. Norman Zammit, Fr David Farrugia, Fr Charles Cini u l-kappillan preżenti Fr Michael Zammit.

Il-prospetti tal-grupp tagħna huma pożittivi iktar u iktar meta tikkonsidra li l-kumitat huwa kompost min numru sabiħ ta' żgħażagħ ta' etajiet differenti. B'hekk qed nassiguraw li dak li bdejna snin jitkompla fuq bażi soda. Il-Luqa Youth Centre lesta li taddatta għall-isfidi tal-ġejjieni bħal ma kienet lesta tilqa' għal sfidi fil-passat. Dan ma jbiddel xejn minn dak li aħna nemmnu fih. Dak li jsawarna ser jibqa' l-istess u ma jinbidilx għal konvenjenza. Finalment radd il-ħajr imur lejn Alla l-imbierek li żam idejh fuqna matul dawn is-snin kollha.




*Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jifraħ*
*Lis-Sindku John Schembri u Lill-Kunsillier Victor Caruana li ngħataw Ġieħ Ħal Luqa 2018*



*Is-Soċjetà Filarmonika L'Unione tifraħ lill-Wisq Rev. Kappillan Kan. Michael Zammit fil-ħatra tiegħu bħala Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Bażilika Elenjana ta' Birkirkara.*

*Ad Multos Annos*



# Sant'Andrija

Gertrude Gerada

Mela waslet il-festa tagħna
Ta' Sant'Andrija l-patrun
Festa kbira jagħmlu l-Ħalluqin
Għax b'Sant'Andrija lkoll imkabbrin.

Għall-festa ta' Sant'Andrija
Il-Każin Unjoni jagħmel festa kbira
Każin għandna kbir u sabiħ
u l-Ħalluqin imkabbrin bih.

Għall-festa l-każin ikun kollu dawl
Anki l-faċċata m'hawnx bħalha
Imżejjen għall-okkażjoni
U nħobbu 'l Sant'Andrija bl-akbar devozzjoni.

Il-każin għandu planċier sabiħ u kbir
U jiġu ħafna turisti, jħobbu l-festa tagħna
It-toroq kollha mżejnin
U b'ħafna dawl mixgħulin.

Il-Banda Unjoni nħobbuha
Għandha ħafna bandisti - kbar u żgħar
Dawn idoqqu marċi sbieħ
U kulħadd jitpaxxa bih.

F'Sant'Andrija nagħmlu festa kbira
Jixraqlu kull tifħir
Dejjem ippriedka s-sewwa
U lin-nies kien jieħu bl-akbar ħlewwa.

Sant'Andrija dejjem mexa wara Ġesù
U ried imut bħal Mulej
Għax hu qaddis kbir
U lilu jixraq kull tifħir.

Mela l-Banda Unjoni
Għandha każin mil-aħjar
Festa jagħmlu kbira għall-patrun
U nar jagħmlu sabiħ kull kulur
U bih isebbaħ żgur.

Mela għandna każin mill-isbaħ nett
Jagħmlu ħafna kunċerti sbieħ
Idoqqu ma' kullimkien
U lilhom iridu anki l-ġirien.

Aħna l-Ħalluqin
Bil-Banda Unjoni mkabbrin
Inħobbu l-każin tagħna
U bil-każin ilkoll ferħana.

Mela viva l-każin
U anke b'Sant'Andrija mkabbrin.



*Is-Soċjetà Filarmonika L'Unione trodd ħajr lill-Wisq Rev. Gordon Refalo tal-Ħidma Pastorali tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa bejn l-2012 u l-2017 u tifraħlu fil-ħatra tiegħu bħala Kappillan tal-Parroċċa ta' Marija Assunta ta' Ħal Għaxaq. Grazzi ta' dak kollu li għamilt magħna … mhu ser ninsewk qatt*

*Ad Multos Annos*





*Is-Soċjetà Filarmonika L'Unione*
*trodd ħajr lill-Wisq Rev. Kan. Charles Cini tas-servizz pastorali*
*li huwa wettaq ġewwa l-parroċċa ta' Ħal Luqa u tifraħlu*
*fil-ħatra tiegħu bħala Arċipriet tal-Parroċċa Arċipretali*
*ta' San Publju tal-Floriana*
*u Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta.*

*Ad Multos Annos*



# Tislima lil Francis Magri

*President Onorarju tas-Soċjetà L'Unione*

**Neil Zammit**



Nhar id-29 ta' Marzu tħabbret il-mewt ta' Francis Magri, President Onorarju tas-Soċjetà *L'Unione*. Din it-telfa ġabet magħha dieqa kbira kemm għall-familjari tiegħu kif ukoll għas-Soċjetà tagħna u l-membri fi ħdanha. Huwa kellu f'qalbu lis-Soċjetà *L'Unione* u ta' kull sena kien jgħin finanzjarjament sabiex isiru proġetti ġodda kemm fl-armar tal-festa kif ukoll ġewwa l-każin sabiex jara l-festa tkompli tikber u tisbieħ.

Bla dubju ta' xejn, l-akbar opra li huwa rregala lis-Soċjetà tagħna hija l-bandiera l-prima li tittellgħa fuq l-arblu tas-sede tas-Soċjetà tagħna lejlet u nhar il-festa titulari. Din il-bandiera kbira kienet saret fis-sena 2000 u ġiet inawgurata fis-26 ta' Ġunju waqt li tbierket mill-mibki Dun Joe M. Camilleri, dak iż-żmien kappillan tal-parroċċa.



Żgur li isem Francis Magri jibqa' mfakkar għal bosta snin, għax l-imħabba li kellu lejn is-Soċjetà tagħna kienet kbira wisq. Kien ta' ftit kliem, iżda qalbu kienet kbira u twajba.

Strieħ fis-sliem Ċikk … Grazzi ta' kollox!



*Apprezzament*

# Dun Teddy Cumbo

**Raoul Briffa**



Mal-għodwa tat-Tnejn 15 ta' Jannar 2018, instemgħu it-tokki kiebja tal-qniepen mill-kampnari tal-knisja tagħna. Minnufih griet l-aħbar madwar ir-raħal li kien ħalliena ħabta u sabta s-saċerdot Ħalluqi Dun Teddy Cumbo.

Dun Teddy Cumbo twieled f'Ħal Luqa u ġie ordnat saċerdot minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fid-19 ta' Ġunju 1977. Għal numru ta' snin, Dun Teddy serva bħala viċi parroku fil-Parroċċa tagħna kif ukoll kien għal xi zmien viċi parroku fil-Parroċċa ta' Lourdes f'Raħal Ġdid.

Aktar tard, huwa emigra lejn l-Awstralja fejn qatta' parti sostanzjali minn ħajtu jservi fil-komunità tal-Maltin emigranti. Dun Teddy ġewwa l-Awstralja ħadem ħafna biex għaqqad il-Ħalluqin emigranti fejn kien il-moħħ wara l-bidu tal-Luqa Social Club. Permezz ta' din l-għaqda ingħaqdu numru ta' Ħalluqin u anke bdiet tiġi ċċelebrata l-festa ta' Sant' Andrija ġewwa l-Awstralja. Għal numru ta' snin Dun Teddy Cumbo kien ukoll Kappillan ta' Parroċċa f'Melbourne.

Fis-sena 2010 huwa irritorna lura f'pajjiżna minħabba xi problemi ta' saħħa fejn reġa' beda jservi fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa bħala sacerdot residenti. Dawn l-aħħar snin Dun Teddy kien residenti fid-Dar tal-Kleru minħabba li saħtu bdiet sejra izjed lura, però xorta kien ta' kull ġimgħa jiċċelebra l-quddiesa tal-Ħadd fil-Parroċċa u anke ġieli fil-Kappella ta' Marija Bambina f' Ħal Farruġ. Kien il-Ħadd 14 ta' Jannar, meta kien għadu kemm iċċelebra l-Quddiesa tal-Ħadd filgħodu fil-Parroċċa tagħna, fejn filgħaxija miet ħabta u sabta fid-Dar tal-Kleru.

L-Erbgħa 17 ta' Jannar sarlu l-funeral fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa. Il-ġisem bla ħajja tas-saċerdot kien espost fil-Kappella tal-Vittorja. Fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar beda korteo għall-knisja Parrokkjali mmexxi mill-Wisq. Rev. Kappillan Kan. Michael Zammit u numru ta' saċerdoti. Fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar saret quddiesa *presente cadavere* mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Charles Scicluna bis-sehem ta' numru ta' saċerdoti. Intant, delegazzjoni tal-Kumitat Ċentrali attendiet għal-funeral u offriet bukkett ward bħala apprezzament.

Il-President u l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jgħatu l-kondoljanzi lill-familja kollha ta' Dun Teddy Cumbo. Grazzi ta' kollox Dun Teddy - tibqa' dejjem f' qalbna.

Strieħ fis-sliem.



*Tislima lil*

# Maria Bernadette Baldacchino

**Neil Zammit**



Il-mewt ħadd ma jifhimha! Tiġi meta ma tkunx qed tistenniha. Hekk ġara ma' Bernadette, li l-Mulej għoġbu jsejħilha fi ħdanu f'qasir il-għomor sabiex tgawdi l-eternità. Bernadette kienet mara ta' qalb twajba u kienet lesta tgħin lil kulħadd. Lill-proxxmu ħabbitu kemm setgħet, waqt li kienet tgħożż lill-familjari tagħha bi mħabba u żelu kbir. Bernadette kienet ġejja minn familja li tħobb il-festa, lil Sant'Andrija u l-Każin L-Unjoni. Lura fiż-żmien kienet għamlet ħafna xogħol ta' ħjata b'mod volontarju b'risq il-festa u l-każin bħall-pavaljuni għal Triq Dun Pawl, purtieri għas-swali prinċipali u xogħol ieħor relatat. Dak li ħalliet warajha se jibqa' jfakkarna fiha. Kif wara kollox se jibqgħu jiftakru fiha l-qraba kollha tagħha matul is-sena kollha.

F'isem il-President u l-Kumitat nagħtu l-kondoljanzi sinċiera lil żewġha u liż-żewġt itfal tagħha, lil ħutha Joe u Andrew Aquilina, li huma t-tnejn membri fil-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà tagħna, kif ukoll lill-qraba kollha.



# Obitwarju

*Membri u Familjari li ħallewna*
*mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn*



**Ludovick Casha**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fid-19 ta' Ottubru
2016
fl-età ta' 27 sena.



**Richard Massa**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fis-16 ta' Ġunju 2017
fl-età ta' 67 sena.



**Gejtana Penza**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-20 ta' Awwissu
2017
fl-età ta' 86 sena.



**Robert Spiteri**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-28 ta' Settembru
2017
fl-età ta' 38 sena.



**Lawrence Spiteri**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fid-29 ta' Settembru
2017
fl-età ta' 58 sena.



**Maria Bernardette Baldacchino**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fil-21 ta' Ottubru
2017
fl-età ta' 56 sena.



**Saviour Bugeja**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fid-9 ta' Diċembru
2017
fl-età ta' 72 sena.



**Carmelo Magri**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-13 ta' Diċembru
2017
fl-età ta' 92 sena.



**Michael D'Amato**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-24 ta' Diċembru
2017
fl-età ta' 74 sena.



**Andrew Cauchi**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fil-31 ta' Diċembru
2017
fl-età ta' 69 sena.



**Fr. Teddy Cumbo**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-14 ta' Jannar 2018
fl-età ta' 64 sena.



**Calcidonia Cachia**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fid-19 ta' Jannar
2018.



**Agnes Psaila**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-16 ta' Jannar 2018
fl-età ta' 92 sena.



**John Vella**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fil-31 ta' Jannar 2018
fl-età ta' 65 sena.



**Tessie Debono**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-2 ta' Frar 2018
fl-età ta' 81 sena.



**Carmel Dalli**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-12 ta' Frar 2018
fl-età ta' 77 sena.



**Jessie Borg**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fil-21 ta' Frar 2018
fl-età ta' 80 sena.



**Rita Seychell**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fil-21 ta' Frar 2018
fl-età ta' 65 sena.



**Marcella Mizzi Pisani**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-26 ta' Frar 2018
fl-età ta' 35 sena.



**Ċikku Magri**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fid-29 ta' Marzu 2018
fl-età ta' 80 sena.



**Carmela Galea**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-10 ta' April 2018
fl-età ta' 77 sena.



**Maria Carmela Darmanin**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-7 ta' Mejju 2018
fl-età ta' 80 sena.



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


AG Waterproofing........................36
Alex Tyre Service......................204
Alfred Baldacchino Ltd...............54
Alice Craus - Nail Technician.....34
Andrew's Car Centre..................37
Atomic Garage ............................72
B&G Hardware Store..................22
Bank of Valletta...........................41
Beauty Elegance..........................29
Bernard ta' Twanny tal-_axix......92
Big Save Footwear......................96
Borg Bros ....................................42
Bottegin
tas-Soċ. Fil. L'Unjoni ............8
C&H Bartoli..............................154
Carly's .........................................68
Cassarini Restaurant....................24
CB Computer Bargains ...............70
Centre Stage ................................32
Charles Motor Metchanic .........146
Christopher Cardona ...................72
CitySightSeeing - Malta.............41
Construct Furniture .....................12
Daniel Woodworks......................92
Dar Services Ltd .........................20
Dione Mini Bus Service..............10
DLEDS.......................................24
Dragon Center.............................76
Elbros ........................................152
Elmo Insurance .........................152
Emmanuel Cauchi
- Photographer .....................46
Emmanuel Gatt ...........................60
Emtes Stationery .........................78
eretric ltd .....................................25
Feast Shirts Malta .....................162
FGP - The Garage Door People ..84
Flower Touch ..............................49
Frankie Green Grocer .................68
G. Darmanin Service Station ....206
Gauci Borda & Co. Ltd...............76
Gori Butcher................................33
Gutz Fashion ...............................50
Henry Galea ..............................162
Horace Enterprises ....................146
Husyl Household.........................62
Hygrade Butcher .........................78
J. Cassar Aluminium ...................26
J.B. Glass Work...........................64
J.B. Vconcrete Mix ...................144
J&S Store ....................................88
Jake's Chair & Tables ...............206
James Agius
Woodworks Ltd ..................58
Jane's Hair Salon............................
Jason Gatt Plastering.................153
Jerry's Silencer Repairs............130
Josef Penza..................................38
Kandy Kids ...............................192
Karmnu tal-Ħaxix .......................52
Kenda Roofing
and Waterproofing................56
Lawrence Cassar
Ltd...............inside front cover
Lorenza Bazaar .........................159
Luqa St. Andrew's
FC Youth Nursery................40
M. Cauchi Hardware Store .........55
Magri Autocare ...........................30
Malcolm Mifsud
- Funeral Services ................20
Marbel Innovation.....................172
Marindex Trophies ....................134
Mark's Garage...........................130
Massa Handyman Service...........45
Maypole ......................................16
Mazini .......................................132
MG .............................................32
Nardu tal-Ħaxix ........................132
Naxos Car Centre......................121
Ninja Store ................................128
Pac Man's Take Away .................18
Palazzo Preca ............................166
Paperway Stationery .................124
Paul Scorfna - Funeral Services..28
Pet Care ....................................138
Philip Agius & Sons Ltd ...........124
Phoenicia Bar & Take Away .......38
Phone Booth................................70
Privat tal-Malti ..........................184
Rosy's Unisex Salon .................144
S&L Import & Export Ltd ........116
Santa Marija Service Station.....136
Sefora's Nail Tech.......................74
SF Services & Maintenance........10
Siljoe garage................................52
Silvercraft Products Ltd ..............54
Six Bar ......................................138
Starting Point ..............................34
Stefania's..................................200
Stephen Mini Market ..................74
Sunicrust Bakery.......................172
T. Spiteri Mini Ready-Mix..........27
Ta' Matti .....................................88
Tahabel Ltd ...............................134
Take Off Restaurant ....................84
Tal-Familja ...............................166
Tal-Parrina Confectionery...........37
Telstar Butcher .... inside back cover
Tesor.............................................4
The Convenience Shop ...............79
The Core
- Beauty & Wellbeing ........168
The Events Company ..................36
The Gallery ...............................158
The GoodFellas Pizza & Grill.....44
Thermaseal Limtied ....................35
Thje Everything Wedding
Organizer .............................46
Thomas Smith .............................48
Two 9 Six ...................................62
V. Spiteri & Sons Ltd ..................14
Vertibus .......................................16
Vigo...........................................136
Vison 2000 ..................................33
Zneiber Confectionery ................64